

2017-123 REV 4

DOKUMENT TA' PROGRAMMAR 2019-2021

Mingħand	Id-Direttur Eżekuttiv
Lil	Il-Bord tat-Tmexxija
Dok. Preċ.	
Suġġett	Dokument ta' programmar tal-eu-LISA 2019-2021



Livell ta' protezzjoni **PUBBLIKU**

Dokument ta' Programmar tal-eu-LISA

2019-2021

Struzzjonijiet tal-immaniġġjar għall-immarkar BAŻIKU LIMITAT

- Distribuzzjoni fuq bażi ta' hteġa ta' għarfien.
- Ma għandux jiġi rilaxxat barra mill-partijiet ikkonċernati fl-informazzjoni.
- Mhux intiż għall-pubblikazzjoni.

Kontenut

Daħla	8
Abbrevjazzjonijiet.....	10
Id-dikjarazzjoni tal-missjoni	13
Taqsimi I Kuntest ġenerali	15
Taqsimi II – Programmi pluriennali 2019-2021.....	18
1. L-oġġettivi pluriennali.....	18
1.1. <i>Għanijiet strateġiċi 2018-2022</i>	18
1.2. <i>L-oġġettivi pluriennali strateġiċi għall-perjodu 2019-2021</i>	19
2. Programmi pluriennali (2019-2021)	30
2.1. <i>It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti</i>	30
2.2. <i>It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni</i>	36
2.3. <i>Żvilupp u implimentazzjoni ta' sistemi ġodda</i>	38
2.4. <i>Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju</i>	39
2.5. <i>Attivitajiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)</i>	41
2.6. <i>Governanza korporattiva</i>	43
2.7. <i>Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni</i>	46
2.8. <i>Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà</i>	48
2.9. <i>Faċilitajiet u servizzi korporattivi</i>	48
2.10. <i>Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani</i>	50
2.11. <i>Protezzjoni tad-data</i>	51
3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-perjodu 2018-2020	52
3.1 <i>Fl-arsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali</i>	52
3.1.1 <i>Fl-arsa ġenerali lejn il-persunal għall-2017 u l-2018</i>	52
3.1.2 <i>In-nefqa għall-2017</i>	54
3.2 <i>Programmi tar-riżorsi għall-perjodu 2019-2021</i>	55
3.2.1 <i>Ir-riżorsi finanzjarji</i>	55
3.2.2 <i>Riżorsi umani</i>	56
Taqsimi III Programmi ta' Fidda għall-2019	70
1. Sommarju eżekuttiv	70
2. Attivitajiet fl-2019	79

2.1.	<i>Attivitajiet orizzontali</i>	79
2.1.1.	<i>Koordinazzjoni ġenerali</i>	79
2.1.2.	<i>Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà</i>	82
2.1.3.	<i>Ġestjoni tar-riżorsi umani</i>	84
2.1.4.	<i>Protezzjoni tad-data</i>	85
2.1.5.	<i>Servizzi korporattivi</i>	87
2.1.6.	<i>Attivitajiet ta' sigurtà mhux speċifikament relatati mas-sistemi tan-negozju ewlenin u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni</i>	90
2.1.7.	<i>L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditu intern annwali</i>	92
2.2.	<i>Attivitajiet operazzjonali fejn kolloxx jibqa' għaddej bħas-soltu</i>	93
2.2.1.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1</i>	93
2.2.1.1.	<i>Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi — Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA</i>	93
2.2.1.2.	<i>Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin</i>	94
2.2.1.3.	<i>Manutenzjoni tal-Eurodac</i>	95
2.2.1.4.	<i>Manutenzjoni ta' DubliNet</i>	96
2.2.1.5.	<i>Manutenzjoni tal-VIS/BMS</i>	97
2.2.1.6.	<i>Manutenzjoni ta' SIS II</i>	99
2.2.1.7.	<i>Manutenzjoni tal-AFIS ta' SIS II</i>	100
2.2.1.8.	<i>Appoġġ ta' SIS II lill-Istati Membri (inkluża l-integrazzjoni tal-utenti ġodda)</i>	101
2.2.1.9.	<i>It-tmexxija operattiva/operazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sistema ta' kuljum</i>	102
2.2.1.10.	<i>It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St Johann im Pongau, l-Awstrija</i>	103
2.2.1.11.	<i>Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati</i>	104
2.2.1.12.	<i>Il-ġestjoni operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwizzizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)</i>	106
2.2.1.13.	<i>Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jiġu mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju</i>	107
2.2.1.14.	<i>L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli</i>	108
2.2.2.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2</i>	111
2.2.2.1.	<i>L-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA</i>	111
2.2.3.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3</i>	112

2.2.4.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4</i>	112
2.2.4.1.	<i>Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal)</i>	113
2.3.	<i>Attivitajiet ta' proġett operattiv</i>	114
2.3.1.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1</i>	114
2.3.1.1.	<i>Manutenzjoni tal-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI, inkluża r-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-data</i>	114
2.3.1.2.	<i>Implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI</i>	115
2.3.1.3.	<i>Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi b'ġestjoni tal-konfigurazzjoni</i>	117
2.3.1.4.	<i>Soluzzjoni integrata unika ta' monitoraġġ — kontinwazzjoni mill-2018</i>	118
2.3.1.5.	<i>Qafas legali ġdid ta' SIS</i>	120
2.3.1.6.	<i>Deċiżjoni ta' SIS dwar ir-ritorn</i>	121
2.3.1.7.	<i>L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)</i>	122
2.3.1.8.	<i>Tiġdid tal-USK (kontinwazzjoni mill-2018)</i>	124
2.3.1.9.	<i>Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS (il-Fażi 1, kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)</i>	125
2.3.1.10.	<i>Żieda tat-TST għal 100 % PPE (il-Fażi 1)</i>	127
2.3.1.11.	<i>Magna ta' tiftix ġdida u aġġornament ta' Oracle għal SIS II, titjib tad-disponibbiltà u kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni</i>	128
2.3.1.12.	<i>Żieda fil-kapaċità tal-VIS għal 100 miljun applikazzjoni għall-viża (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)</i>	129
2.3.1.13.	<i>Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: Europol</i>	130
2.3.1.14.	<i>L-għoti ta' aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija għall-VIS</i>	131
2.3.1.15.	<i>Il-Fażi 1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — aġġornamenti skont il-proposta riformulata: tiftix-ħażna ta' CAT_{1,2,3}, data bijografika/bijometrika ġdida, aġġornament tal-kapaċità u studju tar-rikonossiment tal-wiċċ</i>	132
2.3.1.16.	<i>Il-Fażi 2.1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — inklużjoni ta' kopji tal-passaporti u dokumenti (ID) oħrajn fl-Eurodac</i>	135
2.3.1.17.	<i>Il-Fażi 2.2 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — il-ġestjoni tar-risistemazzjonijiet fl-Eurodac</i>	137
2.3.1.18.	<i>Il-Fażi 2.3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — tfittxijiet alfanumeriċi fl-Eurodac</i>	138
2.3.1.19.	<i>Il-Fażi 3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — implimentazzjoni tar-rikonossiment tal-wiċċ fl-Eurodac (abbażi tal-eżiti tal-istudju)</i>	140
2.3.1.20.	<i>Tibdil tal-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac għas-servizzi tal-web</i>	142
2.3.1.21.	<i>Implimentazzjoni tal-Fażi 2 ta' AFIS ta' SIS II</i>	143
2.3.1.22.	<i>L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE</i>	145

2.3.1.23.	<i>Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għal SIS II</i>	146
2.3.1.24.	<i>Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-VIS</i>	148
2.3.1.25.	<i>Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-Eurodac</i>	150
2.3.1.26.	<i>Perimetru unifikat tan-netwerk fuq żona wiesgħa — studju u disinn</i>	152
2.3.1.27.	<i>Aġġornament tal-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac</i>	153
2.3.1.28.	<i>It-twettiq ta' fażi tat-test ta' netwerk unifikat (kontinwazzjoni mill-2018)</i>	155
2.3.1.29.	<i>L-introduzzjoni ta' statistika tan-netwerk avvanzat (kontinwazzjoni mill-2018)</i>	156
2.3.1.30.	<i>It-trasferiment tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwizzizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u ta' SIS II</i>	157
2.3.1.31.	<i>L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng (kontinwazzjoni mill-2018)</i>	159
2.3.1.32.	<i>Sistema ta' awtomatizzazzjoni ta' Dublin</i>	160
2.3.1.33.	<i>Implimentazzjoni tal-EES</i>	161
2.3.1.34.	<i>L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livjaġġar (ETIAS)</i>	163
2.3.1.35.	<i>L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (skont l-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti)</i>	165
2.3.1.36.	<i>Repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-implimentazzjoni tal-istatistika sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tar-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika — l-unifikazzjoni tar-rapportar tas-sistemi kollha tagħna (kontinwazzjoni mill-2017)</i>	166
2.3.1.37.	<i>L-implimentazzjoni tal-Fażi 3 tal-infrastruttura tas-sigurtà kondiviża komuni — il-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet għas-sistemi kummerċjali ewlenin</i>	168
2.3.1.38.	<i>Eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju għall-Eurodac</i>	170
2.3.2.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2</i>	171
2.3.3.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3</i>	172
2.3.4.	<i>Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4</i>	172
Annessi		173
Anness I: Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività 2019-2021		173
Anness II: Riżorsi umani u finanzjarji 2019-2021		203
Anness III		210
Tabella 1 — Il-popolazzjoni tal-persunal u l-evoluzzjoni tagħha: ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal		210
Tabella 2 — Il-pjan ta' politika tal-persunal pluriennali 2019-2021		213
Anness IV		219

A.	Politika dwar ir-reklutaġġ	219
B.	Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet	224
C.	Politika dwar il-mobbiltà	228
D.	Il-bilanċ bejn is-sessi u l-bilanċ ġeografiku	228
E.	L-edukazzjoni skolastika	233
	Anness V: Bini.....	234
	Anness VI: Privileġġi u immunitajiet.....	238
	Anness VII: Evalwazzjonijiet	240
	Anness VIII: Riskji fl-2019	278
	Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għall-2019	280
	Anness X: Ċart tal-organizzazzjoni għall-2019	282
	Anness XI: FLS standard.....	284
	Anness XII: Indikaturi komuni tal-livell ta' servizz	285

Daħla

Id-Dokument ta' Programmar 2019-2021 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) huwa intiż sabiex ikun id-dokument ta' gwida li jidderieġi l-isforzi tal-Aġenzija fl-2019 u jipprovdi ħarsa fit-tul sal-2021 għall-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha. Dan tfassal sabiex jallinja r-riżorsi umani u finanzjarji tal-Aġenzija mal-attivitàjiet legalment meħtieġa tagħha u mal-oġġettivi tal-iżvilupp stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tagħha.

Għall-2019, l-Aġenzija stabbilixxiet tliet oqsma ta' prijarità għolja:

It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti

- Implimentazzjoni tal-istrateġija tat-teknoloġija¹.
- Segwitu u implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-ħidma tal-gruppi ta' esperti ta' livell għoli (dwar l-interoperabbiltà, eċċ.)².
- Konformità mal-Ftehimiet fil-Livell tas-Servizz miftiehma b'enfasi speċifika fuq l-arkitettura tas-sistemi.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

- Kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ f'konformità mal-iskeda miftiehma.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar³.
- L-implimentazzjoni tal-qafas legali ġdid tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-Pakkett ta' Riforma ta' Dublin⁴.

¹ Kif approvata mill-Bord tat-Tmexxija f'Ġunju 2017.

² Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat il-Proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-asil u l-migrazzjoni) u l-Proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226, bl-għan li tindirizza l-ħtieġa li dawn is-sistemi jkunu interoperabbli.

³ Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar (ETIAS).

⁴ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106). Fil-ħin li qed jinkiteb dan id-dokument, il-Pakkett ta' Riforma ta' Dublin għadu soġġett għall-adozzjoni.

Tisħiħ u żvilupp organizzazzjonali

- L-implimentazzjoni ulterjuri tas-sistema totali għall-ġestjoni tal-kwalità.
- L-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni u informazzjoni korporattiva.
- Ir-reviżjoni tal-istrateġiji kollaterali.
- L-iżvilupp tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-bejjiegħa.
- L-iżvilupp ulterjuri tal-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriżi.
- L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni wara l-evalwazzjoni tal-Aġenzija.
- L-espansjoni tal-kapaċità tal-bini fi Strasburgu.

Id-Dokument ta' Programmar se jipperovdi lill-persunal tal-eu-LISA bi gwida dwar il-prijoritajiet tal-Aġenzija u jappoġġja l-ippjanar tax-xogħol, filwaqt li jqis il-qafas legali ġdid⁵ li taħtu topera l-Aġenzija. Barra minn hekk, id-dokument se jservi bħala bażi għad-deċiżjoni dwar il-finanzjament ġenerali tal-Aġenzija mill-partijiet ikkonċernati tagħha.

⁵ Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

Abbrevjazzjonijiet

ABIS	sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni bijometrika
AFIS	sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'
AG	grupp konsultattiv
AK	aġent kuntrattwali
AMMU	Unità ta' Ġestjoni u Manutenzjoni tal-Applikazzjonijiet
AT	aġent temporanju
BCMS	Sistema għall-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju
BCU	Unità Ċentrali ta' Riżerva — ċentru ta' riżerva f'St Johann im Pongau
BMS	Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika
BT	Bord tat-Tmexxija
CEOS	Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CIMS	sistema ta' ġestjoni u informazzjoni korporattiva
CIR	repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità
COTS	prodott kummerċjalment disponibbli
CRRS	Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika
CSD	Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
CSI	infrastruttura kondiviża komuni
CU	Unità Ċentrali — iċ-ċentru tad-data ewlieni fi Strasburgu
DĠ HOME	Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni
DP	protezzjoni tad-data
DubliNet	Netwerk elettroniku sigur ta' mezzi ta' trażmissjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw l-applikazzjonijiet għall-asil
ECRIS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali
ECRIS-TCN	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi
EES	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
ENISA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurzar
ENS	espert nazzjonali sekondar
EPMO	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża
ER	regolament ta' stabbiliment
ESP	fornitur ta' servizz estern
ETIAS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvjaġġar
eu-LISA	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Europol	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
FG	grupp ta' funzjoni

FLS	ftehim dwar il-livell ta' servizz
FPU	Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
FTE	ekwivalenti ta' ingaġġ full-time
FwC	kuntratt qafas
ĠAI	ġustizzja u affarijiet interni
ĠU	<i>Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i>
GCU	Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali
HQ	kwartieri ġenerali
HR	riżorsi umani
HRU	Unità tar-Riżorsi Umani
IA	valutazzjoni tal-impatt
IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern
ICD	Dokument ta' kontroll tal-interface
ICS	standard ta' kontroll intern
ICT	teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
ID	identifikazzjoni
IT	teknoloġija tal-informazzjoni
ITIL	Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Infomazzjoni
ITSM	ġestjoni tas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni
KPI	indikatur ewlieni tal-prestazzjoni
LFS	dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva
MtQ	memorandum ta' qbil
MWO	żamma f'kundizzjoni ta' operat tajjeb
OD	Dipartiment tal-Operazzjonijiet
OIU	Unità tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura
OLA	ftehim dwar il-livell operazzjonali
PD	dokument ta' programmar
PKI	infrastruttura taċ-ċavetta pubblika
PPE	Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (pjattaforma)
PRD	Pjattaforma tal-Produzzjoni
sBMS	servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku
SC	kuntratt speċifiku
SEC	Unità tas-Sigurtà
SIEM	Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti
SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti tad-Dħul Nazzjonali
SIS	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
sTESTA	Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet
Sysper	Sistema ta' informazzjoni meqjusa li tkopri l-ħtiġijiet kollha li jikkonċernaw it-trattament tal-informazzjoni għall-ġestjoni tar-riżorsi umani mill-Kummissjoni

TCN	ċittadin ta' pajjiż terz
TESTA-ng	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida
TST	ambjent tat-test/rekwiżiti tal-ittestjar
UE	Unjoni Ewropea
UPD	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
USK	kit tas-software tal-utenti
VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
VIS Mail	Mekkaniżmu ta' komunikazzjoni — jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi bejn l-Istati Membri bl-użu tal-infrastruttura tan-netwerk tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
WAN	netwerk fuq żona wiesgħa

Id-dikjarazzjoni tal-missjoni⁶

IL-MANDAT TAGĦNA

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) kienet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1), li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011, li jipprovdi li l-Aġenzija tibda tassumi r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012. L-eu-LISA hija responsabbli mill-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-asil, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni Ewropea adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011. Il-proposta tbiddel u testendi r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA fir-rigward tal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni, ir-riċerka, il-proġetti pilota u aktar. Ir-Regolament ġdid (UE) 2018/1726⁷ daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018.

L-Aġenzija hija mogħtija mandat sabiex tipprovdi tmexxija operattiva effettiva tal-komponenti ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u tal-Eurodac f'isem il-partijiet ikkonċernati tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli wkoll minn ċerti aspetti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni li jappoġġjaw is-sistemi msemmija hawn fuq. Fir-rigward tan-netwerks, l-eu-LISA hija l-fornitur għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni għal SIS II, VIS u Eurodac. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll minn VIS Mail u DubliNet, l-għodod ta' komunikazzjoni għas-sistemi VIS u Eurodac, rispettivament. L-Aġenzija ngħatat ukoll il-mandat sabiex tiżviluppa u tiġġestixxi b'mod operattiv is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226⁸, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2017, u tar-Regolament emendat (UE) 1077/2011. Wara d-dħul fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2018 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS), l-Aġenzija saret ukoll responsabbli mill-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-ETIAS. L-Aġenzija tista' ssir ukoll responsabbli minn sistemi oħrajn, diment li jiġu

⁶ Fil-progress u l-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija hawn taħt, l-eu-LISA sejra tirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Fl-esplorazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, sejra tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-data b'mod intenzjonat, kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

⁷ Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

⁸ Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

adottati l-istrumenti legali rilevanti, eż. is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN)⁹.

IL-MISSJONI TAGĦNA

Il-missjoni ewlenija tal-Aġenzija hija li tkun iddedikata sabiex iżżid kontinwament il-valur għall-Istati Membri, billi tappoġġja, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.

IL-VIŻJONI TAGĦNA

- Li nipprovdut servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati tagħna.
- Li niksbu l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati tagħna, billi nallinjaw kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri.
- Li nikbru bħala ċentru ta' eċċellenza.

IL-VALURI TAGĦNA

L-Aġenzija tħaddan għadd ta' valuri ewlenin li jmxexxu u jsostnu l-attivitajiet operattivi u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni:

- **Responsabbiltà:** l-iskjerament ta' qafas ta' governanza b'saħħtu, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba.
- **Trasparenza:** komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involvement tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi definita strateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.
- **Eċċellenza:** ikun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajba u l-proċessi t-tajba sabiex jiġu żgurati l-kontinwità fis-servizz u l-komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri.
- **Kontinwità:** l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppahom.
- **Ħidma f'tim:** it-tfittxija tal-għoti ta' setgħa lil kull membru individwali tat-tim sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, b'mod li dan jikkontribwixxi għas-suċċess komuni.
- **Attenzjoni lejn il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata dejjem mal-ħtiġijiet u d-domanda tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri li għandhom informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (TCN) sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011. Fil-11 ta' Diċembru 2018, in-negozjaturi tal-Kunsill u tal-Parlament qablu fuq sistema Ewropea ta' informazzjoni ta' rekords kriminali (ECRIS) li issa ser tinkludi bażi ta' data ċentralizzata b'informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (l-hekk imsejja ECRIS-TCN).

Taqsimat Kuntest ġenerali

L-Unjoni Ewropea (UE) ser ikollha tiffaċċja u tirrispondi għal diversi sfidi fis-snin li ġejjin. Hawn minn dawn l-isfidi huma relatati mal-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI). Għalhekk, l-atturi involuti fil-ħidma fil-qasam jiffaċċjaw perjodu ta' livelli ta' attività bla preċedent. Fil-kuntest tal-ġħadd li qiegħed jiżdied ta' sfidi ġodda għas-sigurtà, l-UE, bħala parti minn dinja globalizzata u interkonnessa, għandha tibqa' miftuħa u tħaddan rrispett sħiħ għal-libertajiet fundamentali, filwaqt li tiggarrantixxi livell adegwat ta' sigurtà għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tagħha. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji qegħdin jevolvu b'mod rapidu u qegħdin joffru opportunitajiet ġodda għal, fost l-oħrajn, l-iffaċilitar ta' modi ġodda ta' ħidma, effiċjenza mtejba u tkabbir ekonomiku.

Sabiex tindirizza l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea ddefinixxiet 10 oqsma ta' politika bħala prijoritajiet. Filwaqt li tqis il-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), l-Aġenzija hija impenjata li tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-oqsma ta' politika li ġejjin:

- il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, b'enfasi speċifika fuq *l-Unjoni tas-Sigurtà u l-kooperazzjoni ġudizzjarja*;
- il-migrazzjoni, b'enfasi speċifika fuq *is-salvaguardja tal-ħajjiet u s-sigurtà fil-fruntieri esterni u politika komuni b'saħħitha dwar l-asil*.

Sabiex twassal ir-riżultati mistennija miċ-ċittadini tal-UE fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna, l-UE ser ikollha tikkonsolidar l-politiki ta' suċċess u l-kisbiet tagħhom fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u tikkomplementahom b'inizjattivi ġodda rilevanti.

Fl-UE, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kien għaddej minn trasformazzjoni sinifikanti. L-ċiberkriminalità qiegħda tiżdied b'pass mgħaġġel, filwaqt li l-migrazzjoni irregolari u t-terroriżmu jippersistu bħala theddid għas-sigurtà interna. Il-kriminalità organizzata transkonfinali tkompli tevolvi wkoll. F'hekk, l-isfidi differenti jikkoinċidu u huma interrelatati, u jitolbu rispons ikkoordinat. Fi kliem ieħor, jidher ċar li hemm konverġenza bejn l-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tas-sigurtà interna u tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-iżvilupp u l-iskjerament tat-teknoloġiji u s-sistemi tal-IT huma komponent kruċjali ta' rispons ikkoordinat u komprensiv bħal dan. Konsegwentement, il-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni sar dipendenti dejjem aktar minn teknoloġiji tal-IT moderni li jappoġġjaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti fl-Ewropa kollha.

Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali kontinwa tal-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni ser tkompli u saħansitra taċċellera fis-snin li ġejjin. Għalhekk, l-UE għandha tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija bl-għan li tappoġġja u tikkontribwixxi għat-twassil tal-prijoritajiet.

F'dan l-ambjent li qiegħed jinbidel, l-eu-LISA, bħala parti kkonċernata ewlenija fil-qasam tal-ĠAI, sejra tkompli twettaq il-missjoni ewlenija tagħha, li hija li żżid kontinwament il-valur għall-Istati Membri, billi tappoġġja permezz tat-teknoloġija l-isforzi tagħhom sabiex jibnu Ewropa aktar sikura. L-Aġenzija sejra tkompli tiżgura t-tħaddim mhux interrott, is-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi fdati lilha. Il-perjodu 2019-2021 sejjer jinvolvi wkoll sforzi sinifikanti fl-iżvilupp u l-iskjerament ta' sistemi u komponenti teknoloġiċi ġodda introdotti sabiex jindirizzaw il-lakuni attwali u jindirizzaw aħjar l-isfidi operattivi. L-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sejjer jipproċedi fil-perjodu kkonċernat wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti f'Diċembru 2017. Il-leġiżlazzjoni rilevanti għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) ġiet adottata

wkoll f'Settembru 2018, wara l-bidu tal-iżvilupp. L-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà mistenni jibda fl-2019, billi jibda bir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika, jekk il-leġiżlazzjoni applikabbli tiġi adottata b'mod f'waqtu. Il-ħidma fuq ir-riformulazzjoni tat-tliet sistemi kollha ġestiti bħalissa (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)¹⁰, Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u Eurodac) sejra tipproċedi f'dan il-perjodu. Barra minn hekk, il-proposta għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN) tista' tiġi adottata wkoll fil-bidu tal-2019. Billi tamministra t-tkabbir tagħha sabiex tissodisfa l-firxa ta' attivitajiet ipplanati għall-istandards ta' eċċellenza li qegħdin jistennu il-partijiet ikkonċernati, l-Aġenzija sejra tagħmel kontributi dejjem aktar importanti għall-isforzi tal-Ewropa sabiex tissodisfa l-isfidi kollha relatati mal-kriżi tal-migrazzjoni, it-theddid tat-terroriżmu u r-reati transkonfinali serji u organizzati. Wara li ffokat fuq li ssir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut, l-eu-LISA sejra tkompli taġixxi bħala sieħba u konsulenta affidabbli u fdata dwar suġġetti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u bħala kontributor importanti għall-implimentazzjoni tal-politiki, il-prijoritajiet u l-oġettivi rilevanti fil-qasam tal-ĠAI, sabiex b'hekk tiżgura l-kontinwità tal-azzjonijiet relatati. Ir-reviżjoni tar-regolament ta' stabbiliment (ER) tal-Aġenzija¹¹, li ġie adottat fl-14 ta' Novembru 2018 u li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018, tipprovdi l-bażi għal dan, billi tipprevedi kif tagħmel it-talbiet mill-Istati Membri u/jew mill-Kummissjoni għal pariri u appoġġ ad hoc. Il-monitoraġġ tar-riċerka rilevanti b'rapportar relatat lill-istituzzjonijiet tal-UE sejjer ikompli, filwaqt li l-mandat estiż fil-qasam tar-riċerka għandu jwassal ukoll sabiex l-esperti tal-Aġenzija jkunu involuti fil-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE. L-isforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira permezz tal-applikazzjoni ta' mekkaniżmi awtomatizzati sejrini ikunu rilevanti wkoll f'dan ir-rigward. Il-forniment ta' rapporti pubbliċi dwar l-użu u l-prestazzjoni teknika tas-sistemi sejjer ikompli bħala kontributor importanti għat-tfassil tal-politika fil-qasam tal-ĠAI, b'numru dejjem jikber ta' rapporti li għandhom jiġu ppubblikati hekk kif l-għadd ta' sistemi li qed jiġu ġestiti jikber. L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi wkoll taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha lill-Istati Membri, billi tagħti taħriġ wiċċ imb'wiċċ kif ukoll permezz ta' pjattaforma moderna, sigura u affidabbli tat-tagħlim elettroniku. Fil-perjodu inkwistjoni, dan sejjer jinkludi taħriġ speċjalizzat qabel u wara l-iskjerament dwar sistemi ġodda, kif ukoll taħriġ regolari ffokat fuq is-sistema organizzat f'konformità mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF).

Sabiex tiżgura li r-riskji taċ-ċibersigurtà ffaċċjati mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt it-tmexxija operattiva tal-Aġenzija jiġu ġestiti kontinwament u b'mod sistematiku, l-Aġenzija għandha tkompli tikkonforma strettament mar-rekwiżiti tar-regolamenti rilevanti rigward il-protezzjoni tad-data (DP) u mal-aħjar prattiki tal-industrija. L-enfasi tal-Aġenzija sejra tkun li ssaħħaħ u tevolvi l-arkitettura taċ-ċibersigurtà ġenerali tagħha u l-proċeduri relatati sabiex timmonitorja u tindirizza r-riskji bl-aħjar mod.

B'rispett sħiħ għall-qafas legali tagħha, l-eu-LISA sejra teżamina kontinwament l-iżvilupp ulterjuri tas-sħubiji eżistenti u tesplora possibiltajiet għal aktar kooperazzjoni u/jew kollaborazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija sejra tkompli żżomm relazzjonijiet effettivi u mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE. Hija sejra żżomm ukoll

¹⁰ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106).

¹¹ Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

kooperazzjoni effettiva mal-Istati Membri u mal-Pajjiżi Assoċjati — il-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA — filwaqt li tqis il-mandat, l-attivitajiet u s-servizzi tal-Aġenzija. Aġenziji oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-aġenziji tal-ĠAI, sejrjn jibqgħu grupp importanti ta' partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA u msieħba fil-kooperazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju tal-aħjar prattiki u għall-identifikazzjoni ta' sinerġiji fil-qasam tas-soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tal-asil. Dawn l-attivitajiet sejrjn imexxu 'l quddiem l-għanijiet ta' appoġġ għall-atturi operattivi permezz tal-forniment ta' servizzi tal-IT ta' kwalità għolja u tal-implimentazzjoni u t-titjib tal-interoperabbiltà, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali.

Taqsimha II – Programmar pluriennali 2019-2021

1. L-oġġettivi pluriennali¹²

1.1. *Għanijiet strateġiċi 2018-2022*

L-għanijiet strateġiċi għall-Aġenzija, kif deskritti hawn taħt, jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija waqt li qed jinkiteb dan id-dokument u l-prijoritajiet tagħha kif definiti permezz ta' djalogu mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Dawn l-għanijiet ġew stabbiliti fl-istrateġija fit-tul aġġornata tal-Aġenzija adottata mill-Bord tat-Tmexxija (BT) f'Novembru 2017.

L-għanijiet se jrin jiġu mmonitorjati regolarment u jkunu soġġetti għal rieżamijiet u żvilupp regolari tul it-terminu tal-istrateġija fit-tul sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-istrateġija fit-tul il-ġdida tal-Aġenzija hija mibnija madwar erba' għanijiet strateġiċi:

- **Għan Strateġiku 1:** tkompli tikber bħala kontributor għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE;
- **Għan Strateġiku 2:** iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni (ICT) tal-UE;
- **Għan Strateġiku 3:** tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE;
- **Għan Strateġiku 4:** tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.

¹² Din it-taqsimha hija żviluppata f'konformità mal-istrateġija fit-tul aġġornata tal-eu-LISA għall-2018-2022.

1.2. *L-objettivi pluriennali strateġiċi għall-perjodu 2019-2021*

Sa mit-twaqqif tagħha, l-eu-LISA żviluppat approċċ ta' ppjanar li jippermetti lill-organizzazzjoni tissimplifika l-isforzi tagħha sabiex twettaq il-missjoni tagħha u tissodisfa l-viżjoni tagħha b'mod sħiħ. Fl-2017, l-Aġenzija żviluppat l-istrateġija fit-tul ġdida tagħha, li stabbilixxiet l-għanijiet strateġiċi u l-objettivi strateġiċi relatati għall-perjodu 2018-2022. Id-dokument jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni mixtieq tal-iżvilupp tal-Aġenzija. Sabiex tilħaq l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tagħha, għall-perjodu 2018-2022, l-Aġenzija ħolqot ukoll ħarsa ġenerali pluriennali li tispjega fid-dettall l-elementi ewlenin tal-objettivi strateġiċi u r-relazzjonijiet bejn l-elementi, l-objettivi u l-għanijiet strateġiċi.

Ir-relazzjonijiet bejn l-għanijiet, l-objettivi, l-indikaturi tal-kisba u l-elementi tal-objettivi strateġiċi huma stabbiliti fit-tabelli ta' hawn taħt.

Tabella 1 — *Għanijiet strateġiċi, indikaturi tal-kisba*

Għan strateġiku	Indikaturi tal-kisba
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	Għadd ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt it-testijiet tas-sigurtà
	Il-perċentwal (%) ta' riskji għas-sigurtà identifikati indirizzati permezz ta' kontrolli tas-sigurtà garantiti
	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac
	Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac
	Id-disponibbiltà tan-netwerk fuq żona wiesgħa (għas-sistemi SIS II u VIS)
	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali SIS II
	Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali SIS II
	Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali VIS/tas-Sistema tal-Ġestjoni Bijometrika (BMS)

Għan strateġiku	Indikaturi tal-kisba
	Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali VIS/BMS
	Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tas-Sistemi tal-Istati Membri
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operattivi
	Is-sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni fil-korsijiet ta' taħriġ tal-eu-LISA
	Il-ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kkompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/ispiża/ħin
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' klijenti tal-Istati Membri sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	Il-proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali ssodisfati jew skont l-iskeda
	Ir-rata ta' kanċellazzjoni (%) tal-approprijazzjonijiet ta' pagament
	Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji
	Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti
	Il-proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji
	Il-perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati

Għan strateġiku	Indikaturi tal-kisba
	Il-konformità tal-akkwisti mal-Pjan ta' Akkwist u Akkwizzizzjoni (PAP) tal-Aġenzija
	Il-ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % ta' proġetti ta' akkwist ewlenin skont l-iskeda
	Metri kwadri medji ta' spazju ta' uffiċċju għal kull ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE) (m ²)
	Il-perċentwal (%) ta' jiem ta' assenza ċċertifikata vs mhux iċċertifikata mix-xogħol matul il-perjodu tar-rapportar
	Il-perċentwal (%) annwali tad-dawran tal-persunal
	Indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal
	Livell ta' involviment tal-persunal
	Il-viżibbiltà tal-eu-LISA bbażata fuq il-web

Tabella 2 — Elementi tal-oġettivi strateġiċi

Għan strateġiku	Oġettiv strateġiku	Element tal-oġettiv strateġiku
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.1. Tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tagħhom	1.1.1. Tiġġestixxi b'mod effettiv u effiċjenti s-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.1. Tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tagħhom	1.1.2. L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.1. Tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat tagħhom	1.1.3. Tikkonsolida u tottimizza l-infrastruttura tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	1.2.1. Timxi minn analiżi tad-data ex-post (statistika) għal analitika
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	1.2.2. Tiżviluppa u timplimenta sistemi ġodda/addizzjonali, jekk ikun hekk stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	1.2.3. Iżżid il-viżibbiltà tal-prestazzjoni tas-sistemi u korporattiva tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.2. Iżżid kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	1.2.4. Tagħti taħriġ xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri u għal partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.3. Issaħħaħ il-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija	1.3.1. Ittejjeb, tittestja u tirfina l-proċeduri ta' rkupru minn diżastri u l-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-Aġenzija
Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħba fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE	1.3. Issaħħaħ il-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija	1.3.2. Issaħħaħ u tevolvi l-qafas taċ-ċibersigurtà u tal-IT tal-Aġenzija għas-sistemi u n-netwerks ta' komunikazzjoni tagħha
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	2.1.1. Twettaq l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-provvisti li toffri l-aġilità meħtieġa sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi tal-ICT kosteffettivi
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	2.1.2. Ittejjeb kontinwament il-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-bejjiegħa fi ħdan l-Aġenzija

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	2.1.3. Timmonitorja l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u tfittex kontinwament l-ottimizzazzjoni tal-kost totali tas-sjeda
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	2.1.4. Tevolvi l-mudell operattiv tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informatika (ITIL) / tal-ġestjoni tas-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni (ITSM)
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.1. Tiżviluppa u żżomm mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	2.1.5. Timplimenta b'mod sistematiku l-istandards, il-proċessi u l-prattiki tal-ġestjoni tal-proġetti adottati
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni	2.2.1. Tiżviluppa u timplimenta portafoll ta' servizzi xieraq
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni	2.2.2. Tadatta l-mudell tas-servizz standard tal-Aġenzija kif xieraq

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni	2.2.3. Tikkondividi l-aħjar prattiki u servizzi ma' aġenziji oħrajn, b'attenzjoni partikolari fuq il-qasam tal-ICT
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni	2.2.4. Tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ġodda u ttejjeb dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati
Għan Strateġiku 2: Iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE	2.2. Tipprovdi servizzi u għarfien espert tal-ICT lil aġenziji oħrajn b'appoġġ għall-approċċ komuni	2.2.5. Ġie żviluppat u implimentat sett ta' servizzi tal-IT standard tal-industrija
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negożju	3.1.1. Issegwi l-iżviluppi fir-riċerka u l-innovazzjoni
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negożju	3.1.2. Il-monitoraġġ ulterjuri tar-riċerka u ta' għodod ta' involviment sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi tan-negożju tal-Aġenzija
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.1. Tidentifika soluzzjonijiet ġodda sabiex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tal-proċessi tan-negożju	3.1.3. Tkabbar l-għarfien tan-negożju disponibbli fl-Aġenzija

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija	3.2.1. Tfittex sinerġiji ma' atturi tal-ICT oħrajn fis-settur pubbliku u f'dak privat b'appoġġ għall-iskambju tar-riċerka u l-innovazzjoni
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija	3.2.2. Tipprovdi pariri lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet relatati mal-mandat u mal-attivitajiet tal-Aġenzija
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.2. Tkun konsulent fdat u faċilitatur tekniku għall-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Aġenzija	3.2.3. Tevolvi u żżomm ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.3. Tesplora u timplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS ¹³ , u l-mudell operattiv tal-Aġenzija	3.3.1. Tistabbilixxi l-kapaċitajiet tal-arkitettura tal-intrapriżi fl-Aġenzija
Għan Strateġiku 3: Tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija prinċipali tal-ICT tal-UE	3.3. Tesplora u timplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-effetti tagħha fuq l-NS u s-CS, u l-mudell operattiv tal-Aġenzija	3.3.2. Tiżviluppa mudell ta' arkitettura tal-intrapriżi konsistenti għall-qasam tal-ĠAI u l-oqsma relatati

¹³ Sistema nazzjonali (NC) u sistemi ewlenin (CS)

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali	4.1.1. Tikkonforma b'mod sħiħ u fil-ħin mal-obbligi statutorji kollha ta' rapportar
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali	4.1.2. Tiżviluppa u ssaħħaħ kontinwament il-ġestjoni, il-proċeduri u l-prattiki baġitarji, finanzjarji u tal-akkwisti tal-Aġenzija f'konformità mal-atti legali rilevanti u mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-prestazzjoni
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali	4.1.3. Timmonitorja kontinwament u rirrieżamina u taġġorna regolarment il-qafas ta' kontroll intern
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.1. Tiżgura l-konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ta' governanza ġenerali	4.1.4. Tiżgura l-konformità sistematika mar-rekwiżiti tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-data
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod	4.2.1. Iżżomm u tħaddem qafas ta' governanza sod u adattiv, inklużi proċessi u proċeduri li jsegwu l-aħjar Prattiki u standards tal-industrija

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod	4.2.2. Tidentifika l-kapaċitajiet u l-proċessi ewlenin li jeħtieġu aġġustament u timplimenta l-bidliet meħtieġa sabiex ittejjeb il-prestazzjoni b'mod sistematiku u li jista' jitkejjel
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod	4.2.3. Timplimenta u tiġġestixxi s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Aġenzija
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.2. Tallinja kontinwament l-objettivi tan-negozju mal-kapaċitajiet, il-proċessi u l-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bl-aħjar mod	4.2.4. Tivvaluta sistematikament l-allinjament bejn l-objettivi tan-negozju eżistenti jew ġodda u l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-kapaċitajiet sabiex jintlaħqu tali objettivi
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti; iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal	4.3.1. Tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-membri tal-persunal kollha
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti; iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal	4.3.2. Tidentifika, tattira, tiżviluppa u iżżomm l-impjegati mogħnija bit-talenti u tiżgura l-iżvilupp professjonali tagħhom

Għan strateġiku	Objettiv strateġiku	Element tal-objettiv strateġiku
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti; iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal	4.3.3. Tfassal u timplimenta qafas ta' ġestjoni tal-għarfien
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.3. Tkompli tkun impjegatur attraenti; iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal	4.3.4. Tiżviluppa l-funzjoni tar-riżorsi umani (HR) lejn sħubija fin-negozju sabiex tappoġġja aħjar il-ħtiġijiet tal-persunal u l-objettivi tal-organizzazzjoni
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.4. Tiżviluppa u żżomm immaġini pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha	4.4.1. Tippromwovi u żżomm immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni interna u esterna effettiva
Għan Strateġiku 4: Tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE	4.4. Tiżviluppa u żżomm immaġini pożittiva lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni tagħha	4.4.2. Iżżomm il-viżibbiltà u l-kredibbiltà tal-ħidma u l-kontribut tal-Aġenzija għall-UE fost il-partijiet ikkonċernati esterni

2. Programm pluriennali (2019-2021)¹⁴

Din it-taqsimha tiddeskrivi l-oqsma ta' azzjoni speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fil-perjodu 2019-2021 sabiex tappoġġja l-kisba tal-għanijiet u l-oġettivi strateġiċi. L-oqsma ta' azzjoni strateġika għandhom l-għan li jappoġġjaw u jiżguraw il-koeżjoni bejn, min-naħa waħda, il-funzjonijiet tan-negozju fdati lill-Aġenzija mir-regolament tat-twaqqif tagħha u l-attivitajiet orizzontali mwettqa sabiex jappoġġjaw in-negozju ewlieni u, min-naħa l-oħra, l-ambizzjonijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni. Huma għandhom l-għan ukoll li jipprovdu faċilitazzjoni, gwida u appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet u l-azzjonijiet prattiċi, li għandhom jagħtu r-riżultati mixtieqa. B'dan il-mod, l-Aġenzija hija kunfidenti li l-azzjonijiet kollha tagħha jkunu konformi mar-rekwiżiti statutorji u jwassluha sabiex tikseb il-viżjoni tagħha u tissodisfa l-missjoni tagħha. L-intenzjoni tal-organizzazzjoni hija li telabora d-dokumenti ta' programmar (PDs) tagħha b'tali mod li jkunu jirriflettju l-loġika u l-kamp ta' applikazzjoni kif stabbiliti mill-istrateġija fit-tul.

2.1. *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti*

L-eu-LISA sejra tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-servizzi lill-Istati Membri permezz tat-tħaddim mhux interrott u ta' kwalità għolja 24 siegħa kuljum tas-sistemi fdati lilha. Dan l-għan ser jinkiseb permezz ta' monitoraġġ kostanti, ġestjoni tal-inċidenti u interazzjonijiet mal-Istati Membri. Il-ġestjoni u l-manutenzjoni effiċjenti taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva se jrin jiġu żgurati bl-istess mod.

Sabiex tevolve aktar l-operazzjonijiet tagħha f'konformità mal-aħjar prattiki tal-industrija, l-Aġenzija sejra tkompli bl-iżvilupp tal-mudell ta' servizz u proċess tagħha abbażi tal-adozzjoni tal-aħjar prattiki tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informatika (ITIL)/ġestjoni tas-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni (ITSM). Il-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA għall-proċessi tal-Fażi 1 ġie adottat uffiċjalment fi Frar 2016; erba' proċessi ġodda huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fażi 2 tal-ITSM tal-eu-LISA. Dan ix-xogħol huwa żviluppat fl-2018 u implimentat b'mod effettiv fl-2019. Abbażi tal-prinċipju ta' proċess ta' titjib kontinwu tas-servizz, l-Aġenzija sejra tfittex ukoll opportunitajiet sabiex tkompli tawtomatizza u tirrazzjonalizza l-proċessi, fejn possibbli, billi tibbenifika mill-għodda integrata tal-ITSM u mill-integrazzjoni ulterjuri tagħha lejn l-għodod ta' monitoraġġ. Sejra tingħata wkoll attenzjoni lill-integrazzjoni tal-mudell tal-proċess tal-ITSM mal-proċess stabbilit tal-ġestjoni tal-proġetti, bl-għan li tkompli tiġi standardizzata u monitorjata b'mod aktar effiċjenti t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet.

Fil-perjodu 2019-2021, l-eu-LISA għandha l-għan li tkompli ttejjeb il-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u li żżid il-livelli ta' awtomatizzazzjoni, fejn xieraq u possibbli. L-inizjattivi ewlenin f'dan ir-rigward ser ikunu:

- valutazzjoni annwali tal-maturità tal-proċess;

¹⁴ Din it-taqsimha hija żviluppata f'konformità mal-istrateġija fit-tul aġġornata tal-eu-LISA għall-perjodu 2018-2022 kif adottata mill-Bord tat-Tmexxija.

- iċ-ċentralizzazzjoni tal-liċenzjar ta' Oracle;
- l-implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ tal-Avvenimenti għas-Sistemi tan-Negozju Ewlenin¹⁵, li sejra tiġi integrata mas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ Ċentrali fi ħdan il-Qasam Komuni tas-Servizzi Kondiviżi;
- l-introduzzjoni ta' benchmarking tal-Uffiċċju ta' Servizz;
- l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-avvenimenti mas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ;
- l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' rapportar avvanzat, il-garanzija ta' rapportar f'ħin reali, kif ukoll rapportar abbażi ta' punt fiż-żmien;
- l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi b'ġestjoni tal-konfigurazzjoni;
- l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA permezz ta' kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi komuni minbarra infrastruttura kondiviża komuni (CSI). Dawn l-attivitajiet bdew fl-2017, komplew fl-2018 u mistennija jitlestew fl-2019. L-eu-LISA sejra tagħmel ukoll sforz fir-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-data tagħha għall-ospitar xieraq tas-CSI (diġà implimentata), li sejra tinżamm mill-2019. Fl-aħħar nett, ser issir enfasi mtejba fuq l-iżgurar tal-allinjament tal-proċessi u l-arranġamenti kuntrattwali tal-MWOs differenti mad-dispożizzjonijiet u l-istandards tas-servizzi kondiviżi.

Barra minn hekk, fil-perjodu 2019-2021, l-eu-LISA sejra tkompli tidentifika u timplimenta sinerġiji bejn l-infrastruttura u s-servizzi billi timplimenta soluzzjoni integrata għall-għodod eżistenti kollha ta' monitoraġġ tas-sistemi tan-negozju ewlenin. Din is-soluzzjoni sejra tkun ibbażata fuq il-proċess rilevanti tal-ġestjoni tal-avvenimenti. Il-monitoraġġ integrat se jgħid jikkontribwixxi għal titjib ulterjuri tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi fdati lill-eu-LISA u se jgħid jappoġġja lill-Aġenzija sabiex twassal l-oġettivi tagħha f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tagħha.

Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti tagħha għas-sistemi ġestiti minnha, billi tistandardizza u tottimizza l-arkitettura tal-portafoll ta' kuntratti ta' MWO tagħha. Il-benefiċċji se jkunu (iżda jistgħu ma jkunux limitati għal):

- l-allinjament tat-tul tal-kuntratti ta' MWO ġestiti mill-Aġenzija;
- l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll unifikata fir-rigward tal-kuntratturi;
- l-implimentazzjoni ta' metrika tal-prestazzjoni unifikata għall-kuntratturi kollha;
- l-allinjament tal-għadd u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratti mal-arkitettura tas-sistemi (preżenti u futuri) ġestiti mill-eu-LISA.

Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-asil u l-migrazzjoni) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-fruntieri u l-viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 sabiex tiġi

¹⁵ Is-sistemi tan-negozju ewlenin huma s-sistemi fdati lill-Aġenzija għat-tmexxija operattiva.

indirizzata l-ħtieġa għall-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. Il-proposti, li għadhom qegħdin jiġu diskussi fil-ħin li qiegħed jinkiteb dan id-dokument, se jrin jintroduċu l-komponenti tekniċi li se jrin iwasslu għal aktar mistoqsijiet dwar is-sistemi eżistenti, l-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda u, f'xi każijiet, l-arkitettura mill-ġdid tas-sistemi sabiex jinteraġixxu ma' dawn il-komponenti. Għalhekk, l-implikazzjonijiet tal-interoperabbiltà ser ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ippjanar għall-evoluzzjoni tas-sistema fis-snin li ġejjin; l-Aġenzija se jra tiżgura li l-kompiti kollha li joħorġu mill-proposti jiġu implimentati kif suppost u fi żmien xieraq. Wieħed mill-iżviluppi l-aktar bikrija se jkun servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (SBMS) li għandu joffri kapaċitajiet sabiex jindirizza l-identifikaturi bijometriċi attwali (bħall-marki tas-swaba') u kwalunkwe identifikaturi futuri (eż. tal-wiċċ jew l-iris) skont il-bidliet fil-bażijiet ġuridiċi. Ser ikollha tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni tas-sistema sabiex tippermetti l-użu ta' din ir-riżorsa.

Il-perjodu 2019-2021 se jkun jara wkoll it-titjib u l-awtomatizzazzjoni tal-kontroll tal-kwalità tad-data tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija.

Sabiex tiżgura l-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tivverifika li r-riżultat tal-Istudju Attiv/Attiv tal-Virtwalizzazzjoni rigward l-għażla tat-teknoloġiji tal-infrastruttura jissodisfa r-rekwiżiti tan-negozju għall-applikazzjonijiet. B'kontinwità minn (a) il-fażi tat-test ta' virtwalizzazzjoni li trid titwettaq fl-2018 u (b) l-ambjenti tal-ittestjar virtwalizzat tas-sistemi tan-negozju ewlenin differenti, l-għan għas-snin 2019-2020 se jkun li titħejja l-virtwalizzazzjoni tas-sistemi tan-negozju ewlenin u li dawn jiġu integrati pass pass fl-infrastruttura kondiviża komuni diġà implimentata. Minbarra l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira sabiex jieħdu vantaġġ mit-titjib fit-teknoloġija, irenduhom kompatibbli mal-iżviluppi fl-interoperabbiltà tas-sistemi u joffru servizzi mtejbja lill-utenti finali, għandhom jiġu implimentati bidliet sinifikanti abbażi tar-reviżjoni tal-bażijiet ġuridiċi applikabbli. B'hekk, fil-perjodu inkwistjoni, l-Aġenzija se jra timplimenta l-attivitajiet kollha li jirriżultaw mill-bidliet ippjanati fir-regolamenti dwar il-VIS, l-Eurodac, id-DubliNet u s-SIS.

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Minn perspettiva teknika, fis-snin li ġejjin, is-SIS ċentrali se jtevolvi sabiex tiżgura li l-kapaċità addizzjonali għat-twissijiet u l-mistoqsijiet tkun tista' tiġi implimentata kif suppost bir-rekwiżiti tal-prestazzjoni esiġenti ħafna assoċjati mas-sistema. Mill-inqas uħud mill-bidliet se jrin jirriżultaw mir-rekwiżiti introdotti mill-leġislazzjoni dwar l-interoperabbiltà. Huma se jrin jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' magna ta' tfittxija l-aktar avvanzata, it-titjib tad-disponibbiltà tas-sistema u l-kunsiderazzjoni tal-aspetti tat-traskrizzjoni (iż-żieda tal-infrastruttura). It-tieni fażi tal-proġett tas-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) tas-SIS se jra titnieda fl-2019, billi tibni fuq it-tnedija b'suċċess tas-soluzzjoni AFIS fil-bidu tal-2018. Din ser ikollha l-għan li tiżviluppa kapaċitajiet ulterjuri tal-AFIS, billi tiffoka fuq il-ħin ta' rispons tagħha u aspetti tekniċi oħrajn, u fuq uħud mir-rekwiżiti tar-riformulazzjoni tas-SIS¹⁶ bħal marki tas-swaba' jew marki tal-pala tal-id. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti tar-rikonossiment tal-wiċċ tar-riformulazzjoni tas-SIS se jrin ikunu soġġetti għal sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni bijometrika (ABIS) għas-SIS (rikonossiment tal-wiċċ), li għandha tinbeda fl-2020.

¹⁶ ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106.

F'konformità mal-bażi ġuridika aġġornata tas-SIS, li ġiet adottata fid-19 ta' Novembru 2018 u li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru 2018, l-Aġenzija sejra timplimenta kategoriji addizzjonali ta' allerti, oqsma u funzjonalitajiet oħrajn (inkluż ir-rikonnoxximent bijometriku tal-wiċċ u d-DNA), li se jrin iżidu b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet attwali tas-sistema ċentrali tas-SIS. Il-bażi ġuridika ġdida għandha wkoll l-għan li żżid id-disponibbiltà tas-SIS għall-utenti finali, applikazzjoni akbar ta' statistika dwar il-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità tad-data u aċċess usa' fl-Istati Membri u għall-utenti istituzzjonali tal-UE; il-bidliet kollha meħtieġa se jrin jiġu implimentati bis-siġħ.

L-Aġenzija sejra teżegwixxi l-kompiti meħtieġa sabiex timplimenta r-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn¹⁷ u l-projbizzjonijiet fuq id-dħul fis-SIS, sabiex b'hekk ittejjeb il-kapaċitajiet tagħha li tappoġġja l-politika ta' ritorn tal-UE, b'mod partikolari:

- il-ħolqien ta' allerti tas-SIS dwar il-migranti irregolari soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn¹⁸;
- l-użu ta' immaġini tal-wiċċ¹⁹ għal identifikazzjoni bijometrika (ID), minbarra l-marki tas-swaba';
- il-ħolqien ta' kategorija ta' twissija ġdida ta' 'Persuna Mfittxija Mhux Magħrufa', li għaliha tista' teżisti data forensika fil-bażijiet ta' data nazzjonali (eż. marka latenti li tħalliet fuq ix-xena tad-deliċċ).

Eurodac

Is-sistema Eurodac sejra tkompli tevolvi teknikament, biż-żidiet fil-kapaċità fost l-aktar titjib notevoli li x'aktarx ikun meħtieġ sabiex tali sistema tinżamm allinjata mal-bidliet fil-flussi migratorji. Wara l-adozzjoni mill-koleġislaturi tar-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Eurodac, l-eu-LISA sejra tibda/tkompli l-implimentazzjoni tal-bidliet fil-funzjonalitajiet tal-Eurodac. Fil-mument li kien qed jinkiteb dan id-dokument, intlaħaq ftehim politiku dwar it-test leġislativ, għalkemm ma kienx ċar meta kien se jjer jiġi adottat it-test finali²⁰.

Il-proposta attwali għar-riformulazzjoni tal-Eurodac tirrifletti l-iżviluppi fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni wara l-eskalazzjoni tal-kriżi tar-refuġjati u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema sabiex isservi ftehimijiet

¹⁷ Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

¹⁸ Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u r-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE.

²⁰ Il-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac maħruġa mill-Kummissjoni, li kienet tinkludi d-dispożizzjonijiet baġitarji bbażati fuq il-valutazzjoni tal-impatt magħmula mill-eu-LISA, kienet tinkludi biss l-aġġornamenti ppreżentati fil-proġett 'Il-Fażi 1 tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac'. Matul in-negożjati legali, ġew introdotti għadd ta' punti/funzjonalitajiet addizzjonali mill-partijiet ikkonċernati li jipparteċipaw fin-negożjati (eż. l-inklużjoni ta' kopji tal-passaport, ftehimijiet alfanumeriċi, risistemazzjonijiet, eċċ.). Għal uħud minn dawn il-punti ġodda (eż. kopji tal-passaporti u ftehimijiet alfanumeriċi), l-eu-LISA ntalbet tneqq valutazzjoni tal-impatt separata sabiex tipprovi kontribut fin-negożjati. Għal oħrajn (eż. l-inklużjoni ta' risistemazzjonijiet), ma ntalbet ebda valutazzjoni tal-impatt mill-eu-LISA. Dawn il-punti addizzjonali kollha (li jirrappreżentaw moduli jew funzjonalitajiet differenti possibbli tar-riformulazzjoni futura tal-Eurodac), mhux inklużi fil-proposta inizjali, ġew identifikati bħala fażijiet 'differenti' tal-proġett riformulat. Dan jipprovi ċarezza dwar it-trajettorji differenti tan-negożjati u dwar ir-reqwiżiti baġitarji addizzjonali li ma ġewx ikkunsidrati fil-proposta inizjali. Fir-realtà, jekk dawn il-bidliet kollha jiġu finalment approvati bir-regolament riformulat, il-proġetti differenti se jrin jiġu implimentati bħala pakketti tax-xogħol/trajettorji separati fi ħdan l-istess proġett kbir.

importanti oħrajn fil-qasam tal-migrazzjoni. Is-sistema sejra tippermetti lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw aħjar il-migranti irregolari fl-UE u jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

L-evoluzzjoni tal-Eurodac sabiex tikkonforma mal-qafas legali l-ġdid, ladarba dan jiġi adottat, għandha tinkludi:

- l-estensjoni tat-tfittxija u l-ħażna għall-kategoriji kollha ta' data (persuni li qegħdin ifittxu l-asil, ċittadini ta' pajjiżi terzi illegalment preżenti fit-territorju tal-UE, ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda illegalment qegħdin jaqsmu l-fruntieri tal-UE);
- il-ħolqien ta' kategoriji ġodda ta' data għall-immaniġġjar tal-persuni ammessi taħt skemi ta' risistemazzjoni;
- it-tnaqqis tal-età minima tal-marki tas-swaba' għal 6 snin (meta mqabbel ma' 14-il sena, li huwa l-minimu tal-lum) sabiex ilaħħqu aħjar mal-wasliet ta' minuri, l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u movimenti sekondarji;
- l-estensjoni tal-mudell tad-data sabiex tiġi koperta d-data bijografika personali addizzjonali;
- il-ħażna ta' kopji tal-passaporti u ta' dokumenti oħrajn tal-ID;
- l-estensjoni tal-perjodu taż-żamma tad-data;
- l-inklużjoni ta' tfittxijiet alfanumeriċi għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi;
- l-introduzzjoni ta' immaġini tal-wiċċ — il-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac tinkludi t-trażmissjoni tal-immaġini tal-wiċċ lejn is-sistema ċentrali.

L-immaġini tal-wiċċ inizjalment jinħażnu u jintbagħtu lura lill-Istati Membri bħala parti mis-settijiet ta' riżultati tat-tfittxija. L-eu-LISA sejra tibda studju, mal-approvazzjoni tal-bażi ġuridika, sabiex tinvestiga aktar l-inklużjoni tal-kapaċitajiet tar-rikonoxximent tal-wiċċ fis-sistema, filwaqt li tikkunsidra wkoll l-użu potenzjali tas-servizz kondiż ta' tqabbil bijometriku li għandu jiġi implimentat bħala parti mill-pakkett tal-interoperabbiltà. L-istudju sejjer jiffoka fuq il-modalitajiet u l-għażliet tekniċi differenti, bħall-impatt fuq l-Istati Membri u fuq l-arkitettura attwali, kif ukoll jipprova pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni għall-kapaċità tar-rikonoxximent tal-wiċċ (l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tar-rikonoxximent tal-wiċċ sejra tibda biss mat-tlestija tal-istudju u sejra tkun ibbażata fuq il-konklużjonijiet tiegħu)²¹.

Sabiex l-Eurodac tiġi allinjata aħjar mar-realtà teknoloġika tal-lum u sabiex ikun possibbli l-użu effiċjenti tal-funzjonalitajiet ġodda introdotti bir-riformulazzjoni tal-Eurodac (bħal tfittxijiet alfanumeriċi), huwa kkunsidrat adattament tal-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac. Il-mudell ta' komunikazzjoni attwali tal-Eurodac (ibbażat fuq l-email) tfassal bħala parti mill-arkitettura inizjali tal-Eurodac, li daħlet fis-seħħ fl-2003. Għalkemm dan il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni wera li kien stabbli matul is-snin, issa huwa meqjus li teknoloġikament għadda żmien. Għalhekk, l-eu-LISA u l-Istati Membri ilhom mill-2015 jikkunsidraw il-possibbiltà li jaqilbu għal soluzzjoni ta' interfaċċa aġġornata (ibbażata fuq servizzi tal-web). Madankollu, il-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015 wasslet għal bidla fil-prijoritajiet u l-eu-LISA pprijoritizzat, bi qbil mal-partijiet ikkonċernati, iż-żidiet fil-kapaċità tal-Eurodac u miżuri oħrajn li jittrattaw l-emerġenzi operattivi. Il-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac deskritta qabel tintroduċi bidliet li ma jiġux appoġġjati b'mod effiċjenti mill-mudell ta' komunikazzjoni eżistenti.

²¹ Soġġett għall-adozzjoni tal-proposta għal regolament riformulat tal-Eurodac.

Taħt iċ-ċirkostanzi ġodda, u minħabba l-ħtiġijiet tal-interoperabbiltà fil-ġejjieni, l-eu-LISA qiegħda tippjana li tbiddel l-Eurodac minn sistema bbażata fuq l-iskambju tal-posta għal sistema bbażata fuq servizzi tal-web.

Minbarra l-evoluzzjoni tal-Eurodac, kif ukoll sabiex jiġu appoġġjati l-bidliet introdotti fil-bażi ġuridika riformulata, jistgħu jiġu implimentati għadd ta' bidliet tekniċi oħrajn, bħal:

- aġġornamenti tal-kapaċità ulterjuri sabiex ilaħħqu mal-impatt tal-bidliet funzjonali fil-ħażna u throughput tranżazzjonali tas-sistema, u bidliet possibbli għall-allinjament jew l-iffaċilitar tal-interoperabbiltà²²;
- allinjament mad-dispożizzjonijiet u l-istandards tas-servizzi kondiviżi (ibbażati fuq l-eżiti tal-proġett li għaddej ta' servizzi komuni kondiviżi);
- adattamenti addizzjonali u titjib teknoloġiku (eż. fil-livell tal-infrastruttura jew tal-monitoraġġ).

Fl-aħħar nett, safejn hija kkonċernata s-sistema Eurodac, soġġetta għall-approvazzjoni tal-proposti leġislattivi dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u abbażi tal-istudju rilevanti dwar servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż u valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet assoċjati, jista' jkun meħtieġ li l-Eurodac titfassal mill-ġdid sabiex:

- Tuża s-servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż.
- Tissepara s-saff ta' quddiem tal-Eurodac li jimplimenta l-loġika tan-negozju mis-servizzi ta' tqabbil bijometriku. Illum, iż-żewġ saffi (il-funzjonalità ta' quddiem li tagħmel użu mis-servizz ta' tqabbil bijometriku u s-servizz ta' tqabbil bijometriku nnifsu) mhum iex diżakkoppjati fl-arkitettura tal-Eurodac u minn barra jidhru bħala "kaxxa sewda". Dan iżid id-diffikultà li jintuża (jekk ma jagħmilx impossibbli li jintuża) servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż.

Il-bidliet kollha fl-Eurodac se jrin jiġu ġestiti b'mod kuntrattwali permezz tal-kuntratt ġdid ta' MWO tal-Eurodac, li ilu fis-seħħ mill-bidu tal-2018 (fin-nuqqas ta' qafas legali fil-ħin tal-abbozzar, il-baġit meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac ma jiġix inkluż fl-ippjanar kuntrattwali ta' MWO tal-Eurodac, li se jjer ikollu jiġi kkunsidrat mill-ġdid kif xieraq).

DubliNet

Fir-rigward ta' DubliNet, il-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac tinkludi dispożizzjonijiet li jifformalizzaw ir-responsabbiltà eżistenti tal-eu-LISA għal DubliNet skont il-memorandum ta' qbil (MtQ) tal-2014. Mal-approvazzjoni tal-qafas legali msemmi hawn fuq u bi qbil/b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-bidliet f'DubliNet, pereżempju t-tibdil tal-formoli PDF definiti minn qabel għal formoli tal-web awtomatizzati/XML ulterjuri, se jrin jiġu vvalutati u implimentati²³.

²² F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-asil u l-migrazzjoni) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-fruntieri u l-viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 sabiex tiġi indirizzata n-neċessità tal-interoperabbiltà tas-sistemi.

²³ L-implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti tiddependi mit-trasferiment sħiħ lill-eu-LISA tar-responsabbiltajiet biex tiġi ġestixxi DubliNet.

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

Għall-perjodu 2019-2021, l-eu-LISA se jkompli tiżgura s-servizzi tal-VIS u tas-Sistema tal-Ġestjoni Bijometriku (BMS) permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva. Soġġett għal emenda tar-Regolament tal-VIS (il-proposti għal riformulazzjoni tal-VIS tressqu f'Mejju 2018 u fil-ħin li qiegħed jinkiteb dan id-dokument qegħdin jiġu diskussi mill-koleġislaturi), l-eu-LISA se jteħtieġ li twettaq l-azzjonijiet meħtieġa sabiex tiżgura li l-bidliet kollha meħtieġa li joħorġu minn din l-emenda jiġu introdotti biżżejjed fis-sistema. Fl-2019 (u sal-2021), l-isforzi ewlenin tal-eu-LISA se jrin jiffokaw fuq l-evoluzzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti pjanati tar-reviżjoni tal-VIS, inkluża l-interoperabbiltà mas-sistemi eżistenti u dawk futuri, u fuq iż-żamma tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS allinjata mar-rekwiżiti tan-negozju. Fl-aħħar tal-perjodu, is-sistema għandha tkun allinjata kompletament mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli. Barra minn hekk, se jkun jiġi implimentat mekkaniżmu ta' kontroll tal-fluss bejn il-VIS u l-BMS sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tat-throughput tas-sistema u jiġi ġestiti aħjar il-varjazzjonijiet tat-traffiku. Dan se jkun jiġi implimentat bl-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u l-kontroll tal-fluss tal-VIS²⁴. Fl-aħħar nett, il-komponenti tan-Netwerk taż-Żona tal-Ħażna tal-VIS se jrin jiġu ammeljorati jew sostitwiti, u l-kapaċità tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni tas-sistema se jkun tiġi allinjata mal-ambjent tat-test.

Matul l-2019, l-Europol (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi) se jkun jiġi integrat fil-VIS, li għaliha se jkun titfassal, tinbena, tiġi kkwalifikata u skjerata konfigurazzjoni ġdida tas-sistemi VIS u BMS. Se jkun jingħata wkoll aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija għall-VIS (sabiex jużaw il-VIS f'modalità li tinqara biss).

Sabiex tivvaluta r-risorsi neċessarji meħtieġa għal soluzzjoni attiva/attiva, l-Aġenzija se jkun twettaq tliet valutazzjonijiet tal-impatt (IAs) fl-2019, li se jrin jeżaminaw ukoll l-impatt tar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u tal-infrastruttura kondiviża komuni fuq l-Eurodac, is-SIS II u l-VIS.

2.2. *It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

L-Aġenzija bħalissa qiegħda tikkondividi r-responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni mal-Kummissjoni: l-eu-LISA hija responsabbli mis-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizz rilevanti għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni għall-Eurodac, il-VIS u s-SIS II u l-iskambju ta' data bejn l-Uffiċċji tat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE). Il-Kummissjoni għadha responsabbli mill-kompiti l-oħrajn kollha li jirrigwardaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali. Wara r-rieżami tar-regolament tat-twaqqif tal-Aġenzija u tal-istrumenti tas-sistemi, huwa mistenni li t-trasferiment tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għan-netwerk lill-eu-LISA jseħħ fil-perjodu ta' referenza²⁵, soġġett għall-adozzjoni tar-regolament tat-twaqqif rivedut. Barra minn hekk, l-eu-LISA tiġi għestixxi wkoll VIS Mail u DubliNet.

²⁴ L-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u l-kontroll tal-fluss tal-VIS huma miżuri ta' kumpens f'każ li struttura attiva/attiva għall-VIS ma tkunx teknikament fattibbli.

²⁵ EUROMAIN se jkun tibqa' eċċezzjoni: l-Aġenzija se jkun tikkondividi r-responsabbiltajiet mal-Kummissjoni.

Mal-iskadenza tal-kuntratt tas-Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (sTESTA) u t-tlestija tal-migrazzjoni tan-networks ta' SIS II, VIS u Eurodac għan-network il-ġdid, is-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida (TESTA-ng), l-Aġenzija sejra tkompli tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, billi tibni fuq l-istudju mwettaq fl-2017. L-eu-LISA sejra timmira li timplimenta network sigur unifikat għas-sistemi kollha ġestiti minnha jekk tiġi adottata l-bażi ġuridika applikabbli. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkompli, fil-konfini tal-mandat legali tagħha, l-attivitajiet ta' tnejn (li nbdew fl-2018) għas-suċċessur ta' TESTA-ng, billi l-kuntratt qafas (FwC) ta' TESTA-ng sejjer jiskadi mhux aktar tard mill-2020.

Barra minn hekk, l-Aġenzija biĥsiebha tkompli tistudja x-xejriet fl-unifikazzjoni tal-infrastruttura tan-network²⁶ permezz tal-proġett tal-perimetru unifikat tan-network fuq żona wiesgħa, bil-ħsieb li tistudja l-possibbiltajiet sabiex ittejjeb l-interkonnessjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Dan sejjer jikkomplementa l-proġett tan-network unifikat imwettaq fl-2017 u l-2018, li ffoka fuq l-infrastruttura tal-komunikazzjoni bħala tali.

Il-kompiti relatati mat-tmexxija operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sejjrin ikomplu jiġu fdati lil fornituri terzi mis-settur privat. Tali fornituri tan-network sejjrin ikomplu jkunu marbuta bil-miżuri ta' sigurtà stipulati fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-networks SIS II u VIS, u mhux sejjrin ikollhom aċċess għad-data operattiva ta' SIS II, VIS jew Eurodac.

Bħala parti mill-attivitajiet operattivi, l-eu-LISA sejra tkompli tissorvelja²⁷ l-utilizzazzjoni tal-konnessjonijiet tan-network tagħha u tiegħu l-azzjonijiet xierqa sabiex tiżgura li tali konnessjonijiet tan-network ikollhom kapacià suffiċjenti għall-ħtiġijiet tal-Aġenzija.

Fil-perjodu 2019-2021, l-eu-LISA sejra tkompli tfittex mod kif ittejjeb l-effiċjenza tan-network sigur li jgħaqqad l-Istati Membri mas-sistemi ċentrali billi:

- tkompli tiżviluppa l-viżjoni tal-evoluzzjoni meħtieġa tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni;
- tiżgura li l-Aġenzija jkollha l-mezzi meħtieġa sabiex tittestja t-titjib tas-sistema u ambjent xieraq ta' qabel il-produzzjoni jew għall-iżvilupp tan-network, permezz tal-implimentazzjoni ta' pjattaforma u proċessi ta' testijiet unifikati u standardizzati;
- teżegwixxi l-attivitajiet ta' tnejn għas-suċċessur ta' TESTA-ng fil-limiti tal-bażi ġuridika tal-Aġenzija, billi tqis ir-riżultati mill-istudji eżegwiti, eż. studju dwar l-ottimizzazzjoni tan-network fuq żona wiesgħa ('wide area network' - WAN);
- iżżomm u tissorvelja n-networks u s-sistemi taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA sabiex tiżgura s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

²⁶ Kwalunkwe implimentazzjoni ulterjuri tista' tkun soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

²⁷ BI-użu tal-eżiti tal-istudju dwar l-Istatistika Avanzata tan-Network imwettaq fl-2017 u l-2018.

2.3. *Żvilupp u implimentazzjoni ta' sistemi ġodda*

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet proposta riveduta għal pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti. Din kienet tinkludi proposta għal regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ, kif ukoll proposta għar-reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen. Ir-Regolament dwar l-EES ġie ppubblikat *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU) fid-9 ta' Diċembru 2017 u daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017. L-eu-LISA ser tibda l-attivitajiet ta' akkwist għall-implimentazzjoni tas-sistema ġdida hekk kif finalment tiġi adottata l-bażi ġuridika (inklużi l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa li bħalissa huma l-fokus tal-ħidma). Sabiex ikun jista' jinbeda malajr l-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, fl-2016 l-Aġenzija bdiet il-kompiti ta' tkejjija meħtieġa, inklużi t-tkejjija ta' abbozz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-EES. L-iżvilupp tal-EES sejjer jinkludi l-iżvilupp tas-software, il-kunsinna tal-ħardwer, is-software tas-sistema u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, u l-iżvilupp tad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa. Il-proġett ta' żvilupp tal-EES sejjer ikun qed jitħaddem b'mod sħiħ fl-2019.

L-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ser ifisser ukoll li trid issir l-evoluzzjoni tal-applikazzjoni tal-VIS/BMS sabiex takkomoda l-bidliet meħtieġa mill-bażi ġuridika tal-EES għall-interkonnnessjoni tal-VIS u tal-EES. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinfluwenzaw is-sistema VIS u jkun jeħtieġu attivitajiet ta' koordinazzjoni u konverġenza vigorużi.

Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet ukoll proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014²⁸, (UE) 2016/399²⁹, (UE) 2016/794³⁰ u (UE) 2016/1624³¹. Fid-19 ta' Settembru 2018, ir-regolamenti ta' stabbiliment li għadhom kif ġew adottati għall-ETIAS³² ġew ippubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2018. Is-sistema adottata ser tirrikjedi li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex jivvjaġġaw qabel jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Abbażi tad-dettalji sottomessi online qabel l-ivvjaġġar, is-sistema għandha tippermetti li jiġi ddeterminat jekk il-preżenza ta' tali persuni fit-territorju tal-Istati Membri toħloq riskju ta' migrazzjoni irregolari, riskju għas-sigurtà jew riskju għas-saħħa pubblika jew le. Ir-regolamenti jipprevedu li jingħata mandat lill-eu-LISA sabiex tiżviluppa u tiżgura l-ġestjoni operattiva teknika tas-sistema. L-iżvilupp tas-sistema ser jibda fl-aħħar tal-2018.

²⁸ Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE.

²⁹ Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

³⁰ Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI.

³¹ Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE.

³² Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS).

Minbarra r-rwol tal-Aġenzija fl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi ġodda (EES u ETIAS) u r-rwol kruċjali tagħha fl-implimentazzjoni teknika u l-iżvilupp tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira, jista' jkun mistenni wkoll li jingħata appoġġ tekniku ad hoc lill-Istati Membri fid-dawl tal-kompiti ġodda stipulati (fl-Artikolu 16) tar-regolament ġdid li jistabbilixxi l-Aġenzija. Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid, l-Aġenzija tista' tintalab tipprowdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet tas-sistema nazzjonali mas-sistemi ċentrali. L-eu-LISA tista' wkoll tkun fdata minn grupp ta' mill-inqas ħames Stati Membri sabiex jiżviluppaw, jiġġestixxu u/jew jospitaw komponent tal-IT komuni li jgħin hom fl-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-obbligi li joħorġu mil-liġi tal-UE dwar is-sistemi deċentralizzati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. L-Aġenzija għandha tiġi fdata b'dawn il-kompiti biss bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni u soġġett għal deċiżjoni pożittiva mill-Bord tat-Tmexxija. L-Istati Membri rikjedenti għandhom jafdaw lill-Aġenzija b'kompiti bħal dawn permezz ta' ftehim ta' delega li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-delega tal-kompiti u l-kalkolu tal-ispejjeż kollha rilevanti u l-metodu tal-fatturazzjoni. Il-kostijiet kollha rilevanti għandhom jiġu koperti mill-Istati Membri parteċipanti.

Il-kriżi migratorja esponiet id-dgħufijiet strutturali fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-asil u l-migrazzjoni: bħala parti mill-isforzi tagħha sabiex tistabbilixxi l-għodod bil-għan li tiġġestixxi aħjar il-flussi migratorji fuq perjodu medju u dak twil, u f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-proposta għar-Riforma ta' Dublin (proposta ta' Dublin IV) tintroduċi sistema ġdida għall-allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-asil fl-UE abbażi ta' gwida għat-tqassim. Is-sistema awtomatizzata ġdida ser tiġi żviluppata sabiex issegwi l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtomatika u tiddistribwixxi (mill-ġdid) l-applikazzjonijiet għall-asil fl-UE kollha. Wara l-ftehim politiku preliminarj mil'huq dwar il-fajl fid-19 ta' Ġunju, jista' jkun mistenni li l-bażi ġuridika meħtieġa tiġi adottata fil-bidu tal-2019 u l-eu-LISA mbagħad tibda l-proċess li tiżviluppa s-sistema.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta leġislattiva għall-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi f'Diċembru 2017. Din il-proposta għal ECRIS-TCN tipprevedi l-ħolqien ta' bażi ta' data ċentralizzata, li tagħmilha possibbli li jiġi vverifikat malajr jekk Stat Membru għandux informazzjoni dwar kundanna ta' ċittadin mhux tal-UE. Wara kwalunkwe tali "hit", l-Istati Membri jitolbu informazzjoni dettaljata dwar il-kundanna permezz tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) deċentralizzata direttament. L-eu-LISA għandha tkun l-awtorità ta' ġestjoni għall-iżvilupp u, aktar tard, għall-ġestjoni operattiva ta' ECRIS-TCN. Barra minn hekk, bħala parti mill-fażi ta' 'qabel il-proġett', l-eu-LISA ser tkompli tappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fil-ħolqien tal-att ta' implimentazzjoni u l-isfidi funzjonali u tekniċi relatati. F'dan ir-rigward, hija qed tappoġġja l-istudju li għaddej tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-linja bażi għal dawn l-atti.

In-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta tal-ECRIS-TCN ser jissoktaw. L-Aġenzija tinsab lesta li tibda l-implimentazzjoni tas-sistema ladarba tiġi adottata l-leġislazzjoni.

2.4. Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju

Sabiex jintlaħaq l-oġettiv strateġiku li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni tal-Aġenzija, l-Aġenzija implimentat approċċ strateġiku sabiex:

- tikkonsolida l-governanza tas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju tal-eu-LISA;
- issaħħa l-operazzjonijiet u s-soluzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li tiffaċċja l-Aġenzija u s-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha matul il-perjodu 2019-2021.

L-għan aħħari tal-istrateġija huwa li jiġi żgurat li l-eu-LISA żżomm l-ogħla livelli ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju sabiex tiżgura l-issodisfar tal-mandat tagħha.

Bl-Aġenzija tiċċaqtaq għal żewġ binjiet ġodda fl-2017 u fl-2018 fi Strasburg u Tallinn, rispettivament, il-pjan ta' ħidma għall-Funzjoni tas-Sigurtà Protettiva sejjer jiffoka fuq il-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' titjib fis-sigurtà fiżika għaż-żewġ binjiet ġodda u għall-ġestjoni tal-kunsinna ta' kuljum tas-servizzi tas-sigurtà għall-protezzjoni tal-persunal, tal-faċilitajiet u tas-siti. Is-sigurtà u s-sikurezza ta' kulħadd fil-bini tal-eu-LISA se jrin jiġu ffaċilitati kontinwament mill-qafas ta' emerġenza, li jinkludi aġġornamenti, taħriġ u eżerċizzji.

Il-Funzjoni ta' Sigurtà Protettiva sejra taħdem ukoll fuq l-irfinar u l-ittestjar kontinwi tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju u rkupru minn diżastri għall-Aġenzija u s-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha permezz tal-implimentazzjoni, it-tħaddim, it-titjib u l-evoluzzjoni kontinwa tal-approċċ minn tarf sa tarf kif deskritt fl-Istrateġija ta' Sigurtà u Kontinwità 2016-2020. Wara eżerċizzji simili għall-VIS u s-SIS li saru qabel fl-2017 u l-2018, rispettivament, sejjer jitwettaq eżerċizzju ta' kontinwità tan-negozju u ta' rkupru minn diżastri għas-sistema Eurodac (li jinvolvi s-sistemi nazzjonali, meta meħtieġa) flimkien mal-Istati Membri.

L-Unità tas-Sigurtà sejra tkompli tipprovdi sigurtà strateġika u sensibilizzazzjoni lill-partijiet ikkonċernati permezz tal-organizzazzjoni tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà³³ sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki, pariri u gwida fost l-esperti tas-sigurtà. Dan sar il-forum li jippermetti l-koordinazzjoni bejn l-eu-LISA, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati.

Il-Funzjoni tal-Garanzija u s-Sigurtà tal-Infurmazzjoni għandha żewġ oqsma ta' ħidma ewlenin fil-perjodu tal-ippjanar. L-ewwel qasam ta' ħidma jikkonċerna l-kunsinna ta' kuljum tas-servizz tal-garanzija u s-sigurtà tal-infurmazzjoni. Dan jinvolvi l-eżekuzzjoni ta' proċessi operattivi ta' servizz ta' infurmazzjoni, bħal regolazzjoni, valutazzjoni, garanzija, protezzjoni, monitoraġġ, rispons u rkupru (abbażi tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni ISO 27001), sabiex jinżamm livell għoli ta' garanzija u sigurtà tal-infurmazzjoni għas-sistemi kollha fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija. It-tieni qasam ta' ħidma jkopri l-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-arkitettura tas-sigurtà teknika f'konformità mal-pjan direzzjonali deskritt fl-istrateġija teknoloġika tal-Aġenzija sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi fuq skala kbira għal inċidenti tas-sigurtà u attakki ċibernetiċi.

L-istrateġija teknoloġika tal-Aġenzija żviluppat l-istat fil-mira għas-servizz ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-infurmazzjoni, li jipprevedi programm komprensiv taċ-ċibersigurtà bbażat fuq:

- Arkitettura standardizzata tas-sigurtà, ibbażata fuq il-kontrolli tas-sigurtà l-aktar rilevanti, avvanzati u effettivi għall-protezzjoni kontra t-tħedd u fuq prattika tajba aċċettata, bħal Kontrolli tas-Sigurtà Kritika taċ-Ċentru għas-Sigurtà tal-Internet (CIS). L-enfasi hija fuq il-punti bażiċi, bħall-"patching" u l-"whitelisting" tal-applikazzjonijiet, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet tekniċi, il-ġestjoni privileġġata u l-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet.
- Monitoraġġ u analitika kontinwi sabiex jipprovdu intuizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji u li tista' tittieħed azzjoni dwarhom sabiex tkompli tittejjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà (eż. analitika tal-imġiba tas-

³³ Netwerk informali ta' esperti tas-sigurtà li jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju, filwaqt li jagħtu pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lill-gruppi konsultattivi, jekk jintalbu.

sistema).

- Il-fiduċja u s-sigurtà tal-komunikazzjoni aktar b'saħħitha permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura taċ-ċavetta pubblika (PKI) interna.

Il-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni jistabbilixxi l-istadji importanti li ġejjin:

- 2017: it-titjib tal-prinċipji fundamentali tal-ġestjoni tas-sigurtà, bħall-ġestjoni tal-vulnerabbiltà, "patching", konfigurazzjoni sigura, is-sigurtà tal-midja portabbli, ir-reġistrazzjoni tal-awditi u l-ittestjar tas-sigurtà. L-iżvilupp tal-kontrolli tas-sigurtà tal-linja bażi abbażi tal-ISO 27001/2 u l-prattika tajba. Il-bidu tal-iżvilupp tal-approċċ ta' monitoraġġ kontinwu permezz tat-tfassil u l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Sigurtà u Ġestjoni tal-Avvenimenti (SIEM) fil-proġett tas-CSI. Il-bidu tat-tfassil u l-iżvilupp tal-proġett tal-PKI.
- 2018: il-kontinwazzjoni tat-titjib tal-prinċipji fundamentali tal-ġestjoni tas-sigurtà permezz tal-iżvilupp ta' pjattaforma awtomatizzata għall-ittestjar tal-vulnerabbiltà teknika, l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ġestjoni privileġġata u ġestjoni tat-theddid għall-intrapriżi (it-tieni fażi tal-infrastruttura tas-sigurtà kondiviża komuni fil-proġett tas-CSI) u l-ikkompletar tal-proġetti ta' SIEM u PKI.
- 2019: l-integrazzjoni tas-sistemi tan-negozju ewlenin fis-SIEM. L-iżvilupp tas-sistema tal-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet (it-tielet fażi tal-infrastruttura tas-sigurtà kondiviża komuni fil-proġett ta' CSI).
- 2020: il-konsolidazzjoni tal-kunċett virtwali ta' Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (aċċess mill-bogħod għat-tabelli operattivi u l-allerti tal-monitoraġġ tas-sigurtà permezz ta' servizz sigur tal-VPN). L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet avvanzati ta' analiżi tal-imġiba tat-theddid (fis-CSI).

Barra minn hekk, bħalissa l-eu-LISA qiegħda tiżviluppa regoli ta' implimentazzjoni dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 46/2017 relatata mas-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi proċeduri anċillari li għandhom jiġu allinjati mal-avviżi ta' sigurtà l-aktar riċenti tal-Kummissjoni dwar il-marki ta' informazzjoni.

2.5. Attivitàjiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)

Matul il-perjodu 2019-2021, l-Aġenzija għandha l-għan li tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-ġestjoni u r-rapportar statutorju (kif stabbiliti fil-bażijiet ġuridiċi attwali għas-sistemi ġestiti minnha). B'mod partikolari, hija ser tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ġej:

- il-pubblikazzjoni kull sena ta' statistika tas-SIS II skont l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni kull sentejn — fl-2019 u fl-2021 — ta' rapport tekniku dwar il-funzjonament tas-SIS II, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Artikolu 46(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni kull sentejn — fl-2020 — ta' rapport tekniku dwar il-funzjonament tal-VIS, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
- is-sottomissjoni kull sena ta' rapport dwar l-attività tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;
- il-pubblikazzjoni kull sena tal-istatistika tal-Eurodac skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Barra minn hekk, eu-LISA sejra tkompli tiżgura l-pubblikazzjoni fil-ĠU fuq bażi annwali tal-lista tal-awtoritajiet

kompetenti, li huma awtorizzati sabiex ifittxu direttament id-data li tinsab fis-SIS II, flimkien mal-lista ta' uffiċċji nazzjonali tas-SIS II u l-Bureaux nazzjonali ta' SIRENE (skont l-Artikolu 31(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-dispożizzjoni parallela fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI), kif ukoll tippubblika kull sena fuq is-sit web tagħha l-lista aġġornata ta' awtoritajiet maħtura, li tispjefika l-unità eżatta li għandha aċċess għad-data rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 27.2 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

L-Aġenzija għandha wkoll l-għan li tikkonforma mal-obbligi ta' rapportar statutorji li joriġinaw minn strumenti legali ġodda (eż. il-ħolqien ta' sistemi ġodda jew l-emendar ta' dawk attwali).

L-eu-LISA ser tkompli tipprovdi taħriġ ta' kwalità għolja dwar l-użu tekniku ta' sistemi taħt il-mandat tagħha (SIS II, VIS, Eurodac) lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-imsieħba minn aġenziji tal-ĠAI u l-Istati Membri. Fil-perjodu 2019-2021, ser issir enfasi speċjali fuq l-istabbiliment u t-tisħiħ sussegwenti tal-portafoll ta' taħriġ relatat mal-EES u l-ETIAS. Il-proċess tal-ħolqien ta' dan il-portafoll ta' taħriġ speċifiku ser jinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'enfasi partikolari fuq il-Frontex (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u l-Kummissjoni Ewropea. Il-grupp fil-mira attwali għat-Taħriġ tal-eu-LISA (operaturi tal-IT nazzjonali, SIRENE u l-evalwaturi ta' Schengen) ser jiġi estiż aktar bi profili ġodda li jirriżultaw minn sistemi ġodda. Wara l-esperjenza miksuba mill-eu-LISA fit-tnejn u t-twassil ta' programmi ġodda għall-Istati Membri li jissieħbu fis-sistemi, l-Aġenzija, flimkien ma' msieħba rilevanti oħrajn, ser theggi programmi ta' taħriġ fl-adeżjoni mfassla apposta li jkollhom l-għan li (a) jwasslu sabiex tinkiseb it-tnejn teknika tal-Istati Membri għall-integrazzjoni fis-sistemi u (b) jappoġġjaw lill-Istati Membri permezz tal-fażi ta' wara l-iskjerament. Jekk jitqies bħala meħtieġ, l-Aġenzija tista' tipprovdi wkoll taħriġ tekniku dwar sistemi taħt il-mandat tagħha lil aġenziji tal-ĠAI oħrajn, filwaqt li tqis il-qafas legali applikabbli.

L-involvement tal-eu-LISA fl-attivitajiet ta' taħriġ fi ħdan iċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE/il-pjattaforma multidixiplinari Ewropea kontra t-theddud kriminali (EMPACT) jew inizjattivi simili relatati mal-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali għandu jkompli. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Aġenzija bħala kontributur attiv għall-pajsaġġ tat-Taħriġ Ewropew, li jipprovdi taħriġ dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira u s-sigurtà interna, għandu jkompli fil-perjodu 2019-2021, wara l-eżempju pożittiv tal-involvement tal-eu-LISA fil-Valutazzjoni tal-Ħtiġi ta' Taħriġ Strateġiku tal-UE, iggwidat mis-CEPOL. Fl-aħħar nett, għall-perjodu 2019-2021, il-komponent tat-tagħlim elettroniku tal-eu-LISA għandu jkompli jsegwi l-iżviluppi kollha fil-qasam tat-tagħlim elettroniku. L-offerta ta' materjal ta' tagħlim elettroniku għat-Taħriġ ser tkompli tiżdied, u għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-introduzzjoni ta' ambjenti ta' simulazzjoni. L-inizjattivi sabiex jingħaqdu s-sistemi ta' ġestjoni tat-tagħlim u konsegwentement, jiġu kondiviżi l-prodotti ta' tagħlim elettroniku bejn l-aġenziji tal-ĠAI għandhom jiġu esplorati aktar. Fl-aħħar nett, għall-perjodu 2019-2021, il-komponent tat-tagħlim elettroniku tal-eu-LISA għandu jissaħħa aktar wara l-iżviluppi kollha fil-qasam tat-tagħlim elettroniku u l-ġestjoni tas-sistemi ta' tagħlim online.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet relatati mar-riċerka mwettqa mill-Aġenzija mistenni jiżdied, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 (flimkien mal-Preambolu 19) tar-regolament ġdid li jistabbilixxi l-Aġenzija. Speċifikament, hija prevista l-implimentazzjoni tal-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jirrigwardaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Minħabba li ser jiġu żviluppati u/jew implimentati diversi sistemi ġodda fil-perjodu 2019-2021, ser isiru sforzi speċifiċi sabiex jiġu inkorporati l-aħħar żviluppi rilevanti fir-riċerka u t-teknoloġija fi proġetti li jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tas-sistemi ġodda, kif ukoll fuq l-evoluzzjoni tas-sistemi li diġà qegħdin joperaw. Barra minn hekk, il-ħidma fuq il-monitoraġġ tar-riċerka sejra tipprovdi ftit mill-għarfien u l-intuwizzjoni fil-fond meħtieġa għall-Aġenzija fl-ażżjonijiet tagħha msemmija qabel bħala sieħba u konsulenta affidabbli dwar suġġetti li

jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. B'dan il-mod, l-isforzi tat-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni sejrini ikunu allinjati ma' u konxji tal-istat attwali tal-iżvilupp tat-teknoloġiji rilevanti.

Is-suġġetti ta' prijorità għall-monitoraġġ tar-riċerka sejrini jiġu identifikati kmieni kull sena fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-monitoraġġ tat-teknoloġija li għandhom jiġu diskussi f'kull okkażjoni mal-gruppi konsultattivi (AGs) tal-Aġenzija, sabiex b'hekk ikun żgurat li l-għarfien l-aktar rilevanti jiġi assimilat sabiex jappoġġja l-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistema. Kif ġie nnotat hawn taħt, is-suġġetti relatati mal-interoperabbiltà probabbilment ser ikunu enfasizzati ħafna u jistgħu jinkludu eżami tal-istandards attwali applikabbli għal, u l-proposti għal, standards ġodda relatati ma' sistemi bijometriċi multimodali. Jista' jiġi propost eżami tal-approċċi bbażati fuq l-analitika sabiex tingħata spinta lill-kwalità tad-data u l-analiżi tar-riskji fid-dawl tal-mandat ġdid propost tal-Aġenzija sabiex ittejjeb il-kwalità tad-data u r-rilevanza tal-analiżi tar-riskji għall-ETIAS. L-Istrateġija ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka tal-Aġenzija 2018-2020, li għandha tiġi approvata mill-Bord tat-Tmexxija, ser telabora approċċi speċifiċi għall-monitoraġġ, it-tixrid ta' għarfien intern u estern u l-inkorporazzjoni tat-tagħlim fi proġetti relatati mas-sistema. Abbażi tal-lezzjonijiet miksuba mill-implimentazzjoni tal-ewwel strateġija bħal din, li ġiet adottata mill-2015 sal-2017, ser isiru sforzi partikolari sabiex tiġi żgurata fidma mill-qrib bejn dawk responsabbli mill-monitoraġġ tar-riċerka u dawk li jaħdmu direttament fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema. Dan ser jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz tal-kollokament tal-persunal responsabbli mill-monitoraġġ tat-teknoloġija direttament fit-timijiet tal-proġetti rilevanti.

Billi l-Aġenzija tiegħu r-responsabbiltà mis-sistemi ġodda u l-isforzi lejn l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT jiżdiedu, huwa antiċipat li l-Aġenzija taħdem dejjem aktar ma' timijiet ta' natura transfunzionali li jeżaminaw is-suġġetti, il-proċeduri u t-teknoloġiji li huma orizzontali fost is-sistemi tal-IT. B'hekk, mingħajr prelazzjoni tal-analiżi dettaljata li għandha titwettaq fuq suġġetti ta' prijorità li ssir referenza għalihom fil-paragrafu preċedenti, il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija fil-perjodu 2019-2021 mistenni jiffoka b'mod sinifikanti fuq it-teknoloġiji relatati mal-interoperabbiltà u t-teknoloġiji assoċjati ma' servizzi applikabbli orizzontalment fis-sistemi tal-IT kollha differenti. L-Uffiċjal/it-tim għall-Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija se jsejjer ikollu wkoll rwol importanti fit-timijiet transfunzionali nnotati.

Is-sensibilizzazzjoni esterna sejra tkompli tkun element importanti fl-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka. Il-prattika ta' rapportar pubbliku biannwali tal-eżiti tal-monitoraġġ tat-teknoloġija sejra tkompli; b'mod partikolari, l-immirar tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija li għandhom ikunu konxji mill-iżviluppi rilevanti sabiex jiżguraw kontribut aġġornat għad-diskussjonijiet fil-livell tal-UE, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-IT nazzjonali sabiex tkun taqbel ma' dik fil-livell ċentrali. Ir-rapporti sejrini ikunu disponibbli wkoll għall-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li jissodisfaw l-obbligi legali tal-Aġenzija f'dan ir-rigward.

2.6. *Governanza korporattiva*

L-Aġenzija ser tkompli żżomm u tirfina l-proċessi li hemm fis-seħħ għat-tmexxija operattiva tas-sistemi billi ssegwi l-istandards u l-aħjar Prattika għall-ITIL/ITSM. B'hekk, l-eu-LISA sejra tkun tista' tidentifika u timplimenta ulterjorament attivitajiet maħsuba sabiex itejbu l-kwalità tas-servizzi u l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi tal-

ITSM u l-mudell tas-servizzi stabbiliti, b'hekk tittejjeb b'mod sinifikanti l-integrazzjoni tal-proċess³⁴ kif ukoll il-kosteffettività tal-kunsinna tas-servizzi tal-IT mingħajr ma jiġi ssagrifikat is-sodisfazzjon tal-klijenti. Filwaqt li tevolvi kontinwament il-mudell operattiv tagħha lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-ITSM, minbarra l-proċessi ta' kunsinna tas-servizzi, il-proċessi ta' riżoluzzjoni u l-proċessi ta' kontroll, l-Aġenzija sejra tiżviluppa u timplimenta l-proċessi tar-relazzjonijiet meħtieġa, jiġifieri l-ġestjoni tad-domanda, il-ġestjoni tar-relazzjoni tan-negozju u l-ġestjoni tal-fornituri/bejjiegħa, bl-għan li tikseb allinjament ferm aħjar mar-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, sabiex b'hekk timmira li tiżgura livell ġenerali ogħla ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati. Sussegwentement, it-tiżiħ tal-proċess integrat u tal-mudell ta' servizz tal-Aġenzija għandu l-għan li jipprovdi kontroll kontinwu ħafna aktar effiċjenti u effettiv, effiċjenza akbar u opportunitajiet għal titjib kontinwu tas-servizzi kollha tal-eu-LISA.

B'mod parallel, l-Aġenzija sejra tfittex li ddaħħal fis-seħħ kejl tal-proċess u s-servizz imtejjeb b'mod sinifikanti permezz tal-istabbiliment tas-siġra tal-kejl tas-servizz tal-Aġenzija u l-awtomatizzazzjoni tar-rapportar dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) rilevanti u FLS/FLO. Sabiex b'hekk tfittex effettività akbar, l-Aġenzija sejra tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-użu xierqa tal-bażi ta' data tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati. Dawn l-attivitajiet ipplanati kollha se jrin ikunu bbażati fuq il-proċess kontinwu ta' titjib tas-servizz immexxi b'mod effiċjenti.

L-eu-LISA ser tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha sabiex tippjana u timplimenta l-proġetti u l-programmi tagħha, billi ttejjeb il-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha, timplimenta l-għodod meħtieġa sabiex issostni l-attività tagħha u tibni mekkaniżmi marbuta sewwa mal-governanza tal-Aġenzija.

Sabiex jittejjbu l-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ u t-twassil tas-servizz, huma pplanati bidliet kemm fl-għodod interni li jappoġġjaw l-organizzazzjoni u l-integrazzjoni tal-proċess intern, kif ukoll fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp. L-iskop huwa li tiġi introdotta għodda speċifika disponibbli fis-suq sabiex tappoġġja l-awtomatizzazzjoni tal-fażijiet jew l-oqsma differenti involuti fiċ-ċiklu tal-iżvilupp u l-ITSM, bħal analiżi u tfassil tar-rekwiżiti, kontroll tal-verżjoni, ittestjar tas-software, integrazzjoni ulterjuri tal-proċess u awtomatizzazzjoni ulterjuri tar-rapporti.

Filwaqt li jitkompla l-approċċ meħud fis-snin preċedenti, l-enfasi primarja tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija għall-perjodu 2019-2021 sejra tkun li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA. Għal dan l-iskop, huwa sejjer jiġi emendat kif xieraq, jekk l-Aġenzija tiegħu r-responsabbiltà għas-sistemi ġodda, sabiex jiġu pprovduti konsultazzjoni u ġestjoni xierqa bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha.

B'hekk, il-qafas ta' governanza tal-eu-LISA sejjer ikompli jikkonsisti f'elementi bħall-ġestjoni tar-riskji korporattivi, il-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-KPI korporattivi, il-ġestjoni tal-konformità ma' kontrolli interni u l-ġestjoni tal-kwalità korporattiva, kif ukoll jipprovdi pariri legali sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet tan-negozju rilevanti u li l-Aġenzija taderixxi mal-kunċett tal-prattika u t-twassil ta' governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha.

Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra timmatura l-qafas ta' governanza tagħha billi temenda u taġġorna l-pjan direzzjonali ta' governanza tal-ITIL/ITSM tagħha, abbażi ta' qafas tal-aħjar prattiki għall-adozzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT, skont ir-rekwiżiti eżistenti u ġodda tal-partijiet ikkonċernati. Minbarra dan, għall-

³⁴ L-integrazzjoni tal-proċess hija punt ewleni fl-aħjar prattiki tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT.

perjodu 2019-2021, l-aġġornamenti kontinwi għas-servizzi u l-proċessi tal-Aġenzija sejr in jibqgħu komputu importanti sabiex jinżammu l-effiċjenza u l-effettività tal-eu-LISA fit-twassil tas-servizzi tagħha. Fir-rigward tal-eżiti u r-riżultati relatati mal-ewwel implimentazzjoni ta' qafas għall-ġestjoni tal-kwalità korporattiva fl-2017, l-Aġenzija sejra tkompli l-isforzi tagħha f'dan il-qasam fl-2019 billi tħejji s-sisien u tippjana għal eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità ta' segwitu, twettaq il-valutazzjoni fl-2020 u tikseb ir-riżultati inizjalment implimentati matul l-2020 u l-2021 u wara.

Ir-rendiment tal-kapaċitajiet imsemmija hawn fuq sejjer ikun inkorporat u marbut maċ-ċiklu tal-ippjanar u r-rapportar ġenerali tal-Aġenzija, li sejjer jappoġġja b'mod trasparenti lill-Aġenzija u lill-partijiet ikkonċernati tagħha fit-twassil tar-riżultati skont ir-rekwiżiti u l-aspettattivi. Il-produzzjoni u r-rapportar kontinwi ta' tali informazzjoni dwar il-ġestjoni, abbażi ta' aspetti ta' governanza korporattiva, sejr in ikompli jgħinu lid-Direttur Eżekuttiv fil-ġestjoni tar-rendiment tal-organizzazzjoni kollha u sejr in jippermettu lill-Bord tat-Tmexxija u lill-gruppi konsultattivi jaqdu r-rwoli tagħhom ta' "sfida u appoġġ" lid-Direttur Eżekuttiv. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra ttejjeb l-applikazzjoni tagħha għall-ippjanar sabiex tintegra d-data fil-pjattaforma tal-kalkolu tal-ispejjeż ibbażati fuq l-attività u l-ibbaġitjar, li għandha tkun lesta sal-aħħar tal-2018. Żvilupp importanti ieħor sejjer ikun l-immudellar tal-istadji importanti tal-ħlas assoċjati mar-riżultati tanġibbli fil-ġestjoni tal-proġetti, li mistenni jsaħħaħ l-ippjanar pluriennali u l-monitoraġġ tal-approprijazzjonijiet ta' pagament. Dawn l-inizjattivi, bħala s-sisien għal sistema korporattiva ta' informazzjoni u ġestjoni (CIMS), sejr in jarrikkixxu l-ippjanar, il-monitoraġġ u r-rapportar fil-qasam finanzjarju, jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati sewwa billi jistrutturaw u jippreżentaw informazzjoni dwar il-ġestjoni bbażata fuq ħtiġijiet definiti minn qabel u, b'hekk, jikkontribwixxu sabiex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza.

L-enfasi tal-ippjanar operattiv sejra tkun fuq l-irfinar tal-użu tal-mudell aġġornat tad-dokument ta' programmar uniku sabiex jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, kif ukoll fuq l-użu tal-approċċ sabiex jitwettaq aħjar l-ippjanar intern tal-ħidma u l-użu tar-riżorsi tal-unitajiet u tas-setturi. Sejjer isir sforz partikolari sabiex tissaħħaħ u tiġi rfinuta l-evalwazzjoni ex-ante ta' attivitajiet b'impatt sostanzjali abbażi tad-deċiżjoni rilevanti tal-Bord tat-Tmexxija u r-regoli applikabbli. L-Aġenzija sejra tkompli ttejjeb l-applikazzjoni tagħha għall-awtomatizzazzjoni tal-ġbir ta' informazzjoni għall-ippjanar u r-rapportar annwali. Ser jitwettaq rieżami regolari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul. L-Aġenzija sejra tkompli tinforma lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-pubbliku ġenerali dwar il-prstazzjoni tagħha billi tippubblika regolament ir-rapporti ta' attività annwali tagħha u rapporti interim oħrajn, fejn ikun meħtieġ.

Il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv sejr in ikompli jistrieħu fuq il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA għal garanzija indipendenti u oġġettiva u għarfien dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-governanza, il-ġestjoni tar-riskji u l-proċessi ta' kontroll intern. L-IAC għandha l-għan li tgħin lill-eu-LISA tilħaq l-għanijiet annwali u pluriennali u l-oġġettivi strateġiċi tagħha.

L-eu-LISA ser tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, tospita l-missjonijiet ta' awditjar tagħhom u tieħu l-miżuri sabiex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, kif xieraq. L-IAC sejra tkompli tikkoordina l-ħidma f'dan il-qasam.

Fl-2019, l-IAC sejra timplimenta l-ewwel awditi ppjanati bit-tieni Pjan tal-Awditjar Intern Strateġiku maħruġ wara l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-awditjar fl-2018. L-IAC biħsiebha wkoll tistabbilixxi l-kapaċità li twettaq awditi regolari tal-IT sabiex tallinja ruħha mal-ġestjoni tal-proġetti u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija. B'superviżjoni mill-qrib u konformità mal-istandards tal-awditjar, l-IAC sejra tikkuntratta l-awditi tal-IT billi tuża kuntratt qafas eżistenti jew billi tidba proċeduri ta' akkwist ġodda.

Fl-2019, l-eu-LISA sejra timplimenta l-livelli li jmiss tal-Mudell tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (li għandu livelli minn 1 sa 5), mil-livell 4 (ġestit) sal-livell 5 (ottimizzat), sabiex b'hekk tuża l-IAC bħala katalista għat-titjib tal-

effettività u l-effiċjenza tagħha billi ttipprovdi għarfien u rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq analiżijiet u valutazzjonijiet tad-data u tal-proċessi operazzjonali.

2.7. Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni

F'termini tat-trawwim ta' kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-eu-LISA sejra tkompli taġixxi bħala sieħba u konsulenta fdata u affidabbli fuq suġġetti li jappartjenu għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija ser tkompli ssegwi l-ħidma tal-korpi preparatorji tal-Kunsill rilevanti li jindirizzaw il-proposti legali, l-inizjattivi operazzjonali u materji oħrajn rilevanti għall-Aġenzija, kif ukoll il-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew, meta tiġi mistiedna tagħmel dan. L-esperti tal-Aġenzija ser ikunu disponibbli sabiex jiżguraw li l-għarfien u l-esperjenza tal-eu-LISA fl-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira jistgħu jservu bħala bażi għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat sewwa u bbażat fuq il-fatti. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkompli ttipprovdi l-għarfien espert tekniku tagħha u tikkondividi l-għarfien tagħha mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-presidenzi tal-Kunsill tal-UE. Din il-ħidma ser tinkludi, inter alia, it-tixrid ta' rapporti ta' riċerka, operazzjonali u ta' statistika skont ir-rekwiżiti leġiżlattivi, l-għoti ta' taħriġ ta' kwalità għolja u l-għoti ta' pariri f'diskussjonijiet ma' korpi ta' governanza tal-eu-LISA. Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament ġdid tal-eu-LISA, li jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jitolbu appoġġ u pariri ad hoc mill-Aġenzija, l-Aġenzija sejra taħdem sabiex tiżgura li l-għarfien akkumulat mill-attivitajiet u l-operazzjonijiet tagħha jkun disponibbli fil-każ ta' talbiet bħal dawn.

L-eu-LISA sejra tkompli żżomm relazzjonijiet effettivi u mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u sejra teżamina l-iżvilupp ulterjuri tas-sħubija eżistenti. F'dan ir-rigward, sejr in jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni sħaħ tad-dispożizzjonijiet tal-memorandum ta' qbil bejn l-eu-LISA u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME) konkluż fl-2014. L-għanijiet ġenerali sejr in jinkludu l-koordinazzjoni reċiproka tal-azzjonijiet, il-ħolqien ta' sinerġiji u l-iżgurar ta' djalogo regolari.

Sejra tinżamm ukoll kooperazzjoni effettiva mal-Istati Membri u mal-Pajjiżi Assoċjati bħala l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-eu-LISA fir-rigward tal-attivitajiet u s-servizzi tal-Aġenzija. L-Aġenzija sejra tfittex li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom tagħha mal-konsulenti tal-ĠAI u li tintensifika l-kooperazzjoni mal-korpi diplomatiki tal-Istati Membri tal-UE. L-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni esterna mfassla apposta sejra tkun element importanti ta' din il-ħidma. Is-sensibilizzazzjoni tas-snin preċedenti sejra tiġi intensifikata fil-perjodu li ġej, b'mod partikolari sabiex tali partijiet ikkonċernati jinżammu aġġornati dwar il-bidliet rapidi assoċjati mal-iżvilupp tas-sistema ġdida li għaddejjin bħalissa.

L-aġenziji tal-UE sejr in ikomplu jkunu grupp importanti ta' partijiet ikkonċernati u msieħba tal-eu-LISA. L-eu-LISA sejra tkompli bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' diversi aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni bħal CEPOL fl-2013, Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) fl-2014, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Europol fl-2016 u l-Eurojust fl-2017. Sejra titkompla kooperazzjoni mill-qrib f'livell strateġiku ma' aġenziji oħrajn mill-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), b'mod partikolari permezz tan-netwerk ta' aġenziji tal-ĠAI. Barra minn hekk, eu-LISA sejra taħdem lejn il-konsolidazzjoni ulterjuri tal-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerke u l-Infurmazzjoni (ENISA) abbażi tal-

arranġament ta' ħidma mill-2017. L-eu-LISA sejra tkompli tikkollabora b'mod attiv u tipparteċipa fl-attivitajiet tan-netwerk ta' aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u tan-netwerk usa' ta' aġenziji tal-UE.

L-Aġenzija tista' tfittex ukoll li tiżviluppa l-kondiviżjoni tas-servizzi ma' aġenziji oħrajn fl-ispirtu tal-approċċ komuni ³⁵ u wara l-adozzjoni tal-mandat rivedut tagħha (jiġifieri l-Artikolu 41(4) Kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni). Soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, fil-limiti tal-mandati rilevanti u mingħajr preġudizzju għall-kompiti ewlenin tagħhom, is-servizzi (li jridu jiġu investigati) li għandhom jiġu pprovduti lil aġenziji oħrajn jistgħu jinkludu l-ospitar ta' infrastruttura ta' riżerva, il-forniment ta' softwer, pjattaforma u/jew infrastruttura u/jew l-għoti ta' pariri u appoġġ fil-kuntest tal-ġestjoni operattiva sigura ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-allinjament mal-portafoll ta' servizzi tal-Aġenzija sejjer jiżgura li tali forniment ta' servizzi jsir b'mod effiċjenti u simplifikat.

Sejrin jittieħdu aktar passi sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-akkademiċi, mal-entitajiet ta' riċerka u mal-industrija fuq skala Ewropea u globali. L-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija fir-riċerka sabiex tagħmilha responsabbli mill-ġestjoni ta' xi elementi tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni sejra ġgħib opportunitajiet ġodda f'dan ir-rigward u għandha tirriżulta f'kollaborazzjonijiet possibbli li sejrin ikunu ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti. Sejra tiġi elaborata Strateġija ġdida ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka sabiex tiddelinea kif dawn ir-responsabbiltajiet ġodda jistgħu jissodisfaw bl-aħjar mod l-oġettivi tal-Aġenzija. Ġeneralment, l-Aġenzija tagħmel sforzi konsistenti sabiex tmexxi l-isforzi tar-riċerka lejn eżiti li jkunu ta' benefiċċju għall-ħidma tagħha u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, filwaqt li tissodisfa l-għanijiet iddikjarati tal-programmi nfushom. Il-kuntatti mill-qrib stabbiliti permezz ta' din il-ħidma sejrin jiżguraw l-adozzjoni rapida tal-għarfien dettaljat li jeħtieġ li jiġi inkorporat fil-ħidma għall-evoluzzjoni tas-sistemi u l-għoti ta' appoġġ lill-partijiet ikkonċernati.

L-iskop u l-enfasi ewlenin tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA sejrin jibqgħu l-istess u jsegwu l-prinċipji stabbiliti fl-Istrateġija ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni Esterna tal-eu-LISA għall-perjodu 2017-2020. Il-komunikazzjoni esterna sejra tipprovi, permezz ta' sforzi ta' komunikazzjoni integrati, valur miżjud lir-rwol ewleni tal-Aġenzija kif definit fid-dispożizzjonijiet legali tal-mandat aġġornat. L-oġettivi, l-għanijiet u l-messaġġi ta' komunikazzjoni sejrin ikunu assoċjati mal-oġettiv strateġiku ġenerali tal-eu-LISA għall-perjodu 2018-2022 u lil hinn u sejrin jimmiraw li jżidu l-viżibbiltà, il-kredibbiltà u l-fehim preċiż tal-ħidma tal-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati esterni tagħha u l-pubbliku ġenerali. It-titjib tar-relazzjonijiet trasparenti u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha sejjer ikun kompit u kontinwu li jinvolvi relazzjonijiet proattivi mal-udjenzi fil-mira bħall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-industrija. Barra minn hekk, billi tkun responsabbli lejn il-pubbliku ġenerali, l-Aġenzija sejra tagħmel użu minn formati aġġornati sabiex ixxerred informazzjoni online u offline regolari, fattwali u f'waqtha b'mod li tinftiehem faċilment dwar il-mandat, l-attivitajiet u r-responsabbiltajiet miżjuda tagħha.

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa u teżegwixxi komunikazzjoni interna bl-għan li trawwem l-istandards, il-kultura u l-valuri korporattivi tal-eu-LISA. L-eu-LISA sejra tippromwovi aktar il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-informazzjoni, kif ukoll inizjattivi ta' involviment tal-impjegati fis-siti differenti tal-Aġenzija. Il-komunikazzjoni

³⁵ Anness għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tat-23 ta' Lulju 2012, il-punt 23. Disponibbli fuq: https://europa.eu/european-union/sites/europaefiles/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

interna sejra tiġi ġestita skont l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA għall-perjodu 2016-2020 u sejjer jinbenda aġġornament tal-istrateġija għall-5 snin li jmiss. Sejra ssir enfasi fuq l-iffaċilitar ulterjuri ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bejn il-persunal u l-maniġment billi jsir użu mill-varjetà ta' għodod ta' komunikazzjoni disponibbli u jinbdew formati aġġornati għall-benefiċċju tal-persunal.

2.8. *Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà*

L-Aġenzija sejra tkompli tirfina l-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha billi tiżgura l-ġestjoni effettiva u trasparenti tar-riżorsi finanzjarji u baġitarji disponibbli. B'mod partikolari, l-eu-LISA sejra tkompli timmira li tilħaq il-miri maħsuba fl-eżekuzzjoni tal-baġit permezz ta' preċiżjoni mtejbja tat-tbassir baġitarju tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli timmonitorja u tevolvi l-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tagħha, filwaqt li tistabbilixxi l-elementi li huma meħtieġa għall-iżvilupp ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-kalkolu tal-ispejjeż u l-ibbaġitjar ibbażati fuq l-attività, skjerati fl-2018.

Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' akkwist tal-Aġenzija sejrini jiġu ssimplifikati aktar billi jiġu kkonsolidati l-proċeduri tagħha, inklużi proċeduri elettroniċi, jiġifieri l-offerti elettroniċi u s-sottomissjoni elektronika. L-attivitajiet għandhom l-għan ukoll li jżommu u jtejbju l-kapaċitajiet sabiex jiġu pprovduti pariri profiċjenti dwar l-aħjar Prattiki u sabiex tiżdied it-trasparenza tal-ipprezzar fil-kuntratti li jappoġġjaw is-sistemi. Fil-perjodu 2019-2021 sejra tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata l-aġilità meħtieġa bil-għan li jiġu akkwistati prodotti u servizzi jew jinkisbu riżorsi esterni addizzjonali bl-għan li jkun jistgħu jiġu indirizzati l-prijoritajiet politiċi li qegħdin jevolvu fl-UE u l-impatt tagħhom fuq l-eu-LISA b'mod f'waqtu, sabiex b'hekk jiġi ottimizzat il-kost matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kuntratti.

2.9. *Faċilitajiet u servizzi korporattivi*

Sabiex jiġu indirizzati ż-żieda fl-ammont ta' xogħol u l-għadd ta' persunal meħtieġ sabiex jaħdmu fuq is-sit, fl-2014 ġie ffirmat kuntratt ta' kostruzzjoni għat-tisħiħ tas-sit operazzjonali fi Strasburgu, u l-proġett ta' rikostruzzjoni jinsab fl-istadju finali tal-aċċettazzjoni tiegħu.

Madankollu, l-Aġenzija qiegħda tistenna żieda sinifikanti oħra fl-għadd ta' impjegati (kif ukoll fil-kuntratturi regolament preżenti fuq is-sit) relatati mas-sistemi u l-kompiti ġodda assenjati lill-Aġenzija. Abbażi tal-informazzjoni attwali, l-għadd ta' persunal fis-sit operazzjonali ta' Strasburgu sejjer jikber minn 158 fl-2018 għal 287 fl-2022, żieda li hija inkompatibbli mad-daqs tas-sit operazzjonali anki wara li jiġi ffinalizzat il-proġett ta' rikostruzzjoni. Minbarra l-persunal statutorji msemmi hawn fuq, l-Aġenzija tipprovdi spazju tax-xogħol lil diversi kuntratturi għall-preżenza tagħhom ta' kuljum. Huwa mistenni li jkun hemm preżenti sa 140 kuntrattur fuq is-sit. Għalhekk, l-eu-LISA sejra tiżgura sa 427 spazju tax-xogħol fis-sit operazzjonali fi Strasburgu. Barra minn hekk, bħala riżultat tal-mandat estiż tal-eu-LISA — is-sistemi ġodda li sejrini jiġu fdati lill-Aġenzija u s-servizzi ġodda li sejrini ikunu disponibbli għall-Istati Membri — hija meħtieġa kapaċità taċ-ċentru tad-data akbar minn dik li teżisti llum il-ġurnata, jew li setgħet kienet maħsuba li hija neċessarja fl-2014, meta kien ġie ddisinjat l-ewwel proġett ta' bini. Barra minn hekk, huma mistennija bidliet sinifikanti fis-sistemi diġà ġestiti mill-eu-LISA.

Meta titqies l-esperjenza miksuba u l-lezzjonijiet meħuda mill-proġett ta' rikostruzzjoni attwali, l-eu-LISA għandha l-ħsieb li tiddelega d-disinn relatat mal-proġett ta' bini lil awtorità kontraenti, magħżula permezz ta' proċedura ta' akkwist. L-awtorità kontraenti ddelegata sejra tingħata kuntratt ta' mandat sabiex taġixxi f'isem l-Aġenzija u tiġġestixxi l-proġett b'mod ġenerali, billi tissostitwixxi lill-eu-LISA bħala d-detentur tal-proġett, li mingħandha hija tirċievi linji gwida u struzzjonijiet dwar l-oġettivi li għandhom jintlaħqu. Fis-snin ta' wara, ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni sejrini jiġu eżegwiti minn parti terza, magħżula permezz ta' proċedura ta' akkwist separata.

L-istudju ta' fattibbiltà ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija fl-2017 ipprovda indikazzjonijiet rigward skeda ta' żmien u baġit provviżorji tal-proġett. Madankollu, għandhom jitwettqu valutazzjoni u studji aktar dettaljati bħala parti minn każ ta' negozju, li jinsab għaddej waqt li qiegħed jinkiteb dan id-dokument u li sejjer jiġi ppreżentat f'Novembru 2018.

Filwaqt li jitqiesu, minn naħa waħda, l-iskeda ta' żmien għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira għodda fdati lill-Aġenzija (EES, ETIAS, ECRIS, SIS (riformulazzjoni) u Eurodac (riformulazzjoni)) u l-għadd miżjud ta' persunal u kuntratturi mistennija fil-perjodu 2019-2021, u, min-naħa l-oħra, l-iskeda ta' żmien għat-tieni rinfurzar tas-sit operazzjonali, sejjer ikun meħtieġ li jiġi pprovdut spazju tal-uffiċċju temporanju għall-għadd miżjud ta' persuni li jaħdmu fis-sit operazzjonali fi Strasburgu sakemm isir disponibbli l-ispace tal-uffiċċju għdid. Sabiex tindirizza l-ħtieġa għal spazju tax-xogħol u, b'mod partikolari, għall-espansjoni taċ-ċentru tad-data, l-eu-LISA sejra tuża soluzzjonijiet temporanji sakemm jiġi ffinalizzat il-proġett għall-estensjoni għdida tas-sit tekniku, bħal spazju għall-uffiċċji mikri u faċilitajiet modulari ta' ċentru tad-data.

Fir-rigward tal-kwartieri ġenerali (HQ) f'Tallinn, l-Aġenzija mxiet lejn il-bini għdid tagħha fl-2018, li mistenni jkun operattiv għal kollox fl-2019. Jekk ikun meħtieġ, sejjer isir titjib fl-ambjent tax-xogħol minn perspettiva funzjonali, flimkien max-xogħlijiet ta' manutenzjoni regolari meħtieġa skont l-oġettivi strateġiċi tal-Aġenzija.

Sejjer isir sforz sostanzjali ulterjuri sabiex jiġu implimentati diversi miżuri ambjentali bħaċ-ċertifikazzjoni u l-kalkolu tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) u sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju. Permezz tal-kooperazzjoni ta' diversi entitajiet tal-eu-LISA, is-saħħa u s-sikurezza sejjrin ikunu qasam ta' prijorità għolja fis-siti kollha permezz tal-implimentazzjoni ta' kuljum tal-azzjonijiet u l-miżuri preventivi rilevanti. B'mod parallel, f'dan il-perjodu għandu jitlesta l-ammeljorament tal-uffiċċju ta' kollegament tal-Aġenzija fi Brussell, li għandu jiġi rilokat għall-bini tal-uffiċċji ta' kollegament konġunt flimkien ma' aġenziji oħrajn tal-ĠAI. Għandha tiġi stabbilita katina tal-loġistika u l-provvisti ddedikata għall-uffiċċju ta' kollegament.

Servizzi tal-IT korporattivi

Il-prijoritajiet ewlenin fl-2019 sejjrin ikunu l-istabbiliment u t-tnedija ta' ftehim dwar iż-żamma ta' tħaddim f'kundizzjoni tajba għall-manutenzjoni regolari tas-sistema korporattiva, tan-netwerk u l-ħażna u tal-infrastruttura ta' virtwalizzazzjoni f'Tallinn, fi Strasburgu u fl-uffiċċju ta' kollegament fi Brussell. B'mod parallel, l-evoluzzjoni tas-sistema korporattiva, tan-netwerk u l-ħażna u tal-arkitettura ta' virtwalizzazzjoni tal-Aġenzija sejra tkompli tiġi segwita u miksuba b'firxa ta' inizjattivi varji. Barra minn hekk, sejjrin issejtnu l-personalizzazzjoni u l-immodernizzar ta' applikazzjonijiet tal-IT korporattivi — jiġifieri l-pjattaformi ta' kollaborazzjoni, l-għodod ta' komunikazzjoni u ġestjoni tal-proġetti — kif ukoll il-kapaċitajiet tal-produzzjoni sħiħa tas-Sistema Avanzata ta' Rekords (ARES) u l-proġetti pilota Sysper tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dokumenti u tar-riżorsi umani. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha l-għan li tiżviluppa aktar l-arkitettura tal-intrapriżi tal-eu-LISA matul dan il-perjodu — eżerċizzju li nbda f'nofs l-2017.

Sal-aħħar tal-2020 huwa previst li tinkiseb soluzzjoni mtejbja għall-irkupru minn diżastri bl-istabbiliment ta' disponibbiltà għolja għall-maġġoranza tal-komponenti tal-infrastruttura tal-IT korporattiva.

Fl-2021 sejjrin jitwettqu s-sostituzzjoni u l-immodernizzar tal-infrastruttura korporattiva tal-Aġenzija wara perjodu ta' 5 snin għall-biċċa l-kbira tal-komponenti. Barra minn hekk, l-enfasi sejra tkun fuq il-forniment ta' kapaċitajiet ta' komunikazzjoni aħjar, aktar sikuri u aktar mgħaġġla fir-rigward tal-komunikazzjoni bl-email, bit-telefon, bl-internet u bil-web, kif ukoll fuq it-twassil ta' Aġenzija li kemm jista' jkun ma tagħmilx użu mill-karti permezz tal-awtomatizzazzjoni ta' għadd ta' servizzi fil-katalogu tas-Servizzi Korporattivi.

2.10. *Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani*

L-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ (HRU) tappoġġja lill-Aġenzija li qiegħda tiżviluppa malajr billi tiżgura r-reklutaġġ f'waqtu tal-persunal għall-kompiti u l-proġetti assenjati lill-Aġenzija u s-sostituzzjoni tal-membri tal-persunal li jitolqu bħala riżultat tad-dawran naturali. L-attivitajiet fil-qasam tar-riżorsi umani (HR), bħall-istabbiliment ta' drittijiet u intitolamenti, pagi u pagamenti, liv u proċessi ta' valutazzjoni u riklassifikazzjoni, iridu jitwettqu b'mod preċiż u fi żmien debitu. Barra minn hekk, l-għodod tal-IT rilevanti għall-HR sejin jiġu żviluppati u implimentati aktar. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet u l-kompiti ta' tagħlim u żvilupp ser jiġu eżegwiti f'konformità mal-pjan miftiehem.

Għall-perjodu 2019-2021, l-HRU identifikat tliet oqsma ta' attivitajiet ewlenin li jkopru l-azzjonijiet kummerċjali ta' kuljum fil-qasam tal-proġetti u l-ġestjoni tar-riżorsi umani, deskritti hawn taħt.

Ottimizzazzjoni u ġestjoni tajba tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, il-proċessi u l-prattiki organizzazzjonali f'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet rilevanti.

L-għan primarju tal-ottimizzazzjoni huwa li jiġi żgurat li r-riżorsi adegwati ppjanati jkunu disponibbli matul dan il-perjodu ta' tkabbir u li l-HRU nnifisha tkun ippreparata għall-isfida tal-għadd dejjem jiżdied ta' persunal. Fl-2019, l-eu-LISA sejra tkompli tirrekluta impjegati addizzjonali sabiex jiġu allokat li lill-Aġenzija skont ir-regolament tat-twaqqif rivedut u għall-fażi li jmiss tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-ETIAS. Fl-istess ħin, l-istruttura tal-organizzazzjoni tista' tgħaddi minn bidliet, li l-entità jeħtieġ li tkun kapaċi tirrispondi għalihom b'mod flessibbli. Billi l-eu-LISA qiegħda tistenna żieda ta' madwar 75 % fl-għadd ta' persunal fis-snin li ġejjin minħabba l-mandat tagħha li qiegħed jespandi, il-piż amministrattiv tal-HRU se jkun jiżdied kważi bid-doppju. L-ammont ta' xogħol addizzjonali jeħtieġ li jiġi assorbit primarjament permezz tal-ottimizzazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza amministrattiva. Matul dan iż-żmien, se jkun kritiku wkoll li r-regolamenti u r-regoli jiġu osservati mill-Aġenzija b'mod ġenerali u mill-HRU b'mod partikolari. L-attivitajiet imwettqa fis-snin preċedenti sejin ikomplu u l-proġetti mibdija fis-snin preċedenti — pereżempju, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kompetenza jew l-iżvilupp tal-politika dwar is-saħħa u s-sikurezza — għandhom jikkomplew u jiġu konklużi kif ipplanat. L-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-persunal il-ġdid sejin ikunu fiċ-ċentru tal-ġestjoni tar-riżorsi umani matul dawn is-snin.

L-iżvilupp tal-għodod tal-IT għar-riżorsi umani u l-implimentazzjoni tagħhom.

Għandhom jiġu implimentati moduli bażiċi ta' Sysper fl-Aġenzija u dawn għandhom jibdeu jintużaw mill-HRU u mill-impjegati sal-aħħar tal-2019 bħala parti mill-approċċ tal-eu-LISA għall-awtomatizzazzjoni ta' dmirijiet amministrattivi repetittivi bl-użu ta' għodod tal-IT moderni. L-għan huwa li jiġu adottati pjanijiet dwar liema moduli addizzjonali għandhom jinkisbu u jiġu implimentati matul is-snin ta' wara.

Fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-impjegati kollha tal-eu-LISA, l-attenzjoni sejra tinżamm fuq ir-reklutaġġ, l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-membri tal-persunal ġodda fl-organizzazzjoni sabiex ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom biżżejjed fil-ħidma u jilhqqu l-oġettivi stabbiliti mill-Aġenzija.

Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal).

L-HRU sejra tkompli tipprovdi korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA sabiex ikun jista' jwettaq aħjar u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

2.11. Protezzjoni tad-data

Ir-regolament ġdid li jħassar ir-Regolament 45/2001³⁶, mistenni f'Mejju 2018, jista' jinfluwenza l-mod kif hija strutturata l-ħidma tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) u kif din qiegħda titwettaq illum il-ġurnata. Jeħtieġ li jiġi vvalutat l-impatt tiegħu u kif dan se jjer jiġi implimentat fi ħdan l-eu-LISA u huwa possibbli li jiġu stabbiliti metodi u proċessi ġodda li għandhom ikunu konformi mal-bidla.

Bħala konsegwenza, ser ikunu meħtieġa regoli ta' implimentazzjoni ġodda dwar l-ipproċessar ta' data personali, li jwasslu għar-reviżjoni ta' dawk attwali kif approvati mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA. Filwaqt li jqis il-perjodu tranżitorju, l-UPD qiegħed jippjana li joħroġ linji gwida, għodod u proċeduri xierqa sabiex jorganizza l-kooperazzjoni futura mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid (eż. kontrolluri, kontrolluri konġunti, proċessuri, suġġetti tad-data), sabiex b'hekk jiżgura l-konsistenza fl-implimentazzjoni tiegħu. Il-privatezza mid-disinn u l-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza huma kunċetti li l-iskjerament ta' sistemi ġodda jeħtieġ li jinkorpora fil-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti, billi tissaħħaħ il-konformità mal-obbligi legali dwar il-protezzjoni tad-data. Is-sistemi ta' informazzjoni ġodda fuq skala kbira ser ikollhom jinkorporaw debitament is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data kif preskritti fir-regolament il-ġdid u fil-qafas legali speċifiku adottat.

L-evoluzzjoni lejn kultura robusta ta' protezzjoni tad-data fi ħdan organizzazzjoni ffokata fuq l-IT xorta sejra tkun sfida li l-UPD biħsiebu jikseb bl-appoġġ ta' manijers fil-livell medju u fl-oġġla livell tal-eu-LISA.

L-Aġenzija qiegħda tippjana li żżomm il-ħarsien tad-drittijiet tas-suġġett tad-data tal-impjegati tal-eu-LISA billi kontinwament iżżid l-għarfien permezz ta' sessjonijiet organizzati mal-persunal tal-eu-LISA. Il-bidliet li r-regolament il-ġdid se jjer ikollu fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' pproċessar b'data personali jeħtieġu proċeduri ġodda fis-seħħ — li għandhom jiġu definiti u miftiehma fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-Aġenzija — sabiex is-suġġetti tad-data jiġu infurmati b'mod trasparenti.

Għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn tal-UE, prinċipalment fil-qasam tal-ĠAI, il-pjan huwa li hija tkompli tikber billi tikkondividi l-esperjenzi u tadotta l-aħjar Prattiki min-netwerk imsawwar riċentament ta' UPD tal-ĠAI, abbażi ta' inizjattiva tal-UPD tal-eu-LISA.

Il-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data sejra tkompli tkun element ewlieni għall-UPD, permezz tal-għoti ta' assistenza bl-ispezzjonijiet lis-sistemi tan-negozju ewlenin u gwida jew opinjonijiet għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza fir-rigward tal-operazzjonijiet meqjusa bħala riskju minn perspettiva tal-protezzjoni tad-data.

³⁶ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-perjodu 2018-2020

3.1 *Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali*

3.1.1 *Ħarsa ġenerali lejn il-persunal għall-2017 u l-2018*

Il-persunal tal-eu-LISA jikkonsisti minn aġenti temporanji (AT)³⁷, aġenti kuntrattwali (AK) u esperti nazzjonali sekondati (ENS).

Fl-2017, l-għadd totali ta' membri tal-persunal AT awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni kien ugwal għal 131 kariga għall-aġenti temporanji fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija, inklużi 43 kariga għall-grupp ta' funzjoni (FG) AST u 88 kariga għall-grupp ta' funzjoni (AD), 27 kariga għal aġenti kuntrattwali u 9 karigi għal esperti nazzjonali sekondati.

Fl-2017, l-għadd ta' aġenti kuntrattwali żdied minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġu sostitwiti jew jiżdiedu xi karigi, li wriet li hija kritika għall-operat ta' kuljum tal-Aġenzija. Dan żied l-għadd ġenerali ta' persunal. Il-popolazzjoni totali tal-persunal tal-eu-LISA kienet tikkonsisti f'153³⁸ membru tal-persunal, inklużi l-kategoriji ta' persunal kollha msemmija hawn fuq: 114-il aġent temporanju, 32 aġent kuntrattwali u 7 esperti nazzjonali sekondati.

Tabella 1 — *Ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2017*

Qasam ta' attività	Awtorizzati fl-2017			Sitwazzjoni attwali tal-2017 fil-31.12.2017		
	AT	AK	ENS	AT	AK	ENS
Pjan ta' stabbiliment/karigi awtorizzati	115	27	9	114	32	7
LFS ³⁹ dwar l-iżvilupp tal-EES	14 ⁴⁰					
LFS dwar l-Eurodac	2 ⁴¹					
FTEs totali	131	27	9	114	32	7

³⁷ Dawn huma karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija. L-eu-LISA ma għandhiex karigi ta' uffiċjali fil-pjan ta' stabbiliment tagħha.

³⁸ Iċ-ċifri finali jistgħu jiżdiedu f'Jannar 2018 meta jsir ir-rapportar għall-2017, minħabba li dawn għandhom jippreżentaw l-istatus fil-31.12.2017. Għalhekk, fil-preżent, dawn ma jistgħux jiġu kkonfermati (Settembru 2017).

³⁹ Rapport finanzjarju leġiżlattiv

⁴⁰ Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

⁴¹ Soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

Id-dawran tal-persunal fl-2017 laħaq it-3.27 % (f'ames persuni sal-31.12.2017), iżda ma qabiżx il-KPI fil-mira ta' 5 %.

Għall-2018, skont l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-UE għall-2018, il-popolazzjoni tal-persunal għandha tikkonsisti minn 136 aġent temporanju (113-il kariga fil-pjan ta' stabbiliment bi tnaqqis ta' 2 karigi meta mqabbla mal-2017, 16-il kariga ġdida miżjuda fl-2017 u 7 karigi addizzjonali għas-sistema ETIAS⁴²) maqsuma għal 94 kariga fil-grupp ta' funzjoni AD u 42 kariga fil-grupp ta' funzjoni AST, 41 kariga għal aġenti kuntrattwali u 9 għal esperti nazzjonali sekondati. Matul il-perjodu 2019-2021, hija prevista żieda fil-livelli tal-persunal minħabba l-kompiti ġodda li ser tkun qiegħda tassumi l-Aġenzija.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament rivedut li jstabbilixxi l-eu-LISA tipprevedi total ta' 159 aġent temporanju sabiex ilaħħqu mal-kompiti ġodda (36 + 19 = 155 fl-2018, 136 + 21 = 157 fl-2019, 136 + 23 = 159 fl-2020), total ta' 91 aġent kuntrattwali (76 fl-2018, 78.5 fl-2019 u 91 fl-2020) u total ta' 11-il ekspert nazzjonali sekondati.

Il-proposti għas-sistemi ġodda, li huma soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi, jaffettwaw ukoll il-livelli tal-persunal. It-Tabella 2 ta' hawn taħt tippreżenta s-sitwazzjoni f'Diċembru 2018.

Tabella 2 — Farsa ġenerali lejn il-persunal fl-2018

Qasam ta' attività	Talba tal-eu-LISA fl-2018			Awtorizzati fl-2018			Differenza		
	AT	AK	ENS	AT	AK	ENS	AT	AK	ENS
Pjan ta' stabbiliment/karigi awtorizzati	113	30	11	113	27	11		-3	
PD għall-2018 — talba għal persunal addizzjonali		17			0			-17	
LFS dwar l-iżvilupp tal-EES ⁴³	14			14					
LFS dwar l-Eurodac ⁴⁴	2			2					
LFS dwar ir-riformulazzjoni ta' SIS II dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri ⁴⁵		3			3				

⁴² Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS). Il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA żdied fl-2017 sabiex jippermetti li r-reklutaġġ isir hekk kif ikun hemm fis-seħħ il-bażi ġuridika.

⁴³ Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

⁴⁴ Soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

⁴⁵ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106).

LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS II dwar ir-ritorn ⁴⁶		1			1				
LFS dwar ETIAS ⁴⁷	7	10		7	10				
LFS dwar ECRIS ⁴⁸		5			0			-5	
LFS dwar l-ER rivedut — reviżjoni tal-persunal ⁴⁹	19			0				-19	
LFS dwar l-ER rivedut — internalizzazzjoni tal-AK ⁵⁰		45			0 ⁵¹			-45	
FTEs totali	155	111	11	136	41	11		-89	

L-ippjanar għall-perjodu 2019-2021 b'deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi huwa deskritt fit-taqsimi 3.2.2, 'Riżorsi Umani, (b) Tkabbir tal-kompiti eżistenti', fejn hija ppreżentata perspettiva ta' 3 snin. Il-bidliet fil-kwoti tal-persunal matul il-perjodu 2017-2021 huma deskritti f'aktar dettall fit-tabelli fl-Anness III.

3.1.2 *In-nefqa għall-2017*

Fl-2017, l-eu-LISA amministrat baġit ta' EUR 153.3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 67.7 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament riċevuti mis-sussidju tal-UE. It-tabella li ġejja tispjega fid-dettall il-kompiti li huma soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida	Infiq mistenni f'EUR miljuni
LFS dwar l-iżvilupp tal-EES	56,445
LFS dwar l-Eurodac	11,598
LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin	1,750
Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida	69,793

L-Aġenzija żammet ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha fl-aħħar tal-2017:

- 100 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn;
- 100 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament li jinkludu r-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2017.

Għat-tmexxija tal-Aġenzija (it-Titolu 1 u t-Titolu 2), mistenni jkun meħtieġ 17 % tal-baġit totali, li jammonta għal EUR 25.6 miljun, li EUR 16.1 miljun minnhom huma għan-nefqa fuq il-persunal u EUR 9.7 miljun għan-nefqa operattiva u infrastrutturali. Il-baġit operattiv totali eżegwit jammonta għal EUR 127.7 miljun (83 % tal-baġit

⁴⁶ Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

⁴⁷ Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livjaġġar (ETIAS).

⁴⁸ Soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

⁴⁹ Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

⁵⁰ Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

⁵¹ Minn fost il-45 kariga mitluba għall-internalizzazzjoni, ġew inklużi 27 kariga addizzjonali fl-LFS għar-Regolament ġdid tal-eu-LISA. Madankollu, sejjer ikun possibbli li jiġu rreklutati impjegati addizzjonali għall-karigi approvati biss wara li jiġi adottat il-baġit korrispondenti.

totali), li EUR 6.4 miljun minnhom huma ppjanati għas-SIS II, EUR 35.2 miljun għall-VIS, EUR 18.6 miljun għall-Eurodac, EUR 9.1 miljun għall-infrastruttura tas-sistema kondiviża u s-sigurtà tas-sistema u l-kontinwità tan-negozju u EUR 54.5 miljun għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, soġġett għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika. Ġew impenjati EUR 3.7 miljun oħra għal, fost l-oħrajn, taħriġ relatat mal-operazzjonijiet u servizzi ta' appoġġ estern relatati mas-sistemi ewlenin.

3.2 Programmar tar-riżorsi għall-perjodu 2019-2021

3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji

Matul is-snin li ġejjin, l-Aġenzija sejra tiġġestixxi baġit li qiegħed jiżdied minħabba l-kompiti ġodda assenjati, li, fil-ħin li qiegħed jiġi abbozzat dan id-dokument, għadhom soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti. It-tabella tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kompiti ġodda u l-baġit korrispondenti għall-perjodu tal-ippjanar 2019-2021, li jirriflettu s-somom indikati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFSs) meħmuża mal-proposti leġiżlattivi.

Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida	Infiq stmat (f'EUR miljuni)		
	2019	2020	2021
LFS dwar l-Eurodac*	5.868	0.268	
LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin	0.135	0.735	
LFS dwar ir-riformulazzjoni ta' SIS II dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri*	2.261	2.192	
LFS dwar ir-riformulazzjoni ta' SIS II dwar ir-ritorn*	0.517	0.517	
LFS dwar ETIAS*	14.231	59.879	22.892
LFS dwar ECRIS*	4.116	4.116	
LFS dwar l-ER rivedut — reviżjoni tal-persunal addizzjonali*	3.178	3.178	
LFS dwar l-ER rivedut — internalizzazzjoni tal-AK*	-0.281	-0.281	
LFS dwar l-ER rivedut — trasferiment tan-netwerk	19.221	19.221	
LFS dwar l-ER rivedut — studji/konsulenza	4.000	4.000	
LFS dwar l-interoperabbiltà	5.830	17.031	51.743
Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida	59.076	110.856	74.635

* L-estimi jinkludu l-infiq amministrattiv, li ser jiġi allokati skont in-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, 'nefqa tal-persunal', u fit-Titolu 2, 'nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat' (jekk applikabbli).

Meta mqabbla mal-limiti massimi tal-baġit inizjali stabbiliti fil-QFP⁵² 2015-2020, l-introduzzjoni tal-kompiti ġodda timponi żieda tal-infiq b'aktar minn 200 % matul il-perjodu ta' programmar previst.

L-Anness I jipprovdi informazzjoni dettaljata tan-nefqa operattiva skont is-sistema, kif stabbilita fil-PD 2019-2021 u l-ippjanar pluriennali u l-ġustifikazzjoni għall-baġit. L-Anness II fih tqassim tal-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-Aġenzija, fejn l-infiq operattiv huwa raggruppat għal kull sistema skont il-kapitolu baġitarju.

⁵² Qafas finanzjarju pluriennali.

3.2.2 *Riżorsi umani*

L-informazzjoni numerika għall-ippjanar tar-riżorsi umani tal-Aġenzija hija ppreżentata fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness III, li jipprovdut l-ippjanar tal-persunal għat-tul tal-pjan pluriennali 2019-2021, filwaqt li dan il-kapitolu jiddeskrivi f'aktar dettall il-ħtiġijiet tal-persunal tal-Aġenzija.

L-ippjanar tal-Aġenzija jieħu f'kunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kif deskritta fil-komunikazzjoni tagħha⁵³ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, 'Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020', datata l-10 ta' Lulju 2013, f'dak li jirrigwarda ċ-ċifri tal-pjan ta' stabbiliment.

Fl-istess ħin, dan id-dokument ta' programmar jinkludi l-ħtiġijiet tal-persunal għas-sistemi ġodda kif ippreżentati fl-LFSs rilevanti u t-talbiet li l-Aġenzija tressaq għaż-żieda fil-livelli tal-persunal tagħha minħabba l-ħtiġijiet tas-servizz deskritti fid-dettall hawn isfel taħt 'Il-prospettiva tar-riżorsi għall-perjodu 2019-2021'.

Soġġett għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi, l-impatt ewlieni fuq il-pjan ta' stabbiliment se jkun mis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u mill-proġett tal-ETIAS, li l-pjan ta' stabbiliment għalihom għandu jżied b'21 kariga. Hija mistennija żieda notevoli tal-persunal minħabba l-bidliet ippjanati fir-regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA mill-2018/2019, fejn l-għadd ta' persunal stabbilit fil-pjan ta' stabbiliment jżied b'19-il kariga addizzjonali fl-2018 u sa 23 kariga fl-2020. Il-karigi addizzjonali, meta jiġi adottat ir-regolament il-ġdid, se jrin iżidu l-persunal għal 157 kariga ta' AT fl-2019 u 159 kariga ta' AT matul il-perjodu 2020-2021. L-iżviluppi msemmija hawn fuq se jrin iwasslu biex il-pjan ta' stabbiliment jinbidel kif ġej.

Tabella A — *Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — aġenti temporanji*

Aġenti temporanji (AT) — bidla fil-pjan ta' stabbiliment					
Status jew proġett	Kumment	2019	2020	2021	Kumulattiv i 2019-2021
Il-Kummissjoni Ewropea (2013) 519 linja bażi		113	113	113	113
Impjegati temporanji addizzjonali għall-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ — Il-Kummissjoni Ewropea (2016) 194	Mistennija mill-2017	14	14 ⁵⁴	14	14
Impjegati temporanji addizzjonali għall-iżvilupp tal-ETIAS — Il-Kummissjoni Ewropea (2016) 731	Mistennija mill-2018	7	7	7	7

⁵³ COM (2013) 519 finali. Dan jipprevedi li tnaqqis fil-persunal (aġenti temporanji) se jrin jirriżulta fil-livelli ta' persunal li ġejjin: 120 fl-2015, 118 fl-2016, 115 fl-2017 u 113 fis-snin 2018-2020.

⁵⁴ Żiedu erbatax-il kariga għall-iżvilupp tas-sistema skont il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA. L-għadd ta' karigi għall-2020 u għas-snin sussegwenti se jrin jiġi vvalutat mill-ġdid matul it-tnejn tal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-2020, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għat-tħaddim tas-sistema 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa. Ir-riżorsi finanzjarji ġew ippjanati għal 17.5 karigi addizzjonali. Dan huwa rifless fiż-żieda fl-għadd ta' karigi fit-tabella 'Ħarsa ġenerali globali lejn karigi addizzjonali għall-eu-LISA fil-perjodu 2018-2021' fl-aħħar ta' dan il-kapitolu.

Persunal temporanju addizzjonali għar-riformulazzjoni tal-Eurodac, il-Kummissjoni Ewropea (2016) 272, soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali	Inklużi fil-pjan ta' stabbiliment għall-2017	2	2	2	2
Persunal temporanju addizzjonali minħabba l-bidliet fir-regolament tat-twaqqif (18-il AD b'inkorporazzjoni progressiva) ⁵⁵		16	18	18	18
Impjegati temporanju addizzjonali għal attivitajiet oħrajn — proposta tal-Kummissjoni Ewropea (2 ADs) fir-rigward tal-bidliet fir-regolament ta' twaqqif: – Finanzi u amministrazzjoni: Uffiċjal kuntrattwali/tal-akkwist wieħed (1 AD) – Netwerk (tranżizzjoni tar-responsabbiltajiet mill-Kummissjoni Ewropea lill-eu-LISA) (1 AD)		2	2	2	2
Persunal temporanju addizzjonali għar-riżorsi maniġerjali addizzjonali wara l-bidliet fir-regolament ta' twaqqif (Kap tad-Dipartiment wieħed u 2 Kapijiet tal-Unità)		3	3	3	3
Persunal temporanju addizzjonali għall-interoperabbiltà tas-sistemi — Il-Kummissjoni Ewropea (2017) 793 finali u (2017) 794 finali, soġġett għall-adozzjoni tal-istrument legali (inkorporazzjoni progressiva tal-persunal matul il-perjodu 2019-2023)		14 ⁵⁶	25	31.5	31.5
Talba fil-PD 2019 għal kariga ta' Viċi Direttur Eżekuttiv li tirriżulta mir-reviżjoni tar-regolament ta' twaqqif		1	1	1	1
TOTAL (inklużi l-membri tal-persunal soġġetti għall-adozzjoni tal-istrumenti legali għall-EES u l-ETIAS)		172	185	191.5	191.5

Hija prevista wkoll żieda fl-SNEs, minn 9 karigi fl-2017 għal 11 fl-2019, sabiex jgħinu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti (ara t-tabella ta' hawn taħt).

Tabella B — Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — esperti nazzjonali ssekondati

Esperti nazzjonali ssekondati (ENS) — 2019-2021					
Status jew proġett	Kumment	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
Is-sitwazzjoni fl-2017 meħuda bħala linja bażi	9 karigi ta' ENS ippjanati fl-2017	9	9	9	9
ENS mitluba mill-eu-LISA sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ġodda kollha mir-rapporti finanzjarji leġiżlattivi li jeħtieġu l-	Dawn iż-żewġ karigi addizzjonali ġew approvati mill-	2	2	2	2

⁵⁵ Il-profil tax-xogħol meħtieġa huma elenkati fit-tabella 'Previżjoni għal karigi addizzjonali għall-eżekuzzjoni tal-kompiti li jinħolqu minn bidliet fir-regolament tat-twaqqif' taħt il-punt b), 'Tkabbir tal-kompiti eżistenti', hawn taħt.

⁵⁶ Il-proposta tal-Kummissjoni kien fiha 14.5 karigi fl-2019. Madankollu, fil-baġit adottat għall-2019, ġew awtorizzati 14-il kariga biss.

kompetenzi tal-Istati Membri sabiex jiġu pprovduti l-kompetenzi tan-negozju meħtieġa	MB tal-eu-LISA fit-22 ta' Marzu 2017.				
TOTAL		11	11	11	11

L-aġenti kuntrattwali mhumix parti mill-pjan ta' stabbiliment, iżda jibqgħu rilevanti kemm minn perspettiva baġitarja kif ukoll minn dik tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol. Għadd kbir ta' AK għandhom rwol kruċjali fl-operat tal-Aġenzija. Għalhekk, huwa previst li wħud minn dawn il-karigi ser jinvolvu kuntratti tal-impjieg ta' tul indefinit, jew li l-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija ser jissaħħaħ sabiex jassorbi ħafna mill-impjieg inkwistjoni fil-ġejjieni.

L-iżviluppi msemmija hawn fuq ser jirriżultaw fiż-żieda li ġejja fil-persunal għall-karigi ta' AK.

Tabella Ċ — Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — aġenti kuntrattwali

Aġenti kuntrattwali (AK) — 2019-2021					
Status jew proġett	Kumment	2019	2020	2021	Kumulattiv i 2019-2021
Linja bażi	27 kariga ta' AK awtorizzati fl-2018	30	30	30	30
Aġenti kuntrattwali addizzjonali għall-iżvilupp ta' ETIAS ⁵⁷	10 FTE mistennija mill-2018	12.5	25	35	35
Persunal kuntrattwali addizzjonali għal qafas legali ġdid ta' SIS dwar il-fruntieri/il-pulizija/irritorn ⁵⁸		4	4	4	4
Persunal kuntrattwali mitluba mill-eu-LISA (25 minn fost il-45 kariga għas-servizzi meħtieġa għall-internalizzazzjoni + kariga waħda approvata mill-MB u waħda proposta mill-KE) ⁵⁹		27	27	27	27
Persunal kuntrattwali addizzjonali għall-iżvilupp ta' ECRIS ⁶⁰		5	5	5	5
TOTAL (inkluż persunal soġġett għall-adozzjoni tal-istrumenti legali għal EES, ETIAS, SIS II u Eurodac (riformalizzjoni))		78.5	91	101	101

⁵⁷ Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livjaġġar (ETIAS).

⁵⁸ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106).

⁵⁹ L-LFS tal-Kummissjoni tappoġġja l-internalizzazzjoni ta' 25 kariga minn fost il-45 kariga mitluba mill-eu-LISA u 2 karigi addizzjonali: 1 minn 2 approvati mill-MB u waħda addizzjonali għall-appoġġ tal-Ufficial Legali.

⁶⁰ F'konformità mal-LFS għal ECRIS, soġġett għall-adozzjoni tal-istrumenti legali.

Prospettiva tar-riżorsi għall-perjodu 2019-2021

L-enfasi ewlenija fir-rigward tar-riżorsi umani tal-eu-LISA sejra tkompli tkun fuq il-kombinazzjoni ta' żvilupp regolari u flessibbli ta' riżorsi umani interni mal-approċċ ta' esternalizzazzjoni, kull fejn din tkun ta' valur miżjud fir-rigward tal-attivitàjiet imwettqa sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PDs tal-Aġenzija matul il-perjodu 2019-2021.

a) Kompiti ġodda

Mill-2017, l-Aġenzija hija lesta li tiegħu r-responsabbiltà għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistemi ġodda, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti u l-emenda tar-regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA, pereżempju s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), l-ETIAS, is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ⁶¹, u DubliNet⁶².

Fl-2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposti sabiex tafda sistemi ġodda lill-Aġenzija: is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)⁶³, ECRIS-TCN⁶⁴ u s-Sistema tal-UE ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livvjaġġar (ETIAS)⁶⁵.

Filwaqt li l-Aġenzija stenniet l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA ssaħħaħ fl-2017. Il-ħidma ta' thejjiġa dwar ir-reklutaġġ (l-għażla tal-kandidati addattati u l-istabbiliment tal-listi ta' riżerva) kienet inbdiet sat-tielet trimestru tal-2016 u kompliet fl-2017. Il-kuntratti tal-impjegi bil-persunal addizzjonali għall-EES ġew iffirmati fl-ewwel nofs tal-2018, wara l-adozzjoni tar-regolament rilevanti, u dawk għall-ETIAS ser jiġu ffirmati hekk kif tiddaħħal fis-seħħ il-bażi ġuridika (il-leġiżlazzjoni rilevanti ġiet adottata f'Settembru 2018) u jiġi ffinalizzat il-proċess tar-reklutaġġ.

L-ippjanar dettaljat tal-persunal għal dawn il-proġetti huwa kif ġej.

Tabella — Previżjoni għall-karigi addizzjonali meħtieġa għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ

Unità	Profil	Grad	2017	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
AMMU	Maniġer tal-Programmi	AD8	1	1	1	1	1	1
AMMU	Maniġer tal-Proġetti	AD7	1	1	1	1	1	1
AMMU	Garanzija tal-Kwalità Teknika u tal-Proġetti	AD5	1	1	1	1	1	1

⁶¹ L-emendi fir-regolament tal-eu-LISA ma ddaħħlux fil-proposta għar-riformulazzjoni ta' Dublin u, fi kwalunkwe każ, ser ikunu soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

⁶² L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA dwar DubliNet ġew stabbiliti fil-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac u huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta. L-operat ta' DubliNet kien diġà għe fdat lill-Aġenzija permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni u l-eu-LISA fil-31 ta' Lulju 2014.

⁶³ Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi.

⁶⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri li għandhom informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apoliti (TCN) sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011. COM(2017) 344 finali.

⁶⁵ Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-livvjaġġar (ETIAS).

AMMU	Maniġer tal-Ittestjar	AD5	2	2	2	2	2	2
AMMU	Amministratur tal-Applikazzjoni	AD5	1	1	1	1	1	1
AMMU	Arkitett tal-Applikazzjoni	AD7	1	1	1	1	1	1
AMMU	Inġinier tal-Bażi ta' Data/Speċjalista fil-Midwer tal-SOA	AD5	1	1	1	1	1	1
AMMU	Analista Kummerċjali/Arkitett tas-Soluzzjonijiet	AD7	1	1	1	1	1	1
OIU	Amministratur tas-Sistema	AD5	1	1	1	1	1	1
SEC	Uffiċjal għas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni	AD5	1	1	1	1	1	1
FPU	Uffiċjal tal-Finanzi	AD7	1	1	1	1	1	1
FPU	Uffiċjal tal-Akkwisti	AD5	1	1	1	1	1	1
FPU	Uffiċjal/Assistent tal-Finanzi/Baġit	AST4	1	1	1	1	1	1
	AT totali: 1 AD8 + 4 AD7 + 8 AD5 + 1 AST4		14	14	14	14	14	14

Għandu jiġi nnotat li l-proposta legali u finanzjarja għall-EES tipprevedi żieda ulterjuri tal-għadd ta' persunal u tal-baġit mis-sena 2020, li ma ġietx indikata fit-tabella ta' hawn fuq. Skont il-proposta, l-għadd ta' karigi għall-2020 u s-snin sussegwenti ser jiġi vvalutat mill-ġdid matul it-tnejn tal-abbozz ta' baġit tal-UE għall-2020⁶⁶, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għall-operat tas-sistema 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa. Għal dan l-iskop, hija inkludata ċifra globali fit-tabella ġenerali fl-aħħar ta' dan il-kapitolu għall-ippjanar baġitarju (31.5 karigi fl-2020). Il-profil tal-impjegji ser jiġi identifikati u deskritti fid-dokument ta' programmar għall-2020.

Tabella — Previżjoni għal karigi addizzjonali għall-ETIAS — aġenti temporanji

Unità	Profil	Grad	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
OD	Ġestjoni tal-programmi/proġetti — Kap tal-Unità	AD10 ⁶⁷	2	2	2	2	2
AMMU	Ġestjoni tal-programmi/proġetti	AD7	2	2	2	2	2
AMMU	Garanzija tal-kwalità	AD6	1	1	1	1	1
FPU	Ġestjoni tal-kuntratti	AD5	2	2	2	2	2

⁶⁶ 'Studju Tekniku dwar Fruntieri Intelliġenti — Analiżi tal-Kostijiet. Rapport finali mill-PCW, Ottubru 2014', Tabella 8, p. 24-25, jindika li huma meħtieġa 31.5 FTEs għall-fażi tal-operat tal-EES, jiġifieri għall-ġestjoni tas-sistema (0.5 FTE), l-appoġġ tal-kuntrattur (1 FTE), l-appoġġ tal-helpdesk tal-ewwel linja (10 FTEs), l-appoġġ tal-helpdesk tat-tieni linja (10 FTEs) u l-operaturi li jimmonitorjaw is-sistema ċentrali (10 FTEs). L-ammont allokat fil-proposta tal-Kummissjoni jkopri 31.5 karigi b'kollox. Għalhekk, l-ippjanar għall-fażi tal-iżvilupp tal-proġett għandu jiġi diskuss aktar.

⁶⁷ Huma mistennija żewġ karigi ġodda ta' AD10 fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet sabiex jiġi żgurat il-livell ta' esperjenza professjonali meħtieġa għat-tweġġ tar-rwol tal-Kap tal-Unità, li potenzjalment jippermetti l-mobbiltà interna. Jekk il-pjan ta' stabbiliment jiżdied b'mod ġenerali għal xi karigi addizzjonali ta' maniġment intermedju, dan il-pjan jista' jiġi rivedut. L-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA ser ikollha tiġi riveduta wara l-implimentazzjoni tal-proġett addizzjonali u ż-żieda korrispondenti tal-persunal.

	AT totali: 2 AD10 + 2 AD7 + 1 AD6 + 2 AD5		7	7	7	7	7
--	--	--	----------	----------	----------	----------	----------

Barra minn hekk, huma ppjanati xi karigi addizzjonali għal aġenti kuntrattwali għall-ETIAS: 10 għal esperti tekniċi mill-2018, 2.5 karigi għall-ittestjar mill-2019 u 2.5 oħrajn għall-ittestjar mill-2020. Mill-2020, sejin jiġu allokat iħames karigi addizzjonali għall-appoġġ tal-helpdesk (24/7) u ħamsa għall-monitoraġġ tas-sistema ċentrali (24/7).

Tabella — Previżjoni għal karigi addizzjonali għall-ETIAS — aġenti kuntrattwali

Unità	Profil	Grupp ta' funzjoni	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
AMMU	Esperti tekniċi	FG IV	10	10	10	10	10
AMMU	Ittestjar	FG IV	0	2.5	5	5	5
OIU	Appoġġ tal-helpdesk	FG III	0	0	5	10	10
OIU	Operaturi li jimmonitorjaw is-sistema ċentrali	FG III			5	5	5
OIU	Operaturi li jimmonitorjaw is-sistema ċentrali	FG IV	0	0	0	5	5
	AK totali: 20 FG IV + 15-il FG III		10	12.5	25	35	35

Xi kompiti ġodda għall-Aġenzija sejin ikunu relatati mal-adozzjoni tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (TCN) sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS jew ECRIS-TCN)⁶⁸ li sejin ikunu riflessi wkoll fir-regolament ta' twaqf emendat tal-eu-LISA.

ECRIS hija sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni preċedenti mogħtija kontra persuna speċifika mill-qrati kriminali fl-UE għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali kontra persuna u, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti dan, għal finijiet oħrajn. Il-kompiti mwettqa mill-eu-LISA matul il-fażi ta' implimentazzjoni huma ppjanati għall-ġestjoni tal-proġetti, is-segwitu għall-iżvilupp, il-garanzija tal-kwalità u l-ittestjar tas-sistema⁶⁹.

Tabella — Previżjoni għal karigi addizzjonali għall-ECRIS-TNC — aġenti kuntrattwali

Unità	Profil	Grupp ta' funzjoni	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
TBD	Maniġer tal-Proġetti	FG IV	1	1	1	1	1

⁶⁸ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ċentralizzat għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (TCN) sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u li jemenda r-Regolament (UE) 1077/2011 (mekkaniżmu ECRIS-TCN). COM(2016) 7 finali, 2016/0002 (COD).

⁶⁹ It-talba inizjali tal-eu-LISA kienet għas-sitt FTEs bħala aġenti temporanji. It-tabella tippreżenta l-livell tal-persunal f'konformità mal-LFS legali tal-Kummissjoni.

TBD	Inġinier tas-Sistema	FG IV	1	1	1	1	1
TBD	Espert tal-Applikazzjonijiet	FG IV	2	2	2	2	2
TBD	Inġinier tal-Kwalità tas-Softwer	FG IV	1	1	1	1	1
	AK totali: 5 FG IV		5	5	5	5	5

Fl-aħħar tal-2017, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-asil u l-migrazzjoni) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-fruntieri u l-viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 sabiex tiġi indirizzata n-neċessità tal-interoperabbiltà tas-sistemi bil-għan li jittejjbu l-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni, inklużi soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Jekk il-proposta tiġi adottata, il-karigi addizzjonali li ġejjin għal aġenti temporanji u kuntrattwali ser ikunu meħtieġa fl-eu-LISA matul il-perjodu 2019-2021 skont il-proposta tal-Kummissjoni.

Tabella — L-interoperabbiltà bejn il-karigi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-perjodu 2019-2021 — aġenti temporanji

Unit à	Profil	Grupp ta' funzjoni ⁷⁰	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
	PM — Maniġer tal-Programmi (Kap ta' Unità)	AD9	1	1	1	1
	PM — Maniġer tal-Proġetti	AD6	0	0	1	1
	Uffiċjal tal-Proġetti	AD6	1	1	1	1
	PM — ESP	AD6	0.5	1	1	1
	PM — BMS kondiviża ⁷¹	AD6	0.5	0.5	0.5	0.5
	PM — CIR	AD6		0.5	1	1
FPU	Ġestjoni finanzjarja	AD5			1	1
FPU	Ippjanar u kontroll baġitarju	AD5	1	1	1	1
FPU	Ġestjoni tal-akkwisti/kuntratti	AD5	2	2	2	2
	Esperti Tekniċi — BMS Kondiviża	AD5	2	3	5	5
	Esperti Tekniċi — CIR	AD5	2	5	5	5
	Esperti Tekniċi — Sigurtà	AD5	1	2	2	2
	Esperti Tekniċi — MID	AD5		2	2	2
	Esperti Tekniċi — Arkitetti	AD5	1	2	3	3
	Ittestjar — ESP	AD5	0	1	1	1
	Ittestjar — BMS kondiviża	AD5	2	2	3	3

⁷⁰ Proposta tal-HRU.

⁷¹ Din il-kariga teħtieġ aktar kjarifika fir-rigward tal-kuntratt, minħabba li huwa impossibbli li jiġi offrut kuntratt ta' nofs il-ħin għal aġent temporanju kif indikat fil-proposta għall-2020 u l-2021.

GCU	Taħriġ	AD5		1	1	1
	Total		14	25	31.5	31.5

Tabella — L-interoperabbiltà bejn il-karigi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-perjodu 2019-2021 — aġenti kuntrattwali

Unità	Profil	Grupp ta' funzjoni ⁷²	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
	PM — CRRS PM	FG IV	1	0.5		0.5
	PM — MID	FG IV		0.5	0.5	0.5
	Uffiċjal tal-Programm/Proġett	FG IV	2	2	2	2
	PM — Garanzija tal-Kwalità	FG IV	1	2	3	3
	Esperti Tekniċi — CRRS	FG III	3	3	3	3
	Esperti Tekniċi — ESP	FG III	4	4	4	4
	Ittestjar — CRRS	FG III	1	1	1	1
	Ittestjar — CIR	FG III	0.5	1	2	2
	Ittestjar — MID	FG III		1	1	1
	Monitoraġġ tas-sistema — Komuni (24/7)	FG III		5	10	10
	Total		12.5	20	26.5	27

Dawn in-numri ser ikompli jiżiedu fis-snin li ġejjin u dan ser ikun rifless fid-dokumenti ta' programmar. Għandu jiġi nnotat li xi karigi li ġew allokati 0.5 ekwivalenti għal full-time (FTEs) għal aktar minn sena waħda ser ikunu jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa sabiex isir ippjanar għall-kompetenzi adatti u sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali li jikkonċernaw il-kuntratti tal-impjegji. Iċ-ċifri li jaffettwaw il-pjan ta' stabbiliment huma miżjuda fit-Tabella 2 fl-Anness III.

Is-suċċess fl-iżgurar tar-riżorsi umani għal dan il-proġett jiddependi mid-deċiżjoni li tissaħħaħ l-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ tal-Aġenzija mill-inqas nofs sena bil-quddiem bil-profil ta' reklutaġġ u ta' amministrazzjoni tal-persunal.

b) It-tkabbir tal-kompiti eżistenti

Jekk l-inizjattivi deskritti f'(a) *Kompiti ġodda* jiġu adottati mill-koleġiżlaturi, dawn ikunu jeħtieġu bidliet fir-Regolament tal-eu-LISA, li għandhom jidhru fis-seħħ meta daww il-proposti jsiru applikabbli.

Il-proposti mhux biss jikkonċernaw il-kompiti ġodda, iżda jinvolvu wkoll it-tkabbir tal-kompiti eżistenti kif ippjanat fil-PD 2018-2020 u l-estensjoni tal-mandat tal-eu-LISA, kif ukoll ir-responsabbiltajiet miżjuda tal-Bord tat-Tmexxija u tad-Direttur Eżekuttiv.

Dan ser ikollu impatt dirett fuq il-ħidma tal-Aġenzija, u huwa ċar ħafna li ser ikunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali sabiex jitwettqu dawn il-kompiti.

Il-proposti kollha relatati mal-persunal fir-rigward tal-bidliet fir-regolament ġew ippreżentati f'tabelli ('Ħarsa

⁷² Proposta tal-HRU.

ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — aġenti temporanji', 'Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — aġenti kuntrattwali', 'Ħarsa ġenerali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA — esperti nazzjonali sekondati') u tingħata analiżi aktar dettaljata tar-rwoli ġodda meħtieġa. It-tabelli ta' hawn taħt jippreżentaw il-ħtiġijiet tar-riżorsi umani tal-Aġenzija rigward it-ktabbir tal-kompiti eżistenti.

Mill-2017, hija mistennija żieda ta' żewġ karigi fuq il-linja bażi stabbilita fil-pjan ta' stabbiliment għall-membri tal-persunal addizzjonali meħtieġa għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac, u t-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-gradazzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dawn il-karigi.

Tabella — Previżjoni għal karigi addizzjonali għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac

Unità	Profil	Grad	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
AMMU	Speċjalista tal-IT	AD5	2	2	2	2	2
	AT totali: 2 AD5		2	2	2	2	2

Għat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament ta' Dublin, mistennija jkunu meħtieġa tliet karigi addizzjonali⁷³.

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet żewġ proposti għal regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment⁷⁴ (SIS II ritorni) u dwar l-istabbiliment, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemendaw ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 u jħassru r-Regolament (KE) Nru 1987/2006⁷⁵ (SIS II Fruntieri/LE), li jkunu jeħtieġu li l-eu-LISA tammeljora s-sistema fis-seħħ sabiex tirrispondi għall-kompiti ġodda. Sabiex jittieħed kont ta' dawn l-iżviluppi, x'aktarx li jkunu meħtieġa erba' karigi ġodda ta' aġenti kuntrattwali.

Tabella 5 — Previżjoni għal karigi addizzjonali għal SIS II ritorni u SIS II Fruntieri/LE

Unità	Profil	Grupp ta' funzjoni	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
AMMU	Speċjalista tal-IT/SIS II Fruntieri/LE	FG IV	3	3	3	3	3
AMMU	Speċjalista tal-IT/SIS II ritorni	FG IV	1	1	1	1	1
	Total: 4 AK FG IV		4	4	4	4	4

Fir-rigward tal-proġett għall-internalizzazzjoni ta' servizzi esterni, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex jinbada l-proġett fl-2017 bil-għan li jkopri l-aktar ħtiġijiet urġenti. Madankollu, filwaqt li tiġi rrispettata l-proċedura amministrattiva għall-adozzjoni tal-baġit tal-Aġenzija, jista' jkun li l-Aġenzija tkun tista' teżegwixxi dan il-proġett fl-2019 biss. Madankollu, fl-2017 kien diġà beda xi xogħol ta' tħejjija, bħall-proċess tal-għażla, sabiex jinħolqu l-listi ta' riżerva ta' kandidati addattati.

⁷³ Skont l-LFS, dawn il-karigi ser jitħallsu mill-baġit għall-operazzjonijiet.

⁷⁴ COM(2016) 881 finali.

⁷⁵ COM(2016) 882 finali.

Tabella — Previżjoni għall-karigi addizzjonali ta' aġenti kuntrattwali li għandhom jinħolqu wara r-regolament ta' stabbiliment rivedut tal-Aġenzija

Unità	Profil	Grupp ta' funzjoni	2018	2019	2020	2021	Kumulattivi 2019-2021
AMMU	Maniġer Anzjan tal-Proġetti	FG IV	1	1	1	1	1
AMMU	Arkitett Anzjan tal-Applikazzjonijiet	FG IV	1	1	1	1	1
AMMU	Analista tat-Testijiet	FG IV	1	1	1	1	1
OIU	Amministratur tas-Sistema tal-IT	FG III	2	2	2	2	2
OIU	Maniġer Anzjan tal-Proġetti	FG IV	1	1	1	1	1
GCU	Assistent tas-Segretarjat tal-BT/AG	FG III	2	2	2	2	2
GCU	Assistent tal-Komunikazzjoni Interna	FG III	1	1	1	1	1
GCU	Uffiċjal tal-Politika	FG IV	1	1	1	1	1
GCU	Uffiċjal tal-Ippjanar	FG IV	1	1	1	1	1
FPU	Assistent Finanzjarju Subaltern	FG II	1	1	1	1	1
FPU	Assistent tal-Akkwist Pubbliku	FG III	1	1	1	1	1
HRU	Maniġer tal-Fajls Personali u r-Reklutaġġ	FG III	1	1	1	1	1
HRU	Assistent tat-Taħriġ	FG III	1	1	1	1	1
HRU	Uffiċjal tal-Riżorsi Umani	FG IV	1	1	1	1	1
CSS	Analista tan-Negożju	FG IV	1	1	1	1	1
CSS	Inġinier tas-Sistema	FG IV	1	1	1	1	1
CSS	Inġinier Anzjan tan-Netwerks	FG IV	1	1	1	1	1
SEC	Espert Subaltern tal-Politika tas-Sigurtà	FG III	1	1	1	1	1
SEC	Assistent għas-Sigurtà	FG II	1	1	1	1	1
SEC	Espert dwar is-Sigurtà Fizika	FG IV	1	1	1	1	1
ED	Uffiċjal Subaltern tal-EPMO	FG III	2	2	2	2	2
ED	Uffiċjal tal-EPMO	FG IV	1	1	1	1	1
TBD	Assistent Uffiċjal Legali	FG III	1	1	1	1	1
IA	Assistent għall-Awditjar Intern	FG III	1	1	1	1	1
Total	12-il FG IV + 13-il FG III + 2 FG II		27	27	27	27	27

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-persunal addizzjonali meħtieġ meta tiġi adottata l-proposta tar-regolament ta' twaqqif emendat tal-eu-LISA⁷⁶.

⁷⁶ Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018.

Tabella — Tbassir għal karigi addizzjonali għall-eżekuzzjoni ta' kompiti li jirriżultaw minn bidliet fir-regolament tat-twaqqif

Unità	Profil	Grad	2018	2019	2020	2021	Kumulatt ivi 2019- 2021
TBD ⁷⁷	Kap tad-Dipartiment	AD12	0	1	1	1	1
TBD	Kap tal-Unità/Strasburgu	AD9	1	1	1	1	1
TBD	Kap tal-Unità/Tallinn	AD9	1	1	1	1	1
GCU	Uffiċjal tar-Riċerka	A 7	1	1	2	2	2
GCU	Assistent tar-Riċerka	AST3	1	1	1	1	1
FPU	Uffiċjal tal-Akkwisti/Kuntratti	AD5	1	1	1	1	1
TBD	Maniġer tal-Proġetti	AD7	2	2	2	2	2
TBD	Analista Ġenerali/Espert Kummerċjali għal valutazzjoni tal-impatt teknika u evalwazzjonijiet tekniċi ex-ante	AD5	2	2	2	2	2
TBD	Arkitett tas-Sistema	AD7	1	2	2	2	2
TBD	Is-Sigurtà, Espert tan-Netwerk Bijometriku	AD5	4	4	5	5	5
TBD	Espert tal-IT għal valutazzjoni tal-ispejjeż	AD7	1	1	1	1	1
TBD	Esperti tat-testijiet għat-twettiq ta' proġetti pilota, provi tal-kunċett, prototipar u attivitajiet ta' ttestjar	AD7	2	2	2	2	2
TBD	Analista tad-Data	AD7	1	1	1	1	1
TBD	Espert tan-Netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni	AD7	1	1	1	1	1
TBD	Viċi Direttur Eżekuttiv	AD13	0	1	1	1	1
Total	Total: 1 AD13 + AD12 + 2 AD9 + 11-il AD7 + 8 AD5 + 1 AST3		19	22	24	24	24

Il-ħarsa ġenerali globali lejn l-impjegati meħtieġa għal kull proġett jew dokument ta' programmar hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella — Ħarsa ġenerali globali lejn il-karigi addizzjonali għall-eu-LISA fil-perjodu 2018-2021

Elementi	2018			2019			2020			2021		
	AT	AK	Persunal totali	AT	AK	Persunal totali	AT	AK	Persunal totali	AT	AK	Persunal totali

⁷⁷ TBD, għad irid jiġi deċiż.

Linja bażi tal-HR tal-Kummissjoni Ewropea (2013) 519 finali (pjan ta' stabbiliment bi tnaqqis)	113		113	113		113	113		113	113		113
Karigi ta' AK awtorizzati fil-baġit għall-2018 ⁷⁸		27	27		30	30		30	30		30	30
LFS dwar I-EES	14		14	14		14	14 ⁷⁹		14	14		14
LFS dwar I-Eurodac	2		2	2		2	2		2	2		2
LFS dwar I-ETIAS	7	10	17	7	12.5	19.5	7	25	32	7	35	42
LFS dwar is-SIS II Fruntieri/LE		3	3		3	3		3	3		3	3
LFS dwar is-SIS II ritorni		1	1		1	1		1	1		1	1
Karigi ta' AK addizzjonali minħabba l-internalizzazzjoni intra-muros fir-Regolament rivedut tal-eu-LISA		0	0		27	27		27	27		27	27
LFS dwar I-ECRIS		0	0		5	5		5	5		5	5
LFS dwar ir-Regolament rivedut tal-eu-LISA	0		0	22		22	24		24	24		24

⁷⁸ Skont il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament il-ġdid tal-eu-LISA, in-numru tal-linja bażi ta' aġenti kuntrattwali għandu jkun ta' 30. Iċ-ċifri juru l-kopertura tal-baġit fl-2018 u l-2019 u t-talba sabiex din tiġi allinjata mill-2020.

⁷⁹ Żdiedu erbatax-il kariga għall-iżvilupp tas-sistema skont il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA. L-għadd ta' karigi għall-2020 u għas-snin sussegwenti se jjer jiġi vvalutat mill-ġdid matul it-tnejn tal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-2020, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għat-tħaddim tas-sistema 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa. L-għadd totali stmat huwa ta' 31.5 karigi fl-2020.

LFS dwar l-interoperabbiltà				14	12.5	26.5	25	20	45	31.5	26.5	58
Total	136	41	177	172	91	263	185	111	296	191.5	127.5	319

c) Il-kisbiet fl-effiċjenza

L-oġġettivi ta' politika għandhom jintlaħqu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet li jaffettwaw il-baġit u r-riżorsi umani disponibbli tal-eu-LISA, inkluż it-tnaqqis previst fil-persunal għall-kompiti mwettqa bħalissa u l-kompiti addizzjonali li jridu jittieħdu mill-Aġenzija fil-ġejjieni. Għalkemm huwa inevitabbli li kull membru tal-persunal se jkomi jjerfa' sehem mill-ammont ta' xogħol addizzjonali, għandhom jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-oħrajn li jindirizzaw il-kwistjoni ta' lakuna bejn ir-riżorsi umani disponibbli u l-oġġettivi li għandhom jintlaħqu mill-Aġenzija. Sabiex tagħmel dan, fl-aħħar 3 snin, l-eu-LISA użat fornituri esterni tas-servizzi (ESPs) sabiex tkopri l-lakuna identifikata fil-profil tal-IT u dawk amministrattivi eżistenti. Fil-bidu tal-2017 saret analiżi tal-effiċjenza ta' din is-soluzzjoni, li mbagħad ġiet irrapportata lill-Bord tat-Tmexxija⁸⁰, li rriżultat fl-approvazzjoni għall-internalizzazzjoni ta' 45 + 2 karigi bħala aġenti kuntrattwali wara l-proċess tal-ippjanar tal-baġit u tal-persunal⁸¹.

Għalhekk, sejra tinkiseb ċerta effiċjenza meta tiġi konkluża l-internalizzazzjoni tal-profil intra-muros, billi din għandha tirriżulta fit-titjib tal-effettività tal-proċessi kummerċjali inkwistjoni, b'mod partikolari l-proċessi li jiddependu ħafna mill-għarfien u l-esperjenza tar-regolamenti u l-proċeduri tal-UE. Is-sostituzzjoni tal-profil esternalizzati rilevanti mal-persunal kuntrattwali u l-użu tad-dħul miġbur mill-Pajjiżi Assoċjati, f'konformità mal-Artikolu 46(3)(b) tar-regolament ta' twaqqif ġdid tagħha, għandhom jippermettu lill-Aġenzija tagħmel xi tfaddil fil-baġit tagħha⁸². Dan jippermetti wkoll operat aktar effettiv, f'termini tal-applikazzjoni tal-istess politiki tal-persunal u tas-sigurtà u t-tnaqqis jew is-soluzzjoni tal-kwistjonijiet u r-riskji organizzazzjonali, permezz tal-ġoti ta' drittijiet ta' aċċess rilevanti, l-eżerċitar ta' kontroll intern, l-ġoti jew l-iżgurar tal-għarfien, eċċ.

Madankollu, l-Aġenzija sejra tkompli tuża kuntratt qafas għal servizzi ta' appoġġ estern, hekk kif dan wera li huwa effettiv sabiex jittratta l-kompiti rilevanti fuq bażi ta' żmien qasir.

Huma mistennija żidiet oħrajn fl-effiċjenza wara l-iżvilupp tal-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA li għandha tippermetti l-komunikazzjoni transfunzjonali, issaħħaħ l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet (OD) u ttejjeb l-amministrazzjoni ġenerali tal-Aġenzija.

Għandu jkun hemm xi żidiet ulterjuri fl-effiċjenza bħala riżultat tal-adozzjoni ta' perspettiva fit-tul, inkluż tinbeda l-ħidma fuq l-awtomatizzazzjoni u, fejn possibbli, is-simplifikazzjoni tal-proċessi interni, speċjalment fil-qasam tal-kompiti amministrattivi, bħar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija jew il-ġestjoni tad-dokumenti. Madankollu, l-esperjenza turi li l-personalizzazzjoni jew l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT jirrikjedu sforz akbar sabiex jittejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jiġu ttestjati s-

⁸⁰ Nota lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' karigi ta' aġenti kuntrattwali addizzjonali fl-Aġenzija tas-7 ta' Marzu 2017 (dokument bir-referenza 2017-052) u d-Deċiżjoni Nru 2017-044 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tat-22.3.2017 (il-punt B.11 fuq l-aġenda).

⁸¹ F'dan il-PD, minn din il-lista, fl-2018 intlaħaq qbil fuq 25 + 2 profili mal-Kummissjoni Ewropea għall-internalizzazzjoni.

⁸² L-ispiża tal-użu ta' fornitur estern tas-servizzi titqies li hi aktar minn 30 % ogħla mill-ispiża tal-użu tal-persunal kuntrattwali fil-grupp ta' funzjonijiet II jew III.

soluzzjonijiet proposti. Għalhekk, għal fażi ta' żvilupp, huwa meħtieġ ċertu appoġġ addizzjonali f'termini tar-riżorsi umani.

d) Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti

Ma hemmx priyoritajiet negattivi previsti mill-Aġenzija fil-futur prevedibbli, minħabba li din għadha fi stadju bikri tal-iżvilupp organizzazzjonali tagħha. Madankollu, fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, ma jistax jiġi eskluż li l-assorbiment tal-kompiti addizzjonali mhux ippjanati allokat lill-Aġenzija bi prijorità għolja jista' potenzjalment jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-attivitajiet ippjanati fil-PD 2018-2020 u fil-PD 2019-2021, speċjalment fil-każ ta' nuqqas ta' jew dewmien fil-forniment tar-riżorsi kollha meħtieġa, kemm jekk ikunu finanzjarji kif ukoll umani.

e) Skjerament mill-ġdid tar-riżorsi fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji

Fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, qegħdin jittieħdu ħafna inizjattivi sabiex jittejjeb u jkompli jgħanna l-operat tal-Aġenzija. Jekk il-limitazzjonijiet baġitarji jaffettwaw il-baġit tal-eu-LISA, tiġi kkunsidrata prijoritizzazzjoni tal-kompiti. Pereżempju, il-membri tal-persunal involuti fil-fażi tal-iżvilupp tal-EES jistgħu jiġu skjerati mill-ġdid jew għall-iżvilupp ta' sistema ġdida, jew inkella għall-fażi operattiva tal-EES, skont il-kompiti u l-ħiliet meħtieġa għat-tweġġi tagħhom.

Konklużjoni dwar il-bidliet fir-riżorsi meta mqabbla mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2014-2020

Kif ġie ddikjarat fit-taqsim 3.2.2 ta' hawn fuq, l-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni, għall-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea deskritta fil-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, 'Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020'⁸³, u inkludiet fil-pjan ta' stabbiliment tagħha għas-snin li ġejjin l-għadd ta' persunal f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni. It-tnaqqis jinkludi 5 % tal-persunal (li jammontaw għal sitt karigi) u kariga waħda għall-grupp tal-iskjerament tal-aġenziji tal-UE. F'dan il-kuntest, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA għandu jkun naqas bejn l-2016 u l-2018, minn 120 kariga fl-2015 għal 113-il kariga fl-2018. Huwa previst li d-dawran naturali tal-impjegati jew it-tmiem tal-kuntratti tal-impjegi se jrin ikunu responsabbli minn dan it-tnaqqis, skont in-natura tal-karigi li jsiru vakanti. Fl-ippjanar, tqiesu l-grad i-aktar baxxi fiż-żewġ gruppi ta' funzjoni sabiex jiġu kkalkolati l-livelli tal-persunal. Waħda mill-politiki tal-eu-LISA li jikkonċernaw it-tnaqqis tal-persunal hija li jintuża d-dawran naturali (volontarju) tal-persunal sabiex jiġu mblokkati l-karigi vakanti. Inkella, ikun meħtieġ li l-kuntratti ma jiġġeddux, li ma jkunx ta' benefiċċju għall-Aġenzija jew għall-persunal tagħha.

Dawn il-bidliet fil-pjan ta' stabbiliment, ir-riżorsi umani tal-eu-LISA u l-evoluzzjoni tagħhom matul is-snin, inklużi l-pjanijiet għall-perjodu 2018-2020, huma riflessi fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness III.

⁸³ COM (2013) 519 finali.

Taqsimat III Programm ta' Fiddma għall-2019

1. Sommarju eżekuttiv

Fl-2019 u fis-snin li ġejjin, l-UE sejra tkompli tiffaċċja sfida doppja:

- Li tibqa' miftuħa, billi hija parti minn dinja globalizzata u interkonnessa fejn il-mobbiltà internazzjonali mistennija tkompli tikber. Aktar u aktar nies sejr inħarsu lejn l-Ewropa bħala post li jiġi jżuru, jistudjaw, jaħdmu jew ifittxu protezzjoni fih. Barra minn hekk, l-UE sejra tiffaċċja l-konsegwenzi ta' instabbiltà kontinwa fil-viċinat immedjat tagħha, bidliet demografiċi rapidi u soċjetajiet li qegħdin isiru dejjem aktar diversi.

- Li tibqa' sigura u tiggarrantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha. It-teknoloġija evolviet b'pass estremament għoli fis-snin riċenti, fejn ħolqot opportunitajiet ġodda għat-tkabbir ekonomiku u fundamentalment ittrasformat il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Madankollu, dawn il-bidliet żiedu wkoll l-għadd ta' sfidi ġodda għas-sigurtà b'mod drammatiku. Il-każijiet ta' ċiberkriminalità jiżdiedu b'mod rapidu; it-terroriżmu jibqa' theddida aħħarija għas-sigurtà, billi jittieħed vantaġġ minn pjattaformi soċjali ġodda; il-kriminalità organizzata transkonfinali qiegħda tiegħu forom ġodda.

Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, l-UE sejra jkollha tikkonsolida l-politiki ta' suċċess u l-kisbiet tagħhom fil-qasam tal-ĠAI u tikkomplementahom b'inizjattivi ġodda rilevanti.

It-trasformazzjoni diġitali kontinwa tal-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni sejra tkompli u saħansitra taċċellera fis-snin li ġejjin. Għalhekk, l-UE għandha tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija bl-għan li tappoġġja u tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet fil-qasam tal-ĠAI.

Għalhekk, ir-rwol u l-importanza tal-eu-LISA għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi sejr inkomplu jikbru. L-Aġenzija sejra tkun waħda mill-aktar kontributori importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti tal-ĠAI, immirati biex isaħħu l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna.

Fl-2019, l-eu-LISA sejra tiffaċċja u jkollha tindirizza sfida strateġika doppja tagħha stess. Min-naħa waħda, l-Aġenzija ser ikollha tibqa' ffokata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha (jiġifieri l-ġestjoni operattiva u l-iżvilupp tas-sistemi fdati lilha u l-ħolqien ta' sistemi ġodda). Min-naħa l-oħra, hija ser ikollha tkompli żżid il-kontribut tagħha għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi, billi tikkapitalizza fuq l-għarfien, l-esperjenza u l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-ġestjoni tas-sistemi u s-servizzi tal-IT fuq skala kbira.

Din it-taqsimat telabora l-kompiti operattivi ewlenin għall-2019 abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq u l-prijoritajiet interni miftiehma għall-2019.

It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni⁸⁴ tas-sistemi eżistenti

L-Aġenzija sejra tkompli bil-manutenzjoni tas-sistemi ġestiti minnha, inkluż, mill-2018 'il quddiem, il-manutenzjoni ta' AFIS tas-SIS II u ta' DubliNet. L-appoġġ fl-ewwel u t-tieni livell sejr jiġi pprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi. L-isforzi sejr in jiffokaw ukoll fuq l-implimentazzjoni ta' infrastruttura kondiwiża komuni (sabiex jiġi ffinalizzati u implimentati s-servizzi li ma kinux implimentati fl-

⁸⁴ Il-bidliet fis-sistemi jiddependu ħafna mill-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi riformulati għal SIS, VIS u Eurodac.

2018), il-manutenzjoni u r-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-data, filwaqt li l-ġestjoni tal-assi sejra tiġi integrata mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni. Sabiex jiġi żgurat servizz bla interruzzjoni, l-Aġenzija sejra tkompli topera, tiġġestixxi u żżomm iċ-ċentru tad-data ta' riżerva u s-sit operattiv ta' riżerva f'St Johann im Pongau.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollha jibqa' għaddej bħas-soltu
 - Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi — Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA (it-Taqsima 2.2.1.1);
 - Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin (it-Taqsima 2.2.1.2);
 - Manutenzjoni tal-Eurodac (it-Taqsima 2.2.1.3);
 - Manutenzjoni tad-DubliNet (it-Taqsima 2.2.1.4);
 - Manutenzjoni tal-VIS/BMS (it-Taqsima 2.2.1.5);
 - Manutenzjoni tas-SIS II (it-Taqsima 2.2.1.6);
 - Manutenzjoni tal-AFIS tas-SIS II (it-Taqsima 2.2.1.7);
 - Appoġġ għal SIS II lill-Istati Membri (inkluża l-integrazzjoni tal-utenti ġodda fis-SIS II) (it-Taqsima 2.2.1.8);
 - Il-ġestjoni operattiva/operazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sistema ta' kuljum (it-Taqsima 2.2.1.9);
 - It-tħaddim, il-ġestjoni u ż-żamma taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u s-sit operattiv ta' riżerva f'St Johann im Pongau (it-Taqsima 2.2.1.10).
- Attivitajiet ta' proġett operattiv
 - Manutenzjoni tal-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI, inkluża r-riorganizzazzjoni mill-ġdid taċ-ċentri tad-data (it-Taqsima 2.3.1.1);
 - Implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI (it-Taqsima 2.3.1.2);
 - Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi b'ġestjoni tal-konfigurazzjoni (it-Taqsima 2.3.1.3);
 - Soluzzjoni integrata unika ta' monitoraġġ — kontinwazzjoni mill-2018 (it-Taqsima 2.3.1.4).

Fl-2019, l-evoluzzjoni tas-sistemi sejra tiffoka fuq ir-riflessjoni tar-rekwiżiti ġodda kollha li huma mistennija li jiġu introdotti bħala riżultat tal-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi riformulati għas-sistemi mill-koleġiżlaturi.

Wara l-kontinwazzjoni u l-finalizzazzjoni tal-proġetti li bdew fis-snin preċedenti, bħat-tiġdid tal-kitt tas-software għall-utenti (USK), iż-żieda fil-bażi ta' data tal-BMS, l-implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS u ż-żieda tar-rekwiżiti tal-ittestjar/l-ambjent tal-ittestjar (TST) (li għandha tiġi ffinalizzata fl-2020), għandha tinbeda l-implimentazzjoni ta' proġetti ġodda importanti oħrajn relatati mal-VIS, inkluża l-interoperabbiltà bejn il-VIS u l-EES. Il-proġett relatat ma' 100 miljun applikazzjoni għal viża sejjer jara l-kwalifika u l-iskjerament fil-produzzjoni għall-prodotti finali.

Mat-tlestija tar-riżultati tal-istudju dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ fil-kuntest tar-riformulazzjoni tal-Eurodac, il-mekkaniżmu tar-rikonoxximent tal-wiċċ sejjer jiġi introdott fl-Eurodac. Sejr in isiru sforzi speċifiċi fir-rigward tal-ittestjar u l-appoġġ għall-Istati Membri. Skont l-adozzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac, sejr in jiġu

implimentati xi ftit inizjattivi tal-Eurodac (ara l-lista ta' hawn taħt). Barra minn hekk, il-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac sejjer jinbidel għas-servizzi tal-web⁸⁵.

Is-SIS II sejra ttemm aġġornament tal-magna ta' tfittxija u tal-kapaċità ġenerali tagħha. Simulatur ġdid tas-sistema ċentrali ta' SIS II sejjer ikun kompletament operattiv għall-Istati Membri kollha mill-2019. L-implimentazzjoni tal-AFIS ta' SIS II għat-tieni fażi sejra tibda fl-2019. Ladarba jiġi approvat il-qafas legali ġdid ta' SIS, l-Aġenzija sejra tibda l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tan-negozju ġodda (billi qiegħda timmira wkoll għal titjib fil-kontroll tad-deċiżjonijiet ta' ritorn).

Huwa mistenni wkoll li tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida sabiex tippermetti l-interoperabbiltà tas-sistemi u tal-portal ta' tfittxija Ewropew. Mal-adozzjoni tiegħu, l-Aġenzija sejra tibda proġett sabiex timplimenta l-qafas legali ġdid.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet ta' proġett operattiv
 - Proposta legali għal SIS ġdida⁸⁶ (it-Taqsima 2.3.1.5);
 - Deċiżjoni ta' SIS dwar ir-ritorn⁸⁷ (it-Taqsima 2.3.1.6);
 - L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018) (it-Taqsima 2.3.1.7);
 - Tiġdid tal-USK (kontinwazzjoni mill-2018) (it-Taqsima o);
 - Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS (il-Fażi 1, kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018) (it-Taqsima 2.3.1.9);
 - Żieda tat-TST għal Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni (PPE) 100 % (il-Fażi 1) (it-Taqsima 2.3.1.10);
 - Magna ta' tfittxija ġdida u aġġornament ta' Oracle għal SIS II, titjib tad-disponibbiltà u kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni (it-Taqsima 2.3.1.11);
 - Żieda fil-kapaċità tal-VIS għal 100 miljun applikazzjoni għall-viża (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018) (it-Taqsima 2.3.1.12);
 - Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: L-Europol (it-Taqsima 2.3.1.13);
 - Il-Fażi 1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — aġġornamenti skont il-proposta riformulata: tfittxija-ħażna ta' CAT_{1,2,3}, data bijografika/bijometrika ġdida, aġġornament tal-kapaċità, studju tar-rikonossiment tal-wiċċ⁸⁸ (it-Taqsima 2.3.1.14);
 - Il-Fażi 2.1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — inklużjoni ta' kopji tal-passaporti u dokumenti (ID) oħrajn fl-Eurodac (it-Taqsima 2.3.1.16);

⁸⁵ Dan huwa indipendenti mill-adozzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac.

⁸⁶ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106).

⁸⁷ Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

⁸⁸ Soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

- Il-Fażi 2.2 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — l-immaniġġjar tar-risistemazzjonijiet fl-Eurodac (it-Taqsima 2.3.1.17);
- Il-Fażi 2.3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — tfittxijiet alfanumeriċi fl-Eurodac (it-Taqsima 2.3.1.18);
- Il-Fażi 3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — implimentazzjoni tar-rikonnoxximent tal-wiċċ fl-Eurodac (abbażi tal-eżiti tal-istudju) (it-Taqsima 2.3.1.19);
- Tibdil tal-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac għas-servizzi tal-web (it-Taqsima 2.3.1.20);
- Implimentazzjoni tal-Fażi 2 ta' AFIS ta' SIS II⁸⁹ (it-Taqsima 2.3.1.21);
- L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE⁹⁰ (it-Taqsima 2.3.1.22).

It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

L-objettiv primarju tal-Aġenzija, fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati, sejjer ikun it-tmexxija operattiva tagħha. Barra minn hekk, il-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac sejra tiġi aġġornata mal-valutazzjoni tat-throughput tat-tranżazzjoni li għandha tiġi osservata wara r-riformulazzjoni tal-Eurodac. Proġetti bħall-fażi tat-test tan-netwerk unifikat (l-istudju għandu jsir fl-2017, u l-fażi tat-test fl-2017-2018), statistika tan-netwerk avvanzat (l-istudju għandu jsir fl-2017-2018, u l-fażi tat-test fl-2019) għandhom jiġu konklużi fl-2019, u l-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng (li bdiet fis-snin preċedenti) sejra tkompli fl-2019. Barra minn hekk, il-fażi tal-istudju tal-proġett tal-perimetru tan-netwerk fuq żona wiesgħa għandha titnieda fl-2019, li tkopri l-ġbir tar-rekwiżiti, l-identifikazzjoni tal-aktar soluzzjoni xierqa u d-deskrizzjoni tal-arkitettura ta' livell għoli.

Fl-2019 sejrin jitwettqu tliet valutazzjonijiet tal-impatt addizzjonali sabiex jiġu vvalutati r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet attivi/attivi, ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u l-infrastruttura kondiviża komuni għal SIS II, l-Eurodac u l-VIS.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
 - Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati (it-Taqsima 2.2.1.11);
 - Il-ġestjoni operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid u ġestjoni tal-kuntratti) (it-Taqsima 2.2.1.12).

⁸⁹ Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

⁹⁰ Soġġetta għall-adozzjoni finali tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, l-asil u l-migrazzjoni) u tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-fruntieri u l-viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 sabiex tiġi indirizzata n-neċessità tal-interoperabbiltà tas-sistemi.

- **Attivitajiet ta' proġett operattiv**
 - It-trasferiment tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u ta' SIS II (it-Taqsima 2.3.1.30);
 - Perimetru unifikat tan-netwerk fuq żona wiesgħa — studju u disinn (it-Taqsima 2.3.1.26);
 - L-aġġornament tal-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac (it-Taqsima 2.3.1.27);
 - It-tweġġ ta' fażi tat-test ta' network unifikat (kontinwazzjoni mill-2018) (it-Taqsima 2.3.1.28);
 - L-introduzzjoni ta' statistika tan-netwerk avanzat (kontinwazzjoni mill-2018) (it-Taqsima 2.3.1.29);
 - L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng (it-Taqsima 2.3.1.31);
 - Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għal SIS II (it-Taqsima 2.3.1.23);
 - Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-VIS (it-Taqsima 2.3.1.24);
 - Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-Eurodac (it-Taqsima o).

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

Fl-2019, l-Aġenzija sejra tkompli bl-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar, kif ukoll tas-Sistema ta' Awtomatizzazzjoni ta' Dublin il-ġdida. Huwa mistenni wkoll li tkun għaddejja l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN u tar-Regolament riformulat tal-Eurodac. Il-ħidma fuq ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika sejra tkompli wkoll.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- **Attivitajiet ta' proġett operattiv**
 - Sistema ta' Awtomatizzazzjoni ta' Dublin (it-Taqsima 2.3.1.32);
 - L-implimentazzjoni tal-EES (it-Taqsima 2.3.1.33);
 - L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) (it-Taqsima 2.3.1.34);
 - L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (skont l-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti) (it-Taqsima 2.3.1.35);
 - Repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-implimentazzjoni tal-istatistika sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tar-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika — l-unifikazzjoni tar-rapportar tas-sistemi kollha tagħna (kontinwazzjoni mill-2017) (it-Taqsima 2.3.1.36).

Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju

Fir-rigward tas-sigurtà, l-Aġenzija sejra tkompli bl-implimentazzjoni tal-Fażi 3 tal-infrastruttura tas-sigurtà kondiviża komuni, inkluża l-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet għas-sistemi tan-negozju ewlenin. Is-soluzzjoni tal-ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet sejra tipprovdli flussi tax-xogħol awtomatizzati għall-ġestjoni tal-forniment u l-ġestjoni tal-kontijiet tal-utenti għall-amministraturi tal-eu-LISA tas-sistemi tan-negozju ewlenin. Hija sejra ttejjeb ukoll il-verifika tas-sigurtà u r-rapportar tal-attivitajiet tal-utenti relatati mal-ġestjoni tas-

sistemi tan-negozju ewlenin. L-eu-LISA sejra topera, tippjana u tiżviluppa l-partijiet tal-kontinwità tan-negozju / tal-irkupru minn diżastri / tar-rispons f'każ ta' emerġenza mill-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità u sejra topera, tippjana u tiżviluppa l-elementi protettivi tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità. Dan is-servizz huwa bbażat madwar il-prinċipji u r-rekwiżiti ewlenin li joħorġu mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017-416 u l-ISO27001. L-elementi baġitarji ewlenin ta' dan is-servizz joħorġu mill-ispiża tal-liċenzja u tal-manutenzjoni ta' softwer u soluzzjonijiet relatati mas-sigurtà (eż. soluzzjonijiet anti-virus, softwer għall-ittestjar tas-sigurtà) u x-xiri ta' softwer u hardware tas-sigurtà ġodda jew aġġornati. Flimkien mal-Istati Membri, sejjer jitwettaq eżerċizzju tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju għall-Eurodac, fejn il-pjanijiet u l-kontroll tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju jiġu ttestjati minn perspettiva minn tarf sa tarf. Dan il-proġett jinkludi l-attivitajiet ta' ppjanar, koordinazzjoni, eżekuzzjoni u rapportar meħtieġa sabiex jiġi organizzat eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju fuq skala kbira għas-sistema Eurodac f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. L-eżerċizzju sejjer ikun imfassal sabiex jittestja l-oġettivi, li sejrin jiġu stabbiliti bħala parti mill-proċess tal-proġett. Is-sigurtà fiżika tas-siti ġodda f'Tallinn u fi Strasburgu sejra titjieb bl-implimentazzjoni ta' kontrolli addizzjonali sabiex tiġi infurzata r-reżiljenza tagħhom.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Attivitajiet ta' sigurtà mhux speċifikament relatati mas-sistemi tan-negozju ewlenin u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni (it-Taqsima 2.1.6).
- Attivitajiet operazzjonali fejn kolloxx jibqa' għaddej bħas-soltu
 - L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jiġu mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju (it-Taqsima 2.2.1.13);
 - It-twassil ta' servizz ta' garanzija u sigurtà tal-informazzjoni (it-Taqsima **Error! Reference source not found.**).
- Attivitajiet ta' proġett operattiv
 - L-implimentazzjoni tal-Fażi 3 tal-infrastruttura tas-sigurtà kondiviża komuni (it-Taqsima 2.3.1.37);
 - Eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju għall-Eurodac (it-Taqsima 2.3.1.38).

Attivitajiet ewlenin ta' appoġġ għan-negozju (rapportar statutorju għas-sistemi, taħriġ tekniku estern, riċerka teknoloġika, eċċ.)

Ir-rapportar statutorju, kif mitlub mill-mandat legali tal-Aġenzija, sejjer jitkompla skont ir-rekwiżiti eżistenti, kif ukoll l-aħjar prattiki.

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi taħriġ ta' kwalità għolja mfassal apposta għall-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi ġestiti minnha.

Matul l-2019, sejjer jiġi implimentat il-pjan direzzjonali għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija u l-librerija tal-eu-LISA sejra tiġi aġġornata b'titoli ġodda.

L-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Koordinazzjoni ġenerali (it-Taqsima 2.1.1).

Governanza korporattiva (ċentru ta' eċċellenza, governanza, ippjanar u rapportar statutorju korporattiv, ġestjoni tal-kwalità, awditjar intern, eċċ.)

Sabiex tappoġġja l-istabbiliment tal-eu-LISA b'ħala ċentru ta' eċċellenza, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa u żżomm il-qafas tal-ITSM tagħha.

Sabiex tappoġġja l-qafas ta' governanza tal-Aġenzija, ir-reġistru tal-kontroll intern tal-Aġenzija sejjer jiġi aġġornat u sejr in jitwettqu eżerċizzji ta' monitoraġġ regolari. L-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali (GCU) sejra tikkordina, tfejji u tiffaċilita l-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija u tal-AGs.

L-Aġenzija sejra tipprovdi r-riżorsi meħtieġa sabiex tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward tal-produzzjoni tad-dokumenti ta' programmar tagħha u tar-Rapport ta' Attività annwali kkonsolidat.

L-isforzi fil-qasam tal-awditjar intern huma ffokati fuq l-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar annwali.

L-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali (it-Taqsima 2.1.7);
 - Koordinazzjoni ġenerali (it-Taqsima 2.1.1).
- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej b'has-soltu
 - L-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA (it-Taqsima 2.2.2.1).

Il-politika, ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni

Is-sħubija ma' aġenziji tal-UE oħrajn u korpi rilevanti oħrajn, b'mod partikolari l-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, sejra tissaħħaħ aktar.

L-attenzjoni sejra tkun iffokata fuq il-monitoraġġ tal-iżviluppi rilevanti fl-oqsma tal-ĠAI.

F'dan il-qasam ta' azzjoni strateġika, l-isforzi ewlenin sejr in ikunu fuq l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Esterna annwali u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna annwali.

- Attivitajiet orizzontali
 - Koordinazzjoni ġenerali (it-Taqsima 2.1.1).

Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà

Il-proġett ewlieni barra l-attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej b'has-soltu sejjer ikun l-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni u ta' informazzjoni korporattiva. L-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni u t-twassil f'waqt ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti sejr in ikunu l-prijoritajiet ulterjuri għall-2019.

L-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà (it-Taqsima 2.1.2).

Faċilitajiet u servizzi korporattivi

Huwa mistenni li, fl-2019, l-Aġenzija tkun diġà mxiet għall-kwartieri ġenerali ġodda tagħha f'Tallinn u għas-sit operattiv estiż tagħha fi Strasburgu, li se jrin jirrikjeđu li jkun hemm fis-seħħ is-servizzi kollha ta' loġistika u provvisti u l-attivitajiet ta' manutenzjoni għall-bini u t-tagħmir ġdid. Barra minn hekk, fi Strasburgu, sejra tinbeda t-tieni estensjoni tal-bini operattiv sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri.

Fir-rigward tas-servizzi tal-IT korporattivi, l-Aġenzija sejra żżomm u tevolvi l-arkitettura tan-netwerk korporattiv, l-arkitettura tas-sistema u tal-ħażna, l-applikazzjonijiet korporattivi u l-ospitar tas-sit web tagħha. Sejra ssir evoluzzjoni wkoll tal-ambjenti tat-tagħlim elettroniku.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Servizzi korporattivi (it-Taqsima 2.1.5).

Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani

Matul il-perjodu 2019-2021, l-HRU sejra tiffoka fuq tliet oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani:

- L-ottimizzazzjoni u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, il-proċessi u l-prattiki organizzazzjonali f'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet rilevanti;
- L-iżvilupp tal-ġhodod tal-IT għar-riżorsi umani u l-implimentazzjoni tagħhom;
- taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal).

L-għan primarju tal-ottimizzazzjoni huwa li jiġi żgurat li r-riżorsi adegwati ppjanati jkunu disponibbli matul dan il-perjodu ta' tkabbir u li l-HRU nnifisha tkun ippreparata għall-isfida tal-għadd dejjem jiżdied ta' persunal. Fl-2019, l-eu-LISA sejra tkompli tirrekluta impjegati addizzjonali sabiex jiġu allokat li l-Aġenzija skont ir-regolament tat-twaqqif rivedut u għall-fażi li jmiss tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN. Fl-istess ħin, l-istruttura tal-organizzazzjoni tista' tgħaddi minn bidliet sabiex jiġu akkomodati l-kompiti ġodda u l-persunal ġdid, filwaqt li tippermetti l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tal-organizzazzjoni u tal-membri tagħha fil-ġejjieni.

L-implimentazzjoni tal-ġhodod tal-IT, b'mod partikolari tal-ġhodod użati mill-aġenziji tal-UE l-oħrajn u mill-Kummissjoni Ewropea, għandha tiffaċilita l-ħidma u r-rapportar fil-qasam tar-riżorsi umani. Għandhom jiġu implimentati u jibdew jintużaw moduli bażiċi ta' Sysper mill-HRU u mill-persunal sal-aħħar tal-2019. Se jrin isiru pjanijiet għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-moduli li jmiss fis-snin li ġejjin. Għandu jiġi rrimarkat li l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-ġhodod tal-IT ġodda, sakemm jibdew jiġihaddmu b'mod sħiħ, jibnu fuq l-isforz addizzjonali mill-persunal tal-eu-LISA involut fil-proġett.

L-HRU sejra tkompli tipprovdi korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA sabiex ikun jista' jagħti prestazzjoni aħjar u joffri servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

B'hekk, l-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Ġestjoni tar-riżorsi umani (it-Taqsima 2.1.3).
- Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu
 - Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal) (it-Taqsima 2.2.4.1).

Protezzjoni tad-data

Sejjer jiġi abbozzat ir-Rapport ta' Hídma annwali dwar il-protezzjoni tad-data għall-2018 u l-istatus intermedju dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-data sejjer jiġi rrapportat lill-MB. Għandhom jiġdiedu s-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-frekwenza tas-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett (inkluża sessjoni speċjali fil-jum iddedikat għall-protezzjoni tad-data) bil-għan li jiġu indirizzati l-bidliet li jiġu mit-tħassir tar-Regolament 45/2001, filwaqt li sejjer jitwettaq l-Istħarriġ annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

L-attivitajiet tal-2019 spjegati fid-dettall fil-Kapitolu 2 huma dawn li ġejjin:

- Attivitajiet orizzontali
 - Protezzjoni tad-data (it-Taqsima 2.1.4).

2. Attivitajiet fl-2019

2.1. *Attivitajiet orizzontali*

Din it-taqsimha tkopri l-attivitajiet trasversali organizzazzjonali kollha li jidwettqu fuq bażi ta' kuljum u l-proġetti maħsuba sabiex jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija. L-attivitajiet jinkludu eżerċizzji ta' ppjanar u rapportar annwali, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni bħall-Istati Membri, il-Kummissjoni jew aġenziji u korpi oħrajn, l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna u interna jew il-ġestjoni tar-riskji korporattivi u l-implimentazzjoni ta' standards ta' kontroll intern (ICSs). Huma jkopru wkoll il-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti, kif ukoll ir-reklutaġġ, it-tagħlim u l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi. L-attivitajiet ta' awditjar intern u protezzjoni tad-data fejn kolli jibqa' għaddej bħas-soltu huma wkoll parti minn din it-taqsimha, li tipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sigurtà ta' kuljum relatati mas-sigurtà fiżika u tal-informazzjoni.

2.1.1. *Koordinazzjoni ġenerali*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- ipplanar u rapportar;
- l-għoti ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-konformità u l-governanza;
- appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija;
- appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-gruppi konsultattivi;
- l-abbozzar ta' rapporti tekniċi u l-aggregazzjoni tal-istatistika;
- l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet diretti esternament delineati fil-pjan direzzjonali annwali għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija għall-2019 u l-istrateġija ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija 2019-2021;
- il-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-riċerka u t-teknoloġija u l-input tat-tagħlim fi proġetti interni li jiffokaw fuq l-evoluzzjoni tas-sistema, l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida, it-titjib tal-kapaċità tal-Aġenzija u l-forniment ta' servizz ġdid;
- l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni Esterna;
- l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA;

- L-involvement tal-partijiet ikkonċernati u l-koordinazzjoni tal-politika;
- il-kontribut bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma ta' SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viżi u l-iżgurar ta' użu aħjar ta' SIS II u tal-VIS mill-Istati Membri.
- L-għoti ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tipprovdi taħriġ u appoġġ tekniku lil aġenziji tal-ĠAI oħrajn, jekk meħtieġa/mitluba u jekk permessi mill-qafas legali applikabbli;
- tibda u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni ta' sistema ta' ġestjoni u informazzjoni korporattiva (CIMS).

VALUR MIŻJUD

- L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha, tiġġestixxi l-ħidma tagħha b'mod prevedibbli u strutturat, kif ukoll tagħxi f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.
- Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA se jrin jirċievu informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u l-kisba tal-oġġettivi tagħha. Il-maniġment u l-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA se jkun jistgħu jieħdu deċiżjonijiet operattivi u strateġiċi bbażati fuq data verifikabbli b'mod oġġettiv.
- L-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards ta' kontroll intern ġestiti mill-eu-LISA se jkun jikkontribwixxu sabiex tiġi ffaċilitata l-governanza tajba mill-Aġenzija.
- L-immaġini pożittiva tal-Aġenzija sejra tinżamm.
- L-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati dwar teknoloġiji ta' rilevanza se jkun jidjed, b'hekk jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet imtejjeb u kapaciťajiet imtejjba sabiex issir ħidma ma' esperti tal-Aġenzija fuq proġetti ġodda u dawk li għaddejjin bħalissa.
- Il-viżjoni mtejjba tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien u ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni ta' kwalitá għolja.
- L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna se jkun jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kultura korporattiva tal-Aġenzija bħala organizzazzjoni moderna u li tiffunzjona sewwa.
- L-eu-LISA hija sieħba fdata u siewja għall-partijiet ikkonċernati kollha tagħha, tipperċepixxi sewwa l-impatt tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-ĠAI fuq l-Aġenzija u kapaciť tiddefendi l-fehmiet tagħha vis-a-vis il-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- L-Istati Membri tal-UE jkunu is-sistemi taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA billi jseguw l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni ta' Schengen fl-oqsma ta' SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viżi.
- Jidjed l-għarfien tekniku tal-Istati Membri/aġenziji tal-ĠAI msieħba dwar is-sistemi, li jirriżulta fi prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri/aġenziji tal-ĠAI msieħba jirċievu t-taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi.
- Il-maniġment tal-Aġenzija se jkun jipprovdut b'informazzjoni usa' u aktar preċiża sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet operattivi u strateġiċi.

SFIDI EWLENIN

- L-iżgurar tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni tal-kwalità u fil-kwantità mixtieqa.
- Il-kontributi f'waqthom mill-parteċipanti involuti u l-impenn tagħhom.
- Riżorsi limitati (umani/baġitarji) u żmien limitat sabiex jiġu appoġġati biżżejjed l-attivitajiet ta' koordinazzjoni ġenerali.
- Komunikazzjoni insuffiċjenti bejn l-operazzjonijiet u l-funzjoni tal-monitoraġġ tar-riċerka sabiex titmexxa l-prijoritizzazzjoni tas-suġġett, li ssir aktar probabbli permezz tad-diviżjoni bejn l-unitajiet.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' għarfien espert wiesa' biżżejjed fi ħdan il-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija sabiex jiġi pprovdut input rilevanti u ta' kwalità għolja fuq il-medda eċċezzjonalment wiesgħa ta' oqsma teknoloġiċi li fihom l-appoġġ ikun siewi.
- Jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet fuq l-Aġenzija minn kuntratturi li jospitaw u/jew jiżviluppaw il-funzjonalitajiet għas-sit web.

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
VCU	1. L-issodisfar tar-rekwiżiti tal-ippjanar tar-regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA u tar-Regolament Finanzjarju Qafas fir-rigward tad-dokumenti tal-ippjanar u r-rapportar. 2. L-iffaċilitar tal-applikazzjoni ta' governanza tajba permezz tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' qafas ta' standards ta' kontroll intern fl-eu-LISA. 3. Appoġġ effettiv għall-operazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u tal-gruppi konsultattivi. 4. L-għoti ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u l-użu tagħhom. 5. Il-monitoraġġ tat-teknoloġiji rilevanti u l-komunikazzjoni lill-PE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. 6. It-titjib tal-għarfien intern tar-riċerka akkademika/industrijali riċenti u l-iżviluppi teknoloġiċi ta' rilevanza għall-proġetti interni u x-xogħol ta' żvilupp u sabiex b'hekk jiġi żgurat li tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. 7. L-għoti ta' informazzjoni aġġornata, iż-żieda tal-għarfien u l-	1. Id-dokumenti tal-ippjanar u r-rapportar kollha legalment meħtieġa għandhom jiġu abbozzati u adottati fi żmien debitu. 2. L-aġġornament u l-implimentazzjoni tar-reġistru tal-kontroll intern għall-2019, inklużi miżuri definiti għall-iżgurar ta' governanza tajba. 3. L-appoġġ loġistiku u amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija u lill-gruppi konsultattivi jinżamm f'livell għoli. 4. Rapporti tekniċi, statistika annwali u lista tal-awtoritajiet sottomessi lill-istituzzjonijiet tal-UE jew ippubblikati fil-ĠU kif meħtieġ mill-bażi ġuridika. 5. Żewġ rapporti ta' riċerka ppubblikati online ffokaw fuq suġġetti li huma rilevanti għall-proġetti li għaddejjin u dawk ġodda u għall-prijoritajiet tal-Aġenzija għall-2019. L-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti tal-industrija u l-koordinazzjoni tal-kontenut b'impatt fil-konferenza annwali tal-eu-LISA tal-2019. 6. Rapporti b'fokus qasir fuq ir-riċerka u t-teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni, input għal-laqqgħat tal-proġett u timijiet	1. L-eu-LISA tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'informazzjoni suffiċjenti dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħha u l-prestazzjoni tagħha. 2. L-Aġenzija tapplika b'mod suffiċjenti elementi ta' governanza tajba fil-prattiki tal-ġestjoni tal-konformità tagħha. 3. Il-Bord tat-Tmexxija u l-gruppi konsultattivi jingħataw biżżejjed appoġġ sabiex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv. 4. L-issodisfar tal-obbligi ta' rapportar kollha kif deskritt fil-bażi ġuridika. 5. It-tixrid tal-għarfien ta' rilevanza akkumulat jagħti spinta lis-sensibilizzazzjoni meħtieġa tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet tekniċi, li jwassal għal possibbiltajiet kollaborattivi mtejbja. Il-profil tal-Aġenzija bħala ċentru ta' għarfien jogħla u l-immaġini tagħha tissaħħaħ. 6. Iż-żamma u l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-eu-LISA bl-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli. 7. Tagħrif aħjar u sensibilizzazzjoni mtejbja tal-partijiet ikkonċernati primarji dwar ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija.

	għoti malajr ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati. 8. It-titjib tal-kondiviżjoni ta' għarfien u informazzjoni bejn l-aġenziji u l-kontribut għall-involviment tal-impjegati. 9. Relazzjonijiet ta' kwalità għolja mal-partijiet ikkonċernati (l-Istati Membri, istituzzjonijiet tal-UE, aġenziji tal-UE, rappreżentanti tal-industrija, akkademiċi) u analiżi u koordinazzjoni komprensivi tal-politika interna, flimkien ma' sensibilizzazzjoni xierqa għall-partijiet ikkonċernati. 10. L-iżgurar ta' implimentazzjoni tajba tal-acquis ta' Schengen fil-qasam ta' SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viża mill-Istati Membri evalwati, kif ukoll l-iżgurar ta' użu aħjar ta' SIS II u tal-VIS. 11. It-tijib u l-applikazzjoni tal-għarfien tal-Istati Membri u/jew tal-aġenziji tal-ĠAI msieħba dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi. 12. Il-bidu u l-kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-CIMS	ibbażati fuq monitoraġġ tat-teknoloġija, xogħol investigattiv imwettaq skont prattiki tajba ta' riċerka. 7. It-tweqqif ta' kompiti ta' informazzjoni u komunikazzjoni esterni f'konformità mar-rekwiżiti legali u l-istandards ta' kwalità stabbiliti għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u skont il-prinċipji tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni tal-eu-LISA 2017-2020. 8. L-attivitajiet kollha tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna annwali huma implimentati bis-siġġ. 9. L-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' f'idma u memoranda ta' qbil ma' istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE; il-ġestjoni ta' inizjattivi konġunti; l-involviment tal-partijiet ikkonċernati permezz ta' avvenimenti; l-analiżi u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-politiki tal-ĠAI b'impatt fuq l-Aġenzija. 10. Il-parteċipazzjoni fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'SIS/SIRENE u f'oqsma ta' politika komuni dwar il-viża b'ħala osservatur u l-kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri tal-UE. 11. L-issodisfar tal-kompitu ewlieni tal-Aġenzija skont ir-regolament tat-twaqqif u l-għoti ta' taħriġ tekniku dwar il-funzjonament u l-użu tas-sistemi lill-Istati Membri. L-għoti ta' appoġġ lill-aġenziji tal-ĠAI msieħba, jekk jintalab u jkun legalment aċċettabbli. 12. L-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-CIMS	8. Il-persunal fis-siti kollha tal-Aġenzija jiġi infurmat u involut fil-livell korporattiv, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet infurmati rigward il-kompiti professjonali tagħhom u jkollhom aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni interna għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u r-rispons. 9. Kooperazzjoni sistematika u li tiffunzjona sewwa mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA u analiżi tal-politika bir-reqqa u koordinazzjoni internament u sensibilizzazzjoni xierqa għall-partijiet ikkonċernati rilevanti. 10. L-Istati Membri tal-UE japplikaw b'mod korrett il-leġiżlazzjoni ta' Schengen fl-oqsma ta' SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viża u jiżguraw l-użu aħjar ta' SIS II u tal-VIS. 11. Ikun fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u risponsiv li jissodisfa b'mod siġġ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. 12. L-eżistenza ta' sistema li tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati tajjeb billi tistruttura u tippreżenta informazzjoni dwar il-ġestjoni bbażata fuq ħtiġijiet definiti minn qabel, u b'dan tikkontribwixxi sabiex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza
--	--	---	--

2.1.2. *Ġestjoni finanzjarja, akkwist u kontabbiltà*

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u l-Akkwiżizzjoni;
- il-kunsinna f'waqtha ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwisti, finanzjarja u tal-assi;

- kontroll intern, proċeduri u verifiki relatati mal-finanzi u l-akkwisti;
- l-introduzzjoni għall-ewwel sena finanzjarja sħiħa ta' mudell ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività (inklużi kalkolu tal-ispejjeż, ibbaġitjar, rapportar);
- iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija.

VALUR MIŻJUD

- Iż-żamma u l-iffaċilitar tal-operat tal-Aġenzija permezz tal-iżgurar tal-akkwiżizzjonijiet f'konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba.
- L-appoġġ għall-eżekuzzjoni bla xkiel tal-oġġettivi korporattivi u operattivi tal-Aġenzija.
- L-Aġenzija tissodisfa r-rekwiżiti statutorji li huma obbligatorji għal korp tal-UE.
- Il-monitoraġġ b'mod oġġettiv tal-prestazzjoni billi tinkiseb previzzjoni baġitarja aktar preċiża u trasparenza fil-proċess tal-baġit.
- Ir-rapportar u l-preżentazzjoni koerenti u kredibbli tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija.
- Konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba.
- Pagamenti implimentati kif suppost u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli.
- Prerekwiżiti legali għall-proċedura ta' kwittanza.

SFIDI EWLENIN

- Ippjanar u skedar.
- Riskji legali (kawżi tal-qorti).
- Il-kwalità tal-ippjanar hija inadegwata.
- Nuqqas fil-kontrolli interni jista' jirriżulta f'nefqa mhux ġustifikata, frodi u ċaħda tal-kwittanza mill-awtorità baġitarja.
- L-espansjoni tan-negozju tirriżulta f'kumplessità dejjem tikber b'numri dejjem jiżdiedu ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li għandhom jiġu kkontrollati u rrapportati.

Unità	Oġġettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
FPU/AO	1. L-għoti ta' appoġġ għall-attivitàjiet korporattivi u ewlenin tal-Aġenzija billi jiġu pprovduti l-akkwist u l-akkwiżizzjoni fi żmien debit. 2. Ġestjoni finanzjarja tajba u kapaċitajiet għall-ippjanar preċiż tal-baġit; l-iżgurar tal-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni bħala sostenn għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija. 3. L-iżgurar li l-attivitàjiet fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja u	1. Il-forniment ta' servizzi ta' akkwist f'waqthom u ta' kwalità għolja bħala sostenn għall-Aġenzija matul is-sena. 2. Il-forniment ta' servizzi baġitarji, ta' akkwist u finanzjarji interni ta' kwalità għolja, li jippermettu li jintlaħqu l-oġġettivi korporattivi u operattivi. 3. L-iżvilupp u r-reviżjoni ta' proċeduri u kontrolli; it-tweġġ ta' verifiki interni u esterni fil-qasam finanzjarju u tal-akkwisti.	1. Il-ħtiġijiet ta' akkwiżizzjoni tal-Aġenzija jiġu indirizzati f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju. 2. Jiġu pprovduti servizzi f'waqthom u ta' kwalità għolja tas-servizzi baġitarji, tal-akkwist u finanzjarji matul is-sena. Il-proċessi jiġu riveduti kontinwament sabiex jittejjbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn possibbli permezz ta'

	tal-akkwisti jkunu konformi mal-istandards applikabbli, iddokumentati, riveduti u aġġornati.	4. Kapaċitajiet aħjar għall-allinjament tal-attivitajiet mal-oġġettivi, is-simplifikazzjoni tal-ispejjeż u t-titjib tal-prattiki tan-negozju sabiex ikollhom effettività akbar fil-proċessi tar-rapportar u l-ippjanar tal-baġit.	dematerjalizzazzjoni.
4.	L-iżgurar ta' ppjanar baġitarju u rapportar finanzjarju aktar preċiżi relatati mal-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet tan-negozju speċifiċi u, b'mod partikolari, l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi taħt ġestjoni.	5. Kontijiet annwali kkonsolidati u individwali provviżorji u finali	3. L-Aġenzija tagħmel użu minn sett komprensiv ta' proċeduri u kontrolli li huma xierqa għall-iskop tagħhom sabiex tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-kontroll intern.
5.	L-iżgurar tal-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-assi tal-Aġenzija u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti		4. L-Aġenzija tista' tkejjel b'mod preċiż il-prestazzjoni tagħha fl-eżekuzzjoni tal-proċessi tan-negozju ewlenin tagħha f'konformità ma' mudell ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività.
			5. Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali sabiex jirrappreżentaw b'mod ġust u trasparenti l-pożizzjoni finanzjarja tal-aġenzija li tiffaċilita l-proċedura ta' kwittanza.

2.1.3. *Ġestjoni tar-riżorsi umani*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- L-ottimizzazzjoni u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi umani f'termini tal-istruttura, il-proċessi u l-prattiki organizzazzjonali f'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet rilevanti;
- L-iżvilupp tal-ġhodod tal-IT għar-riżorsi umani u l-implimentazzjoni tagħhom;
- taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal).

VALUR MIŻJUD

- L-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA li tirrifletti l-iżvilupp tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-HRU aġġustata għall-Aġenzija li qiegħda tikber.
- L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-HR f'konformità mal-pjan direzzjonali tagħha.
- L-adozzjoni u/jew l-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal.
- L-implimentazzjoni ta' Sysper għall-modulu tal-organigramma u l-karriera tal-persunal u t-tweqqif ta' ħidma fuq l-użu tal-moduli fakultattivi.
- Qiegħdin isiru pjanijiet b'rabta mal-moduli fakultattivi.
- L-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' ġhodod tal-IT oħrajn użati mill-HRU (SharePoint, Totara, eċċ.).
- Il-membri tal-persunal operattivi tal-eu-LISA se jkun jistgħu jwettqu aħjar u joffru servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

SFIDI EWLENIN

- L-iżgurar li l-ippjanar tal-istruttura organizzazzjonali jkun konformi mal-proposti legali għall-kompiti l-ġodda, filwaqt li l-bażi ġuridika għadha ma ġietx adottata.

- L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-persunal fl-HRU bl-għarfien rilevanti u t-trasferiment tal-għarfien fil-każ ta' dawran tal-persunal tal-HR.
- L-iżgurar ta' rapportar f'waqtu dwar l-oqsma tal-HR rilevanti u li jinżammu rekords preċiżi. L-iżball uman jinżamm għal minimu fil-każ ta' dawran tal-persunal.
- L-iżgurar tad-disponibbiltà tar-riżorsi sabiex din il-ħidma titkompla bħas-soltu.

Id-disponibbiltà tal-fondi għal dan it-tip ta' taħriġ, id-disponibbiltà ta' għarfien espert dwar is-suq u l-ammont ta' xogħol jistgħu jaffettwaw il-parteċipazzjoni fit-taħriġ. Dawn ir-riskji jistgħu jittaffew permezz ta' ppjanar tajjeb u prijorizzazzjoni.

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
HRU	1. L-ippjanar tar-riżorsi tal-Aġenzija u fl-HRU sabiex jintlaħqu l-miri u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija u sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea. 2. L-implimentazzjoni ta' għodod tal-IT adegwati jew personalizzati, użati minn aġenziji tal-UE oħrajn u mill-Kummissjoni, għat-tmexxija bla xkiel tas-servizz tal-HR. 3. L-iżgurar li l-eu-LISA tipprovdi servizz ta' livell għoli u innovazzjoni lill-partijiet ikkonċernati interni tagħha permezz ta' għarfien akbar tal-persunal tagħha stess	1. L-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA qiegħda tirrifletti l-iżvilupp tal-Aġenzija; l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-HRU hija aġġustata għall-Aġenzija li qiegħda tikber; l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-HR f'konformità mal-pjan direzzjonali tagħha; l-adozzjoni u/jew l-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal. 2. L-implimentazzjoni ta' Sysper għall-modulu tal-organigramma u l-karriera tal-persunal u t-tweqqif ta' ħidma fuq l-użu tal-moduli fakultattivi; qegħdin isiru pjanijiet b'rabta mal-moduli fakultattivi; l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' għodod tal-IT oħrajn użati mill-HRU (SharePoint, Totara, eċċ.). 3. Sejrin jiġu pprovduti korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA	1. L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u tal-HRU sejra tirrifletti l-iżvilupp organizzazzjonali u takkomoda t-tkabbir fil-ġejjieni. L-eu-LISA sejra tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-persunal f'konformità mal-qafas regolatorju. 2. L-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi umani (HRM) tal-eu-LISA fir-rigward tal-effiċjenza tal-prestazzjoni, l-allokazzjoni tar-riżorsi u s-sistematizzazzjoni tal-istruttura tad-data, u r-rekords verifikabbli. 3. Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA jkunu jistgħu jwettqu dmirijietom aħjar u jkunu familjari mal-aħjar prattiki fil-qasam tat-teknoloġija

2.1.4. *Protezzjoni tad-data*

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- l-abbozzar tar-Rapport ta' Ħidma annwali 2018 u r-rapportar tal-istatus intermedju tal-konformità tal-protezzjoni tad-data lill-MB;
- iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;

- it-traspożizzjoni tar-regolament ġdid li jħassar ir-Regolament 45/2001;
- it-tweġġ tal-Istħarriġ annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

VALUR MIŻJUD

- Tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-livell tal-protezzjoni tad-data lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- L-impenn tal-persunal lejn il-protezzjoni tad-data mistenni jkun f'livell għoli.
- Konformità mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data applikabbli għall-eu-LISA.
- It-titjib fil-konformità mal-protezzjoni tad-data u l-identifikazzjoni ta' Prattiki riskjużi possibbli dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.

SFIDI EWLENIN

- Nuqqas ta' riżorsi sabiex jiżdied il-livell li għandu jiġi ppreżentat u l-kunsinna fil-ħin tad-dokumenti.
- Nuqqas ta' interess mill-persunal, demotivazzjoni jew nuqqas ta' kompromess mill-manigġers u mill-manigġers ta' grad medju. Nuqqas ta' appoġġ mill-manigġers ta' grad ogħla. Nuqqas ta' riżorsi sabiex jitwettqu attivitajiet bħal dawn.
- Ir-regolament il-ġdid jintroduċi ċerti diffikultajiet u sfidi ġodda. Sejjer ikun meħtieġ perġodu ta' adattament bi skambju xieraq ta' informazzjoni fost l-UPD tal-UE, li jfittxu gwida dwar kif għandhom jimplimentaw b'mod korrett id-dispożizzjonijiet ġodda. Kunċetti żbaljati jew perċepiti ħażin jistgħu jwasslu għal riskji ta' nuqqas ta' konformità, li min-naħa tagħhom iwasslu għal telf finanzjarju.
- Nuqqas ta' riżorsi sabiex l-istħarriġ jitwettaq b'mod f'waqtu.
- L-azzjonijiet ta' segwitu u l-awditjar jistgħu jiġu perċepiti bħala spezzjoni, bil-konnotazzjonijiet negattivi kollha li jirriżultaw minnhom.

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
UPD	1. Il-pubbliku, il-MB u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huma infurmati dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tal-protezzjoni tad-data permezz tal-pubblikazzjoni fuq il-web tar-Rapport ta' Hídma annwali 2018. Il-MB jinżamm infurmat ukoll permezz ta' rapport ta' status intermedju. 2. Aġġornament kontinwu tal-għarfien tal-persunal dwar il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data applikabbli. 3. Adattament għar-regolament il-ġdid applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità dwar l-ipproċessar ta'	1. Rapport ta' Hídma annwali 2018 ippreżentat għall-approvazzjoni lill-MB tal-eu-LISA. Ġie pprovdut rapport tal-istatus intermedju dwar il-protezzjoni tad-data. 2. Fehim akbar/miżmum tal-persunal dwar kunċetti u drittijiet tal-protezzjoni tad-data. 3. Deċiżjoni ġdida mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mal-ipproċessar ta' data personali fl-eu-LISA. 4. Jiġi ppreżentat rapport bl-eżiti/bis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA	1. Il-MB jiġi infurmat dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. 2. Il-membri tal-persunal jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. 3. L-iżgurar tal-konformità tar-regoli interni mal-qafas legali applikabbli. 4. Għandhom jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-data sabiex tiżdied il-konformità mal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija

- | | | | |
|--|---|--|--|
| | data personali.
4. Verifika tal-konformità mal-protezzjoni tad-data dwar unità speċifika tal-eu-LISA | | |
|--|---|--|--|

2.1.5. *Servizzi korporattivi*⁹¹

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tal-arkitettura tan-netwerk korporattiv;
- l-attivitàjiet ta' manutenzjoni tat-tagħmir u l-assi kollha fis-sit operattiv;
- l-estensjoni tal-bini operattiv sabiex jospita l-proġetti attwali u futuri;
- il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistema korporattiva u tal-arkitettura tal-ħażna;
- it-titjib tal-applikazzjonijiet korporattivi;
- l-istrateġija ta' preservazzjoni tal-arkivji fit-tul tal-Aġenzija;
- l-evoluzzjoni tal-ambjenti tat-tagħlim elettroniku tal-eu-LISA;
- il-hosting u l-evoluzzjoni tas-siti web;

⁹¹ Fir-rigward tal-aspetti ta' governanza tal-ICT, l-eu-LISA hija meħtieġa tuża l-istandards ta' governanza tal-IT u, kull fejn xieraq, il-blokk tal-bini li jistgħu jerġgħu jintużaw magħmula disponibbli mill-Kummissjoni skont il-Linji Gwida dwar it-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. F'dak il-kuntest, is-sinerġiji fil-governanza tal-IT u djalogu regolari bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni se jrin ikunu ta' benefiċċju; meta tiżviluppa l-mudell tal-arkitettura tal-intrapriżi tagħha, l-eu-LISA sejra tqis il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà rivedut — Strateġija ta' Implimentazzjoni COM (2017)134 mit-23/03/2017 u l-ħidma li saret taħt il-programm tal-ISA mill-Kummissjoni u mir-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar l-EIRA (Arkitettura ta' Referenza Ewropea għall-Interoperabbiltà) dwar it-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli tul il-fruntieri u s-setturi.

- l-iżvilupp ulterjuri tal-arkitettura tal-intrapriżi;
- l-operazzjonijiet fil-faċilità li jippermettu l-użu sħiħ u effettiv tal-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda f'Tallinn;
- l-implimentazzjoni tas-servizzi ta' loġistika u provvisti fil-kwartieri ġenerali l-ġodda;
- il-portafoll tal-missjoni u l-ħolqien ta' gwida tal-missjoni interna;
- l-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA.

VALUR MIŻJUD

- Integrazzjoni aħjar tal-pjattaforma tan-netwerk, titjib fil-kontinwità tan-negozju u fl-irkupru minn diżastri, sigurtà aħjar, servizzi tan-netwerk aħjar.
- Faċilitajiet adegwati li jappoġġjaw l-operazzjonijiet.
- Kundizzjonijiet tax-xogħol suffiċjenti u xierqa għall-iskop tagħhom f'konformità mal-istandards⁹² tal-OIB.
- Titjib fil-komunikazzjoni, fis-servizzi tad-direttorju u fil-ġestjoni tal-identitajiet.
- Żieda fis-sikurezza u r-reżiljenza fil-proċessi ta' riżerva u restorazzjoni.
- Konformità mal-obbligi legali, kif ukoll depożitu, preservazzjoni, aċċess u konsultazzjoni pubblika għad-dokumenti / għall-arkivji.
- Titjib fil-pjattaformi tat-tagħlim elettroniku jew l-adozzjoni ta' pjattaformi u għodod ġodda meħtieġa.
- Stabbiliment ta' soluzzjoni interna fid-dawl tan-nuqqas ta' abbiltà li tiġi ppreservata jew imtejba il-kapaċità attwali.
- Iż-żamma u t-titjib tal-hosting u s-servizzi tas-siti web.
- Linji gwida dwar il-bidliet fin-negozju, fl-informazzjoni, fil-proċess u fit-teknoloġija meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-istrateġija tal-IT.
- It-tranżizzjoni bla xkiel tas-servizzi tan-negozju tal-IT u mhux tal-IT fir-rigward tal-missjonijiet.
- Ir-riskji ta' kritika u kawżi tal-qorti sejrjn jittaffew.

⁹² L-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell

SFIDI EWLENIN

- Sigurtà vs użabbiltà — aktar ma t-tqassim ikun sigur, aktar il-piż ikun fuq il-flussi tan-netwerk.
- Nuqqas ta' riżorsi u kontinġenzi limitati tal-persunal.
- Skedi ta' żmien estensivi meħtieġa għal servizzi tal-akkwist li jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha.
- It-tweġġ ta' kontinwità tan-negozju effettiva mingħajr il-preżenza tal-persunal fiż-żewġ siti għal appoġġ ta' stennija u intervent fiżiku għall-ġestjoni fil-pront tal-inċidenti.
- Il-preservazzjoni tal-għarfien intern tal-inizjattivi fil-qasam tal-applikazzjoni b'membri tal-persunal wieħed biss fis-CSS involut, jiġifieri l-Kap tas-Settur.
- Nuqqas ta' rekwiżiti ċari f'isem in-negozju.
- Nuqqas ta' riżorsi sabiex tinżamm il-bażi ta' għarfien.
- Il-preservazzjoni tal-għarfien intern b'riżorsi limitati.
- Dipendenza fuq is-sidien u l-kuntratturi tal-proċessi esterni.
- Riżorsi limitati għall-għoti ta' pariri legali skont il-ħtiġijiet u l-iskadenzi mistennija.

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
CSD	1. It-titjib tal-arkitettura tan-netwerk tal-Aġenzija għall-użu korporattiv sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà, kif ukoll integrazzjoni tal-pjattaformi. 2. It-tnejn u l-kontinwità tal-faċilitajiet kollha. 3. L-objettiv tal-proġett huwa li jestendi s-sit addizzjonali ta' Strasburgu (dak tal-lum, kif tlesta fl-2017) sabiex jipprovdi kundizzjonijiet operattivi u tax-xogħol adegwati. 4. It-titjib tas-sistema u tal-arkitettura tal-ħażna tal-Aġenzija għall-użu korporattiv sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà, kif ukoll integrazzjoni tal-pjattaformi. 5. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-applikazzjonijiet korporattivi tal-Aġenzija u t-titjib tal-kapaċitajiet ta' kollaborazzjoni u tal-flussi tax-xogħol. 6. L-istabbiliment tar-regoli ta' implimentazzjoni u soluzzjoni għall-obbligu tal-preservazzjoni tal-arkivji fit-tul fuq livell	1. L-implimentazzjoni tat-titjib fl-arkitettura tan-netwerk korporattiv. 2. Il-faċilitajiet jinżammu f'kundizzjoni tajba. 3. L-iżvilupp u l-użu ta' sular aġġornat mill-Aġenzija għall-faċilitajiet ta' Strasburgu kkonċernati. 4. It-titjib tas-sistema korporattiva u tal-arkitettura tal-ħażna. 5. It-titjib tad-disinn intranet/extranet u provvedimenti tal-fluss tax-xogħol, it-titjib fis-sistema tal-ġestjoni tad-dokumenti u t-titjib fl-għodod tal-HR. 6. L-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul għall-preservazzjoni tal-arkivji tal-Aġenzija. 7. It-titjib tal-pjattaforma ta' tagħlim elettroniku. 8. Il-manutenzjoni, il-hosting u l-evoluzzjoni tas-sit web tal-Aġenzija. 9. L-evoluzzjoni tal-arkitettura tal-intrapriżi tal-Aġenzija. 10. Servizzi korporattivi effettivi għall-kwartieri ġenerali l-	1. L-għoti ta' appoġġ suffiċjenti għall-ġestjoni tal-IT korporattiva. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal. Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba. 2. Il-faċilitajiet jipprovdu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa. 3. Kundizzjonijiet tax-xogħol u operattivi adegwati, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tekniċi, loġistiċi u operazzjonali. 4. L-għoti ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva. Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba. 5. Kapaċitajiet imtejba tal-pjattaformi ta' SharePoint, tad-DMS u tal-HR tal-Aġenzija. 6. Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni effettiva tad-dokumenti u tal-arkivji. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal. 7. Kundizzjonijiet imtejba tal-informazzjoni u tat-tagħlim elettroniku għall-persunal u għall-Istati Membri. Abbiltajiet

	tal-Aġenzija. 7. It-titjib tal-kapaċitajiet tat-tagħlim elettroniku tal-kapaċitajiet tat-tagħlim elettroniku interni (vis-a-vis il-persunal) u esterni (vis-a-vis l-Istati Membri) u tal-pjattaformi tal-Aġenzija sabiex jiġu pprovduti esperjenza aħjar tal-utenti, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà. 8. Iż-żamma u t-titjib tal-hosting tas-siti web u tal-arkitettura sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà. 9. L-evoluzzjoni ulterjuri tal-arkitettura tal-intrapriżi għall-Aġenzija. 10. Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet u tal-bini f'Tallinn. 11. Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-loġistika u tal-provvisti f'Tallinn. 12. It-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjoni, inkluż l-istabbiliment ta' gwida tal-missjonijiet. 13. L-appoġġ għall-konformità tal-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli	għodda fir-rigward tal-faċilitajiet u l-bini. 11. Il-bini l-għdid f'Tallinn jippreserva s-servizzi ta' loġistika u provvisti ta' kwalità għolja. 12. It-titjib tal-effettività tal-portafoll tal-missjoni. 13. L-għoti ta' pariri legali u opinjonijiet lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni u r-rappreżentanza tal-eu-LISA fil-qrati nazzjonali jew tal-UE, jekk ikunu meħtieġa	ta' komunikazzjoni mtejba. 8. Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-web hosting u r-ripożizzjoni tal-kontenut. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal. Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba. 9. L-evoluzzjoni ulterjuri tal-viżjoni olistika tal-IT u tal-interrelazzjoni tan-negozju. 10. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-abbiltà tagħhom li jużaw il-kwartieri ġenerali l-għodda b'mod effettiv. 11. Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-abbiltà tagħhom li jużaw il-kwartieri ġenerali l-għodda b'mod effettiv. 12. L-effettività mtejba tal-portafoll tal-missjoni. 13. Konformità mill-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli
--	---	---	--

2.1.6. *Attivitajiet ta' sigurtà mhux speċifikament relatati mas-sistemi tan-negozju ewlenin u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni*

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- it-titjib tas-sigurtà fiżika tal-kwartieri ġenerali l-għodda tal-eu-LISA f'Tallinn u fis-sit tal-Aġenzija fi Strasburgu;
- l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-partijiet ta' kontinwità tan-negozju/irkupru minn diżastri/rispons f'każ ta' emerġenza mis-sigurtà u l-ġestjoni tal-kontinwità;
- l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-elementi protettivi tal-ġestjoni tal-kontinwità u s-sigurtà.

VALUR MIŻJUD

- Livell adegwat ta' assigurazzjoni tas-sigurtà fiżika għall-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn u fis-sit fi Strasburgu.
- L-implimentazzjoni ta' livell adegwat ta' kontinwità tan-negożju fil-livell tal-Aġenzija sabiex tinkiseb ir-reżiljenza meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti u r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha.
- L-implimentazzjoni ta' livell adegwat ta' sigurtà protettiva fil-livell tal-Aġenzija sabiex ikun permess it-twettiq tal-proċess u l-attivitajiet normali mill-eu-LISA.

SFIDI EWLENIN

- Jista' jkun hemm diskrepanza akbar minn dik stmata bejn il-miżuri ta' sigurtà inizjalment mistennija li jiġu implimentati permezz tal-proġett ta' kostruzzjoni tal-gvern Estonjan u l-proġett ta' kostruzzjoni fi Strasburgu u dawk li fil-fatt għandhom jiġu implimentati.
- Fl-2019, il-livell tar-riskju tas-sigurtà sejjer ikompli jikber u l-baġit u l-iskeda ta' żmien għall-proġett sejin jinqabżu.
- Dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett ta' wara t-trasferiment ippjanat fl-2018, minħabba dewmien sinifikanti fil-proġett ta' kostruzzjoni tal-gvern Estonjan, li sejjer ikollu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-proġett attwali; dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett ippjanat fl-2018, minħabba dewmien sinifikanti fil-proġett ta' kostruzzjoni fi Strasburgu, li sejjer ikollu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-proġett attwali.
- In-nuqqas ta' abbiltà li jiġu implimentati l-kontrolli tas-sigurtà kollha proposti bħalissa mill-eu-LISA minħabba l-aspetti tekniċi li jikkonċernaw id-disinn jew il-mod kif jinbena l-bini.
- L-impenn tal-maniġment sabiex jimplimenta s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negożju (BCMS) u l-kontrolli tas-sigurtà protettivi skont il-leġislazzjoni u r-regoli tal-eu-LISA.
- L-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-BCMS kif meħtieġ, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kontrolli speċifiċi tas-sigurtà protettiva, kif meħtieġ.

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
SEC	1. Konformità mal-leġislazzjoni, mar-regoli tas-sigurtà eu-LISA, mal-aħjar prattiki u mal-istandards tal-familji ISO 27000 u ISO 22300	1. Is-sigurtà fiżika pprovduta fil-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn u fis-sit fi Strasburgu tikkonforma mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskji u mar-regoli u l-istandards rilevanti għas-sigurtà fiżika. 2. Il-politiki u l-pjanijiet għall-kontinwità tan-negożju għas-sistemi u l-Aġenzija huma aġġornati. 3. Il-kontrolli speċifiċi ta' kontinwità tan-negożju/ l-irkupru minn diżastri/ir-rispons f'każ ta' emerġenza huma implimentati kif meħtieġ.	1. L-Aġenzija tiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha. 2. L-Aġenzija ttejjeb ir-reżiljenza tagħha fl-attivitajiet orizzontali tagħha

4. L-Aġenzija tadotta miżuri ta' sigurtà xierqa bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki

2.1.7. *L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditu intern annwali*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- l-iżvilupp ta' pjan tal-awditu annwali bl-użu ta' metodoloġija xierqa bbażata fuq ir-riskji;
- il-koordinazzjoni tal-ħidma mas-Servizzi tal-Awditjar Intern u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- l-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditu annwali kif approvat;
- is-segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar;
- l-iżvilupp tal-programm ta' titjib u garanzija tal-kwalità tal-IAC.

VALUR MIŻJUD

- Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u garanzija oġġettivi, indipendenti u koerenti lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija.
- Ir-reputazzjoni mtejbja tal-Aġenzija għal proċessi tan-negozju effettivi u effiċjenti.
- Ġestjoni finanzjarja soda mtejbja.
- Żieda fil-probabbiltà li jintlaħqu l-oġġettivi tal-eu-LISA.

SFIDI EWLENIN

- L-iżgurar tal-aqwa kopertura tal-awditjar tal-proċessi tal-eu-LISA minħabba l-espansjoni li ġejja tal-mandat tal-eu-LISA (l-univers tal-awditjar).

Unità	Objettivi tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżiti tal-attività
IA	1. Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u awditjar oġġettivi u indipendenti lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija.	1. Rapporti tal-awditjar, opinjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni għal titjib	1. Hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri ta' governanza, kontroll u ġestjoni tar-riskji effiċjenti u effettivi sabiex l-eu-LISA tkun tista' tilħaq l-oġġettivi tagħha

2.2. Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu

Din it-taqsimha tkopri l-attivitajiet operattivi kollha tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum.

2.2.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti

2.2.1.1. Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi — Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

It-tmexxija operattiva fl-ewwel livell 24 siegħa kuljum tal-VIS/BMS, ta' SIS II u tal-Eurodac, inklużi:

- komunikazzjoni effettiva lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħrajn;
- il-ġestjoni tad-dokumentazzjoni operattiva mal-Istati Membri;
- il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-avvenimenti;
- il-parteeċipazzjoni fil-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-inċidenti skont il-politika tal-eu-LISA dwar il-ġestjoni tal-inċidenti;
- it-trattament ta' talbiet standard skont il-politika tal-eu-LISA dwar l-issodisfar tat-talbiet;
- it-twassil f'waqtu tar-rapporti miftiehma skont il-politika tal-eu-LISA dwar il-ġestjoni fil-livell ta' servizz;
- il-kontribut regolari għall-ġestjoni tal-għarfien, kif ukoll għall-bażi ta' data tal-għarfien.

VALUR MIŻJUD

L-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA jipprovdi s-servizzi meħtieġa għall-appoġġ tas-sistema tan-negozju ewlenija għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn.

SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti skont ir-regoli u r-rekwiżiti tas-sistemi tan-negozju, kif ukoll skont l-aspettattivi tal-klijenti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum u s-sodisfazzjon tal-klijenti	Appoġġ effiċjenti u effettiv tal-ewwel livell għas-sistemi tan-negozju ewlenin tal-eu-LISA u komunikazzjoni affidabbli għall-klijenti u l-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA	L-utenti tas-sistemi kummerċjali ewlenin u tal-Istati Membri jirċievu servizzi effiċjenti u affidabbli bħala l-ewwel livell ta' appoġġ u komunikazzjoni permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni miftiehma	Indikaturi tal-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti	Għall-indikaturi tal-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz: aktar minn 80 % Għall-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti: aktar minn 80 %	Ir-rapporti rilevanti dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti	OIU

2.2.1.2. *Appoġġ tat-tieni livell ipprovdut 24 siegħa kuljum għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Appoġġ tat-tieni livell 24 siegħa kuljum (applikazzjonijiet u bażijiet ta' data) għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha, inklużi l-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi, il-ġestjoni tal-bidliet u tar-rilaxxi (l-iskjerament ta' RFCs u rilaxxi) u l-appoġġ tekniku għall-proġetti. L-attivitajiet ta' manutenzjoni jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija se jra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdni lill-Istati Membri bl-applikazzjonijiet li jaħdmu f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li s-servizzi kollha pprovduti jissodisfaw l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar ta' appoġġ għall-applikazzjonijiet fit-tieni livell bla interruzzjonijiet, ta' kwalità għolja u 24 siegħa kuljum għall-operazzjonijiet/ġestjoni tas-sistemi tan-negożju ewlenin	Appoġġ għall-applikazzjonijiet fit-tieni livell bla interruzzjonijiet, ta' kwalità għolja u 24 siegħa kuljum għall-operazzjonijiet/ġestjoni tas-sistemi tan-negożju ewlenin	Is-sistemi tan-negożju ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli tal-applikazzjonijiet, inklużi bażijiet ta' data	Aderenza mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz operattiv tal-applikazzjonijiet	L-attivitajiet ta' manutenzjoni jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati	Rapporti interni dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS	AMMU

2.2.1.3. Manutenzjoni tal-Eurodac

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

Monitoraġġ kontinwu tat-tħaddim tas-sistema u tal-komponenti tagħha (monitoraġġ tal-istatus operattiv tas-sistema ewlenija tal-Eurodac u l-konnettività u l-operat tal-utenti):

- komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità tal-utenti finali bl-għan li jittejjbu u jiġu stabbilizzati l-operazzjonijiet;
- l-għoti ta' appoġġ lill-utenti;
- l-għoti ta' appoġġ fit-tielet livell/ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet operattivi, issodisfar tat-talbiet;
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ., bħala parti mill-manutenzjoni adattiva);
- l-implimentazzjoni ta' aġġornamenti tekniċi u interventi urġenti li jiġu minn manutenzjoni korrettiva u emerġenzi operattivi;
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negożju.

SFIDI EWLENIN

Żieda f'daqqa fit-traffiku tal-Eurodac (minħabba sitwazzjoni ta' kriżi) tista' żżid ir-riskju ta' instabbiltà u pressjoni tar-riżorsi (riżorsi umani, użu ta' ambjenti tekniċi, limitazzjonijiet ta' ħin) minħabba miżuri ta' mitigazzjoni tekniċi imprevedibbli. Il-kwistjonijiet ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-data jistgħu jaffettwaw it-tħaddim bla xkiel (eż. tisħin żejjed fl-ixkafef minħabba nuqqas ta' spazju addizzjonali, diffikultajiet sabiex tiżdied l-infrastruttura fil-każ ta' ħruġ, pereżempju minħabba pressjonijiet tal-kapaċità).

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Iż-żamma tal-Eurodac fl-aħjar kundizzjoni ta' tħaddim	L-Eurodac topera kif meħtieġ (operat stabbli skont l-FLS) L-Eurodac hija kontinwament koperta mill-appoġġ tekniku garantit mill-fornituri tagħha	L-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli mis-sistema Eurodac	Konformità mal-FLS dwar l-Eurodac u mal-KPIs korporattivi relatati mal-Eurodac	FLS dwar l-Eurodac standard u speċifiku ssodisfat kompletament (ara l-Anness XI)	Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema (abbażi tal-għodod operattivi u l-istatistika tal-FLS iġġenerata)	AMMU

2.2.1.4. Manutenzjoni ta' DubliNet**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN**

Monitoraġġ tal-operat ta' DubliNet:

ġenerazzjoni ta' ċertifikati ta' kriptaġġ għall-Istati Membri;
 komunikazzjoni/interazzjoni mal-komunità tal-utenti finali, bl-għan li jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel u li jingħata appoġġ fil-każ ta' kwistjonijiet;
 komunikazzjoni ma' fornituri ta' partijiet terzi għall-finijiet ta' individwazzjoni ta' soluzzjoni (eż. TESTA-ng);
 it-teħid ta' miżuri tekniċi urġenti/it-tweġġ tal-aġġornamenti meħtieġa f'każ ta' kwistjonijiet jew sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet operattivi.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju.

SFIDI EWLENIN

In-nuqqas ta' kontroll sħiħ fuq il-komponenti ta' DubliNet (eż. mail relay) jista' jintroduċi dewmien fuq l-appoġġ ipprovdut lill-Istati Membri.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar tal-operat bla xkiel ta' DubliNet għall-Istati Membri	DubliNet topera kif meħtieġ (operat stabbli skont l-FLS)	L-Istati Membri qegħdin jirċievu servizzi affidabbli u mhux interrotti ta' DubliNet	It-twaqqif u l-aderenza mal-ftehim fil-livell tas-servizz operazzjonali ta' DubliNet	L-FLS dwar DubliNet issodisfat kompletament ⁹³	Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni	AMMU

2.2.1.5. *Manutenzjoni tal-VIS/BMS*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Il-garanzija tal-kwalità u t-twassil tar-riżultati kuntrattwali mill-MWO⁹⁴ FwC⁹⁵. L-iżgurar tal-kontinwità tas-servizzi ta' manutenzjoni matul il-FWC taħt:

manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;

manutenzjoni adattiva: il-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-obsoletezza tal-komponenti tas-sistema sabiex il-VIS/BMS tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ mill-manifatturi u l-edituri tal-komponenti;

manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-bidliet għall-aħjar identifikati, tal-komponenti tal-VIS/BMS sabiex ikunu jistgħu jaħdmu bl-aħjar mod possibbli;

⁹³ Mal-approvazzjoni tal-bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) li tagħti lill-eu-LISA r-responsabbiltà operattiva sħiħa għal DubliNet, l-eu-LISA tistenna li tistabbilixxi FLS speċifiku għal DubliNet bi qbil mal-Istati Membri.

⁹⁴ Żamma f'kundizzjoni ta' operat tajjeb

⁹⁵ Kuntratt qafas

manutenzjoni preventiva: it-twettiq ta' bidliet fil-VIS/BMS abbażi ta' osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li sors potenzjali identifikat ta' kwistjoni jimmaterjalizza f'inċident.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija se jra tipprovdi lill-Istati Membri b'VIS/BMS li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS miftiehem.

SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li l-bidliet fil-VIS/BMS meħtieġa bħala parti mill-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati kif suppost fil-pjan direzzjonali globali tal-VIS/BMS u jiġu skjerati b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS/BMS u mal-FLS rilevanti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-ġoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-VIS/BMS tkun skont ir-rekwiżiti dwar id-disponibbiltà/il-prestazzjoni u li l-avvenimenti jiġu ġestiti skont l-ITSM u l-FLS mal-utenti finali Bil-manutenzjoni adattiva, l-iżgurar li l-VIS/BMS tkun koperta bl-appoġġ tal-manifatturi	Il-prestazzjoni tas-sistema VIS/BMS skont l-FLS	Il-VIS/BMS taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi hdn il-ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-utenti finali	Aderenza mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-VIS/BMS	L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-VIS/BMS iwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-FLS, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati (ara l-Anness XI)	Rapporti perijodiċi tat-taħddim u l-manutenzjoni, inklużi FLS u rapporti ta' servizz ta' kull xahar	AMMU

2.2.1.6. *Manutenzjoni ta' SIS II*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi, eċċ.;
- manutenzjoni adattiva: il-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-obsollexxa tal-komponenti tas-sistema sabiex SIS II tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ mill-manifatturi u l-edituri tal-komponenti; l-implimentazzjoni nnifisha mhijiex inkluża (imwettqa b'ħala evoluzzjonijiet);
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ.);
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq; appoġġ tekniku u taħriġ assoċjati.

VALUR MIŻJUD

CSIS ta' SIS II disponibbli 24 siegħa kuljum fi ħdan l-FLS.

SFIDI EWLENIN

It-teknoloġija bijometrika ġdida introdotta tista' tkun sfida għar-riżoluzzjoni tal-problemi u tal-inċidenti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24 siegħa kuljum	CSIS ta' SIS II disponibbli 24 siegħa kuljum fi ħdan l-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni)	Sistema ta' SIS II disponibbli u fi ħdan l-FLS fl-2019	Konformità mal-FLS ta' SIS II u mal-KPIs korporattivi relatati ma' SIS II	FLS standard u speċifiku ta' SIS II issodisfat kompletament (ara l-Anness XI)	Data interna ta' SIS Data tal-Uffiċċju ta' Servizz Data L2 tal-eu-LISA disponibbli Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni	AMMU

2.2.1.7. *Manutenzjoni tal-AFIS ta' SIS II*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet, ġestjoni tar-rilaxxi, eċċ.;
- manutenzjoni adattiva: il-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-obsoletezza tal-komponenti tas-sistema sabiex l-AFIS ta' SIS II tibqa' kontinwament konformi mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ mill-manifatturi u l-edituri tal-komponenti; l-implimentazzjoni nnifisha mhijiex inkluża (imwettqa bħala evoluzzjonijiet);
- l-użu u l-manutenzjoni ta' għodod operattivi sabiex jappoġġjaw l-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- il-monitoraġġ kontinwu tal-inventarju tas-sistema u tal-komponenti sabiex jiġi żgurat li dawn jinżammu aġġornati u taħt appoġġ kontinwu mill-fornituri (tiġdid tal-liċenzji, "patching", eċċ.);
- il-ġestjoni tal-interazzjoni mal-kuntrattur tal-MWO u s-segwitu kuntrattwali għall-għanijiet imsemmija hawn fuq;
- appoġġ tekniku u taħriġ assoċjati.

VALUR MIŻJUD

CSIS ta' SIS II disponibbli 24 siegħa kuljum fi ħdan l-FLS.

SFIDI EWLENIN

It-teknoloġija bijometrika ġdida introdotta tista' tkun sfida għar-risoluzzjoni suffiċjenti tal-problemi u tal-inċidenti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24 siegħa kuljum	L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-AFIS ta' SIS II 24 siegħa kuljum fi ħdan l-FLS (disponibbiltà, prestazzjoni)	Sistema AFIS ta' SIS II disponibbli u fi ħdan l-FLS fl-2019	Konformità mal-FLS dwar SIS II	FLS standard u speċifiku ta' SIS II issodisfat kompletament (ara l-Anness XI)	Data interna ta' SIS Data tal-Uffiċċju ta' Servizz Data L2 tal-eu-LISA disponibbli	AMMU

2.2.1.8. *Appoġġ ta' SIS II lill-Istati Membri (inkluża l-integrazzjoni tal-utenti ġodda)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- L-għoti ta' appoġġ għall-integrazzjoni attwali tal-Istati Membri ġodda f'SIS II.
- L-għoti ta' appoġġ kontinwu lill-Istati Membri matul il-proċess ta' kwalifika għall-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali individwali tagħhom.
- It-twettiq ta' kampanji ta' kwalifika u testijiet.

VALUR MIŻJUD

- Is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri jiffunzjonaw sewwa meta jinteraġixxu mas-sistema ċentrali.
- B'mod ġenerali, l-operat tal-Istati Membri mhuwiex affettwat minn problemi fis-sistemi ta' Stati Membri oħrajn.
- L-integrazzjoni bla xkiel tal-Istati Membri ġodda fil-komunità ta' SIS II.
- Konformità mad-dokument tal-kontroll tal-interfaċċa (ICD) u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tas-sistemi nazzjonali.

SFIDI EWLENIN

- Kumplexità akbar li tirriżulta mit-teknoloġija bijometrika introdotta fis-sistema.
- Kumplexità akbar li tirriżulta mill-inizjattivi ta' interoperabbiltà.
- Sovrapożizzjoni ma' attivitajiet oħrajn tal-proġett.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar li s-sistemi nazzjonali huma lesti joperaw mas-sistema ċentrali	Rapporti ta' ttestjar għal partijiet ikkonċernati differenti li jikkonfermaw ir-rieda tal-Istati Membri li joperaw mas-CSIS. L-Istati Membri ġodda li jissieħbu f'SIS II lesti għall-integrazzjoni u jiġu integrati fil-mument xieraq	L-għoti kif suppost ta' appoġġ għas-sistemi nazzjonali	Il-kwalità u l-ħin tal-integrazzjoni tal-Istati Membri L-Istati Membri li jittestjaw l-aderenza għall-pjan	L-Istati Membri ġodda integrati sewwa fi ħdan l-iskadenzi miftiehma Is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri ttestjati skont il-pjan	Data ta' SIS II Data operattiva u tal-ittestjar Informazzjoni minn Stati Membri ġodda	AMMU

2.2.1.9. *It-tmexxija operattiva/operazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sistema ta' kuljum*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

It-tmexxija operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin, l-amministrazzjoni tal-infrastruttura u s-sistemi.

It-tmexxija operattiva tal-istazzjon tax-xogħol tal-utent finali.

L-istruttura u l-operazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ/riżerva.

Evoluzzjoni tal-proċessi tal-ġestjoni tas-sistemi.

L-istruttura u t-tmexxija operattiva tas-CSI.

It-tmexxija operattiva taċ-ċentri tad-data.

VALUR MIŻJUD

L-operazzjonijiet kollha tal-amministrazzjoni tas-sistemi jipprovdu s-servizzi affidabbli u disponibbli meħtieġa għas-sistemi tan-negozju ewlenin u għas-CSI (f'konformità mal-FLS fis-seħħ).

SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li s-servizzi kollha pprovduti jissodisfaw l-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Il-monitoraġġ, l-istruttura u l-monitoraġġ xierqa tas-sistemi tan-negozju ewlenin taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA sabiex tiġi żgurata infrastruttura sigura u affidabbli	It-tmexxija operattiva sigura u affidabbli tas-sistemi tan-negozju ċentrali (sistemi tan-negozju ewlenin)	Kemm is-sistemi tan-negozju ewlenin kif ukoll l-Istati Membri jirċievu infrastruttura affidabbli f'konformità mal-FLS miftiehma	Konformità mas-sistemi tan-negozju ewlenin u mal-FLS tas-CSI	L-infrastruttura tas-sistemi kollha sejra tkun disponibbli f'konformità mas-servizzi u l-FLS speċifiċi tagħhom kif definiti fil-katalogu tas-servizzi tal-eu-LISA u l-proċess ta' ġestjoni fil-livell tas-servizz	Rapporti Interni dwar il-Prestazzjoni tas-Sistema	OIU



2.2.1.10. It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St Johann im Pongau, l-Awstrija

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

It-tħaddim 24 siegħa kuljum tal-infrastruttura tal-IT għas-sistemi kummerċjali ewlenin, li jkopru t-tmexxija operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxxi u tal-bidliet, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi, l-attivitajiet ta' manutenzjoni u l-faċilitazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-proġetti, sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla interruzzjonijiet tas-sistemi tan-negozju ewlenin u jkun limitat it-telf potenzjali tad-data f'każ ta' inċident fuq l-Unità Ċentrali (CU).

VALUR MIŻJUD

L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif ġdid (l-Artikolu 1(6)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għalihom.

SFIDI EWLENIN

F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi maġġuri.

⁹⁶ SMg hija Għodda tal-ITSM li tuża l-qafas tal-ITIL.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar tat-tħaddim/tal-ġestjoni fil-livell 1 bla interruzzjonijiet, ta' kwalità għolja u 24 siegħa kuljum tas-sistemi tan-negożju ewlenin u tal-infrastruttura sottostanti	It-tħaddim/il-ġestjoni bla interruzzjonijiet, ta' kwalità għolja u 24 siegħa kuljum tas-sistemi tan-negożju ewlenin	L-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli mis-sistemi tan-negożju ewlenin	L-għadd ta' kwistjonijiet tal-infrastruttura tal-BCU tal-eu-LISA li jinterrompu s-servizzi tas-sistemi tan-negożju ewlenin lejn l-Istati Membri	Il-kwistjonijiet potenzjali tal-infrastruttura tal-BCU tal-eu-LISA li ma jinterrompux is-servizzi tas-sistemi tan-negożju ewlenin għall-Istati Membri	Rapporti interni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi	OIU

Il-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

2.2.1.11. Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tan-netwerk lokali tas-sistemi tan-negożju ewlenin (Eurodac, SIS II, VIS).
- Il-ġestjoni operattiva tan-netwerk tal-ġestjoni lokali (stazzjon tax-xogħol tal-utent finali).
- Il-ġestjoni operattiva tat-tieni saff ta' kriptaġġ ta' SIS II.
- Il-ġestjoni operattiva tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS.
- Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi ta' VIS Mail.
- Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi ta' SIS II Mail.
- Evoluzzjoni tal-proċessi tal-ġestjoni tan-netwerk.

- Evoluzzjoni tal-arkitettura tan-netwerk.
- Attivitajiet tas-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA):
 - is-superviżjoni, inklużi l-analiżi u r-rieżami tar-rapporti operattivi, l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari relatati mal-operazzjonijiet u s-segwitu tal-punti għal azzjoni mal-fornitur, u l-indirizzar tat-talbiet għall-bidliet u l-aspetti tekniċi tal-ordnijiet ta' servizz;
 - il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur, iż-żamma ta' listi ta' kuntatti tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tan-netwerk li għandhom impatt fuq Stat Membru;
 - il-proposta ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kif mitluba mill-Kummissjoni.

VALUR MIŻJUD

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati jipprovdu s-servizz meħtieġ lis-sistemi tan-negożju ewlenin u lill-Istati Membri.

SFIDI EWLENIN

L-iżgurar li s-servizzi pprovduti jissodisfaw l-aspettattivi tan-negożju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Iż-żamma u l-monitoraġġ tan-netwerks ġestiti mill-eu-LISA sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	L-operat ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura u affidabbli u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati, kif meħtieġ	Is-sistemi tan-negożju ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni u mis-sistemi ta' komunikazzjoni relatati	Konformità mal-FLS dwar l-infrastruttura tal-komunikazzjoni	L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni (VIS Mail, SIS II Mail) sejr in ikunu disponibbli skont l-FLS speċifiku għas-sistema deskritt fil-verżjoni valida tal-Katalogu ta' Servizzi tal-eu-LISA	Rapporti interni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-FLS	OIU

2.2.1.12. *Il-ġestjoni operattiva regolari tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwizzizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)*⁹⁷

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

L-attività sejra tibda ladarba jitlesta t-trasferiment mid-DĠ Home u tkompli minn hemm 'il quddiem. Din sejra tkopri:

- l-estensjoni jew it-tiġdid tal-appoġġ dwar il-komponenti ta' Sirenemail u VIS mail;
- l-akkwizzizzjoni tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS;
- it-tiġdid tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ ta' SIS II;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratt TESTA-ng ta' SIS II u tal-VIS;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti ta' appoġġ għas-sistemi VIS u SIS II mail;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti għat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS u ta' SIS II;
- l-għoti ta' speċifikazzjonijiet għall-estensjoni tal-kuntratti speċifiċi (SCs).

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'infrastruttura ta' komunikazzjoni għal SIS u għall-VIS f'konformità mal-qafas leġislattiv u mal-FLS.

SFIDI EWLENIN

Ma ġiet identifikata ebda sfida ewlenija.

⁹⁷ L-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi mill-adozzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar li l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni. Għal Sirenemail u VIS Mail, b'mod partikolari, irid jiġi żgurat li l-komponenti kollha jkunu koperti minn partijiet terzi u appoġġ għall-manifattura	Il-manutenzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u jiġi pprovdut appoġġ lill-Istati Membri	L-infrastruttura tal-komunikazzjoni taġixxi skont ir-rekwiżiti. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif suppost jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz	Aderenza mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz tal-komunikazzjoni	Il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni f'konformità mal-FLS, it-titjib antiċipat u l-inċidenti evitati	Rapporti ta' kull xahar dwar l-FLS	OIU

Is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju

2.2.1.13. Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jiġu mill-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività tinkludi:

- rieżami tal-pjanijiet ta' azzjoni b'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzju;

- l-eżekuzzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni;
- rieżami wara l-implimentazzjoni.

VALUR MIŻJUD

L-iżgurar tal-validazzjoni u t-titjib kontinwu tas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju tas-sistemi.

SFIDI EWLENIN

Prijoritizzazzjoni tal-allokkazzjoni tar-riżorsi għall-eżerċizzji tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni	L-iżgurar tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tas-sistemi	L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-eżerċizzju tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju	L-iżgurar tat-titjib kontinwu tas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju tas-sistemi	Il-perċentwal tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni	85 %	Rapporti ta' rieżami wara l-implimentazzjoni	SEC

2.2.1.14. *L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Irregola
 - politika, standards u gwida tas-sigurtà;
 - arkitettura tas-sigurtà;
 - sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar is-sigurtà;
 - rapportar u komunikazzjoni.
- Ivaluta
 - ġestjoni tar-riskji;

- immudellar tat-theddid;
 - intelliġenza ta' theddid.
- Iggarantixxi
 - valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà;
 - valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u ttestjar tal-penetrazzjoni;
 - eżerċizzji taċ-ċibersigurtà u r-Red Team.
- Ipproteġi
 - ġestjoni tal-aċċess u tal-identitajiet;
 - konfigurazzjoni sigura;
 - sigurtà tan-netwerk;
 - l-iżvilupp ta' sistema sigura u s-sigurtà tal-applikazzjonijiet;
 - is-sigurtà tal-punt tat-tmiem;
 - il-kriptografija u l-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika;
 - il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika.
- Issorvelja
 - monitoraġġ tas-sigurtà.
- Wieġeb
 - il-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà;
 - il-forensika diġitali.
- Irkupra
 - il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-ICT

VALUR MIŻJUD

- Ir-riskji tas-sigurtà jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli.
- Konformità mar-rekwiżiti legali u kummerċjali.
- Fiduċja akbar tal-partijiet ikkonċernati.
- Żieda fir-reputazzjoni tal-aġenzija bħala kustodja affidabbli u sigura ta' informazzjoni sensittiva dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna tal-UE.

SFIDI EWLENIN

- Nuqqas ta' prijorità fir-rigward ta' kompiti oħrajn.
- Żvjar tal-kamp ta' applikazzjoni minn kompiti mhux ewlenin.
- Żieda fil-kumplessità tal-attività tal-proġett li taqbeż il-kapaċità tar-riżorsi.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi fdati lill-Aġenzija	It-twassil tas-servizz ta' garanzija u sigurtà tal-informazzjoni skont il-Kummissjoni Ewropea 2017/46	Il-politika tas-sigurtà; valutazzjonijiet tar-riskji tas-sigurtà; pjanijiet tas-sigurtà; sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u taħriġ fis-sigurtà, arkitettura tas-sigurtà, valutazzjonijiet u verifiki tas-sigurtà; manutenzjoni u liċenzji tas-software; ittestjar tas-sigurtà, monitoraġġ tas-sigurtà u ġestjoni tal-inċidenti	L-iżgurar li r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni jiġu ġestiti għal livell aċċettabbli	% tal-proċessi tan-negożju u s-servizzi tagħhom koperti mill-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-informazzjoni	60 %	Rapporti interni dwar il-valutazzjoni tar-riskji	SEC
				% tal-persunal li temmew it-taħriġ ta' taqħlim elettroniku dwar is-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà	75 %	Rapportar tat-taqħlim elettroniku	
				% tal-kontrolli tas-sigurtà implimentati f'kull Pjan tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Informazzjoni	65 %	Kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni	

2.2.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

Governanza korporattiva (ċentru ta' eċċellenza, governanza, ipplanar u rapportar statutorju korporattiv, ġestjoni tal-kwalità, awditjar intern, eċċ.)

2.2.2.1. L-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Is-superviżjoni u r-rieżami annwali tal-proċessi, filwaqt li jitqies it-titjib possibbli fid-definizzjoni tal-proċess, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-proċess.
- Ir-rapportar regolari mtejjeb dwar il-KPIs tal-proċessi u dwar l-FLS miftiehma.
- L-implimentazzjoni u r-rapportar għall-proċessi tal-Fażi 2 tal-ITSM, jiġifieri fir-rigward tal-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tad-disponibbiltà, il-ġestjoni tal-għarfien u t-titjib kontinwu tas-servizz.
- Il-monitoraġġ u s-suġġeriment tal-evoluzzjoni tal-maturità tal-proċessi permezz ta' titjib kontinwu tas-servizz sabiex jiġu appoġġjati ċ-ċikli tal-ħajja tal-proċessi implimentati.
- Il-kunsiderazzjoni u s-suġġeriment ta' titjib possibbli fl-għodda ITSM tal-eu-LISA.

VALUR MIŻJUD

- Titjib sinifikanti fit-tħaddim u l-kontroll tal-proċessi.
- Rapportar imtejjeb bl-użu ta' data SMg online u l-KPI definit għal kull sistema.
- Definizzjoni u implimentazzjoni tal-proċessi ġodda meħtieġa, parti mill-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA.
- Evoluzzjoni tal-maturità tal-proċessi permezz ta' titjib kontinwu tas-servizz.
- Iż-żamma ta' reġistru miftiehem b'titjib u inizjattivi.
- Effiċjenza ottimizzata permezz tal-ingranaġġ tal-kapaċitajiet tal-għodda tal-ITSM mas-sistemi tal-eu-LISA u l-appoġġ tal-kuntratturi.

SFIDI EWLENIN

- Nuqqas ta' prijorità fuq il-kompiti.
- Nuqqas ta' kontroll u superviżjoni xierqa tal-proċess.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell ta' governanza u servizz effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb u tinżamm l-eċċellenza operattiva	Iż-żamma, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-proċessi tal-ITSM tal-eu-LISA adottati, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' dawk ġodda, filwaqt li jiġi garantit livell għoli ta' integrazzjoni tal-proċess	Il-garanzija tar-rieżami u l-appoġġ effiċjenti u tal-iżvilupp ulterjuri meħtieġ tal-proċessi u tal-mudell ta' servizz tal-eu-LISA	Is-sistemi tan-negozju ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizzi affidabbli, filwaqt li jsegwu b'mod effettiv l-użu tal-qafas tal-ITSM tal-eu-LISA	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Dokumentazzjoni dwar il-proċessi rilevanti Rapporti tal-KPI	OIU

2.2.3. **Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3**

Mhux applikabbli. Ma hemmx attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu għall-Għan Strateġiku 3 previsti għall-2019.

2.2.4. **Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4**

Ġestjoni tal-għarfien u tar-riżorsi umani

2.2.4.1. *Taħriġ għall-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet (taħriġ tekniku għall-persunal)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- L-organizzazzjoni ta' taħriġ tekniku fi ħdan il-kuntratti qafas eżistenti, l-analiżi u l-użu ta' offerti/kuntratti ta' taħriġ individwali, taħriġ intern u kondivżjoni tal-għarfien;
- L-indirizzar amministrattiv tar-rekwiżiti ta' taħriġ identifikati permezz ta' analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ imwettqa permezz tal-monitoraġġ tal-avvenimenti ta' taħriġ u r-rapportar dwar ir-riżultati.
- Il-kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet dwar l-ippjanar u t-twettiq ta' taħriġ tekniku.

VALUR MIŻJUD

Il-membri tal-persunal operattivi tal-eu-LISA sejin ikunu jistgħu jwettqu aħjar u joffru servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

SFIDI EWLENIN

Id-disponibbiltà tal-fondi għal dan it-tip ta' taħriġ, id-disponibbiltà ta' għarfien espert dwar is-suq u l-ammont ta' xogħol jistgħu jaffettwaw il-parteċipazzjoni fit-taħriġ. Dawn ir-riskji jistgħu jittaffew permezz ta' ppjanar tajjeb u prijoritizzazzjoni.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
Tkompli tkun impjegatur attraenti, iżżomm u tiżviluppa kontinwament il-persunal	L-iżgurar li l-eu-LISA tipprovdi servizz ta' livell għoli u innovazzjoni lill-partijiet ikkonċernati interni tagħha permezz ta' għarfien akbar tal-persunal tagħha stess	Sejin jiġu pprovduti korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA	Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA sejin ikunu jistgħu jwettqu dmirijietom aħjar u jkunu familjari mal-aħjar prattiki fil-qasam tat-teknoloġija	L-għadd ta' jiem ta' taħriġ fis-sena Livell ta' sodisfazzjon ġenerali	400 jum tax-xogħol ta' taħriġ fis-sena Livell ta' sodisfazzjon ta' mhux inqas minn 80 %	Rapport SMART u rapporti rilevanti oħrajn	HRU

2.3. *Attivitajiet ta' proġett operattiv*

Din it-taqsimha tkopri l-attivitajiet operattivi kollha tan-negozju operattiv ewleni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq il-bażi tal-proġetti.

2.3.1. *Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1*

It-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti

2.3.1.1. *Manutenzjoni tal-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI, inkluża r-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-data*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Segwitu regolari, inkluż aġġornament tal-istatus tal-infrastruttura ewlenija permezz ta' inċident/problema/bidla u ġestjoni tat-talbiet.
- L-applikazzjoni ta' "patching" tekniku u tas-sigurtà.
- L-implimentazzjoni ta' manutenzjoni korrettiva.
- L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ġdida ta' xkaffar, konteniment għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, aċċess garantit għall-ixkafef, monitoraġġ tal-kapaċità tal-ixkafef (enerġija, tkessiġ, eċċ.).
- L-arranġament mill-ġdid tad-disponiment tal-ixkafef għal SFR u Orange sabiex ilaħḥqu mat-tqassim taċ-ċentru tad-data.

VALUR MIŻJUD

- Id-disponibbiltà tas-CSI ssodisfata skont l-FLS.
- L-attivitajiet relatati mas-servizzi kondiviżi (eż. għodod għas-sigurtà tal-applikazzjonijiet, monitoraġġ komuni), akkwistati barra mill-kuntratti tas-sistemi tan-negozju ewlenin jinżammu jew jiġu appoġġjati permezz ta' MWO uniku.
- Allokkazzjoni tal-ispazju, monitoraġġ xieraq tal-kapaċità tal-ixkafef, żieda fil-kapaċitajiet tal-enerġija u tat-tkessiġ.

SFIDI EWLENIN

- Kuntrattur ġdid fjamant għas-CSI mingħajr esperjenza fis-sistemi kummerċjali ewlenin tal-eu-LISA.
- Spazju fiżiku mnaqqas li jeħtieġ ġestjoni xierqa.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-identifikazzjoni proattiva ta' kwalunkwe punti ta' konfigurazzjoni (CIs) li jilħqu t-tmiem tal-perjodu ta' appoġġ Iż-żamma tas-CIs kollha taħt appoġġ xieraq tal-bejjiegħa Ir-riorganizzazzjoni taċ-ċentri tad-data sabiex jiġġestixxu l-isparju kif suppost u jlaħħqu mar-rekwiżiti tas-sistemi ġodda	Il-manutenzjoni kontinwa tal-infrastruttura kondiviża komuni skont l-inventarju tal-infrastruttura u l-katalogu tas-servizzi tas-CSI Ċentri tad-data riorganizzati kompletament (CU u BCU)	Manutenzjoni obbligatorja fi ħdan is-CSI tal-FwC, inkluża l-ġestjoni tal-programmi Ir-riorganizzazzjoni obbligatorja taċ-ċentri tad-data għal akkomodazzjoni infrastrutturali ġdida Iż-żamma tas-CSI 24 siegħa kuljum, f'konformità mal-FLS miftiehma mill-eu-LISA	L-FLS dwar il-manutenzjoni ssodisfati skont il-kuntratt L-indikaturi tal-prestazzjoni tal-CBS	100 %	Il-kejl tal-KPI permezz tal-ITSM cool Monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sistemi tan-negozju ewlenin	OIU

2.3.1.2. Implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-CSI

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

Fl-2018, ġiet implimentata infrastruttura kondiviża komuni, sabiex tospita s-Servizzi Kondiviżi Komuni. Din l-infrastruttura minima sejra taġixxi bħala l-bażi għall-bidliet futuri fl-infrastruttura meħtieġa sabiex jiġu ospitati applikazzjonijiet virtwalizzati.

Sadanittant, is-servizzi kondiviżi, li huma meħtieġa sabiex titħaddem l-infrastruttura (direttorju attiv, ġestjoni tal-ħin, eċċ.) jew sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni teknika (ġestjoni tal-bażi ta' data ċentrali, monitoraġġ komuni, eċċ.), għandhom ikunu ġew implimentati parzjalment fl-2018 minħabba l-limitazzjonijiet baġitarji. Is-servizzi kondiviżi li fadal mhux implimentati fl-2018 ser ikollhom jiġu implimentati fl-2019. Il-lista eżatta tas-servizzi li għandhom jiġu implimentati fl-2019 tiddependi mill-eżiti tal-2018 u, għalhekk, mhijex magħrufa sa issa.

Fil-qosor: din l-attività tinvolvi l-implimentazzjoni tas-sett finali ta' pakketti tax-xogħol tas-CSI fl-2019. L-implimentazzjoni diġà bdiet fl-2017 (CSI fis-seħħ) u fl-2018 (l-ewwel sett ta' servizzi kondiviżi komuni implimentati). F'din l-attività, is-sett ta' servizzi kondiviżi komuni li fadal ser jiġi implimentat billi jitħejjew u jiġu segwiti l-SCs rilevanti.

VALUR MIŻJUD

Is-sistemi tan-negożju ewlenin tal-eu-LISA se jrin jibbenifikaw minn saff ta' infrastruttura kondiviża komuni u servizzi relatati implimentati li jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ispiża totali tas-sjieda, billi s-sistemi tan-negożju ewlenin ma jibqgħux jaħdmu f'approċċ b'modalità ta' silo, b'servizzi tekniċi rreplikati.

SFIDI EWLENIN

Il-limitazzjonijiet tal-ispazju fiċ-ċentru tad-data li jista' jkollhom impatt sever fuq l-implimentazzjoni tas-CSI, billi t-tagħmir tas-CSI rilevanti jeħtieġ li jinħażen fiċ-ċentri tad-data tal-eu-LISA fi Strasburgu (CU) u f'St Johann im Pongau (Unità Ċentrali ta' Riżerva (BCU)).

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi li jifdal, kif identifikati fir-riżultati tal-Istudju Aktiv/Attiv tal-Virtwalizzazzjoni/tas-Servizzi Kondiviżi Komuni B'dan il-mod, l-eu-LISA se jra tkun tista' tmexxi b'mod effiċjenti u effettiv is-sistemi tan-negożju ewlenin tagħha, minbarra infrastruttura kondiviża komuni, li timmira lejn	It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-infrastruttura kondiviża komuni abbażi tar-riżultati tal-Istudju Aktiv/Attiv tal-Virtwalizzazzjoni/tas-Servizzi Kondiviżi Komuni Dan il-proġett ser iwassal is-sett ta' servizzi kondiviżi komuni li jifdal, minbarra l-infrastruttura kondiviża komuni	Is-servizzi kondiviżi komuni, minbarra infrastruttura kondiviża komuni b'pedamenti tal-virtwalizzazzjoni, li jaffettwaw is-sistemi tan-negożju ewlenin billi joffru ġestjoni operattiva aktar effiċjenti u effettiva, permezz tal-eliminazzjoni tal-modalità attwali tal-'approċċ ta' silo'	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	OIU

L-iffrankar tal-ispiża
totali tas-sjieda

2.3.1.3. *Integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi b'ġestjoni tal-konfigurazzjoni*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Armonizzazzjoni tad-data bejn dawn iż-żewġ proċessi;
- L-identifikazzjoni tas-sorsi tad-data affidabbli għall-proċessi bħala bażi għall-integrazzjoni;
- Ħarsa waħda integrata lejn il-proċess, bl-użu tal-aħjar prattiki kemm tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tal-ITIL kif ukoll tal-ġestjoni tal-assi.

VALUR MIŻJUD

- L-ispiża totali effiċjenti tas-sjieda;
- Benefiċċji tanġibbli estiżi għal persuni f'kuntratti, akkwisti u finanzi, u b'hekk allinjament ma' persuni u proċessi trans-organizzazzjonali;
- L-ispejjeż, il-benefiċċji, l-impatt tas-servizz u l-benefiċċji tal-mitigazzjoni tar-riskji huma soġġetti għal ingranaġġ għoli fl-organizzazzjoni kollha.

SFIDI EWLENIN

- L-iżgurar tal-impenn tas-sidien tal-proċess.
- Il-koordinazzjoni bejn l-IT u s-sidien tal-proċess.
- It-tħaddin ta' approċċ tal-proġett bi stadji importanti għad-definizzjoni tal-proċess, l-implimentazzjoni tas-software, l-integrazzjonijiet, it-taħriġ, l-ittestjar u t-tnedija.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-istabbiliment ta' proċessi li jottimizzaw l-ispiża u l-użu ta' kull assi	Sistema li tippermetti ħarsa ġenerali kompleta lejn il-punti ta' konfigurazzjoni b'karatteristiċi tekniċi, ġestjoni finanzjarja, tal-liċenzjar, tal-akkwist u tat-talbiet	Repożitorju uniku, ċentralizzat u relazzjonali għall-istatus kuntrattwali, finanzjarju u operattiv tal-komponenti u l-assi tal-IT	Perċentwal tal-assi u l-punti ta' konfigurazzjoni koperti mill-mudell ta' integrazzjoni L-għadd ta' inċidenti rrapportati, fejn il-	Perċentwal tal-assi u l-punti ta' konfigurazzjoni koperti mill-mudell ta' integrazzjoni 80 % L-għadd ta' inċidenti rrapportati, fejn il-	Dokumentazzjoni tal-proġett Il-Bażi ta' Data tal-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni Universali	OIU

		Armonizzazzjoni tad-data bejn dawn iż-żewġ proċessi		kawża sottostanti tal-inċident tkun ir-riżultat ta' informazzjoni mhux preċiża dwar il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni L-għadd ta' bidliet mhux awtorizzati misjuba awtomatikament: l-għadd ta' bidliet mhux awtorizzati identifikati bħala riżultat tal-verifiki mwettqa bl-użu ta' softwer għall-aġġornament tal-konfigurazzjoni awtomatika	kawża sottostanti tal-inċident tkun ir-riżultat ta' informazzjoni mhux preċiża dwar il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni < 5 L-għadd ta' bidliet mhux awtorizzati misjuba awtomatikament: l-għadd ta' bidliet mhux awtorizzati identifikati bħala riżultat tal-verifiki mwettqa bl-użu ta' softwer għall-aġġornament tal-konfigurazzjoni awtomatika < 5		
--	--	---	--	---	---	--	--

2.3.1.4. *Soluzzjoni integrata unika ta' monitoraġġ — kontinwazzjoni mill-2018*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Bħala kontinwazzjoni mill-2018, meta suppost għandha titlesta l-Fażi 1 tal-proġett, huma mistennija li jibdew il-Fażi 2 u l-Fażi 3:
 - Fażi 1 (2018): is-soluzzjoni għandha tkun fis-seħħ għall-Uffiċċju ta' Servizz fuq is-sit ċentrali, kif ukoll fuq is-sit ta' riżerva.
 - Fażi 2 (2019): l-estensjoni tas-soluzzjoni għall-oqsma mhux operattivi kollha, kif ukoll għall-kwartieri ġenerali.
 - Fażi 3 (2019): valutazzjoni/evalwazzjoni tas-soluzzjoni lejn ir-rekwiżiti tal-oqsma operattivi, li huma differenti minn dawk mhux operattivi. Abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni, l-estensjoni tas-soluzzjoni għall-oqsma operattivi.

VALUR MIŻJUD

- L-għoti ta' livell ferm aktar effiċjenti ta' flessibbiltà lill-operaturi għal segwitu u għall-komunikazzjoni/l-enfasizzar ta' kwalunkwe tip ta' kwistjoni.
- L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni integrata unika sejra tipprovdi livell suffiċjenti ta' allinjament għas-soluzzjonijiet ta' monitoraġġ fis-sistemi kollha taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA.

- It-tnaqqis b'mod sinifikanti tar-riskju għal ommissjoni ta' allert kritiku.

SFIDI EWLENIN

- L-iskeda ta' żmien ma tkunx tista' tintlaħaq, minħabba żbalji fl-ippjanar u korrezzjonijiet jew minħabba li l-isparzu għdid iddedikat għall-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA ma jkunx disponibbli fil-ħin.
- Limitazzjonijiet relatati mas-sigurtà.
- L-akkwist jieħu sostanzjalment aktar żmien minn dak mistenni.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Il-monitoraġġ u l-manutenzjoni tas-sistemi tan-negozju ewlenin b'mod aktar effiċjenti u effettiv	Soluzzjoni moderna u ferm aktar effiċjenti għall-monitoraġġ integrat tal-Uffiċċju ta' Servizz	Is-sistemi tan-negozju ewlenin se jgħidu jgħid mmonitorjati ferm aktar mill-qrib, b'livell ogħla ta' awtomatizzazzjoni, sabiex b'hekk jitnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji għas-sottovalutazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni potenzjali	Sodisfazzjon akbar tal-operaturi tal-Uffiċċju ta' Servizz Il-minimizzazzjoni tar-riskju potenzjali għall-ommissjoni ta' allerti kritiċi	Sodisfazzjon akbar tal-Uffiċċju ta' Servizz b'aktar minn 10 % Allerti kritiċi segwiti għal 100 %	Għodod ta' monitoraġġ Għodda għall-ġestjoni tal-inċidenti	OIU

2.3.1.5. Qafas legali ġdid ta' SIS⁹⁸

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Funzjonalitajiet ġodda, regoli tan-negozju, oqsma tad-data, allerti u kategoriji ta' oġġetti skont l-Artikoli 26, 32, 36 u 38 tar-Regolament ġdid ta' SIS⁹⁹.
- L-għoti ta' oqsma ta' data addizzjonali skont l-Artikolu 24 tar-Regolament dwar SIS u għal identifikazzjoni aħjar tal-persuni.
- Irfinar tas-sistema ċentrali mill-perspettiva tal-kapaċità.

B'mod partikolari, fl-2019, l-eu-LISA sejra tiffoka fuq l-għoti tal-aċċessi mitluba lill-Europol, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Kosta u tal-Fruntiera u lill-Eurojust.

VALUR MIŻJUD

It-titjib tal-kapaċitajiet ta' SIS fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri permezz tal-funzjonalitajiet addizzjonali identifikati.

SFIDI EWLENIN

- Sejjer ikun meħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu kkoordinati mill-qrib fi kwalunkwe stadju ta' dan il-proġett.
- L-Istati Membri se jrin ikollhom jilħqu l-mira mogħtija fiż-żmien dovut fir-rigward tal-ICD.
- L-implimentazzjoni, sabiex tippermetti l-operazzjonijiet ta' ttestjar, minħabba li din hija pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett.

⁹⁸ Il-pakkett ta' SIS ġie adottat fit-28 ta' Novembru 2018 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106).

⁹⁹ Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allerti f'SIS, oqsma tad-data addizzjonali, kategoriji ta' oġġetti ġodda u utenti ġodda għas-sistema	Il-proġett se jipperovdi funzjonalitajiet ġodda definiti fil-bażi ġuridika ġdida ta' SIS għall-infurzar tal-liġi u l-kontroll fil-fruntieri	Rilaxxi ġodda tas-sistema ċentrali ta' SIS, inklużi l-funzjonalitajiet ewlenin ġodda ta' SIS identifikati fl-istrument legali riformulat (deċiżjoni ta' ritorn mhux inkluża)	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.6. *Deċiżjoni ta' SIS dwar ir-ritorn*¹⁰⁰

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

- L-implimentazzjoni tal-allert tad-deċiżjoni ġdida ta' ritorn flimkien mal-funzjonalità relatata.
- L-irfinar tas-sistema ċentrali mill-perspettiva tal-kapaċità.

VALUR MIŻJUD

It-titjib tal-kapaċitajiet ta' SIS dwar il-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi permezz tat-titjib tal-kontroll, l-istatus u l-informazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa (li bħalissa mhumiex ikkontrollati kif suppost).

¹⁰⁰ Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

SFIDI EWLENIN

- Sejjer ikun meħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu kkoordinati mill-qrib fi kwalunkwe stadju ta' dan il-proġett.
- L-Istati Membri se jrin ikollhom jilħqu l-mira mogħtija fiż-żmien dovut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ICD.
- In-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' għarfien xieraq fil-qasam tan-negozju dwar id-deċiżjoni Ewropea ta' ritorn, l-attivitajiet u l-prattiki attwali jipperikola l-proġett.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-għoti ta' kategoriji ġodda ta' allert (deċiżjoni ta' ritorn) flimkien mal-funzjonalità relatata	Dan il-proġett se jipperovdi funzjonalità ġdida ta' deċiżjoni ta' ritorn definita fil-bażi ġuridika ġdida ta' SIS	Rilaxx ta' sistema ċentrali ġdida ta' SIS, inklużi funzjonalitajiet ta' deċiżjoni ta' ritorn	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.7. L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività għandha l-għan li tiddefinixxi u timplimenta soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar abbażi ta' prodott kummerċjalment disponibbli (COTS) u l-istandards tal-industrija, li jkopru aspetti funzjonali u mhux funzjonali. Barra minn hekk, il-proġett jinkludi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' bażi ta' data globali u rappreżentattiva tal-ittestjar tal-VIS/BMS, kuntrarju għas-sitwazzjoni attwali fejn jeżistu flimkien żewġ bażijiet ta' data tal-VIS u tal-BMS.

VALUR MIŻJUD

L-implimentazzjoni ta' għodda ta' ttestjar flessibbli u standardizzata b'awtomatizzazzjoni sejra ġgħib magħha l-benefiċċji li ġejjin:

- Mhux ser ikun hemm dipendenza fuq soluzzjoni proprjetarja u deprezzata (li hija għalja u ineffiċjenti f'termini ta' evoluzzjoni, manutenzjoni u appoġġ).
- Huwa previst ammont sinifikanti ta' titjib fil-kapaċità u l-prestazzjoni fil-mira addizzjonali, li jippermetti l-użu mill-ġdid tal-istess sett ta' testijiet awtomatizzati.
- L-ittestjar manwali jista' jkun ordinarju, suxxettibbli għall-iżbalji u, għalhekk, isir eżasperanti. L-awtomazzjoni tat-testijiet tippermetti l-eżekuzzjoni tat-testijiet b'interazzjoni tal-utenti limitata ħafna, filwaqt li tiggarantixxi r-ripetibbiltà u l-preċiżjoni. Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA se jrin ikollhom aktar kapaċità sabiex itejbu

kontinwament il-proċess ta' kwalifika minflok jikkonċentraw ħafna sforzi sabiex jerġgħu jeżegwixxu x-xenarji tat-testijiet eżistenti.

- B'każijiet ta' testijiet awtomatizzati, l-eu-LISA sejra tkun tista' tmexxi kampanji ta' testijiet bir-reqqa għal bidliet iżgħar (bħal manutenzjoni korrettiva/adattiva) u b'hekk tiżgura garanzija tal-kwalità kontinwa u aħjar tas-sistema.
- Id-dokumentazzjoni u r-rapportar ser jiġu ġġenerati awtomatikament.
- Id-disponibbiltà esterna tal-forza tax-xogħol tiżdied meta jintużaw għodod tal-ittestjar standardizzati.

SFIDI EWLENIN

L-implimentazzjoni u l-kwalifika tal-prodotti tal-proġett se jirrikjedu d-disponibbiltà konġunta tal-ambjenti tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS, li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' flussi tax-xogħol oħrajn.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-għodod għall-ittestjar tal-VIS u tal-BMS huma implimentati abbażi tal-istandards tal-industrija u l-COTS (li jridu jinkisbu fl-2018). Iż-żewġ bażijiet ta' data separati u eżistenti tal-BMS u tal-VIS jiġu magħquda f'bażi ta' data rappreżentattiva u globali waħda	L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni tal-ittestjar flessibbli minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS u bażi ta' data waħda għall-BMS u l-VIS.	It-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet tan-negozju u l-bidliet leġiżlattivi	Aderenza mal-kwalità, il-baġit, iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità u l-qafas ta' żmien meħtieġa	Rapporti interim u finali tal-proġetti	AMMU

2.3.1.8. Tiġdid tal-USK (kontinwazzjoni mill-2018)

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Bħala kontinwazzjoni tal-istudji u l-ftehimiet li saru fl-2016 u l-2017, il-proġett għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri b'sett ta' għodod standardizzati għall-akkwiżizzjoni tal-marki tas-swaba', inkluża wkoll l-istruttura ta' servizz ċentrali ta' appoġġ u manutenzjoni pprovdut fil-ġejjieni mill-eu-LISA.

B'rispons għall-ħtiġijiet imqajma mill-Istati Membri, fl-2016, l-eu-LISA wettqet żewġ studji bl-għan li ssib sett ta' għodod komuni għall-akkwiżizzjoni tal-marki tas-swaba' addattati għall-varjetà wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-Istati Membri. Bħala eżitu tal-istudji u d-diskussjonijiet/il-ftehimiet ta' segwitu relatati, il-proġett jinkludi l-forniment ta' prodott Safran personalizzat imsejjaħ MorphoKit lill-Istati Membri, attivitajiet ta' kwalifika, rilaxx u taħriġ relatati, l-għadd meħtieġ ta' liċenzji tal-istazzjon tax-xogħol, kif ukoll l-istruttura ta' servizz ċentralizzat ta' manutenzjoni u appoġġ permezz tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA. Minħabba li xi Stati Membri diġà investew f'soluzzjonijiet b'sors miftuħ, bħall-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija (NIST) NFIQ 2.0¹⁰¹, huma jistgħu jkomplu jżommu s-soluzzjoni tagħhom billi jipprovdu konformità mal-standards ta' kwalità definiti mill-eu-LISA.

VALUR MIŻJUD

L-aspett ewlieni li għandu jiġi kkunsidrat għall-benefiċċji mistennija huwa l-istandardizzazzjoni tas-sett ta' għodod għall-kisba tal-marki tas-swaba', li hija pass kbir 'il quddiem għall-inseriment ta' data bijometrika ta' kwalità għolja fis-sistema ċentrali. Bħalissa, l-Istati Membri qegħdin jużaw varjetà kbira ta' għodod, fejn kull waħda minnhom għandha l-algoritmi bijometriċi tagħha, u ma hemm ebda standard komuni li dawn kollha jistgħu jkunu konformi miegħu. Minbarra dan, l-Istati Membri li jużaw is-sett ta' għodod antik ta' Morpho USK għandhom numru dejjem jikber ta' problemi minħabba li l-għodda tagħhom ma għadhiex tintuża: ma tappoġġjax l-aħħar verżjoni tas-sistemi operattivi u ma hemm ebda appoġġ għall-bejjiegħa u/jew manutenzjoni aċċessibbli. Bħala konsegwenza, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' FTEs, huwa diffiċli jew saħansitra impossibbli li tiġi garantita l-kwalità tad-data meħtieġa għall-eżekuzzjoni bla xkiel tal-operazzjonijiet tan-negozju tal-VIS/BMS. Ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-data bijometrika ħażina u/jew mhux standardizzata jistgħu mhux biss jirriżultaw fi prestazzjoni mnaqqsa tas-sistema ċentrali, iżda jistgħu jinfluwenzaw ukoll l-effiċjenza tal-operat tal-VIS kif definita fir-regolament

¹⁰¹ Softwer tal-Kwalità tal-Immaġini tas-Swaba' ta' NIST.

relatat.

SFIDI EWLENIN

Ir-rilaxx f'waqtu, progressiv u bla xkiel tal-MorphoKit għall-karigi konsulari Ewropej u l-ESPs kollha għandu jkun ikkoordinat mill-awtoritajiet nazzjonali; dan se jgħin jingħallu l-ammont konsiderevoli ta' xoqhol u sfida għall-immaniġġjar tal-partijiet ikkonċernati.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-ġoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-objettiv tal-proġett huwa li jistandardizza l-komputazzjoni tal-kwalità tal-marki tas-swaba' min-naħa tal-Istati Membri billi jipprovdilhom sett ta' għodod xierqa u servizzi ta' appoġġ u manutenzjoni relatati.	Il-forniment ta' sett ta' għodod standardizzati għall-kisba tal-marki tas-swaba'	Il-kunsinna ta' dokument standard dwar il-kwalità tal-marki tas-swaba' li miegħu għandhom jikkonformaw l-Istati Membri kollha li jużaw għodod personalizzati għall-kisba tal-marki tas-swaba' u l-kunsinna ta' MorphoKit personalizzati bl-appoġġ ċentrali meħtieġ għar-rilaxx nazzjonali tiegħu	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.9. Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS (il-Fażi 1, kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din hija l-ewwel fażi tal-proġett pluriennali taż-żieda tal-Pjattaforma tal-Produzzjoni (PRD) u PPE tal-BMS li jibda fl-2017 bl-għan li tittejjeb il-kapaċità tal-ħażna tal-BMS minn 60 miljun għal 100 miljun rekord tal-mudell tal-marki tas-swaba'. Din l-ewwel fażi, li tibda fl-2017 u tintemm fl-2019, tinkludi żieda sa 85 miljun rekord, filwaqt li t-tieni fażi sejra timmira għal żieda oħra minn 85 miljun għal 100 miljun rekord. Iż-żieda tinkludi kemm il-PPE kif ukoll il-PRD fil-kamp ta' applikazzjoni taqħha, billi tibda bil-PPE sabiex tkun

tista' tikkwalifika l-bidliet b'suċċess qabel tnedihom għall-PRD. Il-proġett ma jinkludix il-kunsinna ta' bażi ta' data ta' sfond miżjuda fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, li tiffirma parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett ta' 'implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS' imniedi fl-2017.

Il-parti tal-attivitajiet tekniċi ewlenin tal-proġett tinkludi l-inserzjoni ta' kapaċità ġdida tan-netwerk taż-żona tal-ħażna, xfafar ġodda u għeluq tax-xfafar u l-estensjoni tal-unitajiet ta' tqabbil eżistenti. Il-forniment ta' liċenzji addizzjonali ta' Morpho huwa wkoll parti mill-attivitajiet ewlenin.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett jinkludi t-tlestija tal-kampanja tal-SST, id-dħul fis-seħħ tal-PPE u l-PRD miżjuda, u l-eżekuzzjoni tal-fażi finali tal-aċċettazzjoni tas-sistema.

VALUR MIŻJUD

L-evoluzzjoni obbligatorja sabiex tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti tal-ħażna ta' bażi ta' data għall-operazzjonijiet tan-negozju tal-produzzjoni. Mingħajr din l-evoluzzjoni, u fid-dawl tal-aħħar previżjonijiet/projezzjonijiet mis-settur tas-sistema ta' ġestjoni tal-fruntieri, il-BMS sejra tilħaq il-limitu massimu tal-kapaċità tal-baży ta' data tagħha ta' 60 miljun fl-2019, tant li tikkawża effetti tan-negozju enormi għall-Istati Membri (ser ikun impossibbli li jiżdiedu applikazzjonijiet ġodda għal viża).

SFIDI EWLENIN

Jistgħu jiġu identifikati r-riskji li ġejjin:

- In-nuqqas ta' disponibbiltà tal-PPE għat-tul ta' żmien mitlub. Probabbiltà: baxxa. Impatt: għoli.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-data jekk ikunu meħtieġa xkafef ġodda. Probabbiltà: baxxa. Impatt: għoli.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi interni, li jikkawża dewmien għal diversi fażijiet tal-proġett. Probabbiltà: medja. Impatt: għoli.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-estensjoni tal-kapaċità tal-baży ta' data eżistenti tal-BMS għal 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba'	Il-produzzjoni mistennija hija kapaċità aġġornata għall-ħażna tal-bażyijiet ta' data tal-BMS sabiex tappoġġja sa 85 miljun mudell ta' rekords tal-marki tas-swaba'	Il-kontinwazzjoni xierqa ta' servizz eżistenti pprovdut mill-eu-LISA lill-Istati Membri	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baży u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baży u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.10. *Żieda tat-TST għal 100 % PPE (il-Fażi 1)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Matul l-aħħar ftit snin, twettqu serje ta' bidliet fil-bażi tad-data u fil-kapaċità tat-throughput tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS. Filwaqt li kien hemm evoluzzjoni bil-mod tal-Ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni, it-TST tjeib biss bħala parti mill-proġett li għaddej ta' 'tisħiħ tal-infrastruttura ta' ttestjar tal-VIS-BMS' (Dokument ta' Programmar Uniku 2016) li permezz tiegħu l-eu-LISA twettaq żieda fil-kapaċità tat-throughput tranżazzjonali tat-TST għal 40 % tal-PRD billi timplimenta ambjent passiv simulat tal-BCU u tmexxi għall-pjattaforma virtwali kondiviża tal-Ambjent tat-Test Ġdid (NTE). Din iż-żieda sejra tippermetti lill-kuntrattur iwettaq kwalifika mtejbja tal-evoluzzjoni funzjonali u teknika futura abbażi ta' ambjent aktar rappreżentattiv minn qabel. Madankollu, dan il-proġett huwa kkunsidrat biss bħala pass intermedju sabiex tintlaħaq il-mira finali, jiġifieri l-ħolqien ta' ambjent ta' TST ugwali għall-PPE f'termini ta' daqs u konfigurazzjoni. Il-kwalifika tal-bidliet imwettqa mill-kuntrattur bħalissa hija attività twila u diffiċli b'diversi ċikli ta' ripetizzjoni, minħabba l-għadd ta' kwistjonijiet ġeneralment skoperti bħala parti mill-proċess tal-ittestjar. Skont il-lezzjonijiet meħuda, porzjon sinifikanti tal-kwistjonijiet huwa dovut għan-nuqqas ta' abbiltà tal-kuntrattur li jwettaq il-kampanji ta' kwalifika tiegħu f'ambjent ta' ttestjar simili għal dak tal-eu-LISA, fejn ikollu l-opportunità li jiskopri u jsolvi l-kwistjonijiet ta' prestazzjoni jew konfigurazzjoni fi stadju bikri.

VALUR MIŻJUD

Permezz ta' twassil ta' ambjent simili f'termini ta' daqs, konfigurazzjoni u bażi ta' data ta' sfond għal Qabel il-Produzzjoni, l-eu-LISA qiegħda tistenna titjib sinifikanti fil-kwalità mogħtija, tnaqqis fil-ħin tal-kwalifika interna u b'hekk żmien ta' tħejjija aktar mgħaġġel għas-suq fil-każ ta' kwalunkwe evoluzzjoni futura. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ambjent imtejjeb tat-TST sejjer jottimizza wkoll l-użu ta' FTEs interni meħtieġa għall-proċess tal-verifika tal-prodott.

SFIDI EWLENIN

Jistgħu jiġu identifikati r-riskji li ġejjin:

- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju fiċ-ċentru tad-data f'każ li jkunu meħtieġa xkafef ġodda. Probabbiltà: baxxa. Impatt: għoli
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi interni, li jikkawża dewmien għal diversi fażijiet tal-proġett. Probabbiltà: medja. Impatt: għoli

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
---------------------	-----------------------	-------------------------	--------------------	----------------------------	------	--------------------	-------

L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	It-titjib tal-proċess tal-kwalifika tal-prodott billi l-kuntrattur tal-MWO jiġi pprovdut b'ambjent ta' ttestjar simili għal Qabel il-Produzzjoni	Ambjent tat-TST bl-istess bażi ta' data u kapaċità tat-throughput tranżazzjonali għall-PPE	Ambjent tat-test ġdid b'kapaċità simili għal Qabel il-Produzzjoni	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU
---	--	--	---	--	---	---	------

2.3.1.11. Magna ta' tiftix ġdida u aġġornament ta' Oracle għal SIS II, titjib tad-disponibbiltà u kunsiderazzjoni tal-aspetti ta' traskrizzjoni

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- L-implimentazzjoni ta' magna tat-tiftix mill-aktar avvanzata, inklużi funzjonalitajiet ġodda ta' tiftix.
- Żieda fil-kapaċità tal-mistoqsijiet.
- Assenjazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi li jżidu l-kapaċità tal-allerti.
- Ottimizzazzjoni tal-kapaċità ġenerali.
- Aġġornament għal Oracle/WL 12.

VALUR MIŻJUD

- Funzjonalitajiet ta' tiftix mill-aktar avvanzati.
- Kapaċità addizzjonali għall-mistoqsijiet (tmien darbiet aktar mid-disinn oriġinali tas-sistema ċentrali ta' SIS).
- Kapaċità addizzjonali għall-allerti.

SFIDI EWLENIN

- Riżorsi limitati.
- Kunflitt ma' proġetti oħrajn.
- Test diffiċli ħafna tal-ekwivalenza tal-mistoqsijiet.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Il-kisba ta' funzjonalitajiet ta' tiftix mill-aktar avvanzati u kosteffiċjenti Kapaċità addizzjonali fis-sistema ċentrali Ikun permess l-użu fil-futur qrib tal-istess magna fl-Istati Membri	Is-sistema ċentrali ta' SIS sejra timplimenta magna tat-tiftix ġdida għal kapaċità addizzjonali dwar il-mistoqsijiet u l-allerti Dokumentazzjoni assoċjata aġġornata	Funzjonalitajiet ta' tiftix mill-aktar avvanzati u kosteffiċjenti tas-sistema ċentrali ġdida ta' SIS II Kapaċità addizzjonali għall-mistoqsijiet u l-allerti It-tnejn ta' modulu ta' magna ta' tiftix għas-sistemi nazzjonali	Kunsinna f'waqtha Il-ġestjoni tal-baġit fi ħdan il-konfini Il-kwalità tal-kunsinna	Jeħtieġ li l-proġett jiġi ffinalizzat fl-2019 Ebda baġit addizzjonali fl-2019 Il-funzjonalitajiet mill-aktar avvanzati qegħdin jaħdmu sewwa Mistoqsijiet li jirrispettaw bis-sħiħ l-FLS	Il-partijiet ikkonċernati tal-proġett, inklużi l-Istati Membri u l-Kummissjoni Il-bord tal-programm Attivitajiet ta' ttestjar u data operattiva ta' SIS II Rapporti interim u finali mill-proġetti	AMMU

2.3.1.12. *Żieda fil-kapaċità tal-VIS għal 100 miljun applikazzjoni għall-viża (kontinwazzjoni mill-2017 u l-2018)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

L-attività hija kontinwazzjoni mis-snin preċedenti u twassal għall-kwalifika u l-iskjerament fil-produzzjoni fl-2019 tal-prodotti finali.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'verżjoni ammeljorata ta' VIS li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom (minn perspettiva tal-kapaċità).

SFIDI EWLENIN

- Ir-riskju li l-konsum tal-kapaċità disponibbli jikber aktar malajr milli stmat. Dan jittaffa permezz tal-ippjanar tal-kontinġenza u l-aġilità fil-kunsinna tal-prodotti meħtieġa aktar malajr u, possibbilment, tqassim adattat f'fażijiet tal-implimentazzjoni.

- Minkejja l-fatt li d-data *tat-tmiem tal-appoġġ* għadha ma tħabbritx mill-bejjiegħ, l-infrastruttura tal-ħażna attwali hija qrib il-ħruġ tagħha mill-użu. Bħala bidla maġġuri fl-infrastruttura, l-ippjanar għas-sostituzzjoni tal-komponenti tal-ħażna sejjer ikollu jsir bir-reqqa u jiġi evitat l-impatt tiegħu fuq il-proġett li għaddej bħalissa. Jista' jiġi kkunsidrat appoġġ estiż sabiex jiġu evitati jew jittaffew id-dipendenzi bejn il-proġetti li għaddejjin u l-attivitajiet ta' manutenzjoni adattiva meħtieġa.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-objettiv huwa li l-VIS tiġi pprovduta bil-kapaċità meħtieġa sabiex tlaħħaq maż-żieda regolari fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-viża u tipprevjeni n-nuqqas ta' ħażna; barra minn hekk, l-attività tinkludi l-virtwalizzazzjoni ta' għadd ta' komponenti	L-infrastruttura tal-VIS tiġi aġġornata sabiex tiġġestixxi sa 100 miljun applikazzjoni għall-viża	Is-sistema tal-VIS tista' tiġġestixxi sa 100 miljun applikazzjoni għall-viża, sabiex b'hekk tissodisfa l-ħtiġijiet kummerċjali futuri	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni u l-baġit miftiehma u l-qafas ta' żmien allokat	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.13. *Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: Europol*

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

It-tfassil, il-bini, il-kwalifika u l-iskjerament tal-bidliet fis-sistemi VIS u BMS.

VALUR MIŻJUD

Is-sistemi VIS u BMS huma konformi mal-bażi ġuridika.

SFIDI EWLENIN

Id-disponibbiltà ta' analiżi tal-kapaċità tal-bidu sabiex tidentifika l-impatt fuq it-tagħbija mibgħuta kontra l-VIS tal-integrazzjoni tal-utenti ġodda flimkien mad-distribuzzjoni aġġornata tal-kapaċità tas-sistema għal kull utent.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat	L-attività ssaħħa il-valur miżjud tas-servizzi pprovduti mis-sistemi VIS u BMS bl-integrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi mhux Stati Membri sabiex jappoġġjaw il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi	Hija mfassla, mibnija, ikkwalifikata u skjerata konfigurazzjoni ġdida tas-sistemi VIS u BMS, li tippermetti lill-utenti ġodda tal-Europol jużaw il-VIS	L-Europol jista' jgħaqqad u juża s-sistema VIS skont il-bażi ġuridika	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettag fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.14. L-għoti ta' aċċess passiv għall-Bulgarija u r-Rumanija għall-VIS

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

It-tfassil, il-bini, il-kwalifika u l-iskjerament tal-bidliet fis-sistemi VIS u BMS.

VALUR MIŻJUD

Il-VIS u l-BMS huma konformi mal-bażi ġuridika.

SFIDI EWLENIN

Ma hemm l-ebda riskju partikolari li jikkonċerna din l-attività.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
---------------------	-----------------------	-------------------------	--------------------	----------------------------	------	--------------------	-------

L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat	L-attività ssaħħaħ il-valur miżjud tas-servizzi pprovduti mis-sistemi VIS u BMS bl-integrazzjoni ta' utenti ġodda sabiex jappoġġjaw il-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi	Hija mfassla, mibnija, ikkwalifikata u skjerata konfigurazzjoni ġdida tas-sistemi VIS u BMS, li tippermetti lill-utenti ġodda (BG u RO) jużaw il-VIS f'modalità li tinqara biss	Il-BG u r-RO jistgħu jużaw is-sistema VIS skont il-bażi ġuridika	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU
--	---	---	--	--	---	---	------

2.3.1.15. *Il-Fażi 1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — aġġornamenti skont il-proposta riformulata: tiftix-ħażna ta' CAT_{1,2,3}, data bijografika/bijometrika ġdida, aġġornament tal-kapaċità u studju tar-rikonoxximent tal-wiċċ*¹⁰²

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti funzjonali tal-Eurodac skont il-proposta legali (il-kategoriji kollha ta' data (CAT_{1,2,3}) maħżuna u mfittxija, immaġnijiet tal-wiċċ maħżuna u rkuprati, data bijografika ġdida maħżuna, perjodi ġodda ta' żamma tad-data applikati u limiti tal-età mnaqqsa).
- Iż-żieda fil-kapaċità tal-bażi ta' data u t-throughput tat-tranżazzjoni abbażi ta' monitoraġġ kontinwu tat-traffiku u x-xejriet tal-użu tas-sistema ċentrali, kif ukoll il-projezzjonijiet tat-traffiku minħabba l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

¹⁰² Soġġett għat-tiġdid pendenti tar-Regolament dwar l-Eurodac.

- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-tweġġ ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni.
- Il-bidu ta' attivitajiet għall-għeluq tal-proġett u l-għoti ta' aċċettazzjoni finali tas-sistema.
- Il-konklużjoni tal-istudju dwar ir-rikonossiment tal-wiċċ u l-ippjanar għall-inklużjoni tar-rikonossiment tal-wiċċ fl-Eurodac.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom. Minbarra l-konformità mal-politika dwar l-asil u l-qafas il-ġdid ta' Dublin, l-Eurodac sejra tiffaċilita t-traċċar tal-migrazzjoni illegali u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ritorn Ewropej.

SFIDI EWLENIN

- Il-komplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema.
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-data jistgħu jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-proġett (sejrin ikunu meħtieġa infrastruttura ġdida/spazju ta' xkafef, speċjalment għall-aġġornamenti tal-kapaċità).
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa lill-proġett b'mod negattiv.
- Ir-riskju tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, l-iskjerament tar-rilaxx, eċċ., minħabba proġetti kumplessi paralleli.
- Deċiżjoni possibbli dwar ABIS komuni, li twassal għal bidliet arkitettoniċi drastiċi, tintroduċi kumplessità kbira u pressjonijiet ta' riżorsi b'mod parallel.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta riformulata tal-Eurodac L-istabbiliment tad-daqs xieraq tal-Eurodac sabiex tiġi sostnuta t-tagħbija miżjuda minħabba l-ħtiġijiet	L-Eurodac aġġornata skont ir-riformulazzjoni: Il-kapaċità miżjuda (sabiex tlaħħaq maż-żieda fit-tranżazzjonijiet u l-użu tal-Eurodac b'ħala	L-Eurodac f'konformità mad-dispożizzjonijiet riformulati u f'daqs xieraq sabiex tippermetti l-konformità tal-Istati Membri mal-bażi ġuridika ġdida	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettagħ fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perijodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, regjistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

	tan-negozju ġodda mir- riformulazzjoni tal- Eurodac	riżultat tar- riformulazzjoni Id-data kollha (CAT1,2,3) maħżuna u mfittxija Immaġnijiet tal-wiċċ maħżuna u rkuprati Data bijografika ġdida maħżuna u rkuprata Japplikaw perjodi ġodda għaż-żamma tad-data Limiti tal-età mnaqqsa Studju dwar ir- riconoxximent tal-wiċċ imwettaq					
--	---	---	--	--	--	--	--

2.3.1.16. Il-Fażi 2.1 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — inklużjoni ta' kopji tal-passaporti u dokumenti (ID) oħrajn fl-Eurodac¹⁰³

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-implimentazzjoni tal-aġġornamenti funzjonali tal-Eurodac skont il-proposta legali sabiex l-Eurodac tkun tista' taħżen u tirkupra kopji bil-kulur ta' passaporti u dokumenti tal-ID oħrajn fl-Eurodac (bidliet fis-software u fl-infrastruttura).
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-tweġġ ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjermament għall-produzzjoni.
- Attivitàjiet għall-għeluq tal-proġett u aċċettazzjoni finali tas-sistema.

VALUR MIŻJUD

- L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju.
- Il-ħażna ta' kopji tal-passaport sejra:
 - tiffaċilita l-istabbiliment tal-identità tal-migranti;
 - tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali;
 - tgħin sabiex iżżid is-sigurtà fl-Ewropa permezz ta' allinjament aħjar mal-politiki ta' ritorn.

SFIDI EWLENIN

- Il-komplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija

¹⁰³ Soġġetta għal emendi leġislattivi.

tas-sistema.

- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa lill-proġett b'mod negattiv.
- Deċiżjoni possibbli dwar ABIS komuni jew bidliet arkitettoniċi drastiċi tintroduċi kumplessità kbira u pressjonijiet ta' riżorsi b'mod parallel.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-ġhoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti ġodda introdotti fil-proposta għar-riformulazzjoni u l-iffaċilitar tal-konformità tal-Istati Membri mal-politiki ta' ritorn	L-Eurodac aġġornata sabiex taħżen u tirkupra kopji bil-kulur ta' passaporti u dokumenti tal-ID oħrajn	L-Istati Membri huma ffaċilitati permezz tal-użu tal-Eurodac sabiex jistabbilixxu l-identità tal-migranti irregolari u jistgħu jikkonformaw mal-politiki ta' ritorn Ewropej	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perjodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, regjistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

2.3.1.17. Il-Fażi 2.2 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — il-ġestjoni tar-risistemazzjonijiet fl-Eurodac¹⁰⁴

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-implimentazzjoni tal-aġġornamenti funzjonali tal-Eurodac skont il-proposta legali sabiex l-Eurodac tkun tista' tiġġestixxi r-risistemazzjonijiet (bidliet fis-softwer).
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjement għall-produzzjoni.
- It-twettiq ta' attivitajiet għall-għeluq tal-proġett u l-għoti ta' aċċettazzjoni finali tas-sistema.

VALUR MIŻJUD

- L-aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom u skont il-politika ta' risistemazzjoni.
- L-indirizzar tar-risistemazzjonijiet permezz tal-Eurodac jippermetti integrazzjoni aħjar tal-flussi u l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa mill-Istati Membri għal skopijiet simili fin-natura tagħhom (asil, risistemazzjoni).

SFIDI EWLENIN

- Il-komplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa l-proġett b'mod negattiv minħabba diversi proġetti tal-Eurodac paralleli.

¹⁰⁴ Soġġetta għal emendi leġislattivi.

- Deċiżjoni possibbli dwar ABIS komuni jew bidliet arkitettoniċi drastiċi tintroduċi kumplessità kbira u pressjonijiet ta' riżorsi b'mod parallel.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-ġhoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta għar-riformulazzjoni tal-Eurodac għall-ġestjoni tar-risistemazzjonijiet taħt l-iskemi nazzjonali u tal-UE	L-Eurodac aġġornata sabiex tiġġestixxi (taħżen/tfittex/tirkupra) d-data għal żewġ kategoriji ġodda, li jirrappreżentaw lill-persuni risistemati taħt l-iskemi nazzjonali u tal-UE	L-Istati Membri jistgħu jiġġestixxu r-risistemazzjonijiet (taħt l-iskemi nazzjonali u tal-UE) permezz tal-Eurodac u jistgħu jaġixxu f'konformità mal-bażi ġuridika (riformulazzjoni tal-Eurodac — proposta għal risistemazzjonijiet)	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perijodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, reġistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

2.3.1.18. *Il-Fażi 2.3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — tfittxijiet alfanumeriċi fl-Eurodac*¹⁰⁵

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-implimentazzjoni tal-komponent tal-Eurodac għal tfittxijiet alfanumeriċi (bidliet fis-software/fil-magna tat-tfittxija u fil-ħardwer/fl-infrastruttura).

¹⁰⁵ Soġġett għat-tiġdid pendenti tar-Regolament dwar l-Eurodac.

- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-tweġġ ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni.
- It-tweġġ ta' attivitajiet għall-għeluq tal-proġett u l-għoti ta' aċċettazzjoni finali tas-sistema.


VALUR MIŻJUD

- L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.
- Is-sistema sejra tkun tista' tappoġġja t-tfittxijiet alfanumeriċi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jikkontribwixxu għat-titjib tas-sigurtà fl-Ewropa.
- Din il-bidla sejra tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà fil-ġejjieni, billi tippermetti kapaċitajiet ta' tiftix omoġeni fost il-bażijiet ta' data Ewropej.

SFIDI EWLENIN

- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa l-proġett b'mod negattiv (jeħtieġ li jiġu approvati FTEs addizzjonali mill-Kummissjoni Ewropea).
- L-interfaċċa attwali tal-Eurodac ibbażata fuq skambju tal-email mhijiex ideali minn perspettiva teknika sabiex tappoġġja dawn it-tipi ġodda ta' tfittxijiet. Hija prevista bidla fil-mudell ta' komunikazzjoni għas-servizzi tal-web (ara t-Taqsima 2.3.1.22).
- Riskji relatati mal-kumplessità tal-allinjament tal-ippjanar u r-riżorsi mal-proġett 'bidla fil-komunikazzjoni lis-servizzi tal-web'.
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-data jistgħu jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-proġett (sejrin ikunu meħtieġa infrastruttura ġdida/spazju ta' xkafef).
- Ir-riskju tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, l-iskjerament tar-rilaxx, eċċ., minħabba proġetti tal-Eurodac paralleli.
- Deċiżjoni possibbli dwar ABIS komuni jew bidliet arkitettoniċi drastiċi tintroduċi kumplessità kbira u pressjonijiet ta' riżorsi b'mod parallel.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti legali ġodda billi l-Istati Membri jitħallew	L-Eurodac aġġornata sabiex tippermetti tfittxijiet alfanumeriċi	L-Eurodac f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali ġodda, sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jwettqu	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perjodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-	AMMU



2.3.1.19. *Il-Fażi 3 tar-riformulazzjoni tal-Eurodac — implimentazzjoni tar-rikonoxximent tal-wiċċ fl-Eurodac (abbażi tal-eżiti tal-istudju)*¹⁰⁶

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-implimentazzjoni tal-komponent tal-Eurodac għar-rikonoxximent tal-wiċċ (bidliet fis-software u fil-hardwer/fl-infrastruttura).
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni.
- L-għoti ta' aċċettazzjoni tas-sistema finali.

¹⁰⁶ Soġġetta għal emendi leġislattivi.

VALUR MIŻJUD

- L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.
- Is-sistema sejra tkun tista' tappoġġja t-tqabbil tal-uċuh flimkien mat-tqabbil tal-marki tas-swaba' sabiex tiġi pprovduta evidenza aħjar lill-Istati Membri meta jissodisfaw il-kompiti tagħhom relatati mal-asil jew mar-ritorn.
- L-Istati Membri se jkun jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom fejn it-teħid tal-marki tas-swaba' ma jkunx possibbli, li bħalissa twassal għal reġistrazzjonijiet mitlufa u sigurtà mnaqqsa.

SFIDI EWLENIN

- Ir-riskju li ma tkunx tista' takkomoda bidla arkitettonika kbira bħal din fl-Eurodac attwali (dan se jjer jintwera mir-riżultati tal-istudju).
- Bidla pjuttost sostanzjali li trid tiġi akkomodata taħt il-kuntratt kurrenti ta' MWO. Akkwist ġdid possibbli jew emenda sinifikanti jistgħu jwasslu għal dewmien.
- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi jista' jaffettwa l-proġett b'mod negattiv (jeħtieġ li jiġu approvati FTEs addizzjonali mill-Kummissjoni Ewropea u jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ kuntratt ġdid ta' appoġġ estern).
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-data jistgħu jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-proġett (se jkun ikunu meħtieġa infrastruttura ġdida/spazju ta' xkafef).
- Ir-riskju tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, l-iskjerament tar-rilaxx, eċċ., minħabba ħafna proġetti tal-Eurodac kumplessi paralleli.
- Deċiżjoni possibbli dwar ABIS komuni jew bidliet arkitettoniċi drastiċi tintroduċi kumplessità kbira u pressjonijiet ta' riżorsi b'mod parallel.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti legali ġodda u l-iffaċilitar sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jikkonformaw aħjar mal-politiki rilevanti tal-UE billi jiġu offruti	L-Eurodac aġġornata bħala sistema bijometrika multimodali: ġie introdott komponent ta' rikonoxximent tal-wiċċ sabiex jippermetti t-tqabbil tal-wiċċ	L-Eurodac f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali l-ġodda u l-għoti ta' preċiżjoni akbar tat-tqabbil permezz ta' kapaċitajiet bijometriċi multimodali	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perjoċiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, reġistru tad-	AMMU



2.3.1.20. *Tibdil tal-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac għas-servizzi tal-web*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Aġġornamenti tal-ICD.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-implimentazzjoni ta' interfaċċa ġdida għall-Eurodac (bl-għażla li jinżammu ż-żewġ mudelli ta' komunikazzjoni għal perjodu tranżitorju).
- L-ittestjar u l-kwalifika tar-rilaxx ġdid tal-Eurodac fil-PPE.
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjerament għall-produzzjoni.
- L-għoti ta' aċċettazzjoni tas-sistema finali.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tipprovdi lill-Istati Membri b'mekkaniżmu ta' komunikazzjoni teknoloġikament aġġornat li jippermetti l-użu effiċjenti ta' funzjonalitajiet ewlenin kif previsti taħt il-qafas legali ġdid (inklużi, pereżempju, tfittxijiet alfanumeriċi). Hija sejra taġixxi wkoll bħala faċilitatur għall-isforzi tal-interoperabbiltà fil-ġejjieni, billi tipprovdi l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni meħtieġa.

SFIDI EWLENIN

- Il-komplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali jistgħu jintroduċu dewmien fl-ittestjar u fit-tlestija tas-sistema.
- Hemm komplessità teknika involuta fiż-żamma taż-żewġ mudelli ta' komunikazzjoni (antiki u ġodda) għal perjodu tranżitorju.
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa l-proġett b'mod negattiv (ħafna proġetti tal-Eurodac paralleli).
- Hemm riskju ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti tekniċi għall-ittestjar, l-iskjerament tar-rilaxx, eċċ., minħabba ħafna proġetti paralleli.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-Eurodac mar-realtà teknoloġika tal-lum u l-iffaċilitar tal-forniment ta' mezzi ta' komunikazzjoni aġġornati lill-Istati Membri sabiex jaqdu r-rwol tagħhom, fid-dawl tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac u tipi ta' tranżazzjonijiet ġodda (eż. tfittxijiet alfanumeriċi)	L-Eurodac aġġornata sabiex tappoġġja l-komunikazzjonijiet mas-sistemi nazzjonali permezz ta' servizzi tal-web	L-Eurodac ċentrali u s-sistemi nazzjonali huma teknoloġikament allinjati L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jikkomunikaw b'mod effiċjenti mal-Eurodac u jikkonformaw mar-rekwiżiti legali ġodda u ma' tipi ġodda ta' tranżazzjonijiet	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettagħ fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perġodici dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, reġistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

2.3.1.21. *Implimentazzjoni tal-Fażi 2 ta' AFIS ta' SIS II*¹⁰⁷

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Il-validazzjoni tar-rekwiżiti ġodda tal-marki tas-swaba' (inklużi wkoll dawk latenti) u tal-marki tal-pala tal-id, flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni li ġejjin mill-qafas legali l-ġdid ta' SIS.
- L-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema AFIS ta' SIS II.

¹⁰⁷ ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106.

- It-titjib tal-arkitettura tas-sistema AFIS imwassla fil-Fażi 1 sabiex tlaħħaq mar-rekwiżiti ġodda.
- It-twettiq ta' kampanji ta' ttestjar tal-integrazzjoni interni u tal-Istati Membri.
- Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni fil-livelli tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali.
- Komunikazzjoni u segwitu regolari mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

VALUR MIŻJUD

It-tiŝiħ tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-infurzar tal-kollaborazzjoni tal-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen.

SFIDI EWLENIN

- Sejjer ikun meħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu kkoordinati mill-qrib fi kwalunkwe stadju ta' dan il-proġett.
- L-Istati Membri ser ikollhom jiksibu l-mira rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-ICD fi żmien debitu sabiex jippermettu l-operazzjonijiet tal-ittestjar, billi dan huwa pass ewlieni fit-twettiq tal-proġett.
- L-Istati Membri ser ikollhom ikunu lesti għad-data tat-twettiq fil-mira tal-proġett.
- Kwalunkwe bidla fil-ħardwer/fis-software u kwistjonijiet ta' konsistenza ser ikollhom jiġu indirizzati fuq bażi individwali. Għalhekk, dawk il-kwistjonijiet mhux magħrufa jistgħu jwasslu għal dewmien addizzjonali.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-għoti ta' ħin ta' rispons aħjar dwar it-tfittxijiet bijometriċi Iż-żieda fil-kapaċità u throughput tal-bażi ta' data tal-AFIS L-appoġġ għall-funzjonijiet bijometriċi addizzjonali u l-għoti ta' livelli addizzjonali ta' preċiżjoni	Dan il-proġett sejjer jipprovdi titjib dwar il-funzjonalitajiet diġà stabbiliti fil-Fażi 1 tal-AFIS ta' SIS II	Dan il-proġett sejjer jipprovdi kapaċitajiet bijometriċi addizzjonali lill-Istati Membri	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni u l-baġit miftiehma u l-qafas ta' żmien allokat	Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.22. *L-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE*¹⁰⁸

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' portal ta' tfittxija Ewropew.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR).
- L-iżvilupp ta' detettur ta' identitajiet multipli
- L-introduzzjoni u l-espansjoni tal-użu ta' format ta' messaġġ universali fis-sistemi kollha.
- L-iżvilupp tar-repożitorju ċentrali sabiex ikun jista' jsir rapportar statistiku u jiġi integrat mas-soluzzjoni teknika eżistenti.
- L-introduzzjoni ta' mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-data.

VALUR MIŻJUD

- Użabbiltà akbar, kontroll imtejjeb tal-aċċess u kapaċitajiet ġodda għas-sistemi.
- L-ispiża totali mtejbja tas-sjieda tas-sistemi.
- Titjib fit-tiftix tas-sistema u l-ġestjoni tal-identitajiet.

SFIDI EWLENIN

- L-adozzjoni tardiva tal-leġiżlazzjoni.

¹⁰⁸ Skont l-adozzjoni finali tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, asil u migrazzjoni) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa għall-interoperabbiltà tas-sistemi.

- Ir-riżorsi f'kompetizzjoni għal proġetti konkorrenti multipli (EES, ECRIS-TCN, eċċ.).
- Interdipendenzi bejn proġetti differenti (EES, ETIAS).

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	It-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi għall-utenti finali u t-titjib tal-ispiża totali tas-sjeda	Ir-riżultati tanġibbli kollha meħtieġa mir-regolamenti għall-interoperabbiltà disponibbli għall-partijiet ikkonċernati	L-ispiża totali mnaqqsa tas-sjeda tas-sistemi, servizz aħjar għall-partijiet ikkonċernati, użabbiltà akbar, kontroll imtejjeb tal-aċċess u kapaċitajiet ġodda għas-sistemi	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien tal-proġett	Proġett imwettaq skont il-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien	Rapporti interim u tal-għeluq tal-proġetti	AMMU

2.3.1.23. *Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għal SIS II*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- It-tħejjija ta' ordni ta' servizz għall-kuntrattur ta' MWO (fl-2018 b'input mill-Unità għall-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura (OIU) u minn entitajiet organizzazzjonali rilevanti oħrajn).
- In-negożjar dwar l-iskeda ta' żmien u l-ispiża tal-valutazzjoni tal-impatt (fl-2018).
- L-eżekuzzjoni ta' IA:
 - workshop tal-bidu;
 - workshops sabiex tinġabar informazzjoni dwar inizjattivi individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IA;
 - it-tħejjija tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - l-iffinalizzar tal-abbozz ta' rapport tal-IA;

- l-aċċettazzjoni tar-rapport tal-IA.
- It-tnejn ta' sommarju eżekuttiv u preżentazzjoni għall-Bord tat-Tmexxija u għall-gruppi konsultattivi.

VALUR MIŻJUD

Il-valutazzjoni tal-impatt sejra tipprovdi informazzjoni importanti lill-Aġenzija, li tippermettilha tippjana b'mod preċiż l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għal SIS II. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkun tista' tinkorpora l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi fil-pjan direzzjonali għall-evoluzzjoni ta' SIS II. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi sejra tippermetti li SIS II tilħaq il-mira statutorja għad-disponibbiltà ta' 99.99 %, tippermetti lill-Aġenzija tuża r-riżorsi umani disponibbli b'mod aktar effiċjenti permezz tal-awtomatizzazzjoni tar-rapportar ta' statistika u tal-kwalità tad-data u ttejjeb aktar l-effiċjenza tal-ġestjoni operattiva tas-sistema.

SFIDI EWLENIN

Ir-riskji ewlenin relatati ma' dan il-proġett jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Hemm riskju li l-proġett jikkoinċidi ma' proġetti oħrajn diġà miftiehma minħabba li t-talba għal dan saret mill-Kummissjoni tard ħafna fiċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija.
- Hemm riskju li l-baġit allokat għal SIS II ma jkunx biżżejjed sabiex jiffinanzja din l-attività.
- Hemm riskju li l-kuntrattur preżenti tal-MWO ma jkunx jista' jwettaq dan il-proġett fil-ħin u fi ħdan il-baġit.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-objettiv tal-attività huwa li l-Aġenzija tkun tista' timplimenta dawn it-tliet inizjattivi għal SIS II b'mod	Għarfien aġġornat dwar l-impatt ta' dawn it-tliet inizjattivi fuq SIS II; l-abbiltà mtejbja tal-Aġenzija li tippjana b'mod preċiż l-	L-abbiltà ta' SIS II li tilħaq il-mira tad-disponibbiltà ta' 99.99 % kif speċifikata fil-bażi ġuridika; tnaqqis fl-isforz	1. Proġett imwettaq fil-ħin 2. Proġett imwettaq fi ħdan il-baġit	1. Proġett imwettaq sa mhux aktar tard mill-31.10.2019 2. Baġit attwali ta' EUR ≤ 250 000	Rapporti dwar l-istatus tal-proġett ¹⁰⁹ EPMO	AMMU

¹⁰⁹ Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża

	strutturati u komprensivi.	implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għal SIS II.	manwali sabiex jiġu prodotti rapporti standard tal-istatistika u tal-kwalità tad-data għal SIS II; żieda fl-effiċjenza tat-tmexxija operattiva ta' SIS II	3. Il-kwalità tar-riżultati tanġibbli tilħaq l-istandard tal-Aġenzija	3. Mhux aktar minn żewġ ċikli ta' rieżami għal kull riżultat tanġibbli		
--	----------------------------	--	---	---	--	--	--

2.3.1.24. *Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-VIS*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- It-tħejjija ta' ordni ta' servizz għall-kuntrattur tal-MWO (fl-2018 b'input mill-OIU u minn entitajiet organizzazzjonali rilevanti oħrajn).
- In-negozjar dwar l-iskeda ta' żmien u l-ispiża tal-valutazzjoni tal-impatt (fl-2018).
- L-eżekuzzjoni ta' IA:
 - workshop tal-bidu;
 - workshops sabiex tinġabar informazzjoni dwar inizjattivi individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IA;
 - it-tħejjija tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - l-iffinalizzar tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - l-aċċettazzjoni tar-rapport tal-IA.
- It-tħejjija ta' sommarju eżekuttiv u preżentazzjoni għall-Bord tat-Tmexxija u għall-gruppi konsultattivi.

VALUR MIŻJUD

Il-valutazzjoni tal-impatt sejra tipprovdi informazzjoni importanti lill-Aġenzija, li tippermettilha tippjana b'mod preċiż l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għall-VIS. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkun tista' tinkorpora l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi fil-pjan direzzjonali għall-evoluzzjoni tal-VIS. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-

implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi sejra tippermetti lill-VIS tilħaq il-mira statutorja għad-disponibbiltà ta' 99.99 %, tippermetti lill-Aġenzija tuża r-riżorsi umani disponibbli b'mod aktar effiċjenti permezz tal-awtomatizzazzjoni tar-rapportar tal-istatistika u tal-kwalità tad-data u ttejjeb aktar l-effiċjenza tal-ġestjoni operattiva tas-sistema.

SFIDI EWLENIN

Ir-riskji ewlenin relatati ma' dan il-proġett jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Hemm riskju li l-proġett jikkoinċidi ma' proġetti oħrajn diġà miftiehma minħabba li t-talba għal dan kienet ipprovduta mill-Kummissjoni tard ħafna fiċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija.
- Hemm riskju li l-baġit allokat għall-VIS ma jkunx biżżejjed sabiex jiffinanzja din l-attività.
- Hemm riskju li l-kuntrattur preżenti tal-MWO ma jkunx jista' jwettaq dan il-proġett fil-ħin u fi ħdan il-baġit.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-objettiv tal-attività huwa li l-Aġenzija tkun tista' timplimenta dawn it-tliet inizjattivi għall-VIS b'mod strutturat u komprensiv	Għarfien aġġornat dwar l-impatt ta' dawn it-tliet inizjattivi fuq il-VIS; l-abbiltà mtejbja tal-Aġenzija li tippjana b'mod preċiż l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għall-VIS	L-abbiltà tal-VIS li tilħaq il-mira tad-disponibbiltà ta' 99.99 % kif speċifikata fil-bażi ġuridika; tnaqqis fl-isforz manwali sabiex jiġu prodotti rapporti standard tal-istatistika u tal-kwalità tad-data għall-Eurodac; żieda fl-effiċjenza tal-ġestjoni operattiva tal-Eurodac	1. Proġett imwettaq fil-ħin 2. Proġett imwettaq fi ħdan il-baġit 3. Il-kwalità tar-riżultati tanġibbli tilħaq l-istandard tal-Aġenzija	1. Proġett imwettaq sa mhux aktar tard mill-31.10.2019 2. Baġit attwali ta' EUR ≤ 250 000 3. Mhux aktar minn żewġ ċikli ta' rieżami għal kull riżultat tanġibbli	Rapporti dwar l-istatus tal-proġett EPMO	AMMU

2.3.1.25. Valutazzjoni tal-impatt għall-implimentazzjoni ta' (1) konfigurazzjoni attiva/attiva, (2) repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika u (3) infrastruttura kondiviża komuni għall-Eurodac

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- It-tħejjija ta' ordni ta' servizz għall-kuntrattur tal-MWO (fl-2018 b'input mill-OIU u minn entitajiet organizzazzjonali rilevanti oħrajn).
- In-negożjar dwar l-iskeda ta' żmien u l-ispiża tal-valutazzjoni tal-impatt (fl-2018).
- L-eżekuzzjoni ta' IA:
 - workshop tal-bidu;
 - workshops sabiex tinġabar informazzjoni dwar inizjattivi individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IA;
 - it-tħejjija tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - l-iffinalizzar tal-abbozz ta' rapport tal-IA;
 - l-aċċettazzjoni tar-rapport tal-IA.
- It-tħejjija ta' sommarju eżekuttiv u preżentazzjoni għall-Bord tat-Tmexxija u għall-gruppi konsultattivi.

VALUR MIŻJUD

Il-valutazzjoni tal-impatt sejra tipprovdi informazzjoni importanti lill-Aġenzija, li tippermettilha tippjana b'mod preċiż l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għall-Eurodac. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkun tista' tinkorpora l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi fil-pjan direzzjonali għall-evoluzzjoni tal-Eurodac. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi sejra tippermetti lill-Eurodac tilħaq il-mira statutorja għad-disponibbiltà tagħha, tippermetti lill-Aġenzija tuża r-riżorsi umani disponibbli b'mod aktar effiċjenti permezz tal-awtomatizzazzjoni tar-rapportar ta' statistika u tal-kwalità tad-data u ttejjeb aktar l-effiċjenza tal-ġestjoni operattiva tas-sistema.

SFIDI EWLENIN

Ir-riskji ewlenin relatati ma' dan il-proġett jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Hemm riskju li l-proġett jikkoinċidi ma' proġetti oħrajn diġà miftiehma minħabba li t-talba għal dan kienet ipprovduta mill-Kummissjoni tard ħafna fiċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija.
- Hemm riskju li l-baġit allokat għall-Eurodac ma jkunx biżżejjed sabiex jiffinanzja din l-attività.
- Hemm riskju li l-kuntrattur preżenti tal-MWO ma jkunx jista' jwettaq dan il-proġett fil-ħin u fi ħdan il-baġit.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-objettiv tal-attività huwa li l-Aġenzija tkun tista' timplimenta dawn it-tliet inizjattivi għall-Eurodac b'mod strutturat u komprensiv	Għarfien aġġornat dwar l-impatt ta' dawn it-tliet inizjattivi fuq l-Eurodac; l-abbiltà mtejba tal-Aġenzija li tippjana b'mod preċiż l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi għall-Eurodac	L-abbiltà tal-VIS li tilħaq il-mira tad-disponibbiltà kif speċifikata fil-baġi ġuridika; tnaqqis fl-isforz manwali sabiex jiġu prodotti rapporti standard tal-istatistika u tal-kwalità tad-data għall-Eurodac; żieda fl-effiċjenza tat-tmexxija operattiva tal-Eurodac	1. Proġett imwettaq fil-ħin 2. Proġett imwettaq fi ħdan il-baġit 3. Il-kwalità tar-riżultati tanġibbli tilħaq l-istandard tal-Aġenzija	1. Proġett imwettaq sa mhux aktar tard mill-31.10.2019 2. Baġit attwali ta' EUR ≤ 250 000 3. Mhux aktar minn żewġ ċikli ta' rieżami għal kull riżultat tanġibbli	Rapporti dwar l-istatus tal-proġett EPMO	AMMU

Il-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

2.3.1.26. *Perimetru unifikat tan-netwerk fuq żona wiesgħa — studju u disinn*¹¹⁰

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Il-proġett se jjer jikkonsisti f'diversi fażijiet:

- l-eżekuzzjoni tal-istudju (2019-2020) — ġabra tar-rekwiżiti, identifikazzjoni tas-soluzzjoni l-aktar xierqa u deskrizzjoni tal-arkitettura ta' livell għoli;
- l-akkwist tad-disinn tal-perimetru unifikat tan-netwerk fuq żona wiesgħa (2020);
- disinn (2020).

VALUR MIŻJUD

- Jiġu identifikati u mwaqqfa l-attakki li ma jistgħux jiġu identifikati u mwaqqfa minn għodod ta' sigurtà oħrajn (eż. firewall), sabiex b'hekk jitnaqqas ir-riskju globali li qegħdin jiffaċċjaw is-sistemi tan-negozju.
- Jitnaqqas l-ammont ta' traffiku ta' netwerk suspettuż li jilħaq kontrolli tas-sigurtà oħrajn (eż. firewalls), li jibaxxi l-ammont ta' xogħol għal dawn il-kontrolli u jipproteġihom minn attacchi diretti.
- Funzjonalità aktar mgħaġġla ta' switch-over/-back bejn CU/BCU għas-sistemi tan-negozju differenti permezz tal-integrazzjoni tal-iswitch-over/-back tan-netwerk fil-proċeduri tal-iswitch-over/-back tal-applikazzjoni.
- Tnaqqis fl-ispiża tal-funzjonalità ta' switch-over/-back fil-kuntratt ta' TESTA-ng.
- Żieda fil-viżibbiltà fuq l-interfaċċa nazzjonali lokali tal-Istati Membri u d-disponibbiltà tal-interfaċċa nazzjonali lokali ta' riżerva.
- Għadd limitat ta' networks.
- Integrazzjoni aktar mgħaġġla u aktar faċli tas-sistemi tan-negozju ewlenin ġodda.

¹¹⁰ Soġġett għan-nuqqas ta' ħtieġa għal emendi leġislattivi.

SFIDI EWLENIN

- Il-kumplexità tal-kompitu li jiġu koperti s-sistemi tan-negozju ewlenin kollha, il-ħtiġijiet għal disponibbiltà għolja, is-sistemi li ġejjin, eċċ.
- Sitwazzjonijiet kuntrattwali kumplessi (l-involvement ta' bosta kuntratturi differenti).
- Id-disponibbiltà ta' riżorsi speċifiċi (eż. riżorsi umani).

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	Titjib fil-mod kif is-sistemi tan-negozju ewlenin jiġu konnessi mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari b'attenzjoni fuq is-sigurtà, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà, id-disponibbiltà u throughput	Il-perimetru unifikat implimentat tan-netwerk fuq żona wiesgħa li jipprovdi pjattaforma garantita standardizzata għall-konnessjoni tas-sistemi tan-negozju ewlenin mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	Is-sistemi tan-negozju ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizz aktar affidabbli mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni u mis-sistemi ta' komunikazzjoni relatati. Dan se jippermetti integrazzjoni aktar mgħaġġla u aktar faċli tas-sistemi tan-negozju ewlenin ġodda	2019: - Preżenza tar-rapport tal-istudju 2020: - Kuntratt iffirmit għad-disinn - Preżenza tal-abbozz tad-dokumentazzjoni tad-disinn 2021: - Finalizzazzjoni tad-dokumentazzjoni tad-disinn; pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni	Ir-riżultati tanġibbli kollha preżenti f'konformità mal-iskeda tal-pjan tal-proġett	Dokumentazzjoni tal-proġett	OIU

2.3.1.27. *Aġġornament tal-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac*

AZZJONIJET JEW KOMPITI EWLENIN

- Valutazzjoni tal-impatt tat-tfassil mill-ġdid fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni fuq approvazzjoni tal-bażi ġuridika.
- Kooperazzjoni ma' fornituri ta' partijiet terzi u mal-Kummissjoni għall-ammeljorament tan-netwerk skont ir-riżultati tal-valutazzjoni.
- Ittestjar u kwalifika tas-soluzzjoni ġdida.

- Tiġi pprovduta aċċettazzjoni finali.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovd lill-Istati Membri b'servizzi mhux interrotti f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom u mal-bażi ġuridika ġdida.

SFIDI EWLENIN

- Dewmien fil-ħin minħabba l-ħtieġa ta' allinjament mal-attivitajiet u l-ippjanar globali tan-netwerk (ara, pereżempju, l-istudju u l-eżiti tan-netwerk unifikat).
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi umani minħabba ħafna proġetti tal-Eurodac paralleli bl-użu tal-istess riżorsi indiretti jista' joħloq dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-ġhoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-allinjament tal-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac mat-tagħbija tan-negozju miżjuda li tirriżulta mill-proposta riformulata tal-Eurodac	Żieda fil-bandwidth tan-netwerk tal-Eurodac sabiex tappoġġja l-użu ġdid tal-Eurodac (throughput tat-tranżazzjoni riformulata)	L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-Eurodac tippermetti l-fluss bla xkiel u mingħajr interruzzjoni tat-tranżazzjonijiet skont l-FLS, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehna tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati.	Tabelli operattivi u rapporti perjodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, reġistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

2.3.1.28. *It-twettiq ta' fażi tat-test ta' netwerk unifikat (kontinwazzjoni mill-2018)*¹¹¹

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Dan il-proġett pluriennali jipprevedi l-istadji li ġejjin:

- il-fażi tal-istudju (2017), li matulha kien analizzat id-disinn attwali u ġie propost titjib għalih;
- il-fażi tat-test (2017-2018), li matulha s-soluzzjoni proposta ġiet ittestjata f'laboratorju/ambjent ta' qabel il-produzzjoni;
- l-għeluq tal-proġett (2019).

VALUR MIŻJUD

- L-appoġġ għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet wara l-istudju.
- L-għoti ta' informazzjoni għall-bidliet possibbli fir-regolamenti dwar is-sistemi tan-negozju ewlenin.
- Il-preżentazzjoni tal-viżjoni/tal-istrateġija tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, li tista' tappoġġja l-pożizzjoni tal-eu-LISA bħala Aġenzija li tipprovdi ħafna valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati tagħha.

SFIDI EWLENIN

Il-komplessità tal-kompitu, minħabba l-għadd ta' politiki rilevanti u sistemi ta' negozju involuti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-	It-tħaddin ta' viżjoni ċara dwar l-evolviment neċessarju tal-	Il-fażi tal-ittestjar titwettaq skont il-	Il-maniġment tal-Aġenzija jiġi pprovdut bil-fehim tat-titjib	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni,	Rapporti interim u finali tal-proġetti	OIU

¹¹¹ L-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi mill-eżiti tal-valutazzjoni tal-impatt li għandha titwettaq fl-2017 u tista' tkun soġġetta għal emendi legali.

partijiet ikkonċernati skont il-mandat	infrastruttura tal-komunikazzjoni	proposta mill-istudju mwettaq fl-2017	possibbli u l-bidliet possibbli fir-regolament	ż-żmien miftiehma tal-proġett	il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati		
--	-----------------------------------	---------------------------------------	--	-------------------------------	---	--	--

2.3.1.29. *L-introduzzjoni ta' statistika tan-netwerk avanzat (kontinwazzjoni mill-2018)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

L-għan ġenerali tal-attività huwa li żżid il-kapaċitajiet tal-eu-LISA sabiex tissorvelja l-infrastruttura ta' komunikazzjoni u sabiex tikkoordina l-attivitajiet tan-netwerk billi tagħżel u timplimenta soluzzjoni kummerċjalment disponibbli li tkejjel il-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sal-livell tal-flussi tal-IP. Is-soluzzjoni sejra tippermetti wkoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni proattivi tal-ostakoli u l-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet aktar mgħaġġla għall-problemi u l-kwistjonijiet fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Dan il-proġett jipprevedi tliet stadji:

- Il-fażi tal-istudju (2017-2018) għandha tanalizza l-ħtiġijiet tal-eu-LISA fid-dettall u għandha tipproponi soluzzjoni għal kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet.
- Il-fażi tal-ittestjar (2018) għandha tintuża sabiex tivvalida s-soluzzjoni proposta fi skala limitata fuq parti waħda tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.
- L-istadju tal-implimentazzjoni (2019) għandu jkopri t-tnejja tas-soluzzjoni vvalidata fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni kollha.

VALUR MIŻJUD

- Issodisfar aħjar tal-obbligi legali tal-eu-LISA fil-forma ta' superviżjoni effiċjenti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.
- Tħaddim aktar bla xkiel tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tas-sistemi tan-negożju ewlenin li jiddependu minnha.
- Struttura aktar effettiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u allinjament aħjar tas-servizzi tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni pprovduti mal-ħtiġijiet tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

SFIDI EWLENIN

- L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni u l-għbir tal-istatistika għandhom isiru f'konformità mal-politiki applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.
- Il-proġett huwa kumpless minħabba l-għadd ta' sistemi tan-negożju involuti u s-sitwazzjoni legali kumplessa.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli	L-iżgurar tal-implimentazzjoni tas-	Is-superviżjoni tal-infrastruttura ta'	Effiċjenza akbar tas-superviżjoni tal-	Id-data tat-twerttiq tal-fażi tal-ittestjar	It-twerttiq tal-fażi tal-ittestjar fi żmien debit	Rapporti interim u finali tal-proġetti	OIU

u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	sistema avvanzata ta' statistika tan-network (l-ewwel parti) li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni użata mis-sistemi tan-negożju ewlenin kollha (li għandhom jinkisbu fl-2019)	komunikazzjoni permezz tad-data miġbura b'mod indipendenti dwar il-fornitur tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni Hemm fis-seħħ sistema avvanzata ta' statistika tan-network	infrastruttura tal-komunikazzjoni L-għoti tal-informazzjoni meħtieġa sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	Id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni	u l-validazzjoni tas-soluzzjoni rrakkomandata L-implimentazzjoni mibdija skont l-iskeda ppjanata		
---	---	---	---	---------------------------------------	---	--	--

2.3.1.30. *It-trasferiment tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u ta' SIS II*¹¹²

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

It-trasferiment tal-attivitajiet/tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni relatati mal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari:

- WAN tal-VIS u s-servizzi relatati;

¹¹² L-implimentazzjoni sejra tiddependi mill-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti.

- WAN ta' SIS II u s-servizzi relatati;
- VIS mail;
- Sirenemail;
- Punt uniku ta' kuntatt tal-VIS mail;
- Punt uniku ta' kuntatt ta' SIS II mail;
- It-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS;
- It-tieni saff ta' kriptaġġ ta' SIS II.

L-istabbiliment tal-proċessi u l-proċeduri meħtieġa min-naħa tal-eu-LISA għall-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ittrasferiti.

VALUR MIŻJUD

Ma għadux ġustifikat li l-Kummissjoni żżomm ċerti kompiti relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni jew mas-sistemi u, għalhekk, dawn il-kompiti għandhom jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija bil-għan li tittejjeb il-koerenza tal-ġestjoni tagħha.

SFIDI EWLENIN

Il-proġett jiffaċċja l-isfidi li ġejjin:

- Skeda ta' żmien limitata għat-trasferiment tal-VIS: skont il-proposta għal regolament dwar l-EES, it-trasferiment għandu jsir f'perjodu fiss ta' 6 xhur.
- Id-data tal-bidu mhijex magħrufa: il-bidu tat-trasferiment tal-VIS jiddependi mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-EES, filwaqt li d-data tal-bidu tat-trasferiment ta' SIS tiddependi mill-adozzjoni tar-regolament rivedut li jistabbilixxi l-eu-LISA.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
---------------------	-----------------------	-------------------------	--------------------	----------------------------	------	--------------------	-------

L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-iżgurar li l-Aġenzija jkollha l-kapaċità li twettaq il-ġestjoni tal-kuntratti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni	Hemm fis-seħħ l-istruttura organizzattiva, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet sabiex titwettaq il-ġestjoni tal-kuntratti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Id-DĠ HOME jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għat-trasferiment	Rapport tat-trasferiment mid-DĠ HOME Deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet, organigramma fir-rigward tal-ġestjoni kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Rapporti interim u finali tal-proġetti	OIU
---	---	---	---	--	---	--	-----

2.3.1.31. *L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng (kontinwazzjoni mill-2018)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Din l-attività hija parti mill-proġett tal-migrazzjoni ta' TESTA-ng. Il-proġett beda fl-2013 u sejjer ikompli fl-2019. Huwa sejjer ikopri t-tlestija tal-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ fin-netwerk tal-produzzjoni tal-VIS.

VALUR MIŻJUD

It-tieni saff ta' kriptaġġ fil-VIS huwa meħtieġ sabiex jiggarrantixxi l-protezzjoni tad-data tan-negozju tal-VIS skont ir-regolamenti tal-VIS u tal-eu-LISA.

SFIDI EWLENIN

- L-għadd ta' partijiet ikkonċernati involuti.
- L-implimentazzjoni fl-ambjent tal-produzzjoni reali.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-partijiet ikkonċernati skont il-mandat	L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ fin-netwerk tal-produzzjoni tal-VIS ta' TESTA-ng abbażi tal-pilota b'suċċess	Il-preżenza tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng u l-kriptaġġ tat-traffiku tan-negożju tal-VIS skont ir-regolamenti tal-VIS u tal-eu-LISA L-arranġamenti tal-appoġġ għas-sistemi VIS u SIS II Mail	L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ fin-netwerk tal-VIS ta' TESTA-ng L-arranġamenti u t-trasferiment tal-appoġġ għas-servizzi ta' VIS u SIS II Mail mill-fornitur ta' sTESTA	Id-data tal-preżentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ fin-netwerks tal-Produzzjoni tal-VIS	Il-preżenza tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS fi żmien debitu u l-protezzjoni tat-traffiku tan-negożju tal-VIS	Rapporti interim u finali tal-proġetti	OIU

L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda

2.3.1.32. Sistema ta' awtomatizzazzjoni ta' Dublin

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Il-ħolqien tal-ICD għas-sistema ġdida f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.
- Il-kooperazzjoni mal-AG u mal-Istati Membri fil-qafas tal-gruppi ta' esperti u mal-forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-koordinazzjoni tal-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali.
- L-iżvilupp tas-sistema ġdida abbażi tad-dispożizzjonijiet finali tal-qafas legali li qiegħed jiġi nnegożjat u abbażi tal-eżiti tal-istudju mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea.
- Konfigurazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa.
- Ittestjar u kwalifika tas-sistema l-ġdida fil-PPE;
- It-twettiq ta' testijiet operattivi mal-Istati Membri u l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tas-sistema qabel l-iskjement għall-produzzjoni;
- L-għoti ta' aċċettazzjoni tas-sistema finali;
- Evalwazzjoni tal-funzjoni tas-sistema skont il-bażi ġuridika sabiex jiġi propost titjib.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija ser tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'għodda li tippermettilhom jallinjaw ruħhom mal-proposta ta' Dublin IV.

SFIDI EWLENIN

- Id-dewmien fil-proċessi tal-akkwist (is-snin preċedenti) jista' jwassal għal dewmien fl-implimentazzjoni ġenerali.
- Il-kumplessità u d-diffikultà tal-allinjament tal-ippjanar għall-proġetti tas-sistema ċentrali u tas-sistema nazzjonali.
- Il-fehmiet konfliġġenti possibbli għall-implimentazzjoni (sistema ċentrali-sistema nazzjonali) jistgħu jintroduċu dewmien.
- Il-kwistjonijiet tad-disponibbiltà tal-ispazju fiċ-ċentru tad-data jistgħu jaffettwaw serjament lill-proġett (sejrin ikunu meħtieġa ambjenti/xkafef ġodda).
- In-nuqqas ta' disponibbiltà tar-riżorsi jista' jaffettwa lill-proġett b'mod negattiv.
- Duplikazzjoni tal-isforz bl-iżviluppi tal-Eurodac, minkejja l-miri interrelatati.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
Jiżdied kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	L-allinjament mar-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta ta' Dublin IV	L-iffinalizzar tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' awtomatizzazzjoni ġdida ta' Dublin sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-proposta ġdida ta' Dublin IV	Hemm fis-seħħ sistema ġdida li hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali ġodda, li tippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw il-politiki tal-asil Ewropej	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien miftiehma tal-proġett	Il-proġett jitwettagħ fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-iskeda ta' żmien approvati	Tabelli operattivi u rapporti perijodiċi dwar il-progress tal-proġett Repożitorju tad-dokumentazzjoni tal-proġett (pjan tal-proġett, regjistru tad-deċiżjoni, rapporti ta' eċċezzjoni)	AMMU

2.3.1.33. *Implimentazzjoni tal-EES*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet proposta riveduta għal regolament dwar il-Fruntieri Intelliġenti. Hija tinkludi proposta għal regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Truġ, kif ukoll proposta għar-reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen. Il-proposta ġiet adottata mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2017 u mill-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2017. Hija daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017.

L-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ser tinkludi t-twaqqif ta':

- sistema ċentrali ġdida tal-EES;
- sistema ta' informazzjoni bijometrika;
- interfaċċa uniformi nazzjonali;
- l-infrastruttura ta' komunikazzjoni;
- servizz tal-web għall-vjaġġaturi u t-trasportaturi;
- repożitorju tad-data ċentrali.

Barra minn hekk, l-evoluzzjoni teknika tal-VIS u ta' SIS II tista' tkun parti mill-pakkett ta' implimentazzjoni.

VALUR MIŻJUD

Il-proġett għandu l-għan li jimplimenta s-sistemi tan-negozju ewlenin, b'rekwiżiti li joriġinaw mill-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea 2016/194 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

L-istabbiliment ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE huwa meqjus bħala neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- l-indirizzar tad-dewmien tal-kontrolli fil-fruntieri u t-titjib tal-kwalità tal-kontrolli fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;
- l-iżgurar ta' identifikazzjoni sistematika u affidabbli tal-"persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta";
- it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

SFIDI EWLENIN

Jekk wieħed jassumi li l-bażi ġuridika sejra tidħol fis-seħħ fl-2017, fl-2018, il-proġett sejjer ikun bejn tmiem il-fażi tal-akkwist u l-fażi tal-bidu tal-iżvilupp. Matul l-2019, kuntrattur estern sejjer ikun responsabbli mill-iżvilupp tas-sistema ċentrali, li sejra titwettagħ f'sinkronizzazzjoni mal-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA.

Fattur ta' suċċess kritiku għat-twettiq f'waqt u ta' kwalità sejjer ikun l-istabbiliment ta' forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-manigġers ta' proġetti nazzjonali, ippresedut mill-eu-LISA, bil-għan li jantiċipa u jtaffi r-riskji, jiġġestixxi l-kwistjonijiet komuni fil-pront u jrawwem komunikazzjoni bejn il-proġetti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
Jiżdied kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	It-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tal-infrastruttura uniformi nazzjonali Interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn.	Id-dħul fis-seħħ tas-sistema ċentrali EES fi ħdan l-iskadenza legali	L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	Il-proġett jitwettag fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	Tabelli operattivi tal-proġett ta' kull ġimgħa u rapport fi tmiem il-proġett	AMMU

2.3.1.34. *L-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (ETIAS)*¹¹³

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- It-tnejn, il-pubblikazzjoni u l-ġestjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS.
- Definizzjoni ta' disinji dettaljati u ta' livell għoli minn tarf sa tarf.
- L-implimentazzjoni tal-valutazzjoni(jiet) tal-impatt għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-ETIAS fuq is-sistemi eżistenti u s-sistemi li qegħdin jiġu żviluppati.
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà tal-ETIAS.
- It-twaqqif tal-infrastruttura teknika.
- L-implimentazzjoni teknika u funzjonali.

¹¹³ Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (ETIAS).

- Il-kwalifika funzjonali, teknika u tas-sigurtà minn tarf sa tarf.
- Id-definizzjoni, it-twaqqif u l-ittestjar tal-proċessi u l-proċeduri tan-negozju mal-partijiet ikkonċernati (l-Istati Membri, il-Frontex, it-trasportaturi).
- Id-definizzjoni, it-twaqqif u l-ittestjar tar-rapporti legali/operazzjonali.
- L-istruttura u l-ittestjar tal-proċessi operattivi, tal-proċeduri u tal-għodod ta' appoġġ.
- It-tnejn u t-trasferiment lid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet.

VALUR MIŻJUD

L-Aġenzija se jra t-tissodisfa l-obbligi legali tagħha u ttipprovdi lill-Istati Membri b'sistema li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

SFIDI EWLENIN

- L-Istati Membri jistgħu jitolbu sabiex l-iżvilupp tal-EES u tal-ETIAS jinqasam f'fażijiet, minflok jieħdu approċċ parallel.
- Għadd ta' komponenti tal-ETIAS mistennija jiġu kondiviżi mal-EES. L-introduzzjoni ta' dipendenzi bejn tali proġetti kbar tista' tintroduċi dewmien mhux mistenni.
- Is-sena intiża għad-dħul fis-seħħ titqies bħala ta' sfida kbira, forsi wkoll mhux maniġġabbli.
- L-ammont ta' riżorsi umani ppjanati li jiġu involuti fil-proġett jista' jkun insuffiċjenti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
Jiżdied kontinwament il-valur miżjud tas-sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	Id-disinn, l-implimentazzjoni u l-kwalifika tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni L-adattament tal-ambjent u l-miżuri ta' sigurtà sabiex jikkonformaw ma' tipi ġodda ta' servizzi	Id-dħul fis-seħħ tal-ETIAS fi ħdan l-iskadenza legali	L-iżvilupp tal-ETIAS skont ir-regolament rilevanti sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti b'sistema ġdida sabiex jivvalutaw ir-riskju qabel id-dħul fiż-żona Schengen ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett	L-iżvilupp u t-tnedija tal-ETIAS skont il-konfini taż-żmien, tal-baġit u tal-kamp ta' applikazzjoni	Tabella operattiva tal-proġett, rapporti ta' segwitu tal-progress intermedju, rapport fi tmiem il-proġett	AMMU



2.3.1.35. *L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (skont l-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

Fid-29 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet proposta għal regolament dwar l-ECRIS-TCN. Hija tinkludi proposta għal regolament li jstabbilixxi sistema ċentrali ta' ECRIS-TCN, li għandha tibda topera sal-2020. L-eu-LISA sejra tibda l-attivitajiet ta' akkwist għall-implimentazzjoni tas-sistema ġdida hekk kif tiġi approvata l-bażi ġuridika. L-iżvilupp tas-sistema sejjer jikkonsisti fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fl-ittestjar u fil-koordinazzjoni ġenerali tal-proġett.

VALUR MIŻJUD

Din is-sistema ċentralizzata sejra tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jidentifikaw liema Stati Membri oħrajn għandhom rekords kriminali dwar it-TCN ikkonċernat, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jużaw is-sistema ECRIS eżistenti bil-għan li jindirizzaw it-talbiet għal informazzjoni dwar kundanni lil dawn l-Istati Membri biss.

SFIDI EWLENIN

L-implimentazzjoni tal-proġett tiddependi ħafna mill-adozzjoni f'waqtha tal-leġiżlazzjoni u l-forniment tar-riżorsi meħtieġa.

Jekk wieħed jassumi li l-bażi ġuridika sejra tidħol fis-seħħ fl-2017, fl-2018, l-istadju tal-proġett sejjer ikun bejn tmiem il-fażi tal-akkwist u l-fażi tal-bidu tal-iżvilupp. Matul l-2019, kuntrattur estern sejjer ikun responsabbli mill-iżvilupp tas-sistema ċentrali, li sejjer jitwettaq f'sinkronizzazzjoni mal-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA. Fattur ta' suċċess kritiku għat-tweġġ f'waqt u ta' kwalità sejjer ikun l-istabbiliment ta' forum ta' ġestjoni tal-proġetti għall-manigjers ta' proġetti nazzjonali, ippresedut mill-eu-LISA, bil-għan li janticiपा u jtaffi r-riskji, jiġġestixxi l-kwistjonijiet komuni fil-pront u jrawwem komunikazzjoni bejn il-proġetti.

Objettiv strateġiku	Objettiv tal-attività	Riżultati mill-attività	Eżitu tal-attività	Indikatur tal-prestazzjoni	Mira	Sorsi ta' verifika	Unità
Jiżdied kontinwament il-valur miżjud tas-	Id-disinn u l-implimentazzjoni tas-	Id-dħul fis-seħħ tas-sistema ċentrali ta'	L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex	Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u	Il-proġett jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni,	Tabelli operattivi tal-proġett ta' kull ġimgħa	AMMU

sistemi, tad-data u tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati	sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn	ECRIS-TCN sal-iskadenza legali	jiksbu ġestjoni tal-fruntieri aktar sigura u aktar intelliġenti	ż-żmien meħtieġa tal-proġett	il-baġit u l-qafas ta' żmien miftiehma	u rapport fi tmiem il-proġett	
--	--	--------------------------------	---	------------------------------	--	-------------------------------	--

2.3.1.36. *Repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-implimentazzjoni tal-istatistika sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tar-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika — l-unifikazzjoni tar-rapportar tas-sistemi kollha tagħna (kontinwazzjoni mill-2017)*

AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN

- Repożitorju fejn jiġu ġestiti r-rapporti tekniċi kollha li tipproduċi l-Aġenzija sabiex tissorvelja l-funzjonament tajjeb tas-sistemi, ir-rapporti li jipproduċu l-applikazzjonijiet (SIS II, Eurodac u VIS) u l-istatistika, flimkien mal-mezzi xierqa sabiex jinkiseb l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-partijiet ikkonċernati, f'konformità mal-bażi ġuridika applikabbli. Ir-repożitorju ċentrali tar-rapporti u tal-istatistika jaħżen ammonti kbar ta' data storika sabiex b'hekk ikun possibbli li jiġu analizzati perjodi ta' żmien u xejriet differenti sabiex isiru previżjonijiet fil-ġejjieni, fejn awtorizzati mill-bażijiet ġuridiċi rilevanti.
- Sett ta' għodod sabiex il-bidliet isiru faċilment (jiġifieri mingħajr riżorsi jew bl-inqas possibbli) u jiġu adattati meta jinħolqu f'għajnejiet ġodda tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-informazzjoni ġestita mill-eu-LISA u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ġestjoni tal-applikazzjonijiet li biha hija fdata l-eu-LISA. Dawn l-għodod ser ikollhom il-potenzjal li jintużaw direttament mill-utenti finali permezz ta' interfaċċa grafika sempliċi.
- It-titjib tar-rapportar bħala servizz sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi legali tal-Aġenzija.

VALUR MIŻJUD


L-attività sejra tirriżulta f'rapportar awtomatizzat imtejjeb u ġenerazzjoni tal-istatistika li tkun allinjata mal-ftehimiet tal-partijiet ikkonċernati maħtura — l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-eu-LISA, awtoritajiet intitolati bħall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) u l-aġenziji tal-ĠAI rilevanti — fil-qasam tal-applikazzjonijiet ġestiti

mill-eu-LISA (SIS II, VIS/BMS, Eurodac), f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi rilevanti. Barra minn hekk, billi l-partijiet ikkonċernati jistgħu jiksbu aċċess malajr għad-data kritika minn għadd ta' sorsi f'post wieħed, huma jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati malajr dwar l-inizjattivi ewlenin. Barra minn hekk, billi d-data mid-diversi sistemi hija standardizzata, il-partijiet ikkonċernati jista' jkollhom aktar fiduċja fil-preċiżjoni tad-data.

SFIDI EWLENIN

L-Aġenzija tinsab għaddejja minn perjodu ta' tkabbir u espansjoni rapidi. Ir-riklassifikazzjoni hija wieħed mill-istrumenti ewlenin li jintużaw sabiex jimmotivaw u jżommu l-impjegati kollha bi kwalifiki għolja. F'diversi gradi, in-numru ta' riklassifikazzjonijiet fil-perjodu ta' referenza huwa uguali għal jew inqas minn tlieta, li jagħmel il-kisba tal-medja aktar diffiċli.

Madankollu, l-eu-LISA qiegħda tnaqqas ir-rata ta' riklassifikazzjoni sabiex tallinja ż-żmien medju mqatta' fil-grad bis-CEOS u r-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar ir-Riklassifikazzjoni tal-Aġenti Temporanji u tal-Aġenti Kuntrattwali ¹⁷⁷. Il-medji tal-gradi kollha bir-riklassifikazzjonijiet fl-2017 imxew b'mod inkrementali lejn il-medji rrakkomandati mitluba fir-regoli ta' implimentazzjoni. Billi huwa kkunsidrat perjodu kontinwu ta' 5 snin, il-promozzjonijiet rapidi mis-snin bikrija tal-Aġenzija qiegħdin inaqqsu l-impatt ta' approċċ aktar konservattiv għar-riklassifikazzjonijiet meħuda fl-2017.

¹⁷⁷ Deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 016/2016 tal-15 ta' Marzu 2016 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali rigward l-Artikolu 54 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea u Nru 017/2016 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 87(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

Tabella 1 — Riklassifikazzjoni tal-persunal temporanju/promozzjoni tal-uffiċjali

Kategorija u grad	Membri tal-persunal attivi fl-1 ta' Jannar 2016		Membri tal-persunal promossi/riklassifikati fl-2017 ¹⁷⁸		Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal promossi/riklassifikati
	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	
AD16					
AD15					
AD14		1		1	5
AD13		2		m/a	m/a
AD12					
AD11		5		1	2.1
AD10		4		1	2.5
AD9		5		1	2.3
AD8		15		4	2.1
AD7		9		3	2.6
AD6		21		7	2.0
AD5		9		2	2.4
Total ta' AD		71		20	2.62
AST11					
AST10					
AST9					

¹⁷⁸ Din it-tabella sejra tiġi aġġornata għall-2017 wara l-għeluq tal-eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni.

Kategorija u grad	Membri tal-persunal attivi fl- 1 ta' Jannar 2016		Membri tal-persunal promossi/riklassifikati fl-2017 ¹⁷⁸		Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal promossi/riklassifikati
	Uffiċjali	AT	Uffiċjali	AT	
AST8		2		m/a	m/a
AST7					
AST6		8		m/a	m/a
AST5		10		1	2.6
AST4		12		3	2.0
AST3		11		3	2.7
AST2		1		1	3.0
AST1					
Total ta' AST		44		8	2.57
AST/SC1					
AST/SC2					
AST/SC3					
AST/SC4					
AST/SC5					
AST/SC6					
Total ta' AST/SC		0		0	
Total		115		28	2.60

Tabella 2 — Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt

Fl-2017, saret it-tieni riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt.

Grupp ta' funzjoni	Grad	Membri tal-persunal attivi fl-1 ta' Jannar 2016	Membri tal-persunal riklassifikati fl-2017	Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati
AK IV	18			
	17			
	16	1	m/a	2.0
	15	1	m/a	m/a
	14	8	4	2.6
	13	1	m/a	m/a
AK III	12			
	11			
	10	1	m/a	m/a
	9			
	8			
AK II	7			
	6			
	5			
	4			
AK I	3			
	2			
	1			
Total		12	4	2.3

C. Politika dwar il-mobbiltà

L-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' aġenti temporanji (AT 2f) fl-aġenziji fir-Regolamenti ġodda dwar il-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, tiffaċilita l-mobbiltà fi ħdan l-eu-LISA u bejn l-aġenziji.

Fl-2015, l-eu-LISA adottat deċiżjoni mudell²⁷⁹ dwar l-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (AT 2f). Minħabba l-istruttura organizzazzjonali u l-iżvilupp tal-eu-LISA, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-mobbiltà interna jiġu vvalutati ma' kull post tax-xogħol battal jew kariga ġdida li jinħolqu. Barra minn hekk, jistgħu jitqiesu t-trasferimenti tal-karigi.

Fl-2017, seħħew żewġ trasferimenti interni u bidliet fid-dmirijiet: il-Kap tas-Servizzi Trasversali u d-Disinn tas-Servizzi (SDT) fl-Unità taż-Żamma u l-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet ġie ttrasferit lill-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO) taħt is-superviżjoni diretta tad-Direttur Eżekuttiv, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2017; u l-Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura ġie ttrasferit u assenjat għall-kariga ta' Kap tal-Unità taż-Żamma u l-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet, b'effett mis-16 ta' Ġunju 2017.

Il-mobbiltà interistituzzjonali hija wkoll realtà għall-eu-LISA. Fl-2017, kien hemm 2 persuni li telqu mill-eu-LISA sabiex jaħdmu għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew jew għal aġenzija oħra tal-UE u 4 minn fost l-14-il membru tal-persunal ġodda rekrutati kienu ġejjin minn istituzzjoni, aġenzija jew entità oħra tal-UE.

D. Il-bilanċ bejn is-sessi u l-bilanċ ġeografiku

Id-distribuzzjoni tal-persunal skont is-sessi, maqsuma skont it-tip u l-livell ta' funzjoni, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Il-persunal tal-eu-LISA skont is-sess

²⁷⁹ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2015-166 tal-11 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali dwar il-proċedura li tirregola l-ingaġġ u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

Sess	Amministraturi			Assistenti		Total
	AT	AK	ENS	AT	AK	
Raġel	56	18	5	29	5	113
Mara	15	9	2	14	0	40
Persunal totali	71	27	7	43	5	153

In-nuqqas ċar ta' bilanċ bejn is-sessi fl-eu-LISA huwa dovut għall-fatt li ħafna mill-pożizzjonijiet tal-IT fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Aġenzija fi Strasburgu huma mimlija mill-irġiel. L-interess akbar mill-irġiel fl-impjeg fl-eu-LISA huwa viżibbli wkoll fl-għadd ta' applikazzjonijiet li jiġu riċevuti matul ir-reklutaġġ.

Fl-2014, l-eu-LISA introduċiet ħinijiet flessibbli tax-xogħol sabiex tiffaċilita l-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali tal-membri tal-persunal tagħha. Fl-2015, għall-istess skop, l-Aġenzija introduċiet it-telexogħol¹⁸⁰ u fl-2017 dawn il-politiki komplew ikunu fis-seħħ.

Il-bilanċ ġeografiku

Fost il-membri tal-persunal tal-eu-LISA reklutati, huma rappreżentati 21 nazzjonalità tal-UE.

Rappreżentanza ġeografika wiesgħa tal-persunal miksuba bir-reklutaġġ tikkontribwixxi għad-diversità tal-kulturi u l-iskambju reċiproku. L-eu-LISA, li għandha s-siti ewlenin tagħha f'Tallinn u fi Strasburgu, tipperċepixxi bħala tendenza naturali li r-rappreżentanza eċċessiva tal-membri tal-persunal Estonjani u Franċiżi sa 30 % tal-għadd ta' impjegati fis-siti rispettivi ma tikkostitwixxi ebda tfixkil maġġuri tal-bilanċ ġeografiku. L-akbar grupp ta' membri tal-persunal Franċiżi huwa dovut għall-fatt li l-parti tal-membri tal-persunal li jaħdmu għall-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi fuq il-proġetti tal-IT ittrasferiti lill-Aġenzija fil-mument tat-twaqqif tal-Aġenzija ssieħbu mal-eu-LISA wara l-proċedura ta' kompetizzjoni għal dawn il-karigi speċjalizzati ħafna.

In-nazzjonalitajiet tal-persunal tal-eu-LISA (aġenti temporanji) skont il-grupp ta' funzjoni huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

¹⁸⁰ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2015-100 tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-implimentazzjoni b'analoġija tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 li temenda l-Artikolu 7(5) u (7) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009)10224 tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tat-telexogħol fid-dipartimenti tal-Kummissjoni mill-2010 sal-2015.

Il-persunal tal-eu-LISA skont in-nazzjonalità

eu-LISA — l-istatus tar-reklutaġġ fil-31.12.2017				
Nazzjonalità	AD	AST	Total ta' AD + AST	Perċentwal
L-Awstrija (AT)	0	0	0	0
Il-Belġju (BE)	3	4	7	6.19
Il-Bulgarija (BG)	3	0	3	2.65
Il-Kroazja (HR)	1	0	1	0.88
Ċipru (CY)	0	0	0	0
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)	1	1	2	1.77
Id-Danimarka (DK)	0	0	0	0
L-Estonja (EE)	5	6	11	9.73
Il-Finlandja (FI)	0	1	1	0.88
Franza (FR)	18	9	27	23.01
Il-Ġermanja (DE)	4	1	5	4.42
Il-Greċja (EL)	6	1	7	6.19
L-Ungerija (HU)	4	2	6	5.31
L-Irlanda (IE)	1	0	1	0.88
L-Italja (IT)	8	1	9	7.96
Il-Latvja (LV)	0	3	3	2.65
Il-Litwanja (LT)	1	3	4	3.54
Il-Lussemburgu (LU)	0	0	0	0
Malta (MT)	0	0	0	0
In-Netherlands (NL)	0	1	1	0.88
Il-Polonja (PL)	4	2	6	5.31
Il-Portugall (PT)	1	2	3	2.65
Ir-Rumanija (RO)	7	4	11	9.73

eu-LISA — l-istatus tar-reklutaġġ fil-31.12.2017				
Nazzjonalità	AD	AST	Total ta' AD + AST	Perċentwal
Is-Slovakkja (SK)	2	0	2	1.77
Is-Slovenja (SI)	0	0	0	0
Spanja (ES)	2	1	3	2.65
L-Iżvezja (SE)	0	0	0	0
Ir-Renju Unit (UK)	0	1	1	0.88
Persunal totali	71	43	114	100.00

Sabiex tinkiseb rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet li jilħqu l-perċentwali simili għar-rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet fil-popolazzjoni ġenerali tal-UE, minn Ottubru 2014, l-Aġenzija bdiet iżżid messaqġi speċifiċi mal-avviżi tal-postijiet tax-xogħol battala kollha tagħha, fejn tteġġeg lill-kandidati mill-pajjiżi sottorappreżentati fl-eu-LISA sabiex japplikaw.

In-nazzjonalitajiet tal-gruppi l-oħrajn tal-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA (l-aġenti kuntrattwali u l-esperti nazzjonali sekondati) huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

L-aġenti kuntrattwali u l-ENS tal-eu-LISA skont in-nazzjonalità

Nazzjonalità	eu-LISA — l-istatus tar-reklutaġġ fil-31.12.2017		
	AK FG IV	AK FG III	ENS
L-Awstrija (AT)			
Il-Belġju (BE)	1		
Il-Bulgarija (BG)			1
Il-Kroazja (HR)	1		
Ċipru (CY)			
Ir-Repubblika Ċeka (CZ)			
Id-Danimarka (DK)			
L-Estonja (EE)	1	2	0
Il-Finlandja (FI)			
Franza (FR)	9	3	

Nazżjonalità	eu-LISA — l-istatus tar-reklutaġġ fil-31.12.2017		
	AK FG IV	AK FG III	ENS
Il-Ġermanja (DE)			2
Il-Greċja (EL)	4		3
L-Ungerija (HU)			
L-Irlanda (IE)			
L-Italja (IT)	1		1
Il-Latvja (LV)	1		
Il-Litwanja (LT)			
Il-Lussemburgu (LU)			
Malta (MT)			
In-Netherlands (NL)			
Il-Polonja (PL)	1		
Il-Portugall (PT)	1		
Ir-Rumanija (RO)	4		0
Is-Slovakkja (SK)	1		
Is-Slovenja (SI)			
Spanja (ES)	2		
L-Iżvezja (SE)			
Ir-Renju Unit (UK)			
Persunal totali	27	5	7

Id-diffikultà inerenti sabiex jiġu attirati applikanti minn xi pajjiżi hija dovuta għal taħlita ta' diversi fatturi li jagħmlu l-kundizzjonijiet avversi meta mqabbla mal-pajjiżi ta' oriġini taġġhom, pereżempju l-Iżvezja, ir-Renju Unit jew il-Ġermanja. Dawn il-fatturi jinkludu l-ispejjeż relattivament għoljin tal-akkomodazzjoni għall-barranin, id-distanza twila minn ħafna postijiet ta' oriġini tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija u l-ispejjeż għoljin tat-trasportazzjoni sabiex jilħquhom, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali, li jagħmluha diffiċli għall-membri tal-familja tal-persunal tal-eu-LISA sabiex isibu impjieg fil-postijiet fejn huma assenjati u koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx f'Tallinn.

Il-kwistjoni tal-bilanċ ġeografiku sejra tkompli tiġi indirizzata billi tingħata attenzjoni lil dan l-aspett matul il-proċessi tar-reklutaġġ fil-ġejjieni. L-attenzjoni prinċipali tal-proċess tal-għażla sejra tkompli tkun fuq il-mertu tal-kandidati. Madankollu, fil-każijiet fejn żewġ kandidati jiksbu l-istess numru ta' punti matul l-evalwazzjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ma laħqux il-livell ta' reklutaġġ f'termini ta' rappreżentanza ġeografika sejin jiġu rakkomandati għar-reklutaġġ sabiex iġibu aktar bilanċ u jżommu d-diversità diġà miksuba.

E. L-edukazzjoni skolastika

F'konformità mar-regolament tat-twaqqif, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jipprovdu l-aqwa kundizzjonijiet possibbli sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluża l-edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea.

Tallinn ilha sa minn Settembru 2013 toffri lill-membri tal-persunal l-opportunità li wliedhom jiksbu l-edukazzjoni abbażi tal-kurrikulu tal-Iskola Ewropea Akkreditata (it-tip II). Wieħed u għoxrin tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA jattendu l-Iskola Ewropea f'Tallinn.

L-Iskola Ewropea (tip II) fi Strasburgu twaqqfet f'Settembru 2008. Fl-2017, kien hemm wieħed u erbgħin tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA li attendew l-Iskola Ewropea fi Strasburgu.

Ftehim iffirmit fl-2014 mal-Kummissjoni Ewropea għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Iskejjel Ewropej f'Tallinn u fi Strasburgu jiddeskrivi l-kontribuzzjoni annwali li għandha tħallas l-Aġenzija abbażi tal-għadd ta' studenti li ġejjin minn membri tal-persunal tal-eu-LISA.

Fiż-żewġ postijiet, hemm ukoll opportunitajiet oħrajn li l-edukazzjoni tinkiseb abbażi ta' kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali rikonoxxut sewwa fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji u l-kulleġġi internazzjonali tal-belt.

Sabiex tgħin lill-membri tal-persunal li wliedhom għandhom inqas minn 4 snin u li ma jistgħux jiġu indokrati fl-Iskejjel Ewropej, fl-2014, l-eu-LISA introduċiet allowance ta' skola preprimarja għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-forniment tal-indukrar għat-tfal żgħar mill-kindergartens jew mill-iskejjel preprimarji li ffirmaw kuntratti ta' servizzi mal-eu-LISA. Din l-inizjattiva sejra titkompla wkoll fil-ġejjieni, minħabba li ħalliet impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impjegi, speċjalment f'Tallinn, fejn huwa relattivament diffiċli li tiġi pprovduta din ix-xorta ta' assistenza lill-ommijiet li jaħdmu, anki jekk l-għadd ta' membri tal-persunal li jibbenifikaw minn dan is-servizz naqas minħabba li xi tfal laħqu l-età tal-iskola. Tnax-il membru tal-persunal użaw is-servizzi tal-iskola preprimarja.

Anness V: Bini

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini	L-isem, il-post u t-tip ta' bini	Kumment ieħor
	eu-LISA, Vesilennuki 5, Tallinn, l-Estonja	
Erja tas-superfiċje (m ²)	4,397.3	
Li minnha, spazju ta' uffiċċji	1,161.4	
Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji	3,235.9	
Kera annwali (EUR)	M/A	
It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri	M/A	
Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti	L-EE bniet u ttrasferixxiet kwartieri ġenerali (HQ) ġodda għall-Aġenzija fi tranżazzjoni mhux ta' skambju	
Il-valur preżenti tal-bini	Il-valur tas-suq ġust tal-art ittrasferita fil-ħin tat-trasferiment: EUR 3.16 miljun Il-valur tal-kostruzzjoni tal-proprietà tal-bini ttrasferita: EUR 8.5 miljun	

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini	L-isem, il-post u t-tip ta' bini	Kumment ieħor
	18 Rue de la Faisanderie, 67100 Strasbourg, France	Dan il-proġett ta' bini, li nbda fl-2014, jinsab fil-fażi tal-aċċettazzjoni
Erja tas-superfiċje (m ²)	7,842	
Li minnha, spazju ta' uffiċċji	2,100	
Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji	5,742	
Kera annwali (EUR)		Fit-3.2.2017, l-Aġenzija akkwistat il-kontejners tal-uffiċċji modulari preċedentement mikrija għal EUR 60 k (netti)
It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri	M/A	

Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti	FR tat il-bini sfiħ għal EUR 1 fid-29 ta' Mejju 2013	
Il-valur preżenti tal-bini	Il-valur tal-bini: EUR 653,093 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017) Il-valur tal-art: EUR 1,665,315 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2017) Bini taħt kostruzzjoni: EUR 18,987,421.94 (il-valur kontabilistiku fit-30/09/2018)	

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini	L-isem, il-post u t-tip ta' bini	Kumment ieħor
	Iċ-Ċentru ta' Riżerva Federali u Ċentrali Awstrijakk f'St Johann im Pongau, l-Awstrija	Faċilità ta' riżerva
Erja tas-superfiċje (m²)	626	
Li minnha, spazju ta' uffiċċji	223	
Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji	403	
Kera annwali (EUR)	591,328	Nefqa operattiva
It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri	Ftehim operattiv indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija	
Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti	M/A	
Il-valur preżenti tal-bini	Ma hemmx data disponibbli	

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini	L-isem, il-post u t-tip ta' bini	Kumment ieħor
	L-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA, 20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell. 98 m² (erba' uffiċċji fit-tieni sular)	
Erja tas-superfiċje (m²)	98	
Li minnha, spazju ta' uffiċċji	98	
Kera annwali (EUR)	20,433	

It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri	Il-ftehim tal-kera	
Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti	N/A	
Il-valur preżenti tal-bini	M/A	

Proġett ta' bini fi Strasburgu

Dan il-proġett ta' bini, li nbeda fl-2014, jinsab fil-fażi tal-aċċettazzjoni.

Proġett ta' bini ġdid fi Strasburgu

L-Aġenzija qiegħda tistenna żieda sinifikanti oħra fl-għadd ta' impjegati (kif ukoll fil-kuntratturi regolarment preżenti fuq is-sit) bħala riżultat tas-sistemi u l-kompiti ġodda assenjati lilha. Abbażi tal-informazzjoni attwali, l-għadd ta' impjegati fis-sit operazzjonali ta' Strasburgu sejjer jikber minn 158 fl-2018 għal 287 fl-2022, żieda li hija inkompatibbli mad-daqs tas-sit operazzjonali anki wara li jiġi ffinalizzat il-proġett ta' rikostruzzjoni. Minbarra l-persunal statutorju msemmi hawn fuq, l-Aġenzija tipprovdi spazju tax-xogħol għall-preżenza ta' kuljum ta' diversi kuntratturi. Huwa mistenni li jkun hemm preżenti sa 140 kuntrattur fuq is-sit. Għalhekk, l-eu-LISA sejra tiżgura sa 427 spazju tax-xogħol fis-sit operazzjonali fi Strasburgu. Barra minn hekk, bħala riżultat tal-mandat estiż tal-eu-LISA — is-sistemi ġodda li se jrin jiġu fdati lill-Aġenzija u s-servizzi ġodda li se jrin ikunu disponibbli għall-Istati Membri — hija meħtieġa kapacià ta' ċentru tad-data akbar minn dik li teżisti llum il-ġurnata, jew li setgħet kienet maħsuba li hija neċessarja fl-2014, meta kien ġie ddisinjat l-ewwel proġett ta' bini. Barra minn hekk, huma mistennija bidliet sinifikanti fis-sistemi diġà ġestiti mill-eu-LISA.

Meta titqies l-esperjenza miksuba u l-lezzjonijiet meħuda mill-proġett ta' rikostruzzjoni attwali, l-eu-LISA biġsibha tiddelega d-disinn relatat mal-proġett ta' bini lil awtorità kontraenti, magħżula permezz ta' proċedura ta' akkwist. L-awtorità kontraenti ddelegata sejra tingħata kuntratt ta' mandat sabiex taġixxi f'isem l-Aġenzija u tiġġestixxi l-proġett b'mod ġenerali, billi tissostitwixxi lill-eu-LISA bħala d-detentur tal-proġett, li mingħandha hija tirċievi linji gwida u struzzjonijiet dwar l-oġġettivi li għandhom jintlaħqu. Fis-snin ta' wara, ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni se jrin jiġu eżegwiti minn parti terza, magħżula permezz ta' proċedura ta' akkwist separata.

L-istudju ta' fattibbiltà ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija fl-2017 ipprova indikazzjonijiet rigward skeda ta' żmien u baġit provviżorji tal-proġett. Madankollu, għandhom jitwettqu valutazzjoni u studji aktar dettaljati bħala parti minn każ ta' negozju, li jinsab għaddej waqt li qiegħed jinkiteb dan id-dokument u li sejjer jiġi ppreżentat f'Novembru 2018.

Proġett ta' bini ta' kwartieri ġenerali f'Tallinn

Ittieġdet deċiżjoni dwar bini ġdid għall-kwartieri ġenerali permanenti tal-eu-LISA f'Tallinn, l-Estonja. Il-bini ġie ttrasferit fis-6 ta' Lulju 2018 mill-Ministeru tal-Intern Estonjan. L-ispejjeż tal-proġett kienu koperti mill-gvern Estonjan, kif ikkonfermat minn deċiżjoni tal-gvern. L-eu-LISA bdiet l-operat ta' kuljum tagħha fil-kwartieri ġenerali ġodda fis-16 ta' Lulju 2018.

Anness VI: Privileġġi u immunitajiet

Privileġġi tal-aġenzija	Privileġġi mogħtija lill-persunal	
	Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku	Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum
Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn, sakemm ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdwew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, għandhom jingħataw rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma uguali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibdwew jassumu d-doveri tagħhom fl-Aġenzija f'Tallinn bil-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja. Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni	Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12	Fil-Marifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn. L-Iskola Ewropea tipprovdi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tal-edukazzjoni preprimarja u primarja, kif ukoll fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja. Fl-Iskola Ewropea jistgħu jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq
Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti sekondati għandhom ikunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji	Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13	Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdihom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-gvern impenja ruħu li jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom li jiffurmaw parti mill-unità

Privileġġi tal-aġenzija	Privileġġi mogħtija lill-persunal	
	Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku	Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum
kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża		domestika tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li kien iffirmit fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011.

Anness VII: Evalwazzjonijiet

Evalwazzjonijiet "ex ante"

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29(5) tar-Regolament Finanzjarju Qafas, f'Ġunju 2017, il-Bord tat-Tmexxija, wara li ħa nota tal-proċess u tad-dokumenti kollaterali għal evalwazzjonijiet ex-ante, iddeċieda li jadotta politika u proċess ta' evalwazzjoni ex-ante u awtorizza lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jagħmel aktar aġġustamenti fil-proċess u fid-dokumentazzjoni kollaterali, kif meħtieġ. Il-Bord tat-Tmexxija stieden lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jipproċedi bl-implimentazzjoni pilota tal-proċess u sabiex jirrapporta r-riżultati tiegħu fil-laqgħa regolari tal-bord f'Novembru 2017, meta sejra tittieħed deċiżjoni dwar l-ammont limitu li għandu jiġi applikat meta jintgħażlu l-attivitajiet għal evalwazzjoni ex-ante.

F'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda li jadotta l-kriterji proposti għall-għażla tal-proġetti għal evalwazzjoni ex-ante kif iddikjarati fid-dokument tal-Aġenzija 2017-173. Fuq din id-deċiżjoni, il-proġetti li ġejjin, inklużi fil-PD 2019-2021, se jkun soġġetti għal evalwazzjoni ex-ante:

- perimetru unifikat tan-netwerk fuq żona wiesgħa — studju u disinn (it-Taqsima 2.3.1.26);
- l-implimentazzjoni tal-Fażi 2 ta' AFIS tas' SIS II (it-Taqsima 2.3.1.21).

Evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi

Sabiex jevalwa u jimmonitorja l-prestazzjoni tas-sistema taħt it-tmexxija tal-eu-LISA u sabiex jappoġġja l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 12.1(t) tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011¹⁸¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 għat-tweġġ ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' SIS II u tal-VIS, il-Bord tat-Tmexxija approva ftehim fuq livell ta' servizz standard permezz tad-dokument 2013-084.

Standards ta' kontroll intern

Il-qafas tas-16-il standard ta' kontroll intern, kif adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA permezz tad-deċiżjoni 057-2014 tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2014, huwa l-qafas applikat tal-kriterji ta' kontroll intern għall-eu-LISA. Id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija kkonfermat il-validità tal-qafas għall-organizzazzjoni u fdat lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni tal-istandards. Madankollu, l-istandards ta' kontroll intern jirrigwardaw għadd ta' oqsma tan-negozju tal-organizzazzjoni, li lkoll huma ugwalment importanti: l-eu-LISA, filwaqt li tagħmel ħilitha sabiex tissodisfa l-oġettivi tagħha li jirriżultaw miċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija, tfittex li tikseb u żżomm konformità mal-ICSs sabiex turi governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha u lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha. Skont il-proċedura annwali, fil-bidu tal-2019, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija se jjer jiltaqa' mal-manigġers u l-persunal tal-eu-LISA b'funzjonijiet relatati mal-ICS (eż. Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data) sabiex jevalwa l-eżiti tal-attivitajiet tal-

¹⁸¹ Sostitwit mill-bażi ġuridika ġdida tal-eu-LISA, l-Artikolu 19.1(ff) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018.

ICS fl-2018 u jistabbilixxi l-listi individwali ta' miżuri bil-għan li jikseb ulterjorament jew iżomm il-konformità mal-istandards ta' kontroll intern tal-eu-LISA fl-2019.

It-tabella li ġejja turi s-16-il standard ta' kontroll intern bil-motiv tagħhom.

Numru	Titolu	Tifsira
ICS 1	Missjoni	Ir-raison d'être tal-eu-LISA hija definita b'mod ċar fid-dikjarazzjonijiet tal-missjoni aġġornati u konċiżi li ġew żviluppati mill-perspettiva tal-klijenti tal-eu-LISA.
ICS 2	Valuri Etiċi u Organizzattivi	Il-maniġment u l-persunal huma konxji ta' u jikkondividu valuri etiċi u organizzattivi xierqa u jħaddnuhom permezz tal-imġiba tagħhom u d-deċiżjonijiet meħuda minnhom.
ICS 3	Allokazzjoni u Mobbiltà tal-Persunal	L-allokazzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal huma bbażati fuq l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-eu-LISA. Il-maniġment jippromwovi u jippjana l-mobbiltà tal-persunal sabiex isib il-bilanċ ġust bejn il-kontinwità u t-tiġdid.
ICS 4	Evalwazzjoni u Żvilupp tal-Persunal	Il-prestazzjoni tal-persunal tiġi evalwata kull sena. Jittieħdu miżuri adegwati biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti.
ICS 5	Oġġettivi u Indikaturi ta' Prestazzjoni	L-oġġettivi tal-eu-LISA huma definiti u aġġornati b'mod ċar, meta meħtieġ. Dawn huma fformulati b'mod li jagħmilha possibbli li tiġi mmonitorjata l-kisba tagħhom. Huma stabbiliti indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin sabiex jgħinu lill-maniġment jevalwa u jirrapporta dwar il-progress li sar fir-rigward tal-oġġettivi tagħhom.
ICS 6	Proċess għall-Ġestjoni tar-Riskju	Proċess għall-ġestjoni tar-riskju li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet u l-linji gwida applikabbli huwa integrat fl-ippjanar tal-attivitajiet annwali.
ICS 7	Struttura Operattiva	L-istruttura operattiva tal-eu-LISA tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet effettivi permezz ta' delega ta' setgħat xierqa. Ir-riskji assoċjati mal-funzjonijiet sensittivi tal-eu-LISA jiġu ġestiti permezz ta' kontrolli mitiganti u, fl-aħħar mill-aħħar, il-mobbiltà tal-persunal. Hemm fis-seħħ strutturi ta' governanza tal-IT adegwati
ICS 8	Proċessi u Proċeduri	Il-proċessi u l-proċeduri tal-eu-LISA użati għall-implimentazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tagħha huma effettivi u effiċjenti, iddokumentati b'mod adegwat u konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli. Dawn jinkludu arranġamenti sabiex jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet u jsegwu u jagħtu approvazzjoni minn qabel għall-kontroll ta' preċedenzi jew devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri.
ICS 9	Superviżjoni tal-Maniġment	Is-superviżjoni tal-maniġment titwettaq biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-attivitajiet qed titħaddem b'mod effiċjenti u effettiv waqt li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli.
ICS 10	Kontinwità tan-Negożju	Hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz fil-każ ta' interruzzjoni ta' 'kollox jibqa' għaddej bħas-soltu'. Hemm fis-seħħ pjanijiet ta' kontinwità tan-negożju sabiex ikun żgurat li l-eu-LISA tkun tista' tkompli topera, safejn ikun possibbli, tkun xi tkun in-natura ta' tfixkil maġġuri.
ICS 11	Ġestjoni tad-Dokumenti	Hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri xierqa sabiex jiġi żgurat li l-ġestjoni tad-dokumenti tal-eu-LISA tkun sigura, effikaċi (b'mod partikolari fir-rigward tal-irkupru tal-informazzjoni xierqa) u konformi mal-leġiżlazzjoni

		applikabbli.
ICS 12	Informazzjoni u Komunikazzjoni	Il-komunikazzjoni interna tippermetti lill-maniġment u lill-persunal jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv u effikaċi, inkluż fil-qasam tal-kontroll intern. Fejn xieraq, l-eu-LISA għandha strateġija ta' komunikazzjoni esterna sabiex tiżgura li l-komunikazzjoni esterna tagħha tkun effettiva, koerenti u konformi mal-messaġġi politiċi ewlenin tal-Kummissjoni. Is-sistemi tal-IT użati u/jew ġestiti mill-eu-LISA (meta l-eu-LISA tkun is-sid tas-sistema) huma protetti b'mod adegwat minn theddid għall-kunfidenzjalità u l-integrità tagħhom.
ICS 13	Kontabbiltà u Rapportar Finanzjarju	Hemm fis-seħħ proċeduri u kontrolli adegwati sabiex jiġi żgurat li d-data tal-kontabbiltà u l-informazzjoni relatata li jintużaw għat-tnejn tal-kontijiet annwali u r-rapporti finanzjarji tal-organizzazzjoni jkunu preċiżi, kompleti u f'waqthom.
ICS 14	Evalwazzjoni tal- Attivitajiet	Jitwettqu evalwazzjonijiet tal-programmi ta' nfiq, tal-leġiżlazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn li ma jinvolvux infiq sabiex jiġu evalwati r-risultati, l-impatti u l-ħtiġijiet li dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jiksbu u jissodisfaw.
ICS 15	Valutazzjoni tas-Sistemi ta' Kontroll Intern	Il-maniġment jivvaluta l-effettività tas-sistemi ewlenin ta' kontroll intern tal-eu-LISA, inklużi l-proċessi li twettqu minn korpi ta' implimentazzjoni, tal-anqas darba fis-sena.
ICS 16	Kapaċità tal-Awditjar Intern	L-eu-LISA għandha Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC), li tipprovdi servizzi ta' konsulenza u assigurazzjoni indipendenti u oġġettivi maħsuba sabiex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-eu-LISA.

Pjan ta' azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija

2016-141

Mingħand

Id-Direttur Eżekuttiv

Lil

Il-Membri tal-Bord tat-Tmexxija

Dok. Preċ.

-

Suġġett

Rapport dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija

1. Introduzzjoni

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA jew l-Aġenzija) twaqqfet fl-2011 permezz tar-Regolament Nru 1077/2011 u bdiet topera fl-1 ta' Diċembru 2012. It-twaqqif tal-Aġenzija kellu l-għan li jipprovdi soluzzjoni fit-tul għat-tmexxija operattiva, fuq livell tal-Unjoni Ewropea (UE), ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — kemm fil-preżent kif ukoll fil-ġejjieni.

Fil-preżent, l-eu-LISA qiegħda tmexxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u l-Eurodac. Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament normali taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tagħha u għall-implimentazzjoni ta' politiki komuni tal-UE dwar l-asil u l-viża. Barra minn hekk, id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi hija waħda mill-miżuri meħuda sabiex tiġi garantita l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE fiż-Żona Schengen. Fil-ġejjieni, l-eu-LISA tista' tkun responsabbli wkoll mill-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT oħra fuq skala kbira fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) — is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS), eċċ. — sakemm jiġu adottati l-istrumenti legali rilevanti mill-koleġislaturi.

F'konformità mal-Artikolu 31(1)¹⁸² tar-regolament tat-twaqqif, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija fi żmien 3 snin mill-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, bl-appoġġ ta' kuntrattur estern (Ernst and Young (EY)). L-evalwazzjoni twettqet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija (MB) tal-eu-LISA u mal-Aġenzija nnifisha.

L-evalwazzjoni twettqet tul perjodu ta' sena (minn Marzu 2015 sa Marzu 2016) u kopriet il-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2015. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Bord tat-Tmexxija, sejra toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward il-bidliet fir-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, se jrin jiġu pprovduti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Dan id-dokument jipprovdi pjanijiet ta' azzjoni għal rakkomandazzjonijiet individwali li jirriżultaw mill-evalwazzjoni. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jindirizzaw il-mistoqsija: **liema** azzjonijiet biġisbeha timplimenta l-Aġenzija sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet? **Kif** se jrin jiġu implimentati dawn l-azzjonijiet sejjer jiġi ddeterminat mid-deċiżjonijiet operattivi tal-Aġenzija, ladarba jiġu adottati l-pjanijiet ta' azzjoni.

Il-pjanijiet ta' azzjoni proposti jindirizzaw biss dawk ir-rakkomandazzjonijiet li ma jeħtieġu ebda bidla fir-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija.

2. Farsa ġenerali lejn is-sejbiet tal-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni kkonfermat li l-Aġenzija żżid il-valur lill-Istati Membri u lill-UE kollha kemm hi, billi hija responsabbli mit-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effettiv, kif stabbilit fir-regolament, u tista' tassumi l-kompiti ġodda fdati lilha b'mod effiċjenti u effettiv. Hija sabet ukoll li l-eu-LISA kkontribwixxiet b'mod effettiv għall-istabbiliment ta' tmexxija aktar ikkoordinata, effettiva u koerenti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, biex b'hekk appoġġat l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-ĠAI.

¹⁸² Regolament tal-eu-LISA tal-25 ta' Ottubru 2011

Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni identifikat ċerti opportunitajiet għal titjib minn perspettiva operazzjonali, tal-proċess u dik organizzazzjonali. Il-maġġoranza kbira ta' dawn l-opportunitajiet jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' bidliet strutturali, organizzazzjonali u/jew fil-persunal u/jew bidliet fil-prattiki u d-dokumenti tal-eu-LISA. L-evalwazzjoni identifikat ukoll il-ħtieġa possibbli ta' reviżjoni jew estensjoni tal-kompiti fdati lill-eu-LISA fir-regolament tat-twaqqif u fi strumenti legali rilevanti oħrajn.

3. Rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni u s-segwitu tagħhom

Fir-rapport ta' evalwazzjoni ġew ipprovduti 65 rakkomandazzjoni. Dawn iħarsu lejn l-opportunitajiet għat-titjib relatat mal-kompiti preżenti tal-Aġenzija, kif ukoll il-possibbiltà ta' espansjoni tal-mandat tal-Aġenzija sabiex jiżdied il-valur miżjud tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet futuri possibbli tal-UE u tal-Istati Membri. Kull rakkomandazzjoni għandha klassifikazzjoni assenjata (kritika, importanti ħafna, importanti, minuri), fejn il-klassifikazzjonijiet jiġu assenjati filwaqt li titqies in-neċessità u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni. L-impatt tar-rakkomandazzjonijiet ġie analizzat ukoll minn perspettivi finanzjarji, legali u organizzazzjonali.

Ir-rappreżentanza u r-rieżami tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Aġenzija f'dan ir-rapport isegwu l-loġika tar-rapport ta' evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tqassmu f'żewġ gruppi ewlenin:

- rakkomandazzjonijiet b'impatt legali (11-il rakkomandazzjoni b'kollox);
- rakkomandazzjonijiet b'impatt organizzazzjonali u/jew finanzjarju (54 rakkomandazzjoni b'kollox).

Ir-rakkomandazzjonijiet fit-tieni grupp jistgħu jkomplu jinqasmu:

- 7 kritiċi;
- 10 importanti ħafna;
- 30 importanti;
- 7 minuri.

L-Aġenzija wettqet l-analiżi tagħha billi introduċiet tliet kriterji:

- il-possibbiltà li l-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjoni (tista' tiġi implimentata, ma tistax tiġi implimentata)
- l-istatus tal-implimentazzjoni (implimentata, tinsab għaddejja, li għandha tiġi implimentata)
- l-orizzont tal-implimentazzjoni (fuq perjodu ta' żmien qasir, medju jew twil)

Abbażi ta' dawn, sommarju tal-pożizzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet mit-tieni grupp huwa kif ġej:

- 21 mir-rakkomandazzjonijiet diġà ġew implimentati b'mod parallel u b'mod indipendenti mill-proċess ta' evalwazzjoni;
- 15 mir-rakkomandazzjonijiet jinsabu fil-proċess tal-implimentazzjoni, fejn l-implimentazzjoni bdiet b'mod indipendenti mis-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni;
- 15 mir-rakkomandazzjonijiet huma aċċettati mill-Aġenzija u se jrin jiġu implimentati fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju;
- 3 mir-rakkomandazzjonijiet ma jistgħux jiġu implimentati mill-Aġenzija.

Id-dokument preżenti jipprovdi pjanijiet ta' azzjoni individwali għar-rakkomandazzjonijiet mit-tieni grupp u mit-tielet grupp fl-Anness I.

4. Konklużjoni

Dan id-dokument jispjega fid-dettall il-modalitajiet tal-implimentazzjoni ta' kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet, meqjusa bħala aċċettati mill-eu-LISA. Skont in-natura tal-attivitajiet (fuq perjodu ta' żmien qasir vs twil), huma ser jiġu inkorporati aktar fl-ippjanar annwali tal-Aġenzija.

Huwa nnotat li l-isfida ewlenija għall-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapport ta' evalwazzjoni ser tkun li jiġu allokati r-riżorsi interni meħtieġa. L-Aġenzija tixtieq tfakkar ukoll li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ser tikkoinċidi mal-implimentazzjoni ta' inizjattivi strateġiċi, bħas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u xi oħrajn (it-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac, ETIAS, eċċ., soġġetti għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti). Għalhekk, huwa probabbli ħafna li l-Aġenzija tkun teħtieġ appoġġ bir-riżorsi umani sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti kollha meħtieġa relatati mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin iżżomm l-attenzjoni tagħha fuq attivitajiet operattivi u inizjattivi strateġiċi.

Anness I: Pjanijiet ta' azzjoni għal rakkomandazzjonijiet individwali

1. **Rakkomandazzjoni R 3.5:** *Għalkemm jeżistu pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) u pjan ta' kontinwità tan-negozju (BCP) għal kull sistema, l-Aġenzija għandha tiżgura li jiġu kkunsidrati x-xenarji eventwali kollha (eż. in-neċessità li t-tliet sistemi kollha jiġu ttrasferiti lejn is-sit ta' riżerva fl-istess ħin) għad-definizzjoni tagħhom fil-livell organizzazzjonali. Is-sekwenza tal-bidla jew tat-treġġieġh lura bejn it-tliet sistemi għandha tiġi definita u miftiehma formalment mill-Bord tat-Tmexxija. L-organizzazzjoni li qiegħda tiġi implimentata bħalissa għad-DRP u l-BCP għandha tiġi allinjata mal-ħtiġijiet operattivi tal-Istati Membri u l-prattiki tal-industrija ewlenin, speċjalment f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet, l-ittestjar (perjodiċità, proċeduri u xenarji) u proċeduri ta' emerġenza.*

Klassifikazzjoni: Kritiku

AZZJONI	SID	DATA TAL-BIDU	DATA TAL-ISKADENZA	RISKJI POTENZJALI	EŻITU
It-tnejn tal-abbozz ta' proposta għas-sekwenza tal-bidla/tat-treġġieġh lura tas-sistemi kollha matul it-trasferiment komplet tal-operazzjonijiet lill-BCU	eu-LISA	Jannar 2017	April 2017		Abbozz ta' proposta għas-sekwenza tal-bidla
Adozzjoni interna tal-proposta	eu-LISA	April 2017	Mejju 2017		Abbozz ta' proposta adottat
Konsultazzjoni ta' proposta ma' gruppi konsultattivi (AGs)	AGs	Ġunju 2017	Ġunju 2017	Nuqqas ta' qbil bejn l-AGs dwar il-proposta	Abbozz ta' proposta miftiehem
Diskussjoni u adozzjoni tal-proposta fil-MB	MB	Novembru 2017	Novembru 2017	Nuqqas ta' qbil fil-MB	Proposta adottata
L-emendar tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju (BC) u rkupru minn diżastri (DR) tal-aġenzija, kif ukoll FLS standard permezz ta' proċedura bil-miktub	eu-LISA	Novembru 2017	Q1 2018		Pjanijiet ta' BC u DR emendati

RIMARKI

Is-suġġett ser jiġi inkluż fil-laqqgħa tal-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017 għad-diskussjoni u l-adozzjoni. Qabel dan, il-proposta sejra tiġi diskussa mal-gruppi konsultattivi. Fl-istess ħin, l-Aġenzija tinnota li mhuwiex probabbli li jsejtn xenarju fejn jeħtieġ li ssir bidla fuq is-sistemi kollha skjerati fi Strasburgu simultanjament. Dan ikun ifisser telf totali tas-sit u d-DRP tal-Aġenzija jiġi attivat. Dan jinvolvi trasferiment fiżiku tal-persunal lejn il-BCU u l-attivazzjoni tal-BCU.

2. **Rakkomandazzjoni R3.6:** *Fuq perġodu ta' żmien qasir, l-Aġenzija għandha tiddefinixxi komunement mal-gruppi konsultattivi (AGs) objettiv tal-punt ta' rkupru (RPO) u objettiv tal-ħin ta' rkupru (RTO) realistiċi u fattibbli għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira.*

Klassifikazzjoni: **Kritiku**

AZZJONI	SID	DATA TAL-BIDU	DATA TAL-ISKADENZA	RISKJI POTENZJALI	EŻITU
Thejjiġa ta' abbozz ta' proposta għal RPO u RTO għal kull sistema	eu-LISA	Frar 2017	Mejju 2017		Abbozz ta' proposta għal RTO u RPO
L-adozzjoni interna tal-proposta dwar l-indikaturi komuni aġġornati ta' FLS Standard, inklużi RTO u RPO	eu-LISA	Mejju 2017	Ġunju 2017		Abbozz ta' proposta adottat
Konsultazzjonijiet ma' gruppi konsultattivi	AGs	Ġunju 2017	Ġunju 2017	Nuqqas ta' qbil dwar proposta fl-AGs	Abbozz ta' proposta miftiehem
Diskussjoni u adozzjoni ta' proposta mill-Bord tat-Tmexxija	MB	Novembru 2017	Novembru 2017	Nuqqas ta' qbil fil-MB	Proposta adottata
L-emendar ta' FLS Standard għas-sistemi, pjanijiet ta' BC u DR permezz ta' proċedura bil-miktub	eu-LISA	Novembru 2017	Q1 2018		FLS Standard emendat, pjanijiet ta' BC u DR

RIMARKI

Is-suġġett ser jiġi inkluż għad-diskussjoni fil-laqgħat ta' gruppi konsultattivi f'Ġunju 2017 u tal-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017.

3. **Rakkomandazzjoni R 4.1a:** L-Aġenzija għandha tiddefinixxi u timplimenta approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività sabiex ittejjeb il-kapaċitajiet tal-ippjanar tal-eu-LISA u ssaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà, kif ukoll tiffaċilita prijoritizzazzjoni akbar u kompromessi billi ttiprovdi data preċiża dwar l-ispejjeż. Il-persunal tekniku għandu jkun involut fl-iżvilupp ta' dan l-approċċ.

Klassifikazzjoni: **Kritiku**

AZZJONI	SID	DATA TAL-BIDU	DATA TAL-ISKADENZA	RISKJI POTENZJALI	EŻITU
It-tnejn ta' termini ta' referenza (ToR) għal studju sabiex jiġi żviluppat pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività	eu-LISA	Jannar 2017	April 2017	Nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti għat-tnejn ta' ToR	ToR
L-ikkuntrattar ta' bejjieġ għall-istudju (preferibbilment permezz ta' FwC eżistenti)	eu-LISA	Mejju 2017	Ġunju 2017		Kuntratt iffirmit
Żvilupp tal-istudju	Kuntrattur	Ġunju 2017	Novembru 2017	Dewmien fit-twettiq tal-istudju	Rapport ta' studju u pjan direzzjonali
Aċċettazzjoni tar-rapport ta' studju u tal-pjan direzzjonali	eu-LISA	Novembru 2017	Diċembru 2017		Rapport u pjan direzzjonali aċċettati

Implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ¹⁸³	eu-LISA	Jannar 2018	Diċembru 2019	Nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti	Approċċ ta' ġestjoni bbażata fuq l-attività
RIMARKI					
Diġà ttieħdu xi passi ewlenin, bħall-implimentazzjoni ta' politika dwar il-ġestjoni tal-assi u sistema ta' traċċar tal-ħin. Madankollu, għandu jiġi nnotat li r-riżorsi umani fl-Aġenzija huma organizzati fuq bażi funzjonali; għalhekk, huma jintużaw b'mod orizzontali u ma jistgħux jiġu attribwiti għal sistema partikolari.					
4. Rakkomandazzjoni R 6.6: L-Aġenzija għandha tiżgura, permezz tas-sistema ta' kontabbiltà tagħha, li l-ispejjeż kollha assoċjati ma' kull sistema jiġu rreġistrati (spejjeż tal-persunal, spejjeż tal-manutenzjoni, spejjeż tal-evoluzzjoni) u jkunu jistgħu jiġu identifikati għal kull sistema. Klassifikazzjoni: Kritiku					
AZZJONI	SID	DATA TAL-BIDU	DATA TAL-ISKADENZA	RISKJI POTENZJALI	EŻITU
It-tnejn ta' termini ta' referenza għal studju sabiex jiġi żviluppat pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività.	eu-LISA	Jannar 2017	April 2017	Nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti għat-tnejn ta' ToR	ToR

¹⁸³ Il-perjodu ta' implimentazzjoni antiċipat jista' jinbidel bħala riżultat tal-istudju.

L-ikkuntrattar ta' bejjiegħ għall-istudju (preferibbilment permezz ta' FwC eżistenti)	eu-LISA	Mejju 2017	Ġunju 2017		Kuntratt iffirmat
Żvilupp tal-istudju	Kuntrattur	Ġunju 2017	Novembru 2017	Dewmien fit-twettiq tal-istudju	Rapport ta' studju u pjan direzzjonali
Aċċettazzjoni tar-rapport ta' studju u tal-pjan direzzjonali	eu-LISA	Novembru 2017	Diċembru 2017	Dewmien tal-istudju; kwalità baxxa tar-rapport	Rapport u pjan direzzjonali aċċettati
Implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ¹⁸⁴	eu-LISA	Jannar 2018	Diċembru 2019	Nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti	Approċċ ta' ġestjoni bbażata fuq l-attività

RIMARKI

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tinsab għaddejja. Diġà ttieħdu xi passi ewlenin, bħall-implimentazzjoni ta' politika dwar il-ġestjoni tal-assi u sistema ta' traċċar tal-ħin. L-ispejjeż tal-manutenzjoni u tal-evoluzzjoni huma magħrufa u riflessi fil-kontijiet annwali tal-Aġenzija. Madankollu, għandu jiġi nnotat li r-riżorsi umani fl-Aġenzija huma organizzati fuq bażi funzjonali; għalhekk, huma jintużaw b'mod orizzontali u ma jistgħux jiġu attribwiti għal sistema partikolari.

5. **Rakkomandazzjoni R 3.1:** Għall-proċessi tal-ġestjoni tal-inċidenti u l-ġestjoni tal-problemi, l-Aġenzija għandha ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-prestazzjoni billi taqbel dwar l-indikaturi ewlenin mal-Bord tat-Tmexxija, bħall-ħin medju għall-indirizzar ta' inċident għal kull kategorija, il-ħin medju sabiex tiġi stabbilita dijanjożi u l-ħin medju għar-riżoluzzjoni ta' inċident jew problema għal kull kategorija.

Klassifikazzjoni: **Importanti ħafna**

AZZJONI	SID	DATA TAL-BIDU	DATA TAL-ISKADENZA	RISKJI POTENZJALI	EŻITU
---------	-----	---------------	--------------------	-------------------	-------

¹⁸⁴ Il-perjodu ta' implimentazzjoni antiċipat jista' jinbidel bħala riżultat tal-istudju.

It-tfassil tal-abbozz ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni	eu-LISA	Novembru 2016	Marzu 2017	Dewmien minħabba nuqqas ta' riżorsi interni suffiċjenti	Abbozz ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni
